

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 299



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 59

18 ta' Awwissu 2016

Werrej

I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

RAKKOMANDAZZJONIJIET

Il-Kunsill

2016/C 299/01	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Italja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Italja	1
2016/C 299/02	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 ta' Spanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 ta' Spanja	7
2016/C 299/03	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tar-Renju Unit u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tar-Renju Unit	12
2016/C 299/04	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Polonja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tal-Polonja	15
2016/C 299/05	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ġermanja għall-2016 u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Ġermanja	19
2016/C 299/06	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tar-Repubblika Ċeka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tar-Repubblika Ċeka	23
2016/C 299/07	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 ta' Ċipru u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 ta' Ċipru	27
2016/C 299/08	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Bulgarija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tal-Bulgarija	32

MT

2016/C 299/09	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Belġju u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Belġju	36
2016/C 299/10	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tan-Netherlands u li jagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tan-Netherlands	41
2016/C 299/11	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Estonja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Estonja	45
2016/C 299/12	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Ungerija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tal-Ungerija	49
2016/C 299/13	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Iżvezja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tal-Iżvezja	53
2016/C 299/14	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Awstrija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Awstrija	57
2016/C 299/15	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tas-Slovakkja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tas-Slovakkja	61
2016/C 299/16	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Irlanda u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Irlanda	65
2016/C 299/17	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Litwanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Litwanja	69
2016/C 299/18	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tar-Rumanija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tar-Rumanija	73
2016/C 299/19	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Finlandja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Finlandja	79
2016/C 299/20	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Latvja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Latvja	83
2016/C 299/21	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tad-Danimarka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tad-Danimarka	87
2016/C 299/22	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tas-Slovenja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tas-Slovenja	90
2016/C 299/23	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Kroazja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tal-Kroazja	96

2016/C 299/24	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Lussemburgu u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Lussemburgu	101
2016/C 299/25	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 ta' Malta	105
2016/C 299/26	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Portugall u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Portugall	109
2016/C 299/27	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 ta' Franza u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 ta' Franza	114

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-KUNSILL

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Lulju 2016

il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Italja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Italja

(2016/C 299/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lill-Italja bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill fuq il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽¹⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, l-Italja għandha tiżgura implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni.

- (2) Ir-rapport ta' kull pajjiż tal-2016 għall-Italja ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Dan ivvaluta l-progress li għamlet l-Italja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress li għamlet l-Italja lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020. Inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni twassal għall-konklużjoni li l-Italja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod partikolari, it-tkabbir kajman fil-produttività qed ixekkel l-irkupru tal-kompetittività u jagħmilha iktar diffiċli biex ikun hemm tnaqqis fil-proporzjon għoli ta' dejn pubbliku. Il-bżonn ta' azzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' effetti avversi fuq l-ekonomija Taljana u, meta wieħed iqis id-daqs tagħha, ta' effetti negattivi konsegwenzjali għall-unjoni ekonomika u monetarja, huwa partikolarment importanti.
- (3) Fit-28 ta' April 2016, l-Italja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2016 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2016. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.
- (4) Il-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020 indirizzat ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għal kull pajjiż. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdi dettalji ulterjuri dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni f'linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma' governanza ekonomika tajba.
- (5) L-Italja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija soġġetta għar-regola tad-dejn tranżitorja għall-perjodu 2013-15 u għar-regola tad-dejn mill-2016. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG huwa mistenni li jilħaq il-quċċata tiegħu fl-2015 fil-livell ta' 132,7 % u li jonqos gradwalment għal 123,8 % fl-2019. Il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2016 tistenna li l-proporzjon tad-dejn mal-PDG tistabbilizza fl-2016 u qabel l-2017 ma tibdiex bil-mod tinżel. L-implimentazzjoni tal-programm sostanzjali ta' privatizzazzjoni li ġie ppreżentat mill-awtoritajiet Taljani huwa sfida ċentrali għall-Italja, meta titqies il-kontribuzzjoni li dan mistenni jagħmel għall-isforz għat-tnaqqis tad-dejn. Filwaqt li l-privatizzazzjonijiet ġew implimentati f'konformità mal-pjani fl-2015, il-mira ta' 0,5 % ta' rikavati mill-privatizzazzjoni kull sena matul l-2016-2018 u ta' 0,3 % fl-2019 tidher ambizzjuża ħafna, anki meta wieħed iqis id-dewmien li kien hemm fil-każ ta' xi proġetti ta' privatizzazzjoni. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli.
- (6) Fit-18 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE peress li l-Italja ma kinitx għamlet progress suffiċjenti lejn il-konformità mar-regola tad-dejn fl-2015. L-analiżi kienet tinkludi l-fatturi rilevanti kollha u kkonkludiet li l-kriterju tad-dejn għandu jiġi kkunsidrat bħala li ġie ssodisfatt. Il-Kummissjoni ser tirrevedi l-valutazzjoni tagħha frapport ġdid skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat abbażi tal-previżjoni tal-ħarifa tal-Kummissjoni tal-2016, hekk kif issir disponibbli informazzjoni ulterjuri dwar it-tkomplija tal-pjan ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju għall-2017.
- (7) Fir-rebbiegħa 2015, ingħatat konċessjoni lill-Italja għal devjazzjoni temporanja ta' 0,4 punti perċentwali tal-PDG mill-pjan ta' aġġustament rikjest lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2016, biex jittieħed kont tar-riformi strutturali maġġuri b'impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2016 tagħha, l-Italja talbet li tingħata konċessjoni addizzjonali ta' 0,1 punti perċentwali tal-PDG mill-pjan ta' aġġustament rikjest lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2016 biex jittieħed kont ta' riformi strutturali

⁽¹⁾ ĠU C 96, 11.3.2016, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

oħrajn b'impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Id-dettalji li fuqhom huma bbażati dawn ir-riformi kollha ġew stabbiliti fil-Programm Nazżjonali ta' Riforma tal-Italja tal-2016, li komplessivament huwa konformi mal-aġenda ta' riforma. L-oqsma ta' riforma li ġew ippreżentati fil-programm bħala li għandhom impatt fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi jinkludu: (i) l-amministrazzjoni pubblika u s-simplifikazzjoni; (ii) is-swieq tal-prodotti u s-servizzi; (iii) is-suq tax-xogħol; (iv) il-ġustizzja ċivili; (v) l-edukazzjoni; (vi) xejra differenti tat-taxxa; (vii) miżuri biex jitnaqqas l-istokk ta' self improduttiv u riforma fil-proċeduri tal-insolvenza; kif ukoll (viii) analiżi tan-nefqa bħala miżura ta' finanzjament. L-impatt ta' dawn ir-riformi kollha fuq il-PDG reali huwa smat mill-awtoritajiet li jlaħħaq it-2,2 punti perċentwali sal-2020, u dan jidher li hu plawżibbli. Jekk ikunu implimentati b'mod sħiħ u f'waqthom, dawn ir-riformi jkollhom impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. L-Italja bħalissa tista' titqies bħala li tikkwalifika għad-devjazzjoni temporanja sħiħa mitluba ta' 0,5 punti perċentwali tal-PDG fl-2016, sakemm hija timplimenta b'mod adegwat ir-riformi maqbula, li jkunu sorveljati taħt is-Semestru Ewropew u soġġetti għall-kundizzjonijiet imfissra fil-premessa 10.

- (8) Fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2016 tagħha, l-Italja talbet li tingħata konċessjoni addizzjonali ta' 0,3 punti perċentwali tal-PDG mill-pjan ta' aġġustament rikjest lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2016 biex jittieħed kont tan-nefqa ta' investiment nazżjonali fi proġetti kofinanzjati mill-UE. L-informazzjoni pprovduta mill-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 jidher li tikkonferma li d-devjazzjoni tal-Italja mill-pjan ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2016 qiegħda effettivament tiġi użata għall-iskopijiet ta' żieda fl-investimenti. Madankollu, għad hemm xi dubji dwar is-sostenibbiltà tal-ammont kollu pprojetat ta' investiment kofinanzjat matul l-2016. L-Italja bħalissa tista' titqies bħala li tikkwalifika għal devjazzjoni temporanja ta' 0,25 punti perċentwali tal-PDG fl-2016, sakemm hija timplimenta b'mod adegwat l-investimenti intiżi u soġġetti għall-kundizzjonijiet imfissra fl-inċiż 10. Il-Kummissjoni ser tagħmel valutazzjoni ex-post sabiex tivverifika l-ammont attwali tan-nefqa nazżjonali fi proġetti ta' investiment kofinanzjati u tal-konċessjoni marbuta li għaliha hija eliġibbli l-Italja skont l-hekk imsejħa "klawżola tal-investiment".
- (9) Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 jindika li l-impatt baġitarju tal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati, kif ukoll tal-miżuri ta' sigurtà eċċezzjonali huwa wieħed sinifikanti u li dawn għandhom jitqiesu bħala avveniment mhux tas-soltu barra mill-kontroll tal-Gvern, kif definit fl-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Skont il-Kummissjoni, l-impatt addizzjonali huwa konformi mal-istimi pprovduti mill-Programm ta' Stabbiltà u jammonta għal 0,03 % tal-PDG fl-2015 u 0,04 % fl-2016 għal nefqa relatata mar-refuġjati u ta' 0,06 % tal-PDG fl-2016 għal miżuri ta' sigurtà. B'rabta ma' dan l-Italja talbet devjazzjoni temporanja mill-pjan ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju. Id-dispożizzjonijiet definiti fl-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jagħtu lok għal din in-nefqa addizzjonali, fis-sens li l-influss tar-refuġjati kif ukoll is-severità tat-theddida terroristika huma avvenimenti eċċezzjonali, l-impatt fuq il-finanzi pubbliċi tal-Italja huwa sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tkunx kompromessa billi tingħata konċessjoni għal devjazzjoni mill-pjan ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju. Għallhekk, l-aġġustament rikjest lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju għall-2015 tnaqqas biex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-kostijiet addizzjonali konnessi mar-refuġjati. Rigward l-2016, evalwazzjoni finali li tinkludi l-ammonti eliġibbli ser issir fir-rebbiegħa tal-2017 abbażi tad-data osservata kif ipprovduta mill-awtoritajiet Taljani.
- (10) Fl-opinjoni tagħha dwar l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2016, il-Kummissjoni indikat li, fil-kuntest tal-"valutazzjoni kumplessiva" ta' devjazzjoni possibbli mill-pjan ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju, hija kienet ser tieħu f'kunsiderazzjoni l-eliġibbiltà possibbli tal-Italja għall-flessibbiltà taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir bl-għoti ta' attenzjoni partikolari għal jekk devjazzjoni mill-pjan ta' aġġustament ikunx effettivament użat għall-iskopijiet taż-żieda tal-investimenti; għall-eżistenza ta' pjani kredibbli għat-tkomplija tal-pjan ta' aġġustament lejn l-oġettivi ta' terminu medju; u għall-progress bl-aġenda ta' riforma strutturali bit-teħid ta' kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill. Il-Kummissjoni tqis li l-Italja hija eliġibbli għal konċessjoni ulterjuri ta' 0,35 punti perċentwali tal-PDG għall-2016, bit-teħid ta' kunsiderazzjoni tal-progress bl-aġenda ta' riforma strutturali, l-investimenti pplanati, kif ukoll l-impenn tal-gvern li jara li jkun hemm konformità mal-pjan ta' aġġustament lejn l-oġettiv ta' terminu medju fl-2017, li l-Kummissjoni ser tivvaluta fil-ħarifa.
- (11) Abbażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2016, id-deterjorament strutturali pprojetat ta' -0,7 % tal-PDG fl-2016 jindika riskju ta' xi devjazzjoni mill-obbligi tal-Italja taħt il-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà

u Tkabbir, wara li tittieħed f'kunsiderazzjoni d-devjazzjoni li kienet ġiet konċessa għal investimenti u l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali. Fl-2017, bis-suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika, il-previżjoni tal-Kummissjoni turi sforzi strutturali żero fl-2017, b'halo riżultat tiegħu jkun hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG kif rikjest. Huwa previst li l-Italja tkun konformi mar-regola tad-dejn fl-2016 u l-2017.

- (12) Komplessivament, abbażi tal-valutazzjoni tagħha tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 u fit-tehdid f'kunsiderazzjoni tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2016, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Italja hija friskju li ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-Kummissjoni ser terġa' tivvaluta l-konformità tal-Italja mal-aġġustament rikjest lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju abbażi tal-previżjoni tal-ħarifa tal-2016 tagħha hekk kif issir disponibbli aktar informazzjoni dwar it-tkomplija tal-Italja tal-pjan ta' aġġustament lejn oġettiv ta' terminu medju għall-2017, inkluż l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju għall-2017.
- (13) Għalkemm attwalment għaddejnin inizzjattivi għar-riforma tal-qafas fiskali, sa issa ttieħdu biss passi limitati sabiex tiġi żgurata l-kontribuzzjoni tal-analiżi tan-nefqa għall-konsolidament fiskali. B'mod partikolari, l-miri tal-analiżi tan-nefqa tnaqqsu ulterjorment u l-fatt li l-analiżi tan-nefqa mhumiex integrati b'mod sħiħ fil-proċedura baġitarja hu ta' piż għall-effiċjenza ġenerali tal-eżerċizzju. Il-finalizzazzjoni tar-riforma komprensiva tal-proċedura baġitarja ilha fis-seħħ mill-2009 u hi mistennija li tindirizza dan in-nuqqas u tagħti lill-proċedura baġitarja approċċ aktar orjentat lejn il-prestazzjoni. Sabiex titjeb is-sostenibbiltà tad-dejn, hu essenzjali wkoll li jitħaffef l-iskjerament tal-pjan ta' privatizzazzjoni. Is-sistema ta' tassazzjoni Taljana xxekkel l-effiċjenza ekonomika u tkompli taffaċċja bosta sfidi. Dawn huma marbuta ma' konformità baxxa ħafna tat-taxxa u riforma tardiva ta' nefqiet tat-taxxa, b'mod partikolari fir-rigward ta' rati mnaqqsa tat-taxxa fuq il-valur miżjud, u tas-sistema antika ta' valuri katastrofali. Dawn kienu kollha aspetti tal-liġi li jippermettu għar-riforma tas-sistema fiskali li ma ġewx implimentati, jew li ġew implimentati biss b'mod parzjali. Barra minn hekk, żviluppi reċenti bħall-abolizzjoni tat-taxxa tal-proprjetà fuq l-ewwel residenzi, jidhru li jmorru kontra l-għan ta' twessigħ tal-bażi tat-taxxa u l-bidla fil-piż tat-taxxa minn fatturi produttivi għall-propjetà u l-konsum.
- (14) Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika hi pass importanti li, jekk jiġu adottati u implimentati d-digriet leġiżlattivi meħtieġa, tippermetti lill-Italja biex tagħmel użu tajjeb tal-benefiċċji f'termini ta' effiċjenza u kwalità miżjuda fis-settur pubbliku. Id-digriet leġiżlattivi proposti mill-Gvern f'Janar 2016 fuq intrapriżi tal-Istat u servizzi pubbliċi lokali, kif ukoll dik li għad trid tiġi proposta fuq l-impjeg pubbliku, huma ta' importanza partikolari għall-indirizzar tal-kawżi primarji tal-ineffiċjenzi. Filwaqt li l-miżuri reċenti ttieħdu biex tiżied il-għieda kontra l-korruzzjoni, inkluż biż-żieda ta' penalitajiet u termini ta' preskrizzjoni għal reati ta' korruzzjoni speċifiċi, ir-reviżjoni sistematika rrakkomandata għal żmien twil tal-istatut ta' limitazzjonijiet għadha sospiża. Il-frodi tal-kontijiet għadha kwistjoni importanti. Fis-sistema tal-ġustizzja, proċeduri tal-qorti twal u numru għoli ta' każijiet pendenti ċivili u kummerċjali jibqgħu sfidi ewlenin. Monitoraġġ mill-qrib tal-impatt tal-miżuri li ttieħdu fl-aħħar snin biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet ser jgħin fil-valutazzjoni ta' jekk hux neċessarju li jissaħħu permezz ta' azzjoni kumplimentari.
- (15) Sar xi progress lejn it-titjib fil-kwalità tal-assi fis-settur bankarju. Għalkemm l-influss ta' self improduttiv naqas fl-aħħar xhur, l-istokk tagħhom għadu fuq livell għoli ħafna u jkompli jqiegħed pressjoni fuq il-profittabbiltà u r-riżorsi tal-banek. Barra minn hekk, is-sistema ta' insolvenza u l-oqfsa ta' għbir ta' dejn fl-Italja ma twassalx b'mod suffiċjenti għal konklużjoni fil-qosor tas-self improduttiv. Sa min-nofs l-2015, ġew adottati diversi liġijiet biex jissimplifikaw u jaċċelleraw il-proċedura ta' insolvenza u ta' esklużjoni mis-suq, u ġie propost abbozz ta' liġi abilitanti għal riforma organika tal-qafas tal-fallimenti. Madankollu, l-effetti ta' dawn ir-riformi fuq it-tul tal-proċeduri u l-valuri tal-irkupru għad iridu jidhru. Mill-bidu tal-2015, l-Italja adottat bosta miżuri għall-indirizzar ta' dgħufijiet fil-governanza korporattiva tal-banek tagħha, b'mod partikolari rigward banek ikbar li jikkoooperaw, banek li għandhom l-azzjonisti b'halo l-pedamenti tagħhom u banek mutwi żgħar. L-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn ir-riformi tgħin biex is-settur isir iktar reżiljenti u tiġi żgurata allokkazzjoni iktar effiċjenti ta' kreditu għall-ekonomija reali. Filwaqt li effiċjenza b'kostijiet baxxi fis-settur bankarju xxekkel l-profittabbiltà u l-ħolqien ta' kapital intern, ambjent b'rata tal-imgħax bi tkabbir baxx jikkostitwixxi sfida addizzjonali. Il-qafas ta' riżoluzzjoni bankarja tal-UE ⁽¹⁾ għdid biddel il-profil tar-riskju ta' bonds maħruġa minn banek, li minnhom ammonti sinifikanti huma miżmuma minn klijenti konsumaturi Taljani, u dan jenfasizza l-importanza tal-litteriżmu finanzjarju fost il-pubbliku b'mod ġenerali.

(1) Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

- (16) Fl-2015, l-Italja rriformat fil-fond l-istituzzjonijiet u r-regoli tagħha tas-suq tax-xogħol, permezz tal-hekk imsejħa riforma tal-“Jobs Act”. L-implimentazzjoni tar-riforma tal-politiki attivi fis-suq tax-xogħol għandha importanza ewlenija biex jiġu attivati dawk l-iktar ‘il bogħod mis-suq tax-xogħol, b’mod partikolari dawk qiegħda fit-tul u ż-zgħażaġh. Attwalment hemm firxa ta’ sfidi amministrattivi, politiki u relatati ma’ riżorsi. B’mod partikolari, dan jeħtieġ tisħiħ tas-servizzi ta’ impjieg pubbliku u monitoraġġ mill-qrib ta’ kunsinna ta’ servizz. Ġiet riformata s-sistema ta’ apprendistati sabiex tinkludi adulti li spiċċaw mingħajr impjieg u biex jiżiedu l-opportunitajiet għaż-zgħażaġh, iżda għadha għaddejja l-implimentazzjoni tagħha. In-negozjar fuq livell sekondarju għadu mhux żviluppat b’mod suffiċjenti fl-Italja, u dan ixejkel l-adozzjoni ta’ soluzzjonijiet innovattivi fuq livell ta’ kumpanija li jistgħu jtejbu l-produttività u jwasslu biex il-pagi jkunu aktar reattivi għal kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol. Trid tittieħed azzjoni f’dan il-qasam b’konsultazzjoni mas-sħab soċjali u skont il-prattiki nazzjonali. Is-sħab soċjali għadhom ma laħqux ftehim fuq ir-riforma tan-negozjar kollettiv. Hi mistennija riforma sal-aħħar tal-2016, skont il-Programm Nazzjonali ta’ Riforma. Ir-rata ta’ sehem tax-xogħol ta’ nisa hi waħda mill-iktar baxxi fl-UE. In-nisa huma fil-biċċa l-kbira fxogħlijiet atipiċi u prekarji, u jikkostitwixxi l-maġġoranza tal-ħaddiema mhux standard li huma friskju li jkunu partikolarment affettwati mill-ekonomija informali. Is-sistema ta’ taxxi u benefiċċji jiskoraġġixxi t-tieni sors ta’ dħul u l-Att tax-Xogħlijiet ma jindirizzax din il-kwistjoni b’mod effettiv. Id-disponibbiltà limitata ta’ servizzi ta’ kura affidabbli xxejjel is-sehem fis-suq tax-xogħol minn nisa bi tfal jew qraba anzjani. Il-livelli tal-faqar huma għolja — iktar minn kwart tat-Taljana huma friskju ta’ faqar jew esklużjoni soċjali — u l-ġhoti ta’ assistenza soċjali jibqa’ dgħajef u frammentat. L-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta’ strateġija nazzjonali kontra l-faqar u r-razzjonalizzazzjoni ta’ nefqa soċjali jistgħu jkunu l-ewwel passi lejn l-introduzzjoni gradwali ta’ skema tal-assistenza soċjali adegwata bbażata fuq il-prinċipju tal-inklużjoni attiva, fuq livell nazzjonali u b’newtralità baġitarja ġenerali. Inkiseb progress sostanzjali fuq ir-riforma tal-edukazzjoni. Ir-riforma tal-iskola kienet adottata f’Lulju 2015 u d-digriet ta’ implimentazzjoni ser jiġu adottati sa Jannar 2017.
- (17) Sar progress limitat lejn it-tħaddin ta’ kompetizzjoni f’servizzi. Il-liġi ta’ kompetizzjoni annwali tal-2015 qiegħda attwalment tiġi diskussa fil-Parlament. Numru ta’ dispożizzjonijiet, pereżempju dwar il-professjonijiet legali, iddgħajfu matul il-proċess parlamentari. Numru ta’ oqsma għadhom imħarsa wisq jew regolati wisq, b’mod partikolari l-professjonijiet regolati, is-settur tas-saħħa, it-trasport pubbliku lokali u t-taksis, il-portijiet u l-ajruporti. Is-settur tal-bejgħ bl-imnut huwa mxekkel b’numru ta’ nuqqasijiet ikkawżati minn strettezza tar-regolament tas-suq. Il-proċess pubbliku tal-ġhoti ta’ drittijiet fuq xogħol ta’ dominju pubbliku għal attivitajiet ekonomiċi ma jipromwovix il-kompetizzjoni, b’mod partikolari minħabba l-ġhoti ta’ skemi ta’ permess mingħajr proċeduri kompetittivi u trasparenti. Miżuri ta’ ftuħ tas-suq iridu jiġu appoġġati minn ambjent favur in-negozji. Sar xi progress fis-simplifikazzjoni skont l-aġenda ta’ simplifikazzjoni 2015-2017, u dan jippermetti kooperazzjoni iktar faċli u ssimplifikata bejn gvernijiet ċentrali u reġjonali. Madankollu, l-ambjent tan-negozju Taljan għadu ma jiffaċilitax b’mod suffiċjenti t-tkabbir u l-investment u jbati minn sistema ta’ liġijiet u regolamenti frammentati u stratifikati li għandhom l-orijini tagħhom fl-livelli differenti ta’ gvern. Il-piż amministrattiv u regolatorju għadu jxejjel l-operaturi ekonomiċi. Punti pożittivi relatati mal-proċess ta’ twaqqif ta’ kumpanija jew riżoluzzjoni ta’ insolvenza huma mpattija f’dgħufijiet meta wieħed jittratta permessi ta’ konstruzzjoni, infurzar ta’ kuntratti, ħlasijiet ta’ taxxi jew ġhoti ta’ kreditu. L-implimentazzjoni tal-istrateġija ta’ akkwist pubbliku nazzjonali adottata kmieni fl-2016 tista’ tgħin biex tindirizza xi dgħufijiet sistematiċi u mifruxa.
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Italja u ppubblikat din l-analiżi fir-rapport għal kull pajjiż tal-2016. Hi vvalutat ukoll il-Programm ta’ Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta’ Riforma u s-segwitu mogħti lir-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Italja fis-snin ta’ qabel. Ikkunsidrat mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Italja iżda wkoll il-konformità tagħhom ma’ regoli u gwida tal-UE, minħabba l-ħtieġa għal tisħiħ tal-governanza ekonomika ġenerali tal-UE bl-ġhoti ta’ input fuq livell tal-UE f’deċizzjonijiet nazzjonali fil-ġejjieni. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (5) hawn taħt.
- (19) Fid-dawl ta’ din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta’ Stabbiltà u l-opinjoni tiegħu (1) hi riflessa b’mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (20) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta’ din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta’ Riforma u l-Programm ta’ Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (5) hawn taħt.

(1) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Italja tieħu azzjoni fl-2016 u fl-2017 biex:

1. Fl-2016, tillimita d-devjazzjoni temporanja mill-aġġustament rikjest ta' 0,5 % tal-PDG lejn objettiv baġitarju fit-terminu medju għall-ammont ta' 0,75 % tal-PDG konċess għal investimenti u l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali, suġġett għall-kundizzjoni li jitkompla l-pjan ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2017. Tikseb l-aġġustament fiskali annwali ta' 0,6 % jew aktar tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2017. Tiffinalizza r-riforma tal-proċess baġitarju matul l-2016 u tiżgura li l-analiżi tan-nefqa tkun parti integrali minnu. Tiżgura l-implimentazzjoni f'waqtha tal-programm ta' privatizzazzjoni u tuża l-qligħ mhux mistenni sabiex taċċellera t-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika. Tbidel il-piż tat-taxxa minn fatturi produttivi għal fuq il-konsum u l-propjetà. Tnaqqas in-numru u l-iskop ta' nefqiet tat-taxxa u twestaq ir-riforma tas-sistema katastali sa nofs l-2017. Tieħu miżuri biex ittejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa, inkluż permezz ta' fatturar elettroniku u ħlasijiet elettroniċi.
2. Timplimenta r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika bl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tad-digrietni leġiżlattivi kollha neċessarji, b'mod partikolari dawk għar-riforma tal-intrapriżi li huma proprjetà pubblika, is-servizzi pubbliċi lokali u l-immaniġġjar ta' riżorsi umani. Ittejjeb il-ġlieda kontra l-korruzzjoni inkluż bir-reviżjoni tal-istatut ta' limitazzjonijiet sa tmiem l-2016. Tnaqqas it-tul ta' proċeduri ta' qorti ċivili bl-infurzar ta' riformi permezz ta' mmaniġġjar effettiv ta' każijiet.
3. Tħaffef it-tnaqqis ta' stokk ta' self improduttiv, inkluż billi tkompli ttejjeb il-qafas għall-ġbir ta' insolvenza u dejn. Tħaffef it-tweqqif tal-implimentazzjoni tar-riformi ta' governanza korporattiva li attwalment għaddejjin fis-settur bankarju.
4. Timplimenta r-riforma ta' politiki attivi fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari bit-tisħiħ tal-effikacija ta' servizzi għall-impjegji. Tiffaċilita t-teħid ta' xogħol għat-tieni sors ta' dħul. Tadotta u timplimenta strateġija għal kontra l-faqar nazzjonali u tirrevedi u tirrazzjonalizza n-nefqa soċjali.
5. Tadotta u timplimenta b'ċerta ħeffa l-liġi pendenti dwar il-kompetizzjoni. Tieħu azzjoni ulterjuri biex iżżid il-kompetizzjoni f'professjonijiet regolati, it-trasport, is-setturi tas-saħħa u tal-bejgħ bl-immnut u s-sistema ta' konċessjonijiet.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 ta' Spanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 ta' Spanja**

(2016/C 299/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lil Spanja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽³⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, Spanja għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2016 għal Spanja ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Huwa vvaluta l-progress li għamlet Spanja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠUC 96, 11.3.2016, p. 1.

l-progress ta' Spanja lejn il-miri nazzjonali tal-Ewropa 2020 tagħha. Kien jinkludi wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha biex tikkonkludi li Spanja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, dejn estern u intern għoli, kemm pubbliku kif ukoll privat, qed ikompli jikkostitwixxi vulnerabbiltà fil-kuntest ta' livell għoli ta' qgħad. Il-ħtieġa għall-azzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' effetti avversi fuq l-ekonomija Spanjola u, fid-dawl tad-daqs tagħha, ta' effetti sekondarji negattivi fuq l-unjoni ekonomika u monetarja, hija importanti. Minkejja t-titjib fil-bilanċ tal-kont kurrenti, l-obbligazzjonijiet esterni netti ma humiex projettati li jilhqg livelli prudenti f'terminu qasir. Id-diżingranaġġ fis-settur privat huwa miexi bil-pass mixtieg, appoġġat parzjalment minn kundizzjonijiet favorevoli tat-tkabbir, iżda l-ħtiġijiet tad-diżingranaġġ huma kbar u d-dejn pubbliku għadu kbir. Ittieħdu miżuri fis-settur finanzjarju u fl-oqfsa tal-insolvenza korporattiva u personali, iżda hija meħtieġa aktar azzjoni fuq l-innovazzjoni u l-kompetenzi u fuq il-konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

- (3) Fid-29 ta' April 2016, Spanja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2016 u fit-30 ta' April 2016 ippreżentat il-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2016. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivalutati fl-istess żmien.
- (4) Rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ippogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif ser tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni f'linja gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej mal-governanza ekonomika soda.
- (5) Spanja bħalissa tinsab fil-fergħa korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2016, Spanja qed tippjana li tikseb miri tad-defiċit nominali ta' 3,6 % tal-PDG fl-2016 u ta' 2,9 % tal-PDG fl-2017. Id-defiċit eċċessiv huwa għalhekk ipplanat li jiġi kkorreġut sena aktar tard milli rakkomandat bħalissa mill-Kunsill, wara li l-mira tal-isforz fiskali u dik nominali ma ntlaħqux fl-2014 u fl-2015. Dawn il-miri jassumu l-implimentazzjoni sħiħa ta' 0,4 % tal-PDG f'iffrankar permanenti fil-livelli tal-gvern ċentrali u reġjonali, imħabbra f'rispons għar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Awtonoma tad-9 ta' Marzu 2016. Id-defiċit huwa pplanat li jkompli jonqos wara dan, għal 1,6 % tal-PDG fl-2019. Madankollu, l-objettiv fuq terminu medju ta' pożizzjoni b'bilanċjata tal-baġit f'termini strutturali mhijiex ipplanata li tintlaħaq fl-orizzont taż-żmien tal-Programm ta' Stabbiltà. B'mod partikolari, il-bilanċ strutturali rikalkulat huwa projettat li jitjeb biss marġinalment fl-2016 u fl-2017 għal madwar -2½ % tal-PDG, u jonqos bil-mod biex jilħaq -2¼ % tal-PDG fl-2019. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG naqas biss marġinalment fl-2015 għal 99,2 % tal-PDG u huwa mistenni li jonqos f'it fl-2016 u fl-2017 u b'mod aktar deċiżiv fis-sentejn ta' wara, għal 96 % tal-PDG fl-2019, hekk kif il-bilanċ primarju jinbidel f'surplus. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli għall-2016 u l-2017 u pjuttost ottimist minn hemm 'il quddiem; ġie approvat mill-Istitut Indipendenti Fiskali ta' Spanja (AIReF). It-tbassir tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni jipprevedi defiċit ta' 3,9 % tal-PDG fl-2016 u ta' 3,1 % tal-PDG fl-2017, 'il fuq mill-miri nominali fil-Programm ta' Stabbiltà. Spanja għalhekk mhijiex prevista li ser tikkoreġi d-defiċit eċċessiv sal-2016 kif irrakkomandat mill-Kunsill. Ir-riskji għall-miri tad-defiċit f'dan il-programm joriġinaw l-aktar mill-inċertezzi dwar l-implimentazzjoni tal-iffrankar mill-miżuri ta' Marzu/April 2016. Billi d-defiċit strutturali huwa projettat li jiżdied f'it f'kull waħda minn dawk is-sentejn, l-isforz fiskali mhuwiex konformi mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà u filwaqt li jqis it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li hemm riskju li Spanja ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għaldaqstant, huma meħtieġa miżuri oħra sabiex tiġi żgurata l-konformità fl-2016 u fl-2017.
- (6) Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 ⁽²⁾, il-Kummissjoni ser timmonitorja b'mod regolari l-implimentazzjoni tal-azzjoni meħuda minn Spanja b'rispons għall-aħħar rakkomandazzjoni magħmula mill-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) TFUE: għaldaqstant, il-Kummissjoni se tirrakkomanda lill-Kunsill il-passi xierqa li għandhom jittieħdu fil-qafas tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv.
- (7) Sa mill-2012, Spanja saħħet il-qafas fiskali sabiex, fost affarijiet oħra, jiġu evitati devjazzjonijiet u tiġi żgurata l-konformità mil-livelli kollha ta' gvern mal-miri rispettivi tagħhom tad-defiċit u tad-dejn u tan-nefqa. Barra minn

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li tithaffet u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

hekk, regola ta' applikazzjoni (fuq bażi volontarja u, fl-2016, saret obbligatorja għall-parti l-kbira tar-reġjuni) fil-livell reġjonali ġiet approvata f'nofs l-2015 biex ttrażżan iż-żieda fin-nefqa fuq il-kura tas-saħħa u l-prodotti farmaċewtiċi u ftehim bejn il-Gvern u l-industrija farmaċewtika ġie ffirmat f'Novembru 2015 biex jgħin sabiex jiġi razzjonalizzat l-infiq fuq prodotti farmaċewtiċi. Minkejja dan, fl-2015, il-parti l-kbira tar-reġjuni kif ukoll is-settur tas-sigurtà soċjali naqsu sew milli jilhqqu l-miri fiskali domestiċi tagħhom. Ir-regola dwar l-infiq tal-liġi tal-istabbiltà ma ġietx osservata mis-subsettori ċentrali, reġjonali u lokali tal-gvern u t-tkabbir fin-nefqa ta' prodotti farmaċewtiċi, jiġifieri fl-isptarjiet, kompli jżieded, ukoll jekk wieħed jeskludi l-impatt ta' trattamenti ġodda kontra l-hepatitis C.

- (8) Fil-qasam tal-akkwist pubbliku, Spanja għandha prestazzjoni tajba fir-rigward tal-kwalità tal-leġislazzjoni u d-disponibilità ta' proċeduri ta' rieżami. Saru sforzi sabiex ix-xiri pubbliku jiġi razzjonalizzat, b'mod partikolari permezz ta' mekkaniżmi konġunti tal-akkwist. Madankollu, hemm spariġġi fl-implimentazzjoni tal-akkwist pubbliku f'amministrazzjonijiet differenti u l-insuffiċjenza tal-mekkaniżmi ta' kontroll tfixkel l-applikazzjoni korretta tar-regoli tal-akkwist pubbliku. L-għadd ta' ksur allegat tal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-akkwist pubbliku li tressaq għall-attenzjoni tal-Kummissjoni fis-snin reċenti kien relattivament għoli. Minbarra dan, il-Qorti Spanjola tal-Awdituri indikat xi dgħufijiet bħall-użu frekwenti tal-proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni, il-modifikar ripetut tal-kuntratti, il-qsim tal-kuntratti f'kuntratti iżgħar u l-preċiżjoni u ċarezza insuffiċjenti ta' xi dokumenti tas-sejthiet għall-offerti u ta' xi deċiżjonijiet amministrattivi.
- (9) Spanja għamlet progress sostanzjali fir-ristrutturar tas-settur finanzjarju. Ġiet implimentata l-liġi dwar il-banek tat-tfaddil sabiex tissaħħaħ il-governanza tagħhom u sabiex jitnaqqsu l-ishma ta' kontroll miżmuma minn fondazzjonijiet bankarji. L-implimentazzjoni ta' pjanijiet għar-ristrutturar ta' banek meġhuna mill-istat hija avvanzata ħafna. Il-Bank ta' Spanja emenda s-sistema eżistenti tal-kontabilità għall-istituzzjonijiet tal-kreditu u adotta qafas ġdid għal SAREB, il-kumpanija Spanjola tal-immaniġġar tal-assi. Il-qafas il-ġdid ser jippermetti lil SAREB tikseb trattament xieraq lill-indebolimenti u se jgħin biex il-politiki tad-diżingranaġġ tagħha jiġu adattati għal preżunzjonijiet kredibbli tas-suq.
- (10) Ir-riformi fis-suq tax-xogħol li saru fis-snin reċenti għamlu l-impjeg aktar reattiv għat-tkabbir, u l-ħolqien tal-impjegji reġa' beda, appoġġat minn aktar flessibilità u tkomplija ta' moderazzjoni fil-pagi. Il-ftehimiet kollettivi sostnew din ix-xejra, ukoll minħabba l-ftehim interprofessjonali ffirmat f'Ġunju 2015. Iż-żieda reċenti fil-livell ġenerali tal-impjeg kienet ikkawżata prinċipalment minn kuntratti temporanji, għalkemm in-numru ta' kuntratti indefiniti ġodda mingħajr limitu ta' żmien qiegħed bil-mod il-mod jżieded. Madankollu, l-użu ta' inċentivi għal reklutaġġ permanenti ġdid għadu limitat, u l-proporzjon ta' ħaddiema temporanji għadu wieħed mill-ogħla fl-Unjoni, filwaqt li l-opportunitajiet għall-ħaddiema temporanji biex jimxu lejn kuntratt permanenti għadhom baxxi. It-terminu qasir ta' kuntratti temporanji jillimita l-inċentivi biex wieħed jinvesti fil-kapital uman, u dan ixejkel it-tkabbir fil-produttività. Għalkemm qed jonqos b'mod rapidu, il-qgħad għadu għoli ħafna, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh, u t-tul medju tiegħu huwa għoli ħafna wkoll. Qgħad fit-tul għoli u persistenti jimplika li hemm riskju li l-qgħad isir strutturali, u jaffettwa b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tax-xogħol u dawk soċjali. Kważi 60 % ta' dawk li jkun qiegħda fit-tul għandhom fit kompetenzi professjonali, u dan jitolb li jkun hemm politiki tas-suq tax-xogħol u tat-taħriġ attivi u passivi xierqa sabiex jiġu indirizzati spariġġi mifruxa fil-kompetenzi u jiġi evitat id-deprezzament tal-kompetenzi fost dan il-grupp. L-interazzjoni ma' min iħaddem fit-fassil ta' programmi ta' taħriġ għadha dgħajfa.
- (11) L-effettività ta' miżuri ta' attivazzjoni u miżuri attivi tas-suq tax-xogħol tiddependi ħafna fuq il-kapaċità tas-servizzi tal-impjegji biex ifasslu u joffru appoġġ individwalizzat lill-benefiċjarji. L-implimentazzjoni tar-riformi reċenti ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol qed tagħmel progress bil-mod u l-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjegji biex jipprovdu pariri u assistenza fit-tfittxija għax-xogħol effettivi u individwalizzati għadha limitata. Il-kooperazzjoni bejn is-servizzi pubbliċi reġjonali tal-impjegji u aġenziji ta' kollokament privati għadha limitata. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-impjegji u dawk soċjali mhijix uniformi madwar ir-reġjuni, u dan ixejkel il-provvista ta' assistenza kkoordinata għal dawk l-iktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għall-benefiċjarji tal-introjtu minimu. Hemm differenzi sinifikanti bejn ir-reġjuni fir-rigward ta' skemi ta' appoġġ għall-introjtu, pereżempju fl-arranġamenti tal-forniment, fir-rekwiżiti ta' eliġibilità, fil-kopertura u fl-adegwatezza, filwaqt li diffikultajiet fit-trasferiment tal-benefiċċji soċjali qed ixejkelu l-mobilità interreġjonali tax-xogħol. Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar it-transizzjoni lejn l-impjeg minn skemi ta' introjtu minimu hija pjuttost limitata. Spanja bħalissa qed tħejji mappa tal-iskemi ta' appoġġ għall-introjtu nazzjonali u reġjonali fil-pajjiż, li tkopri l-livelli nazzjonali u reġjonali. Filwaqt li ġew introdotti xi miżuri, l-effettività tal-benefiċċji tal-familja u għad-djar fit-tnaqqis tal-faqar għadha limitata, u n-nuqqas ta' kura għat-tfal adegwata u affordabbli u ta' kura fit-tul jiskoraġġixxu lin-nisa, b'mod partikolari, milli jibdeu impjeg.
- (12) Dan it-tibdil hekk mgħaġġel fil-kompożizzjoni settorjali tal-impjegji li Spanja qed tesperjenza mill-2008 'l hawn kien akkumpanjat minn żieda fl-ispariġġi tal-kompetenzi. Il-livell baxx kumplessiv ta' kompetenzi jikkostriġi t-transizzjoni lejn attivitajiet b'valur miżjud ogħla u jxejkel it-tkabbir tal-produttività. Minkejja livell għoli ta' kisba

tal-edukazzjoni terzjarja, il-provvista tal-kompetenzi mhijiex allinjata biżżejjed mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u r-rati tal-impjegabbiltà għall-gradwati terzjarji reċenti huma fost l-aktar baxxi fl-Ewropa, bi proporzjon sinifikanti impjegati f'impjegji li ma jitolbux lawrja universitarja. Minbarra dan, minkejja titjib żgħir matul l-aħħar ħames snin, parzjalment sostnut minn inizzjattivi biex tiżied ir-rappreżentanza tal-impriżi fil-bordijiet tat-tmexxija tal-universitajiet, il-kooperazzjoni bejn l-universitajiet u l-impriżi għadha dgħajfa. Il-mobilità mnaqqsa tal-akkademiċi, ir-riġidità tas-sistema tal-governanza tal-universitajiet u l-ostakli amministrattivi ffaċċati mill-Uffiċċji tat-Trasferiment tar-Riżultati tar-Riċerka (*Oficinas de transferencia de resultados de investigación*) iżidu l-ostakli għal kooperazzjoni aktar mill-qrib.

- (13) Il-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni fi Spanja qed tiffaċċa bosta sfidi. L-interazzjoni bejn ir-riċerka pubblika u dik privata hija dgħajfa. L-intensità tar-R&Ż fi Spanja (l-infiq fuq ir-R&Ż relattiv għall-PDG) u l-prestazzjoni tal-innovazzjoni qed ikomplu jonqsu, fl-isfond ta' numru relattivament baxx ta' kumpaniji innovattivi u inċentivi limitati għall-kollaborazzjoni bejn ir-riċerka pubblika u n-negozju. Spanja ma tilħaqx il-livelli ta' prestazzjoni meħtieġa fir-rigward tal-biċċa l-kbira tal-indikaturi tal-innovazzjoni tan-negozju. Id-distakk fl-intensità tal-infiq fir-R&Ż meta mqabbel mal-Unjoni kollha huwa partikolarment sinifikanti fir-rigward tal-investment fir-R&Ż mis-settur privat (0,6 % fi Spanja meta mqabbel ma' 1,3 % fl-Unjoni kollha kemm hi). Il-kapital tar-riskju għadu mhuwiex użat ħafna fi Spanja, b'mod partikolari fl-istadju bikri. Il-koordinazzjoni dgħajfa tal-politiki tar-R&I fi Spanja u x-xenarju reġjonali frammentat ta' korpi u programmi li jippromwovu attivitajiet ta' innovazzjoni u jrawmu l-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozju joħlqu sfidi sinifikanti għan-negozji, speċjalment għal ditti iżgħar. Involvement baxx tan-negozju fl-attivitajiet ta' innovazzjoni jista' jindika nuqqas ta' kapaċità ta' assorbiment, kundizzjonijiet ta' qafas u inċentivi favorevoli għall-innovazzjoni. Kif enfasizzat fl-Evalwazzjoni bejn il-Pari tal-2014 tal-KŻER (il-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka) tas-Sistema tar-Riċerka u l-Innovazzjoni ta' Spanja, il-biċċa l-kbira tas-sistemi pubbliċi tar-riċerka li jiksbu suċċess għandhom livelli ogħla ta' evalwazzjoni u responsabbiltà minn dawk li huma disponibbli fi Spanja. F'dan il-kuntest, l-allokazzjoni ta' finanzjament istituzzjonali pubbliku għall-universitajiet u organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka ġeneralment ma jkunx ibbażat fuq il-prestazzjoni tar-R&Ż, u dan inaqqas l-inċentivi biex jitjiebu l-kwalità u r-rilevanza tal-ħidma xjentifika.
- (14) Id-daqs medju żgħir tad-ditti Spanjoli jispjega l-livell persistentement baxx tal-produttività fl-ekonomija. Tkabbir sod, flimkien ma' titjib fil-kapital uman, fl-innovazzjoni, fit-teknoloġija, fl-aċċess għall-finanzi u fil-ġustizzja effiċjenti jistgħu jixprunaw il-produttività aggregata. Fl-2015, l-investment fin-negozju ssaħħaħ, mirfud minn kundizzjonijiet tad-domanda dinamiċi, spejjeż baxxi tas-self u tkomplija tat-tiswija tal-karta tal-bilanċ mis-settur korporattiv u mill-unitajiet domestiċi. Spanja ħadet diversi miżuri sabiex tiffaċilita t-tkabbir tan-negozju. Pereżempju, liġi reċenti dwar il-finanzjament tan-negozju hija mistennija li tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament għal intrapriżi żgħar u medji (SMEs). Barra minn hekk, valutazzjoni minn qabel tal-impatt potenzjali li l-leġislazzjoni l-ġdida jkollha fuq l-SMEs issa saret obbligatorja. Madankollu, iż-żmien u l-għadd ta' permessi meħtieġa biex jinbeda negozju u biex jitnedew ċerti attivitajiet ekonomiċi għandhom relattivament għolja.
- (15) Id-differenzi konsiderevoli bejn ir-reġjuni fi Spanja fir-rigward ta' Prattiki regolatorji, inkluż fuq il-liċenzjar tal-impriżi, jistgħu jillimitaw il-kapaċità tal-impriżi biex jikbru. Il-liġi dwar l-unità tas-suq għandha l-għan li tnaqqas l-ostakli għall-aċċess għall-attivitajiet ekonomiċi u l-eżerċizzju tagħhom madwar ir-reġjuni ta' Spanja u li ttejjeb ir-regolamentazzjoni. Din jista' potenzjalment ikollha impatt sinifikanti fuq it-tneħħija tal-ostakli għall-investment u tiffaċilita l-għoti ta' liċenzji lil negozji, l-operazzjonijiet tan-negozju u t-tkabbir tal-kumpaniji. L-implimentazzjoni tal-liġi dwar l-unità tas-suq teħtieġ l-involvement sħiħ tal-amministrazzjonijiet kollha. Madankollu, fit-tielet sena ta' applikazzjoni tagħha, qiegħda tiġi implimentata bil-mod mill-gvernijiet reġjonali. Bl-istess mod, il-benefiċċji tar-riforma tas-settur tal-bejgħ bl-immnut tal-2014 jiddependu fuq li l-gvernijiet reġjonali jadottaw l-atti implimentattivi meħtieġa. Barra minn hekk, l-indirizzar tal-ostakli għall-aċċess għas-servizzi professjonali x'aktarx itejjeb il-produttività f'setturi oħra li jużaw dawk l-inputs. Minbarra t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi fil-liġi Spanjola, ma sar l-ebda progress fir-riforma orizzontali tal-qafas regolatorju għall-professjonijiet regolati u l-assoċjazzjonijiet professjonali, minbarra fil-qasam taċ-ċertifikazzjoni tal-bord professjonali għall-proġetti. Ir-riforma ppjanata fi Programmi Nazzjonali ta' Riforma suċċessivi ma ġietx adottata. Din ir-riforma għandha l-għan li tiddefinixxi l-professjonijiet li jeħtieġu reġistrazzjoni f'organizzazzjoni professjonali, iżżid it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-korpi professjonali, tiftaħ l-attivitajiet riżervati mingħajr ġustifikazzjoni u tħares l-unità tas-suq fl-aċċess għas-servizzi professjonali fi Spanja u fl-eżerċitar tagħhom.
- (16) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi tal-politika ekonomika ta' Spanja u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Spanja fi snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fi Spanja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza

ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (4) ta' hawn taħt.

- (17) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (18) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (4) ta' hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Spanja tiegħu azzjoni fl-2016 u fl-2017 biex:

1. Tiżgura korrezzjoni fit-tul tad-defiċit eċċessiv, f'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti jew rakkomandazzjonijiet skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, billi tiegħu l-miżuri strutturali meħtieġa u billi tuża kull qligħ mhux mistenni għat-tnaqqis tad-defiċit u tad-dejn. Timplimenta fil-livelli kollha tal-gvern l-għodod stabbiliti fil-liġi ta' qafas fiskali. Ittejjeb il-mekkaniżmi ta' kontroll għall-akkwist pubbliku u l-koordinazzjoni tal-politiki tal-akkwist bejn il-livelli tal-gvern.
2. Tiegħu miżuri ulterjuri sabiex ittejjeb l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol, billi tiffoka fuq l-appoġġ individwalizzat u ssaħħaħ l-effettività tal-miżuri ta' taħriġ. Ittejjeb il-kapaċità tas-servizzi tal-impjeg reġjonali u ssaħħaħ il-koordinazzjoni tagħhom mas-servizzi soċjali. Tindirizza n-nuqqasijiet u d-disparitajiet fl-iskemi ta' dħul minimu u ttejjeb l-iskemi ta' appoġġ għall-familja, inkluż l-aċċess għall-indukrar tat-tfal u għall-kura fit-tul.
3. Tiegħu miżuri ulterjuri biex ittejjeb ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni terzjarja, inkluż billi tinċentiva l-kooperazzjoni bejn l-universitajiet, l-intrapriżi u l-istituzzjoni ta' riċerka. Iżżid il-finanzjament abbażi tal-prestazzjoni ta' korpi ta' riċerka u universitajiet pubbliċi u trawwem l-investiment fir-R&I mis-settur privat.
4. Taċċellera l-implimentazzjoni tal-liġi dwar l-unità tas-suq fil-livell reġjonali. Tiżgura l-implimentazzjoni mir-reġjuni awtonomi tal-miżuri ta' riforma li ġew adottati għas-settur tal-bejgħ bl-imnut. Tadotta r-riforma ppjanata dwar is-servizzi u l-assoċjazzjonijiet professjonali.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

⁽¹⁾ Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tar-Renju Unit u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tar-Renju Unit**

(2016/C 299/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lir-Renju Unit bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2016 għar-Renju Unit ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Huwa vvaluta l-progress tar-Renju Unit fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress tar-Renju Unit lejn il-miri nazzjonali tiegħu tal-Ewropa 2020. Inkluda wkoll l-analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha biex tikkonkludi li r-Renju Unit mhux qed jesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. Id-dejn għoli tas-settur tal-unitajiet domestiċi, il-prezzijiet għoljin tad-djar u d-defiċits

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

kbar tal-kont kurrenti jistgħu jikkostitwixxu vulnerabbiltajiet. Fl-istess ħin, il-karti tal-bilanċ tal-unitajiet domestiċi huma b'saħħithom fl-aggregat u r-reżiljenza tas-settur bankarju qed tkompli titjeb. Fuq terminu qasir, irrobustezza tas-settur tal-unitajiet domestiċi u tal-ekonomija usa' biex jifilħu għal riskji bħal xokk tar-rati tal-imgħax jew xokk għall-impjeggi jidher li żdiedet. Filwaqt li l-inizjattivi tal-gvern qed ikollhom xi impatt fuq il-provvista tad-djar, l-iżbilanċ bejn il-provvista u d-domanda tad-djar għadu mdaqqs. Ir-riskji assoċjati mad-defiċit kbir tal-kont kurrenti huma mitigati minn qafas istituzzjonali favorevoli u obbligazzjonijiet baxxi f'muniti barranin. Iż-żieda fid-defiċit kienet xprunata miċ-ċaqliq 'il fuq fid-defiċit fuq l-introjt primarju u hija mistennija li tonqos hekk kif il-kundizzjonijiet ċikliċi negattivi jbattu.

- (3) Fl-24 ta' Marzu 2016, ir-Renju Unit ippreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tiegħu u l-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tiegħu. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.
- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fl-iprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹), fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif ser tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni flinji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej mal-governanza ekonomika soda.
- (5) Ir-Renju Unit huwa attwalment fil-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Sakemm tinkiseb korrezzjoni dejjiema tad-defiċit eċċessiv fl-2016-17, ir-Renju Unit ser ikun soġġett għall-fergħa preventiva u għar-regola tranżizzjonali tad-dejn mill-2017-18. Fil-Programm ta' Konverġenza tal-2015-16 tiegħu, il-Gvern jistenna li d-defiċit nominali jkun taħt it-3 % tal-PDG fl-2016-17 u jipjana li dan jonqos aktar sa 2,0 % tal-PDG sal-2017-18. Id-defiċit strutturali rikalkulat (²) jindika titjeb strutturali ta' 0,6 punti perċentwali tal-PDG fl-2015-16; 0,9 punti perċentwali tal-PDG fl-2016-17, u 0,7 punti perċentwali tal-PDG fl-2017-18. Il-Programm ta' Konverġenza ma jinkludix objettiv baġitarju fuq terminu medju. Skont il-Programm ta' Konverġenza, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG huwa mistenni li jonqos minn 88,9 % fl-2015-16 għal 88,3 % tal-PDG fl-2016-17, qabel ma jonqos aktar għal 87,1 % fl-2017-18. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati l-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Il-miżuri biex jiġu appoġġati l-miri tad-defiċit ipplanati fl-2016-17 u fl-2017-18 huma speċifikati biżżejjed. Madankollu, l-impatt ta' xi miżuri fl-2017-18, li l-impatt baġitarju tagħhom huwa smat li ser ikun ta' madwar 0,2 % tal-PDG, huwa aktar inċert. Abbażi tal-previżjonijiet tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2016, fl-2015-16 ir-Renju Unit huwa mistenni li jkseb id-defiċit nominali rrakkomandat ta' 4,1 % tal-PDG u li jkun għamel l-isforz fiskali rrakkomandat. Ir-Renju Unit huwa previst li jikkoreġi d-defiċit eċċessiv tiegħu sal-iskadenza tal-2016-17 kif irrakkomandat mill-Kunsill, minkejja li ma jilħaqx il-mira tad-defiċit nominali rrakkomandata ta' 2,7 % tal-PDG. Huwa mistenni li, fuq bażi kumulattiva matul il-perjodu tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv, ikun hemm sforz fiskali marġinalment aktar baxx minn dak irrakkomandat. Fl-2017-18, b'politiki mhux mibdula, ir-Renju Unit huwa mistenni li jikkonforma mal-aġġustament irrakkomandat lejn l-objettiv baġitarju minimu fuq terminu medju. Ir-Renju Unit huwa mbassar ukoll li jikkonforma mar-regola tranżizzjonali tad-dejn fl-2017-18. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Konverġenza, u meta titqies il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2016, il-Kunsill huwa tal-fehma li r-Renju Unit huwa mistenni li fil-biċċa l-kbira jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (6) Il-produttività fir-Renju Unit staġnat mill-2008 'l hawn. Dan jista' jkun minħabba diversi fatturi, bħal investiment kapitali baxx, nuqqas ta' kompetenzi, spariġġi tal-kompetenzi u ċaqliq fil-kompożizzjoni tal-ekonomija lejn setturi tan-negozju bi produttività aktar baxxa. L-isfidi relatati ma' nuqqas ta' djar, speċjalment f'żoni ġeografiċi ta' tkabbir ekonomiku għoli, għandhom ukoll jitqiesu f'dan il-kuntest. Id-dokument ta' politika tal-Gvern ta' Lulju 2015, "Fixing the foundations- creating a prosperous nation" jippreżenta rispons estensiv. Fid-dawl ta' ċerti ostakli għall-investiment li għadhom jeżistu u l-livell baxx ta' investiment pubbliku u privat fir-Renju Unit, l-azzjonijiet ta' politika tal-Gvern biex jiżiedu l-livelli tal-kompetenzi, l-innovazzjoni u l-investiment fl-infrastruttura huma f'waqthom, għalkemm l-implimentazzjoni effettiva ser tkun importanti. Waħda mill-akbar sfidi fil-qasam tal-investiment hija l-kisba ta' infrastruttura tan-netwerk li tkun ta' livell adegwat. Il-Pjan Nazzjonali

(¹) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(²) Il-bilanċ strutturali kif ikalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni fil-Programm ta' Konverġenza, skont il-metodoloġija maqbulha b'mod komuni.

tal-Infrastruttura, li ġie aġġornat f'Marzu 2016, jistabbilixxi f'qafas koerenti u konsistenti d-dettalji dwar il-progress tal-proġetti tal-infrastruttura. Il-pjan huwa dipendenti fuq l-iżgurar ta' żieda fil-finanzjament privat għal ħafna mill-investiment. It-tweqqi u l-monitoraġġ huma kruċjali u t-trasparenza u r-responsabbiltà huma fundamentali. Minkejja diversi inizjattivi tal-Gvern, id-domanda għad-djar tal-gvern għadha tiżboq il-provvista u dan huwa rifless fi prezzijiet tad-djar għoljin u li qed jiżdiedu. In-nuqqas ta' djar huwa l-aktar akut fir-reġjuni li qed jikbru malajr ta' Londra u x-Xlokk. L-użu tal-art huwa ggwidat minn prinċipji stabbiliti fil-qafas tal-politika nazzjonali tal-ippjanar u l-implimentazzjoni effettiva tas-sistema ta' ppjanar riformata tista' tiffaċilita żieda fil-kostruzzjoni tad-djar.

- (7) Is-suq tax-xogħol tar-Renju Unit għadu dinamiku. Fl-2015, ir-rata tal-impjeg (fl-etajiet mill-20 sal-64) laħqet is-76,9 % filwaqt li r-rata tal-qgħad kompliet tonqos, u laħqet il-5,3 %. Il-qgħad fost iż-żgħażaġh u r-rati ta' żgħażaġh barra mill-impjeg, edukazzjoni jew taħriġ ukoll komplew jonqsu. Madankollu, għad hemm lok għal titjib fil-prospetti għal ħaddiema inattivi, dawk li xogħolhom ma jisfruttax il-kapaċitajiet tagħhom u dawk bi f'it kompetenzi professjonali. Prospetti aħjar tas-suq tax-xogħol u rotot ċari lejn il-kisba ta' kompetenzi ġodda jkun ta' għajnuna għal dawk li jsibu ruħhom limitati biss għal xogħol b'pagi baxxi u/jew b'ħinijiet imqassra. Jindirizzaw ukoll in-nuqqasijiet ta' kompetenzi li huma evidenti f'ċerti partijiet tal-ekonomija, bħall-kostruzzjoni. L-użu b'suċċess tar-riżorsi li ġejjin mill-imposta tal-apprendistat ser jitlob attenzjoni mill-qrib. Proposti biex tittejjeb il-provvista fil-kura tat-tfal ser ikunu jeħtieġu implimentazzjoni mingħajr dewmien billi d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-kura tat-tfal għadhom sfida.
- (8) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tar-Renju Unit u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lir-Renju Unit fi snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fir-Renju Unit iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni Ewropea billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (3) ta' hawn taħt.
- (9) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Renju Unit jieħu azzjoni fl-2016 u fl-2017 biex:

1. Jipprova jikkoreġi d-defiċit eċċessiv b'mod dejjiemi sal-2016-17. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, jikseb aġġustament fiskali ta' 0,6 % tal-PDG fl-2017-18 lejn l-oġettiv baġitarju minimu fuq terminu medju.
2. Jindirizza nuqqasijiet fl-investiment fl-infrastruttura tan-netwerk, inkluż billi jwettaq il-prijoritajiet tal-Pjan Infrastrutturali Nazzjonali. Jieħu aktar passi biex iżid il-provvista tad-djar, inkluż billi jimplementa r-riformi fil-qafas tal-politika nazzjonali tal-ippjanar.
3. Jindirizza l-ispariġġi tal-kompetenzi u jipprovdi għall-progressjoni tal-kompetenzi, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-kwalità tal-apprendistati. Ikompli jtejjeb id-disponibbiltà ta' kura tat-tfal affordabbli, ta' kwalità għolja, u full-time.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill
Il-President
P. KAŽIMÍR

(¹) Taħt l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Polonja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tal-Polonja**

(2016/C 299/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lill-Polonja bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2016 għall-Polonja ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Dan ivvaluta l-progress li għamlet il-Polonja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress tal-Polonja lejn il-miri Europa 2020 nazzjonali tagħha.
- (3) Fit-28 ta' April 2016, il-Polonja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tagħha u l-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.
- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perijodu 2014-2020. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE)

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹), fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif ser tuża din id-dispożizzjoni fl-inji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma' governanza ekonomika soda.

- (5) Bħalissal-Polonja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tiegħu, il-gvern qed jippjana li jżid id-defiċit nominali minn 2,6 % tal-PDG fl-2015 għal 2,9 % tal-PDG fl-2017 qabel ma jonqos għal 1,3 % tal-PDG fl-2019. L-oġettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit ta' 1 % tal-PDG f'termini strutturali — mhuwiex mistenni li jintlaħaq sal-2019, il-perijodu kopert mill-programm. Skont il-programm ta' konverġenza, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG huwa mistenni li jiżdied minn 51,3 % fl-2015 għal 52,5 % tal-PDG fl-2017 qabel jonqos għal 50,4 % fl-2019. Ix-xenarju makroekonomiku li jsejjes dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli fl-2016 u favorevoli minn hemm 'il quddiem. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament rakkomandat kemm fl-2016 kif ukoll, jekk ma jinbidlux il-politiki, fl-2017. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Konverġenza u filwaqt li jqis it-tbassir tar-rebbiegħa 2016 tal-Kummissjoni, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li hemm riskju li l-Polonja ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għaldaqstant ser ikunu meħtieġa aktar miżuri biex jiżguraw il-konformità fl-2016 u fl-2017.
- (6) Il-Polonja hija l-uniku Stat Membru mingħajr kunsill fiskali indipendenti żviluppat u mingħajr ebda pjanijiet biex toħloq wieħed, anki jekk għandha istituzzjonijiet fiskali indipendenti li jkopru xi wħud mill-funzjonijiet tagħha. Minbarra l-limitu massimu ta' dejn stabbilit mill-Kostituzzjoni Pollakka, fl-2013 il-Polonja introduċiet regola ta' stabbilizzazzjoni tan-nefqa, li għet applikata b'mod sħiħ għall-ewwel darba fil-baġit tal-2015. Madankollu, ir-regola għet emendata f'Diċembru 2015 u ser tippermetti nefqa ogħla, partikolarment fl-ambjent ta' inflazzjoni baxxa attwali. Hemm riskji sinifikanti ta' sostenibbiltà fiskali fuq perijodu twil minħabba pożizzjoni baġitarja inizjalment sfavorevoli u ż-żieda projettata fil-kostijiet tat-tixjiħ tal-popolazzjoni, prinċipalment relatati mal-infiq fil-kura tas-saħħa. Minn perspettiva tas-sostenibbiltà tad-dejn, skont politiki li ma nbidlux, ir-riskju fiskali fuq terminu medju huwa għoli minħabba ż-żieda projettata fid-dejn.
- (7) Id-dħul mill-VAT għall-2015 huwa projettat li baqa' baxx bħala proporzjon tal-PDG, minkejja l-miżuri introdotti s'issa, li jinkludu l-mekkaniżmu tar-reverse charge u r-responsabbiltà konġunta ta' kumpaniji f'setturi sensittivi. Għall-Gvern, iż-żieda fil-ġbir tal-VAT kif ukoll il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT huma prijoritajiet, u qed tittejjja strateġija f'dan ir-rigward. Huwa mistenni li tinkludi miżuri bħalma huma għodod ġodda tal-IT biex jidentifikaw u jiġġieldu l-frodi tal-VAT u riforma fl-amministrazzjoni tat-taxxa. F'Jannar 2017 ser jiġi introdott limitu aktar baxx għall-ħlasijiet fi flus kontanti bejn il-kumpaniji. Il-Polonja għadha tħabbat wiċċha mal-isfida antika ta' amministrazzjoni ineffiċjenti tat-taxxa. Dan il-proporzjon tal-kost tal-ġbir, jiġifieri il-kostijiet amministrattivi għal kull dħul nett tat-taxxa miġbur, huwa l-ogħla fl-Unjoni.
- (8) Il-Polonja għadha tapplika rati mnaqqsas ta' VAT fuq għadd kbir ta' prodotti u servizzi. Dan jikkontribwixxi għal dħul mitluf u jnaqqas l-effiċjenza tas-sistema tal-VAT. L-evidenza tindika li r-rati mnaqqsas tal-VAT mhuwiex strument effettiv ta' politika soċjali, b'mod partikolari peress li dawn mhuwiex immirati speċifikament lejn l-unitajiet domestiċi vulnerabbli. Dawn għandhom it-tendenza li jissarfus f'sussidji sinifikanti lill-kontribwenti għonja. Il-benefiċċji soċjali u t-taxxa fuq l-introjt jiqiesu li jistgħu jiġu mmirati aħjar u għalhekk huma aktar adattati biex jinkisbu l-għanijiet ta' redistribuzzjoni. Id-dħul mitluf potenzjali minħabba rati tal-VAT imnaqqsas u l-eżenzjonijiet fakultattivi huwa fost l-ogħla fl-Unjoni.
- (9) Minkejja t-titjib reċenti, is-suq tax-xogħol Pollakk qed jaffaċċja sfidi sinifikanti — tixjiħ tal-forza tax-xogħol, produttività baxxa u segmentazzjoni għolja tas-suq tax-xogħol. Flimkien ma' dan jeżistu nuqqasijiet fis-sistema edukattiva. Għalkemm is-sistema edukattiva tgiebet b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, xorta waħda għadu mhux jirnexxielha tħejji studenti b'biżżejjed kompetenzi trasversali meħtieġa għas-suq tax-xogħol u l-innovazzjoni, żewġ affarijiet li qed jinbidlu b'rata mgħaġġla. Il-medji relattivament baxxi tal-mertu tal-edukazzjoni għolja u x-xjenza Pollakki għandhom effett ħażin fuq il-kwalità tal-provvista. Il-livell ta' internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni ogħla Pollakka huwa limitat ħafna kemm f'termini ta' studenti barranin kif ukoll f'termini ta' parteċipazzjoni f'kollaborazzjonijiet xjentifiċi internazzjonali. Il-mudell ta' finanzjament tal-edukazzjoni għolja ma

(¹) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

jippromovix biżżejjed il-kwalità, peress li juża ħafna l-mertu passat tal-università u varjabbli kwantitattivi, bħall-għadd ta' studenti u persunal akkademiku. Skont l-impjegaturi, il-gradwati ma għandhomx ħiliet trasversali bħal kif isolvu l-problemi, ħsieb kritiku jew kif jaħdmu f'tim. Il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja hija baxxa u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ma jikkorrispondux mal-ħtiġijiet tas-suq.

- (10) Filwaqt li d-disponibbiltà u l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni preprimarja żdiedet b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, id-disponibbiltà ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal żgħar għadha fost l-aktar baxxi fl-Unjoni. Iż-żieda fl-età obbligatorja biex it-tfal jibdew l-iskola għal seba' snin, u t-tneħħija tal-obbligu li t-tfal ta' ħames snin jattendu skola preprimarja, flimkien ma' benefiċċju ġdid għat-tfal, jista' jkollhom effetti negattivi fuq il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment tan-nisa, u jisthoqqlhom monitoraġġ mill-qrib.
- (11) Minkejja żieda qawwija fil-kuntratti permanenti tax-xogħol fl-2015, il-proporzjon ta' impjegi b'terminu fiss fil-Polonja huwa fost l-ogħla fl-Unjoni. Il-Polonja dan l-aħħar ħadet għadd ta' miżuri biex tindirizza s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. Iddaħħlet emenda fil-Kodiċi tax-Xogħol, għolew il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali marbuta ma' xi kuntratti tal-liġi ċivili u f'Jannar 2017 huwa mistenni li tiġi introdotta remunerazzjoni minima fis-sieġha għal min jaħdem b'kuntratt tal-liġi ċivili. Madankollu ċerti karatteristiċi tal-Kodiċi tax-Xogħol joħlqu diżinċentivi għall-impjegaturi biex jimpjegaw persuni b'kuntratti indefiniti u l-użu ta' dawn il-kuntratti għadu limitat. Dan huwa l-aktar minħabba l-kumplexità tar-regolamenti tax-xogħol u l-kostijiet impliċiti għolja tas-sensji taħt dawn il-kuntratti. Dawn jinkludu kostijiet proċedurali għoljin, kostijiet assoċjati ma' mekkaniżmi twal u inċerti għas-soluzzjoni tat-tilwim u dispożizzjonijiet bħal protezzjoni speċjali għall-ħaddiema akbar fl-età milli jiġu sensjati.
- (12) Arranġamenti preferenzjali tas-sigurtà soċjali speċifiċi għas-settur, b'mod partikolari sussidji għoljin tas-sistemi tal-pensjonijiet għall-bdiewa u għall-ħaddiema tal-minjieri, għandhom k ostijiet baġitarji għoljin u jistgħu jikkontribwixxu biex tonqos il-mobilità tal-impjegi L-għadd ta' persuni assigurati skont is-sistema speċjali ta' sigurtà għall-bdiewa beda jonqos bil-mod mill-2007, u l-Gvern jistenna li fl-2019 dan ser ikun ta' 1,18 miljun ruħ, filwaqt li l-għadd ta' benefiċjarji tal-irtirar, li jammonta għal 1,229 miljun, probabbilment ser jibqa' jikber sal-2018. Sa mill-2011, il-proporzjon tan-nefqa tal-baġit tal-istat fil-PDG għall-KRUS kien kostanti ta' 1 %. Ma hemm l-ebda rekwiżit ġenerali tat-taxxa għall-bdiewa jew xi obbligu li jkollhom sistema ta' kontabilità, u l-awtofinanzjament tal-KRUS huwa baxx. Kien hemm 1,382 miljun razzett fil-Polonja fl-2014, li minnhom 52 % kienu iżgħar minn ħames ettari (GUS). Il-ħaddiema tal-minjieri huma eżentati mis-sistema ġenerali tal-pensjonijiet pubbliċi b'kontribuzzjoni definita b'koeffiċjenti multiplikaturi preferenzjali speċjali tal-pensjoni, li hija sors ta' kost sinifikanti fis-sena fuq il-finanzi pubbliċi ta' aktar minn 0,5 % tal-PDG. Il-prospetti demografiċi sfavorevoli diġà qed iwasslu għal popolazzjoni fl-età tax-xogħol dejjem tonqos. Il-preservazzjoni tax-xejra pożittiva fl-impjegi, partikolarment tal-ħaddiema ta' età avvanzata, hija għalhekk essenzjali, anki bl-għan li tinżamm l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet pubbliċi. Minkejja li l-età medja effettiva tal-irtirar żdiedet f'dawn l-aħħar snin, din għadha b'mod sinifikanti taħt l-età statutorja tal-irtirar. Għalhekk, żieda fl-età effettiva tal-irtirar hija ta' importanza kruċjali għall-adeqwatezza soċjali tal-pensjonijiet fil-ġejjieni fuq terminu twil u għall-istabbiltà tal-finanzi pubbliċi, kif ukoll biex tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol.
- (13) Minkejja investment konsiderevoli fl-aħħar snin għadhom jippersistu ostakli u nuqqasijiet fit-trasport, fl-enerġija u fin-netwerks ta' komunikazzjoni. L-attività ta' investment hija mxekkla minn ostakli relatati mal-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika, mat-tassazzjoni u mal-ambjent għall-attivitàjiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni, kif ukoll it-tul tal-infurzar tal-kuntratti. Dgħufijiet fil-kapaċità manijerjali u amministrattiva qed iħallu effett negattiv fuq l-implimentazzjoni f'waqtha ta' proġetti ta' investment fis-settur ferrovjarju u proġetti oħra fit-trasport, fl-enerġija u fl-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni. L-ekonomija Pollakka għadha tiddependi wisq fuq l-enerġija u l-karbonju, u l-potenzjal ta' qligħ minn titjib fl-effiċjenza tal-enerġija huwa sinifikanti. Il-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku qed jiqdiemu u għadhom jiddependu ħafna fuq il-faħam. In-netwerk tal-elettriku mhuwiex konness mal-pajjiżi ġirien. Skema ta' appoġġ għall-enerġija rinnovabbli, li kellha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016, ġiet ittardjata u ħolqot l-inċertezza fl-investment. Xi fatturi ewlenin li jfikklu l-investimenti, b'mod partikolari fil-konstruzzjoni, huma l-kopertura baxxa ħafna tal-ippjanar spazjali u l-instabbiltà, speċjalment fil-livelli lokali, kif ukoll ir-regolamentazzjoni żejda u l-inkonsistenzi regolatorji u amministrattivi li jxekklu l-għoti tal-permessi tal-bini.
- (14) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Polonja u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Polonja fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Polonja iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza

ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (3) ta' hawn taħt.

- (15) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni Nru (1) ta' hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Polonja tieħu azzjoni fl-2016 u l-2017 biex:

1. Tikseb aġġustament fiskali annwali ta' 0,5 % tal-PDG lejn l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2016 u fl-2017. Issaħħaħ il-qafas fiskali, inkluż billi twaqqaf kunsill fiskali indipendenti. Ittejjeb il-ġbir tat-taxxa billi tiżgura konformità aħjar mal-VAT u tillimita l-użu estensiv fir-rati mnaqqa tal-VAT.
2. Tiżgura s-sostenibbiltà u l-adeqwatezza tas-sistema tal-pensjonijiet u żżid il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, billi tibda tirrifirma l-arranġamenti preferenzjali tal-pensjonijiet, tneħħi l-ostakli għal aktar tipi ta' impjiegi permanenti u ttejjeb ir-rilevanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ għas-suq.
3. Tieħu miżuri biex tneħħi l-ostakli għall-investiment fl-infrastruttura tat-trasport, tal-kostruzzjoni u tal-enerġija u biex iżżid il-kopertura tal-ippjanar spazjali fil-livell lokali.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

⁽¹⁾ Taħt l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ġermanja għall-2016 u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Ġermanja**

(2016/C 299/05)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Ġermanja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽³⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, u fidawl tal-interkonnnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, il-Ġermanja għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż għall-Ġermanja ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Dan ivvaluta l-progress li għamlet il-Ġermanja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠUC 96, 11.3.2016, p. 1.

L-progress tal-Ġermanja lejn il-miri Europa 2020 nazzjonali tagħha. Dan lesta wkoll l-analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni li ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Ġermanja għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, is-surplus kbir u persistenti fil-kont kurrenti jirrifletti surplus ta' tfaddil u investiment imrażżan kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku. Investiment domestiku dgħajjef ixekkel it-tkabbir potenzjali u d-dipendenza qawwija fuq id-domanda esterna tinvolvi riskji makroekonomiċi f'kuntast ta' domanda esterna kajmana. Is-surplus tal-kont kurrenti għandu wkoll, minħabba d-daqs tiegħu, implikazzjonijiet negattivi fuq il-prestazzjoni ekonomika taż-żona tal-euro. Jekk dan jiġi indirizzat permezz ta' aktar investiment ikabbar il-potenzjal għat-tkabbir tal-Ġermanja u jkun ta' għajna biex isostni l-irkupru fiż-żona tal-euro.

- (3) Fil-15 ta' April 2016, il-Ġermanja ppreżentat il-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2016 u fid-29 ta' April 2016 ippreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.
- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perijodu 2014-2020. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' tidlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif ser tuża din id-dispożizzjoni flinji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma' governanza ekonomika soda.
- (5) Bħalissal-Ġermanja tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġetta għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2016, il-Gvern qed jippjana pożizzjoni baġitarja bilanċjata f'termini nominali matul il-perijodu 2016-2020. L-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG — ser jibqa' jiġi ssodisfat b'marġni matul il-perijodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG hu mistenni li jonqos gradwalment għal 59½ % fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma msejsa dawn il-projezzjonijiet baġitarji, li ma ġiex approvat minn korp indipendenti, huwa plawsibbli. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2016 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li ser jirreġistra surplus ta' 0,4 % tal-PDG fl-2016 u fl-2017, aktar mill-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju. Devjazzjonijiet possibbli fil-futur, inkluż biex jakkomodaw il-ħtiġijiet ta' investiment pubbliku, ser jiġu vvalutati fid-dawl tar-rekwiżit li jinżamm il-bilanċ strutturali skont l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju. Huwa previst li d-dejn gross jibqa' nieżel 'l isfel lil hinn mir-rekwiżiti tar-regola tad-dejn. Dan jagħti lok sabiex tingħata spinta lill-investiment pubbliku. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-programm ta' stabbiltà u filwaqt li jqis it-tbassir tar-rebbiegħa 2016 tal-Kummissjoni, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Ġermanja hija mistennija tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (6) Għalkemm il-gvern federali adotta diversi miżuri biex jiżdied l-investiment fl-infrastruttura fis-snin li ġejjin, dawn il-fondi għadhom ma jidhrux li qed joħolqu xejra sostenibbli ta' żieda fl-investiment pubbliku u li qed jilhq u l-ħtiġijiet tal-investiment fl-infrastruttura. Il-formazzjoni ta' kapital nett fiss baqgħet nettament negattiva fil-livell municiċipali, li tindika nuqqas ta' investiment. In-nefqa kumplessiva fl-edukazzjoni u fir-riċerka żdiedet biss bi ftit matul dawn l-aħħar snin u jista' jkun li ma laħqitx il-mira nazzjonali ta' 10 % tal-PDG fl-2015. Investiment kontinwu fl-edukazzjoni, fir-riċerka u fl-innovazzjoni huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-pożizzjoni kompetittiva tal-Ġermanja fil-ġejjieni. Peress li l-baġit huwa mistennija li jibqa' bilanċjat f'termini nominali u strutturali fl-2016-2017, għad hemm biżżejjed spazju fiskali għal aktar investiment pubbliku, mingħajr ma jiksru r-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u tat-trażżin tad-dejn nazzjonali. Ir-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet tkun tikkontribwixxi biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. It-tfassil tal-ugwalizzazzjoni fiskali attwali huwa kumpless u għandu t-tendenza li jnaqqas l-inċentivi biex jitjeb id-dħul fil-*Länder* individwali. L-analiżi li għaddejja tar-relazzjonijiet fiskali federali tipprovd i opportunità biex jissaħħaħ il-qafas, inkluż billi jiġi żgurati biżżejjed investiment pubbliku fil-livelli kollha tal-gvern, speċjalment tal-muniċipalitajiet. Din il-proposta attwali ta' kompromess maqbula bejn il-*Länder* tinvolvi ugwalizzazzjoni fiskali orizzontali simplifikata. Madankollu, għadu mhux ċar f'termini ta' firda akbar bejn il-kompetenzi tal-infiq u ma jirnexxilux iżid l-awtonomija fid-dħul. Fl-istess ħin, strumenti alternattivi għall-finanzjament tradizzjonali mill-istat tal-infrastruttura tat-trasport, inkluż permezz ta' sħubiji pubbliċi privati, jintużaw biss b'mod limitat. Barra minn hekk, ir-responsabbiltajiet kumplessi tal-ippjanar bejn il-livelli differenti tal-gvern, l-ostakli marbutin mal-kapaċità amministrattiva u proċeduri ta'

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

approvazzjoni komplikati huma kollha ta' ostaklu għall-investment. Użu aktar effiċjenti tal-akkwist pubbliku wkoll jista' jkollu impatt pożittiv fuq l-investment, peress li l-volum ta' sejħiet għal offerti ppubblikati madwar l-UE kollha għadu ferm taħt il-medja tal-UE.

- (7) Il-kumplessità tas-sistema tat-taxxa korporattiva għadha ta' ostaklu għall-investment fis-settur privat, l-istess kif għadu għoli l-piż kumplessiv tat-taxxa fuq id-dħul fuq il-korporazzjonijiet, inkluż it-taxxa lokali fuq il-kummerċ (*Gewbesteuer*) kif ukoll il-kontribuzzjoni ta' solidarjeta'. Jinħolqu ineffiċjenzi mit-taxxa lokali fuq il-kummerċ minħabba l-inklużjoni ta' elementi mingħajr skop ta' qligħ fil-bażi tat-taxxa. Is-sistema tat-taxxa tiffavorixxi l-finanzjament tad-dejn aktar milli l-finanzjament tal-ekwità, bl-indikatur rilevanti fuq "id-distorsjoni lejn id-dejn" ikun it-tmien l-ogħla fl-Unjoni fl-2015. Is-sehem tat-taxxi fuq il-konsum li relattivament jiffavorixxu t-tkabbir u t-taxxi rikorrenti fuq il-proprjeta' fit-tassazzjoni totali baqa' stabbli bejn l-2007 u l-2014, flivell ta' madwar 28-29, li huwa baxx meta mqabbel ma' medja ta' madwar 32-33 % fl-Unjoni. Barra minn hekk, ix-xejra ta' żieda fit-taxxi fuq it-trasferiment ta' proprjeta' immobbli kompliet, minflok intużaw aktar taxxi rikorrenti fuq il-proprjeta' li huma inqas distorsivi. Il-passi meħuda biex jimmodernizzaw l-amministrazzjoni tat-taxxa kienu limitati għall-adozzjoni ta' leġislazzjoni mill-gvern federali li tissimplifika l-proċeduri tal-amministrazzjoni tat-taxxa. Skambju awtomatiku tad-data tat-taxxa bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tas-16-il *Länder*, li jista' jtejjeb l-effiċjenza tal-awditjar tat-taxxa, li għadu ma jeżistix. B'mod ġenerali, in-nuqqasijiet strutturali u d-dewmien fl-immodernizzar jirriżultaw fis-sottoprestazzjoni relattiva tal-amministrazzjoni tat-taxxa u ineffiċjenzi fil-ġbir tat-taxxa.
- (8) Il-kundizzjonijiet ta' finanzjament fil-Ġermanja ġeneralment huma favorevoli. Madankollu, is-suq tal-kapital ta' riskju għadu sottożvilupp ta' paragun internazzjonali u l-kundizzjonijiet qafas relatati mat-taxxa jistgħu jkunu qegħdin jillimitaw id-daqgħu. Aċċess aħjar għall-kapital ta' riskju huwa fattur importanti biex jistimula l-attività intraprenditorjali, inkluż f'setturi ta' teknoloġija avvanzata u servizzi b'għarfien intensiv. Il-gvern federali nieda firxa ta' miżuri biex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-kapital ta' riskju u qed jiġu diskussi aktar miżuri. Barra minn hekk, analiżi tal-qafas regolatorju tal-kapital ta' riskju tista' tistimula l-investment privat inkluż minn investituri barranin.
- (9) L-azzjoni ta' politika biex tistimula l-kompetizzjoni fis-servizzi, speċjalment fis-servizzi professjonali kienet limitata. Il-Ġermanja hija fost dawk l-Istati Membri b'livell għoli ta' ostakli regolatorji fis-servizzi. Regolamenti restrittivi tas-suq tal-prodotti jaffettwaw il-prezzijiet u l-produttività. Il-produttività tax-xogħol baxxa u l-ispejjeż addizzjonali (mark-ups) għolja jindikaw li fil-Ġermanja hemm lok konsiderevoli fejn titjeb il-prestazzjoni tas-servizzi professjonali. Il-problemi fis-servizzi tan-negozju jirriżultaw mir-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni, mir-restrizzjonijiet fuq l-attivitàjiet multidixxiplinarji, mir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni u mit-tariffi fissi. Għadhom ukoll jiġu imposti forma ġuridika u rekwiżiti fuq l-azzjonisti. Il-pjan ta' azzjoni ppreżentat mill-Ġermanja bħala riżultat tal-evalwazzjoni reċiproka tal-aċċess għal u l-prattika tal-professjonijiet regolati jipproponi biss għadd limitat ta' azzjonijiet, filwaqt li jidher ċar li hemm lok għal proposti aktar ambizzjużi.
- (10) Minkejja li ġeneralment il-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol hija b'saħħitha ħafna, b'mod partikolari bil-qgħad fl-ivell storikament baxxi, nuqqas ta' xogħol u ħiliet relatati mat-tixxijiet huma imminenti u jeħtieġu l-użu sħiħ tal-forza tax-xogħol eżistenti. Billi dawn ix-xejriet mhux biss joħolqu problemi fis-suq tax-xogħol, iżda wkoll għas-sostenibbiltà u l-adekwatezza tas-sistema tal-pensjonijiet, jidher li inċentivi aktar b'saħħithom biex wieħed jirtira aktar tard huma indispensabbli. Ir-rata tal-faqar fir-riskju fix-xjuħija (16,3 % fl-2014) hija aktar għolja mill-medja tal-UE (13,8 %) u r-rata ta' sostituzzjoni tal-iskema tal-pensjoni statutorja qed titnaqqas gradwalment, filwaqt li rati ta' parteċipazzjoni fi skemi tal-pensjoni tat-tieni u tat-tielet pilastru huma baxxi wisq biex jitnaqqas dan ir-riskju. L-għadd ta' benefiċjarji li jirċievu dħul minimu skont it-test tal-mezzi għal dawk irtirati kważi rdoppja bejn l-2003 u l-2014. Madankollu, għadhom ma ġewx formalizzati proposti biex jittiebu l-inċentivi għal irtirar aktar tard (*Flexi-Rente*). Għad irridu naraw kemm dawn jistgħu jkunu effikaċi biex ipattu għall-inċentivi għall-irtirar kmieni li ddaħħlu fl-2014.
- (11) Il-potenzjal tas-suq tax-xogħol ta' ċerti gruppi, partikolarment nisa u persuni bi sfond ta' migrazzjoni, għadu mhux uttilizzat biżżejjed u għadhom jeżistu diżinċentivi għax-xogħol, speċjalment għal min għandu t-tieni sors ta' dħul. Karatteristiċi speċifiċi tas-sistema tat-taxxa u tal-assigurazzjoni tas-saħħa jiskoraġġixxu li min għandu t-tieni sors ta' dħul milli jieħu impjeg jew milli jżid l-għadd ta' sigħat li jaħdem. Dan jikkontribwixxi għal proporzjon baxx ta' nisa li jaħdmu full-time kif ukoll għal fatt li l-għadd medju ta' sigħat li jaħdmu n-nisa huwa fost l-inqas fl-Unjoni, minkejja rata għolja ta' nisa f'impjeg. Għalkemm kien hemm xi ftit tat-transizzjoni minn impjegji żgħar għal impjegji standard bħala effett sekondarju tal-introduzzjoni tal-paga minima, l-impjegji żgħar xorta għadhom jammontaw għal madwar seba' miljun impjegat (li minnhom 5 miljuni għadhom impjegji żgħir bħala l-uniku impjeg bħala qligħ tagħhom). L-eżenzjoni tal-impjegji żgħar mit-taxxa fuq l-introjtu personali — u fhafna każijiet mill-kontribuzzjonijiet soċjali kollha tal-impjegati — tista' tiskoraġġixxi lill-ħaddiema milli jibdlu għal impjeg b'paga ogħla mil-limitu tal-impjegji żgħar ta' EUR 450 fix-xahar. Dan id-disinċentiv fhafna każijiet huwa saħansitra aktar qawwi għall-konjuġi suġġetti għal tassazzjoni fuq l-introjtu konġunt. L-impatt pożittiv fuq l-introjtu u l-konsum tal-unitajiet domestiċi miż-żieda żgħira f'diversi benefiċċji u l-kumpens tal-pressjoni fiskali jista' jkun fil-biċċa l-kbira mxejjen minn kontribuzzjonijiet soċjali ogħla mill-impjegati. Il-porzjon tat-taxxa fil-ivell tal-paga minima huwa għoli meta mqabbel ma' Stati Membri oħrajn, u dan jirriżulta f'inqas introjtu għal

min jinsab lejn il-qiegħ tas-skala pagi. Jekk jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegati jew it-taxxa fuq l-introjtu personali, inkluż permezz ta' benefiċċji jew rifiżjonijiet immirati, dan il-porzjon tat-taxxa jonqos u b'hekk jiżded l-introjtu disponibbli għall-ħaddiema b'paga baxxa u jiżdedu l-possibbiltajiet tal-konsum.

- (12) L-influss kbir ta' refuġjati ta' matul l-aħħar sena għandu għadd ta' konsegwenzi soċjali u ekonomiċi għall-Ġermanja. Filwaqt li fit-terminu l-qasir l-influss tar-refuġjati huwa mistenni li jżid in-nefqa pubbliku u joħloq aktar domanda domestika, u b'hekk jiżded il-PDG, l-effett fuq terminu medju għall-impjegi u t-tkabbir jiddependi fuq l-integrazzjoni b'suċċess tar-refuġjati fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà, inkluż permezz ta' appoġġ edukattiv. Din il-kwistjoni hija importanti ħafna fuq l-aġenda politika kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri u ser isir monitoraġġ tagħha u ser tiġi analizzata mill-qrib, inkluż fir-rapport tal-pajjiż tal-2017.
- (13) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Ġermanja u ppublikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Ġermanja fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għas-sostenibbiltà tal-politika fiskali u soċjoekonomika fil-Ġermanja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-hteġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet Nri (1) sa (3) ta' hawn taħt.
- (14) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u huwa tal-opinjoni (*) li l-Ġermanja hija mistennija tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (15) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet Nri (1) sa (3) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Ġermanja tieħu azzjoni fl-2016 u fl-2017 biex:

1. Tikseb xejra sostnuta 'l fuq fl-investment pubbliku, speċjalment fl-infrastruttura, fl-edukazzjoni, fir-riċerka u fl-innovazzjoni, filwaqt li jiġi rrispettat l-oġettiv fuq terminu medju. Ittejjeb it-tfassil tar-relazzjonijiet fiskali federali, bil-ħsieb li jiżded l-investment pubbliku, speċjalment fil-livell municiċipali.
2. Tnaqqas l-ineffiċjenzi fis-sistema tat-taxxa, b'mod partikolari billi tanalizza t-taxxa korporattiva u t-taxxa lokali fuq il-kummerċ, timmodernizza l-amministrazzjoni tat-taxxa u tanalizza l-qafas regolatorju tal-kapital ta' riskju. Toħloq miżuri biex tistimula l-kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi, b'mod partikolari fis-servizzi tan-negożji u l-professjonijiet regolati.
3. Iżżid l-inċentivi għal irtirar aktar tard u tnaqqas id-dizincċentivi għax-xogħol għal min għandu t-tieni sors ta' dħul. Tnaqqas il-proporzjoni għoli tat-taxxa għal dawk bi dħul baxx u tiffaċilita t-transizzjoni minn impjegi żgħar għal impjegi standard.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

(*) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tar-Repubblika Ċeka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tar-Repubblika Ċeka**

(2016/C 299/06)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lir-Repubblika Ċeka bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2016 għar-Repubblika Ċeka ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Huwa vvaluta l-progress li għamlet ir-Repubblika Ċeka biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottat mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress li għamlet ir-Repubblika Ċeka lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020.
- (3) Fil-11 ta' Mejju 2016, ir-Repubblika Ċeka ppreżentat il-Programm ta' Konverġenza tagħha tal-2016 u fit-12 ta' Mejju ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.
- (4) Fl-ippogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perijodu 2014-2020 ġew indirizzati rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE)

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet dettalji ulterjuri dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni f'linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropew ma' governanza ekonomika tajba.

- (5) Bħalissa r-Repubblika Ċeka qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tiegħu, il-Gvern qiegħed jippjana għal deterjorament żgħir fil-bilanċ nominali għal -0,6 % tal-PDG fl-2016 u stabilizzazzjoni wiesgħa għal -0,5 % tal-PDG fl-2017. L-oġettiv baġitarju ta' terminu medju — defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG — jibqa' jintlaħaq matul il-perijodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Konverġenza, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG huwa mistenni li jibqa' fil-livell ta' 41,1 % fl-2016 u jinżel għal 39,3 % fl-2019. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-proġettazzjonijiet baġitarju huwa plawżibbli. Il-miżuri meħtieġa biex iwieżnu l-miri ippjanati għad-defiċit mill-2017 'l quddiem ma' ġewx speċifikati b'mod suffiċjenti. Abbażi tal-previżjonijiet tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2016, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li jkun ta' -0,7 % fl-2016 u -0,9 % tal-PDG fl-2017, oġhla mill-oġettiv baġitarju ta' terminu medju. Devjazzjonijiet futuri possibbli jiġu evalwati kontra r-rekwiżit li jinżamm il-bilanċ strutturali fi ħdan l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Konverġenza u filwaqt li jitqies it-tbassir tar-rebbiegħa 2016 tal-Kummissjoni, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li r-Repubblika Ċeka hija mistennija li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (6) Fuq medda twila ta' żmien, hemm riskji ta' livell medju għas-sostenibilità fiskali tar-Repubblika Ċeka. Dawn ġejjin l-aktar mill-impatt ipproġettat tal-infiq pubbliku marbut mal-età, prinċipalment fil-qasam tal-kura tas-saħħa iżda wkoll fil-pensjonijiet. Il-miżuri reċentement adottati jew ippjanati biex jemendaw is-sistema tal-pensjonijiet jekk jiġu implimentati, jistgħu iwasslu biex għat-tul ikun hemm deterjorament tal-finanzi pubbliċi. L-ewwel nett, fi Frar 2016 il-Gvern adotta legislażzjoni li tagħtih is-setgħa li jaġġusta b'mod iktar flessibbli l-mekkaniżmu ta' indiċjar tal-pensjonijiet. It-tieni, qiegħda ssir diskussjoni dwar proposti biex l-età statutorja tal-irtirar tiġi limitata għal 65 u biex jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' revizzjoni regolari għall-età tal-pensjoni. Bħalissa ma hemm l-ebda pjanijiet biex tiżdied l-età statutorja tal-irtirar li bħalissa hija baxxa. Fil-qasam tal-kura tas-saħħa, iż-żieda mbassra fl-infiq fit-tul hija wkoll kwistjoni preokkupanti. Ir-Repubblika Ċeka qed taffaċċja sfidi fir-rigward tat-titjib tal-governanza u l-kosteffettività tas-sistema tal-kura tas-saħħa tagħha, għalkemm għadd ta' miżuri huma fil-preżent fi stadji varji ta' implimentazzjoni. L-indikaturi juru konsum għoli ta' prodotti u servizzi u dipendenza komparatvament għolja fuq il-kura fl-isptarijiet, li hija aktar għolja minn servizzi barra l-isptarijiet. Ma jidherx li d-data medika tintuża b'mod effettiv fl-ippjanar u r-razzjonalizzazzjoni tal-kapaċitajiet tal-kura fl-isptarijiet. Is-sistema ta' rimborż għal kura fl-isptarijiet qed tiġi analizzata minħabba diversi żvantaġġi, bħall-kampjun żgħir ta' spartarjiet li ntuża għall-kalkolu tar-rati ta' referenza. L-opzjonijiet biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-kura barra l-isptarijiet, li ttejjeb ir-rwol ta' kontroll tal-aċċess mill-professionisti u li tillimita l-konsum bla bżonn tas-servizzi barra l-isptar għadhom ma ġewx esplorati biżżejjed.
- (7) Il-qafas fiskali tar-Repubblika Ċeka huwa fost l-aktar dgħajfa fl-Unjoni. Pakkett ta' riforma li jindirizza n-nuqqasijiet ewlenin f'dan il-qasam ġie approvat mill-Gvern fi Frar 2015 iżda għadu qed jistenna r-ratiffika mill-Parlament. Il-pakkett għandu l-għan li jitrassponi d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE ⁽²⁾ fil-legislażzjoni nazzjonali. Ir-riforma proposta għandha l-għan li ssaħħaħ ir-restrizzjonijiet fuq l-infiq u li torbothom direttament mal-oġettiv baġitarju fuq terminu medju. Bir-riforma, il-Gvern ikun obbligat jadotta baġit li jissalvagwardja s-sostenibilità fit-tul tal-finanzi pubbliċi u jiġi stabbilit kunsill fiskali indipendenti biex jissorvelja l-finanzi pubbliċi u tiżdied it-trasparenza.
- (8) L-investment fir-Repubblika Ċeka għadu taħt il-medja tal-UE f'termini per capita u huwa kkonċentrat ħafna fir-reġjuni tal-belt kapitali. L-ostakli amministrattivi u regolatorji għadhom ta' xkiel għall-effiċjenza tal-ambjent tan-negożju u jaġixxu bħala ostaklu għall-investment. Hemm konġestjonijiet speċifiċi fl-implimentazzjoni ta' proġetti infrastrutturali ta' trasport u ta' enerġija. Barra minn hekk, l-assorbiment tal-fondi tal-UE matul il-perijodu ta' programmazzjoni 2007–2013 kien kajman, prinċipalment minħabba proċeduri kumplessi, nuqqasijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll, ineffiċjenzi fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku u l-kapaċità amministrattiva dgħajfa

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41).

tal-korpi involuti fl-implimentazzjoni tal-proġetti. Fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport, l-ostakli amministrattivi għall-investiment jinkludu proċeduri twal għall-ħruġ tal-permessi tal-użu tal-art u d-dewmien relatat mal-proċeduri dwar l-ilment fl-uffiċċju ta' kontra l-monopolju. Fil-qasam tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, programmi pubbliċi li għandhom l-għan li jnaqqsu l-intensità tal-enerġija kienu frammentati u mhux kosteffiċjenti. Hemm indikazzjonijiet li l-iffrankar tal-enerġija mhux qiegħed jitjeb f'konformità mal-pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-effiċjenza fl-enerġija. Fil-qasam tas-servizzi, hemm xi evidenza ta' restrizzjoni regolatorja. Dan huwa l-każ b'mod partikolari għal ċerti setturi ta' servizzi professjonali individwali, fejn l-ostakli għad-dħul u l-prattika jidher li huma oġġa mill-medja tal-UE. L-użu baxx ta' servizzi pubbliċi onlajn ta' kwalità għolja wkoll jaġixxi bħala impediment fuq l-ambjent tan-negozju u jirrifletti nuqqasijiet ta' provvista. Is-servizzi tal-gvern elettroniku ma jieħdux vantaġġ sħiħ mill-possibbiltajiet teknoloġiċi biex titjeb l-esperjenza tal-utent u l-livell tagħhom ta' sofistikazzjoni huwa fost l-aktar baxxi fl-Unjoni. L-evidenza disponibbli turi li hemm inċidenza relattivament għolja ta' evażjoni tat-taxxa fir-Repubblika Ċeka. L-indirizzar ta' din il-problema, b'mod partikolari għall-VAT, jinsab fuq nett fl-aġenda politika. Min-naħa l-oħra, ma hemm l-ebda miżuri maħsuba biex inaqqsu l-ispejjeż relattivament għolja assoċjati mal-ħlas tat-taxxi jew biex tiġi ssimplifikata s-sistema tat-taxxa. Is-servizzi ta' preżentazzjoni minn qabel offriti mill-awtoritajiet tat-taxxa huma limitati. Il-kontribwenti jagħmlu użu limitat minn sistemi biex jippreżentaw il-formola tat-taxxa b'mod elettroniku, minkejja li sar xi progress fejn tidħol il-VAT. Barra minn hekk, il-kosti tal-għbir ta' taxa huma relattivament għoljin, skont l-aħħar rapporti internazzjonali. Il-kontribuzzjonijiet soċjali għolja ta' min iħaddem jikkontribwixxu għal livell kumplessivament għoli ta' tassazzjoni fuq ix-xogħol, u d-diversifikazzjoni lejn oqsma oħra, bħal taxxi fuq il-proprjetà, hija limitata.

- (9) Numru ta' indikaturi jippuntaw lejn dgħufijiet sinifikanti fl-amministrazzjoni pubblika. Sar ċertu progress fl-adozzjoni ta' miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li jinsabu fil-pjan tal-2015 ta' kontra l-korruzzjoni. L-Att dwar ir-Reġistru tal-Kuntratti kien approvat mill-Parlament f'Novembru 2015. L-implimentazzjoni f'waqtha u l-iżvilupp ulterjuri jtejjeb it-trasparenza u l-kosteffettività tal-offerti pubbliċi. Madankollu, xi wħud mill-atti ewlenin kontra l-korruzzjoni, bħal emenda għall-Att dwar il-kunflitt tal-interess u Att ġdid li jirregola l-finanzjament tal-partiti politiċi, għadhom pendenti. L-infurzar ta' diversi miżuri adottati huwa diffiċli u għandu impatt limitat, filwaqt li numru ta' miżuri ppjanati jiġu ripetutament posposti lejn il-pjan ta' azzjoni li jkun immiss. Minkejja xi sforzi biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tagħha, jeżisti lok għal aktar progress fil-prestazzjoni tas-sistema Ċeka tal-akkwist pubbliku għar-rigward tal-kompetizzjoni u għalhekk tal-valur għall-flus. Dan huwa parzjalment minħabba nuqqas ta' taħriġ xieraq tal-professjonisti fl-akkwist u enfasi insuffiċjenti fuq il-kriterji ta' kwalità fl-għoti tal-kuntratti. Is-settur pubbliku jserraħ ħafna fuq proċeduri mhux kompetittivi, b'kapaċità limitata biex jiġbed l-offerenti, filwaqt li l-akkwist aggregat rari jintuża. Minkejja dan, l-implimentazzjoni tad-direttivi dwar l-akkwist pubbliku li għadhom kif ġew trasposti dwar l-immodernizzar tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku mistennija li tkun opportunità biex jiddaħħal approċċ strateġiku u bbażat fuq l-evidenza għall-politika tal-akkwist pubbliku, f'termini ta' professionalizzazzjoni, aggregazzjoni tax-xiri pubbliku, aktar attenzjoni għall-kriterji ta' kwalità u l-integrazzjoni tal-professjonisti fl-akkwist.
- (10) Kien hemm żieda sinifikanti fl-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp f'dawn l-aħħar snin iżda r-riżultati baqgħu dgħajfa u għad hemm tħassib dwar is-sostenibbiltà tal-infrastruttura tar-riċerka u l-iżvilupp. Is-sistema Ċeka tar-riċerka bħalissa tinsab fil-proċess li timplimenta riforma fil-governanza li ilhom ġejjin, iżda li huma sostanzjali, partikolarment fir-rigward tal-evalwazzjoni u l-finanzjament. Il-mekkaniżmu ta' finanzjament eżistenti huwa frammentat, b'koordinament insuffiċjenti bejn il-korpi rilevanti u b'diviżjoni mhux ċara tar-responsabbiltajiet u l-prijoritajiet. Qafas ta' evalwazzjoni komprensiv għar-riċerka u l-iżvilupp, b'rabtiet mal-finanzjament, qiegħed jiġi żviluppat, iżda l-progress huwa kajman. Kien hemm sforzi limitati biex iżidu r-rabtiet bejn l-akkademiċi u l-komunità kummerċjali. Dawn ir-rabtiet iddgħajfu b'qafas ta' evalwazzjoni għall-istituzzjonijiet ta' riċerka pubbliċi li ma jhux f'kunsiderazzjoni l-livell ta' kooperazzjoni mal-intrapriżi.
- (11) Ir-riforma tal-edukazzjoni għolja ġiet adottata mill-Parlament f'Janjar 2016. L-attrazzjoni tal-professjoni tat-tagħlim għadha tirrappreżenta sfida, b'pigi relattivament baxxi li jitqiesu bħala waħda mill-kawżi, u fl-istess waqt il-popolazzjoni tal-għalliema qed tixjeh. Qiegħda tiġi żviluppata sistema ġdida ta' karrrieri għall-għalliema u l-persunal pedagoġiku bil-ħsieb li tiżied l-attrazzjoni tal-professjoni, iżda l-implimentazzjoni tagħha ġiet posposta. Ir-riżultati fl-edukazzjoni huma ġeneralment tajba, iżda huma influwenzati ħafna mill-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti. Ir-riżultati edukattivi baxxi ta' gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari tal-komunità tar-Rom, jirrappreżentaw preokkupazzjoni ċara. Huwa stmat li proporzjon kbir ħafna ta' tfal Rom jabbandunaw l-iskola kmieni. Għadd kbir ta' tfal Rom jirċievu l-edukazzjoni barra l-iskejjel normali u minħabba f'hekk jiffaċċjaw standards ta' tagħlim aktar baxxi minn dawk tal-bqija tal-popolazzjoni. L-opportunitajiet ta' taħriġ għall-għalliema biex jgħinuhom jiffaċċjaw din il-kwistjoni ma humiex żviluppati sewwa, u hemm biss proporzjon baxx ta' għalliema li jieħdu sehem fattivajiet ta' żvilupp professjonali marbuta mat-tagħlim ta' gruppi b'abbiltà mħallta u mal-edukazzjoni inklussiva. Ittieħdu għadd sinifikanti ta' miżuri leġiżlattivi u amministrattivi lejn l-edukazzjoni inklussiva u dawn bdew jiġu implimentati. Dawn mistennija li jkun ta' kontribut biex jitnaqqas id-distakk fil-kisba edukattiva bejn tfal Rom u mhux Rom. Il-Parlament adotta emendi għall-Att dwar l-Edukazzjoni f'Marzu

2016 li jestendu l-edukazzjoni obbligatorja għall-aħħar sena tal-edukazzjoni preprimarja u li jiżgura li t-fal iżgħar ikunu intitolati għal post f'kindergarten. Madankollu, l-inugwaljanzi fis-sistema edukattiva jirrappreżentaw ostaklu għat-titjib tal-kwalità tal-kapital uman u jxekklu wkoll l-eżiti tas-suq tax-xogħol aktar tard fil-ħajja.

- (12) Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol fir-Repubblika Ċeka tjobet iżda aktar żidiet fir-rata tal-impjeg ser tkun tiddependi fuq parteċipazzjoni akbar ta' gruppi sottorappreżentati. Dawn jinkludu nisa bi tfal iżgħar, ħaddiema bi ftit kwalifiki u l-membri tal-komunità Rom. Il-kapaċitajiet tas-servizzi tal-impjeg pubbliku li jilhq u lin-nies, flimkien ma' politiki approprijati u mmirati tajjeb tas-suq tax-xogħol u servizzi individwalizzati, ikunu ta' kontribut biex tiżdied il-parteeipazzjoni ta' gruppi vulnerabbli. Il-parteeipazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa bi tfal iżgħar hi mxekkla minn nuqqas persistenti ta' servizzi ta' kura tat-tfal bi prezz raġonevoli u ta' kwalità, b'mod partikolari għal tfal ta' taħt it-tliet snin, u bl-użu limitat ta' arranġamenti flessibbli għall-ħinijiet tax-xogħol. Ittieħdu xi miżuri f'dawn l-aħħar snin biex jindirizzaw dan in-nuqqas iżda hemm lok għal aktar sforzi sostanzjali.
- (13) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tar-Repubblika Ċeka u ppublikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma, u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lir-Repubblika Ċeka fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fir-Repubblika Ċeka imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (3) ta' hawn taħt.
- (14) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u huwa tal-opinjoni ⁽¹⁾ li r-Repubblika Ċeka mistennija li tkun konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Repubblika Ċeka tieħdu azzjoni fl-2016 u l-2017 biex:

1. Tieħu miżuri biex tiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, fid-dawl ta' riskji futuri fil-qasam tal-kura tas-saħħa. Tadotta leġislazzjoni li ssaħħaħ il-qafas fiskali.
2. Tnaqqas l-ostakli regolatorji u amministrattivi għall-investment, b'mod partikolari fit-trasport u l-enerġija, u żżid id-disponibbiltà ta' servizzi tal-gvern elettroniku. Tadotta r-riformi pendenti kontra l-korruzzjoni u ttejjeb il-prattiċi tal-akkwist pubbliku.
3. Issaħħaħ il-governanza fis-sistema tar-riċerka u l-iżvilupp u tiffaċilita r-rabtiet bejn id-dinja akkademika u l-intrapriżi. Tkabbar l-attrattività tal-professjoni tat-tagħlim u tieħu miżuri biex iżżid l-inklużjoni ta' tfal żvantaġġati, inklużi r-Rom, fl-iskejjel regolari u dawk preskolastiċi. Tneħħi l-ostakli għal parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol tal-gruppi sottorappreżentati, b'mod partikolari tan-nisa.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

(¹) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 ta' Ċipru u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 ta' Ċipru**

(2016/C 299/07)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat ta' Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ċipru kien soġġett għal programm ta' aġġustament makroekonomiku sal-31 ta' Marzu 2016 f'konformità mal-Artikolu 1(2) tad-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni 2013/463/UE tal-Kunsill ⁽³⁾. Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, Ċipru kien eżenti mill-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika għad-durata tal-programm. Ladarba ħareġ mill-programm, Ċipru issa huwa integrat bis-sħiħ fis-Semestru Ewropew.
- (2) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija indikat li s-sitwazzjoni ta' Ċipru għandha tiġi vvalutata fil-kuntest tal-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku wara l-konklużjoni tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Din

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/463/UE tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2013 dwar l-approvazzjoni ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għal Ċipru u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/236/UE (ĠUL 250, 20.9.2013, p. 40).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠUL 140, 27.5.2013, p. 1).

ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽¹⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, Ċipru għandu jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

- (3) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2016 għal Ċipru ġie ppubblikat fis-7 ta' April 2016. Dan ivvaluta s-sitwazzjoni ekonomika u soċjali ta' Ċipru u l-isfidi wara l-ħruġ tiegħu mill-programm ta' aġġustament makroekonomiku fil-31 ta' Marzu 2016, u l-progress ta' Ċipru lejn il-miri nazzjonali tal-Europa 2020. Dan inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fis-7 ta' April 2016, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond. Il-Kummissjoni, permezz tal-analiżi tagħha, tikkonkludi li Ċipru qed jesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod partikolari, huwa essenzjali li jittratta l-istokk kbir ta' żbilanċi f'forma ta' eċċess ta' dejn privat, pubbliku u estern, u l-livell għoli ta' self improduttiv.
- (4) Fit-28 ta' April 2016, Ċipru ppreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tiegħu u, fit-13 ta' Mejju 2016, wara d-data tal-iskadenza, il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tiegħu. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.
- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif se tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni flinji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment ma' governanza ekonomika soda.
- (6) Wara t-tħassir tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, Ċipru qiegħed fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġett għar-regola tad-dejn tranżizzjonali. Il-bilanċ strutturali fl-2015 huwa stmat li jkun f'surplus li jilħaq 1,7 % tal-PDG, u jaqbeż l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju bl-istess ammont. Fuq il-bażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju mistenni jkompli jintlaħaq ukoll fl-2016. Madankollu, jekk ma jinbidlux il-politiki, hemm riskju ta' xi devjazzjoni mill-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2017. Il-bilanċ strutturali ta' Ċipru huwa proġettat li jiddeterjora iktar milli huwa permess taħt ir-regola tad-dejn tranżizzjonali. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà, u meta titqies il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2016, il-Kunsill huwa tal-fehma li jeżisti r-riskju li Ċipru ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għalhekk, jinħtieġu iktar miżuri biex jiżguraw konformità fl-2017.
- (7) Ċipru implimenta riformi fiskali-strutturali importanti taħt il-programm ta' aġġustament makroekonomiku tiegħu. Ċerti partijiet ta' leġiżlazzjoni sekondarja għad iridu jiġu adottati rigward il-proċeduri għall-preparazzjoni tal-baġit, rekwiżiti għal aġġustamenti baġitarji fl-istess sena u responsabbiltajiet ta' uffiċjali ta' kontroll tal-impjenji. Is-settur pubbliku għadu kkaratterizzat minn ineffiċjenzi. B'mod partikolari, l-amministrazzjoni pubblika hija mmarkata minn wieħed mill-ogħla kontijiet tal-paga (bħala perċentwal tal-PDG) fiż-żona tal-euro, filwaqt li l-indikaturi tal-effiċjenza għadhom medji u jistgħu jiġu ttraċċati għan-nuqqas ta' mobbiltà u ta' inċentivi għal prestazzjoni. Utilitajiet ipprovduti mill-Istat (telekomunikazzjoni, enerġija) huma mmarkati bi prezzijiet għoljin u għadhom relattivament protetti mill-kompetizzjoni. Skont il-programm ta' aġġustament makroekonomiku, Ċipru ħa l-impenn li jadotta mekkaniżmu vinkolanti biex jiġu limitati żidiet fis-salarji għall-impjegati pubbliċi bħala mezz li jigarantixxi s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Filwaqt li l-abbozz tal-liġi tħejja u ġie ppreżentat lill-Kamra tar-Rappreżentanti, għadu qed jistenna li jiġi adottat. Skont il-programm ta' aġġustament makroekonomiku, tressqu riforma orizzontali tal-amministrazzjoni pubblika, pjan ta' riforma tal-gvernijiet lokali u liġi għida dwar il-governanza ta' entitajiet tal-Istat biex titjieb l-effiċjenza tas-settur pubbliku, iżda għadhom ma ġewx adottati.

⁽¹⁾ ĠU C 96, 11.3.2016, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (8) Id-dejn tas-settur privat għadu eċċessiv f'Ċipru. Filwaqt li l-oqfsa tal-esklużjoni u insolvenza riformata jikkostitwixxu pass importanti biex jiġu bbilanċjati d-drittijiet tad-debituri u l-kredituri, hemm lok għat-titjib tal-effiċjenza tagħhom u li l-użu tagħhom jiġi estiż. Għadd ta' nuqqasijiet fl-operat ta' dawn l-oqfsa jfjixklu t-tqegħid tad-dejn privat f'perkors sostenibbli u t-tnaqqis aktar mgħaġġel ta' self improduttiv. Dan jaffettwa wkoll il-kapaċità li tiġi offruta t-tieni opportunità għall-impreduturi. Għad hemm ukoll għadd ta' nuqqasijiet fil-funzjonament ta' soluzzjonijiet ta' ristrutturar tas-settur privat tad-dejn. Barra minn hekk, l-adozzjoni tar-regoli u r-regolamenti kollha meħtieġa ta' proċeduri ċivili hija importanti għall-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni dwar l-insolvenza. Sabiex ikun kompletament operazzjonali, is-servizz tal-insolvenza jeħtieġ persunal adegwat, infrastruttura tal-IT u numru suffiċjenti ta' Prattikanti mħarrġa tajjeb u liċenzjati fl-insolvenza. Barra minn hekk, sistemi affidabbli u rapidi għall-ħruġ u t-trasferiment ta' titoli tal-proprjetà huma kruċjali biex jiġi evitat ix-xogħol b'lura u biex jipprovdur lix-xerrejja bi klawżoli ta' protezzjoni, u dan jiggerantixxi determinazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà u jikkontribwixxu għal fiduċja fis-suq tad-djar.
- (9) Ċipru qed jiffaċċa wkoll sfidi kritiċi fir-rigward tal-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja. Proċeduri ineffiċjenti fil-qorti u kapaċità limitata jwasslu għal dewmien fl-ipproċessar ta' kawżi tal-qorti, u dan ifixkel il-funzjonament tal-qafas ta' insolvenza u preklużjoni u jdghajef l-ambjent tan-negozju iġenerali. Fin-nuqqas ta' riforma tal-liġi tal-proċedura ċivili, l-ipproċessar u l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti u t-tnaqqis ta' kawżi pendenti għadu miexi bil-mod.
- (10) Sar progress sinifikanti taħt il-programm ta' aġġustament makroekonomiku biex is-sistema finanzjarja ta' Ċipru tiġi ristrutturata u tkun restawrata l-fiduċja fiha. Madankollu, Ċipru għadu qed jiffaċċa l-isfida li jiġi restawrat is-self normali lill-ekonomija u li jitnaqqas is-self improduttiv, li jibqa' madwar 55 % mit-total ta' self lil unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji. Id-dejn korporattiv għoli jrendi n-negozji inqas kompetittivi u jdghajef il-kapaċità tagħhom biex jinvestu u jkbru. Filwaqt li qiegħed isir progress, l-isforzi tal-banek biex jirristrutturaw id-dejn ta' mutwatarji vijabbli għadhom ma wrewx riżultati tanġibbli u l-provvediment tal-iskoperturi improduttivi tagħhom għadu relattivament moderat. Id-dgħufijiet fl-infurzar tal-kuntratti u d-dixxiplina tal-ħlas huma ta' piż fuq il-kapaċità li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet strateġiċi u biex twaqqaf il-formazzjoni ta' self improduttiv. Il-banek ukoll għandhom aċċess limitat għal informazzjoni dwar id-dħul u l-assi ta' mutwatarji, minkejja l-ħolqien tar-reġistru ta' kreditu.
- (11) Ċipru għamel ħafna progress fit-tmexxija tal-ekonomija mir-riċessjoni, iżda l-investiment għadu baxx u t-tkabbir potenzjali tal-ekonomija miexi bil-mod. Skont il-programm, Ċipru adotta pjan ta' azzjoni għat-tkabbir, li kien immirat lejn it-titjib tal-kompetizzjoni, it-tisħiħ ta' inċentivi għall-innovazzjoni u għall-faċilitazzjoni tal-investiment permezz tal-ħolqien ta' ambjent aktar trasparenti u effiċjenti biex isir in-negozju u jiffaċilita il-proċeduri tal-ħruġ tal-liċenzji u tal-permessi. L-implimentazzjoni tal-pjan ta' privatizzazzjoni u t-tisħiħ tal-awtoritajiet regulatorji nazzjonali li jsaħħu l-produttività għandhom l-għan li jattiraw investiment barrani. Ħafna negozji u SMEs bħalissa għandhom għażliet limitati ħafna għal aċċess għall-finanzjament, fost kundizzjonijiet stretti ta' kreditu bankarju u n-nuqqas ta' sorsi alternattivi ta' finanzjament. L-aċċess għall-finanzjament jista' jiġi faċilitat b'koordinazzjoni mtejbja tal-istrumenti tal-UE bħal pereżempju l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi u l-programmi kompetittivi tal-UE.
- (12) Is-suq tax-xogħol beda jirkupra fl-2015, iżda l-qgħad, għalkemm qed jonqos, għadu għoli. B'mod partikolari, il-qgħad fit-tul u fost iż-żgħażaġh huwa sors ta' tħassib. Ittieħdu xi miżuri fl-oqsma ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol u s-servizzi tal-impjeggi pubbliċi. Madankollu, dawn tal-aħħar għad ma għandhomx il-kapaċità biex tintlaħaq id-domanda, sabiex twassal assistenza u konsulenza għat-tfittix ta' impjeg ta' kwalità u biex iżommu kuntatt mal-persuni qiegħda mhux reġistrati. Il-pjanijiet biex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tas-servizzi pubbliċi tal-impjeggi, inkluż l-ispeċjalizzazzjoni u żieda fin-numru ta' kunsilliera li jaqdu direttament il-ħtiġijiet tal-konsumaturi, ġew imdewma. L-effikaċja ta' politiki attivi ta' strateġiji għas-swieq tax-xogħol hija limitata minħabba n-nuqqas ta' monitoraġġ effikaċi tal-kwalità tal-programmi attwali.
- (13) Il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fl-educazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għadha baxxa u hija karatterizzata minn nuqqas ta' involviment min-naħa ta' min iħaddem fl-educazzjoni tal-istudenti. Madankollu, attwalment qed jiġu implimentati miżuri, f'konformità mal-istrateġija dwar l-educazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

- (14) Ċipru għandu nuqqas ta' kopertura universali għall-kura tas-saħħa u s-sistema tal-kura tas-saħħa tiegħu ma tippovdix aċċess adegwat u effettiv għal kura. B'livell baxx ta' finanzjament pubbliku għal kura tas-saħħa, il-ħtiġijiet mhux issodisfati — minħabba spejjeż kif ukoll il-ħlas mill-but — huma ħafna ogħla minn dawk fi Stati Membri oħra tal-UE. Hemm lok għat-titjib tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. Aktar awtonomija għall-isptarijiet pubbliċi u l-ħolqien ta' sistema nazzjonali tas-saħħa huma fost il-miżuri li tqiesu rilevanti, iżda li għadhom ma għewx adottati, biex titjeb l-adegwatezza u l-kosteffettività tas-sistema tas-saħħa Ċiprijotta.
- (15) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Ċipru u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm ta' Riforma Nazzjonali ta' Ċipru. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika sostenibbli fiskali u soċjoekonomika f'Ċipru imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (5) ta' hawn taħt.
- (16) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (17) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (5) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Ċipru jieħu azzjoni fl-2016 u l-2017 biex:

1. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, jirrispetta l-objettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2016 u l-2017. Sa tmiem l-2016, jadotta mekkaniżmu vinkolanti li fih ir-rata ta' tkabbir tal-kumpens ta' impjegati pubbliċi. Sa tmiem l-2016, jadotta r-riforma orizzontali tal-amministrazzjoni pubblika u l-liġi dwar it-tmexxija ta' entitajiet li huma proprjetà tal-Istat u jimplementa r-riforma tal-gvernijiet lokali. Sa tmiem l-2016, jadotta l-leġislazzjoni sekondarja biex jitlestha l-qafas baġitarju l-ġdid.
2. Sa Ġunju 2017, jelimina l-ostakli għall-implimentazzjoni sħiħa tal-oqfsa ta' insolvenza u esklużjoni u jiżgura riżorsi adegwati għas-Servizz tal-Insolvenza. Jiżgura sistemi affidabbli u rapidi għall-ħruġ ta' titoli tal-proprjetà u t-trasferiment ta' drittijiet ta' proprjetajiet immobbli. Iżid l-effiċjenza u l-kapaċità tas-sistema tal-qradi. Jirrifirma l-liġi dwar il-proċedura ċivili.
3. Sa tmiem l-2016, jieħu miżuri addizzjonali biex jiżgura tnaqqis fis-self improduttiv u l-valutazzjonijiet preċiżi ta' kollateral għal skopijiet ta' proviżjonament. Iżid il-firxa ta' informazzjoni disponibbli għall-kredituri u jtejjeb l-informazzjoni mogħtija attwalment biex jagħmel ir-reġistru tal-kreditu kompletament effettiv.
4. Jelimina l-ostakli għall-investment, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għat-tkabbir, billi jwettaq il-pjan ta' privatizzazzjoni u t-tisħiħ tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Jieħu miżuri biex iżid l-aċċess għall-finanzjament għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju.

(¹) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

5. Isaħħaħ il-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjegi u l-forniment tagħhom li jkunu qiegħda fit-tul; itejjeb is-sensibilizzazzjoni għal persuni qiegħda mhux reġistrati. Jadotta leġislazzjoni għal riforma tal-isptar u jmexxi bl-implimentazzjoni ppjanata ta' kopertura universali għall-kura tas-saħħa.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Bulgarija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tal-Bulgarija**

(2016/C 299/08)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija li fih identifikat lill-Bulgarija bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2016 għall-Bulgarija ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Huwa vvaluta l-progress li għamlet il-Bulgarija biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottat mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress li għamlet il-Bulgarija lejn il-miri nazzjonali tiegħu ta' Ewropa 2020. Dan inkluda wkoll analiżi fil-fond taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni li ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Bulgarija qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod partikolari, l-ekonomija hija karatterizzata minn fraġilitajiet li għadhom jeżistu fis-settur finanzjarju u minn dejn korporattiv għoli fil-kuntest ta' rata għolja ta' qgħad.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

- (3) Fil-15 ta' April 2016, il-Bulgarija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2016 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess żmien.
- (4) Fl-ippogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020 ġew indirizzati rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdi dettalji ulterjuri dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni f'linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropew ma' governanza ekonomika tajba.
- (5) Il-Bulgarija bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tiegħu, il-Gvern qed jippjana titjib gradwali tal-bilanċ nominali għal - 1,9 % tal-PDG fl-2016 u għal - 0,2 % tal-PDG fl-2019. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG — huwa pplanat li jintlaħaq fl-2017. Skont il-Programm ta' Konverġenza, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG huwa mistenni li jilħaq il-livell massimu tiegħu b'31,8 % fl-2018 u jonqos għal 30,8 % fl-2019. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa kemxejn favorevoli. Il-miżuri meħtieġa għas-sostenn tal-miri tad-defiċit ipplanati mill-2017 'il quddiem ma' ġewx speċifikati biżżejjed. Abbażi tal-previżjonijiet tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2016, jeżisti riskju ta' xi devjazzjoni mill-pjan ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2016 kif ukoll fl-2017, jekk ma' jkun hemm l-ebda tibdil fil-politika. Abbażi tal-evalwazzjoni tagħha tal-Programm ta' Konverġenza, u fil-kunsiderazzjoni tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, il-Kunsill huwa tal-fehma li l-Bulgarija mistennija li, b'mod ġenerali, tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbilizzazzjoni u Tkabbir. Madankollu, ser ikun hemm bżonn miżuri ulterjuri fl-2016 u fl-2017 biex tiġi ggarantita l-konformità.
- (6) Il-Bulgarija għamlet xi progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjoni tas-sena l-oħra biex titjeb l-effiċjenza tal-infiq fis-servizzi tas-saħħa, partikolarment permezz tat-tfassil ta' pjan nazzjonali tas-saħħa, li jippermetti li l-infiq mediku jiġu pplanati skont kriterji territorjali u l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni. Is-sistema tas-saħħa Bulgara qiegħda tħabbat wiċċha ma' sfidi serji, inkluż aċċess limitat, finanzjament baxx u r-riżultati batuti tal-kura medika. Minkejja l-isforzi reċenti biex jitjeb il-ġbir tat-taxxa, l-ekonomija moħbija tibqa' sfida sinifikanti li taffettwa d-dħul pubbliku. Ix-xogħol mhux iddikjarat, inkluża r-rimunerazzjoni dikjarata f'livell aktar baxx minn dak reali u l-evazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, twassal għal distorsjoni fis-suq tax-xogħol u tnaqqas id-dħul fiskali.
- (7) Każijiet ta' Prattiki kummerċjali mhux prudenti fis-settur finanzjarju, partikolarment fis-settur bankarju, flimkien ma' superviżjoni ineffiċjenti, ħolqu ambjent ta' żbilanċi li jakkumulaw. It-tlestija, b'mod trasparenti u skont l-aħjar Prattiki internazzjonali, tal-analiżijiet li tnedew dan l-aħħar tas-setturi tal-banek, dak tal-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjonijiet, u t-tneħħija ta' azzjonijiet neċessarji ta' segwitu ser isaħħaħ il-fiduċja fis-settur finanzjarju. Barra minn hekk, sforzi kontinwi biex titjeb is-superviżjoni finanzjarja, kemm fis-settur bankarju kif ukoll f'dak mhux bankarju, ser ikollhom rwol importanti fit-tisħiħ tas-sistema finanzjarja biex din tkun fil-pożizzjoni li ssostni l-irkupru makroekonomiku li beda jidher.
- (8) Is-suq tax-xogħol għadda minn irkupru modest iżda d-dgħufijiet li għad fadal għadhom ixekklu t-tkabbir u jirrestrinġu l-kapaċità ta' aġġustament tal-ekonomija. L-aġġustament tas-suq tax-xogħol huwa mxejkel min-natura strutturali tal-qgħad għat-tul, forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ u tiċkien, parteċipazzjoni baxxa fis-suq tax-xogħol u n-nuqqas ta' tlaqqiħ tal-ħiliet mal-bżonnijiet. Filwaqt li l-qgħad qiegħed jonqos ftit ftit, għad hemm sfidi importanti, pereżempju fir-rigward ta' persuni qiegħda għal żmien twil u ż-żgħażaħ barra mill-edukazzjoni, impieg jew taħriġ. Linji ta' politika attivi fis-suq tax-xogħol jista' jkollhom rwol aktar qawwi fl-għoti ta' għajtna lil dawn il-gruppi biex ikollhom aċċess għas-suq tax-xogħol. L-attivazzjoni ta' persuni fuq il-benefiċċji soċjali hija

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

ostakolata mill-frammentazzjoni tal-aġenziji differenti li jagħti l-benefiċċji u s-servizzi ta' integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, u mill-kooperazzjoni limitata bejniethom. Lċ-ċentri ddedikati għax-xogħol u l-għajjnuna soċjali, li jikkombinaw is-servizzi tal-aġenzija tal-impjieg u l-Aġenzija tal-Assistenza Soċjali, ġew żviluppatti fi proġett pilota iżda għadha ma tiegħet l-ebda deċiżjoni biex il-proġett jiġi attivat f'format aktar mifrux f'Diċembru 2016.

- (9) Għalkemm il-paga minima fil-Bulgarija għadha l-aktar waħda baxxa fl-Unjoni, din żdiedet sostanzjalment mill-2011 u n-nuqqas ta' kriterji oġġettivi għall-iffissar tal-paga minima joħloq inċertezza. Minkejja ħidma mill-Gvern u mis-sħab soċjali f'dan il-qasam, il-Bulgarija għad ma għandhiex linji gwida ċari jew kriterji trasparenti kif tiġi stabbilita l-paga minima li jieħdu f'kunsiderazzjoni l-impatt tagħha fuq il-ħolqien tal-impjegji, il-kundizzjonijiet soċjali u l-kompetittività.
- (10) Fil-Bulgarija għad hemm livelli għoljin ħafna ta' persuni friskju ta' faqar jew tal-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanza. Il-progress fl-indirizzar tal-faqar u l-esklużjoni soċjali huwa mxekkel bl-isfidi kontinwi ġejjin mill-integrazzjoni tar-Rom fil-forza tax-xogħol, il-faċilitazzjoni tat-transizzjoni mill-iskola lejn ix-xogħol, u t-titjib tal-kopertura u l-effettività tal-linji ta' politika fl-oqsma soċjali, tas-saħħa, u tas-suq tax-xogħol. L-iskema ġenerali ta' dħul minimu tipprovdli livelli limitati ħafna ta' appoġġ u ta' sensibilizzazzjoni fost il-popolazzjoni. Il-livell tal-benefiċċju huwa aktar baxx mil-linja tal-faqar u ma żdiedx f'konformità mal-iżviluppi fil-paga medja u minima tal-aħħar snin. L-istimi dwar il-kopertura jindikaw li parti kbira ta' dawk li suppost jieħdu l-benefiċċji fil-fatt ma jirċevuhomx. Sensibilizzazzjoni aħjar tal-gruppi fil-mira, filwaqt li tinżamm ir-responsabbiltà fiskali, tkun ta' għajjnuna biex jittaffa' l-faqar.
- (11) Is-sistema edukattiva għandha kapaċità limitata biex tinkludi gruppi vulnerabbli u biex tgħammar l-istudenti b'ħiliet rilevanti. Gruppi vulnerabbli bħar-Rom u studenti li ġejjin minn familji foqra għadhom qed jiffaċċjaw ostakli sinifikanti biex ikollhom aċċess għall-edukazzjoni u biex ilestuha. Il-livell tar-reklutaġġ fost ir-Rom fil-livell kollha tal-edukazzjoni huwa b'mod sinifikanti anqas minn dak ta' dawk li ma humiex Rom. Ir-rata ta' tluq bikri mill-iskola għadu qiegħed jiżdied u huwa għoli b'mod partikolari fiż-żoni rurali u fir-reġjuni anqas żviluppatti. It-tneħħija tal-ostakli għall-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal ta' tfal żvantaġġati hija essenzjali biex jitjiebu r-riżultati fl-edukazzjoni u biex ma jkunx hemm tluq bikri. Liġi ġdida dwar l-edukazzjoni preprimarja u skolastika adottat mill-Parlament f'Settembru 2015 hija pass importanti lejn riforma komprensiva tas-sistema skolastika. L-implimentazzjoni ta' din il-leġislażzjoni, flimkien ma' miżuri mmirati biex jingħelbu l-ostakli mhux leġislativi għall-parteċipazzjoni sħiħa ta' gruppi żvantaġġati fl-edukazzjoni, għandha tikkontribwixxi biex jitjieb il-potenzjal tat-tkabbir u l-koeżjoni soċjali tal-ekonomija tal-Bulgarija fit-tul. Ir-rati ta' reklutaġġ u ta' gradwazzjoni fl-edukazzjoni terzjarja qegħdin jogħlew u r-rata tal-impjieg ta' gradwati reċenti qiegħda tirkupra bil-mod, għalkemm għadha taħt il-medja tal-UE b'mod sinifikanti.
- (12) Ir-riskji li jirriżultaw minn dejn korporattiv għoli u l-ostakli għad-diżingranaġġ għadhom sinifikanti. Il-qafas ta' insolvenza attwali ma tantx jagħti lok għal proċess ta' ristrutturazzjoni effettiv tad-dejn u f'it li xejn jiswa biex jindirizza l-livell għoli ta' dejn tal-kumpaniji. Riformi biex jiffaċilitaw il-proċeduri ta' insolvenza tal-kumpaniji jistgħu jtejbu d-diżingranaġġ u jwittu t-triq lejn self ġdid u investment.
- (13) Is-sistema tal-akkwist pubbliku fil-Bulgarija għadha tbatli minn nuqqasijiet strutturali, inklużi irregolaritajiet sistematiċi fil-proċeduri ta' akkwist, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva u mekkaniżmi ta' kontroll deficijenti, flimkien ma' appelli sistematiċi fil-qorti li sikwit idewmu x-xogħlijiet fuq il-post. Sar biss f'it progress fit-transizzjoni lejn akkwist elettroniku komplut. In-nuqqasijiet fis-sistema Bulgara ta' akkwist pubbliku wasslu għal interruzzjoni ta' pagamenti u korrezzjonijiet finanzjarji fil-programmi ta' finanzjament tal-UE u jaffettwaw ukoll l-ambjent kummerċjali usa' fil-Bulgarija.
- (14) Linji instabbli ta' politika u nuqqas ta' fiduċja f'istituzzjonijiet pubbliċi ewlenin, bħal pereżempju l-ġudikatura, jikkostitwixxu deterrenti importanti għall-investment fl-ekonomija Bulgara. L-implimentazzjoni bil-mod tar-riformi fl-amministrazzjoni pubblika kif ukoll ir-riformi f'setturi speċifiċi bħal ma huma r-riċerka, l-innovazzjoni u l-enerġija, ixekklu l-progress fit-titjib tal-klima tal-investment. Għalkemm il-Bulgarija adottat qafas strateġiku ta' riforma u modernizzar tal-amministrazzjoni pubblika tagħha, il-progress huwa kajman u l-implimentazzjoni spiss tkun posposta. Il-leġislażzjoni l-ġdida mhijiex soġġetta għal valutazzjoni sistematika tal-impatt, għalkemm saru xi sforzi biex dan jiġi rranġat. Bidliet frekwenti fil-qafas legali joħolqu inċertezza u jaffettwaw l-ambjent tan-negozju. Il-korruzzjoni għadha preokkupazzjoni sinifikanti u r-reazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal din il-problema għadha mxekkla minn istituzzjonijiet dgħajfa u frammentati. Taħt il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika (CVM) il-Bulgarija tirċievi rakkomandazzjonijiet fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. Filwaqt li dawn l-oqsma huma ta' importanza kruċjali għall-ambjent kumplessiv tan-negozju, huma għaldaqstant mhux koperti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-Bulgarija.

- (15) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Bulgarija, u ppubblikata fir-rapport tal-pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Bulgarija fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Bulgarija imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (4) ta' hawn taħt.
- (16) Fid-dawl ta' din l-evalwazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (17) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (4) ta' hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Bulgarija tiegħu azzjoni fl-2016 u l-2017 biex:

1. Tikseb aġġustament fiskali annwali ta' 0,5 % tal-PDG lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2016 u l-2017. Tkompli ttejjeb il-ġbir tat-taxxa u tiegħu miżuri biex tnaqqas il-firxa tal-ekonomija informali, inkluż ix-xogħol mhux dikjarat.
2. Sa tmiem l-2016, tiffinalizza l-analiżi tal-kwalità tal-assi u t-test tal-istress tal-banek. Tlesti, sal-aħħar tal-2016, reviżjoni tal-karta tal-bilanċ u t-test tal-istress tal-kumpanniji tal-assigurazzjoni u l-analiżi tal-assi tal-fondi tal-pensjonijiet privati. Tiegħu, kif meħtieġ, azzjonijiet ta' segwitu fit-tliet setturi kollha kemm huma u tkompli ttejjeb is-superviżjoni tas-settur bankarja u ta' dak mhux bankarju.
3. Issaħħaħ u tintegra l-ghajjnuna soċjali, inkluż is-servizzi soċjali u l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għal dawk li ilhom qiegħda żmien twil u ż-żgħażaġh li huma barra mill-edukazzjoni, l-impjeg jew it-taħriġ. Iżżid l-għoti ta' edukazzjoni ta' kwalità għal gruppi żvantaġġati, inklużi r-Rom. Ittejjeb l-effiċjenza tas-sistema tas-saħħa billi ttejjeb l-aċċess u l-iffinanzjar, u r-riżultati tal-kura tas-saħħa. F'konsultazzjoni mas-sħab soċjali tistabbilixxi linji gwida u kriterji għall-iffissar tal-paga minima. Iżżid il-kopertura u l-adegwatezza tal-iskema tad-dħul minimu.
4. Tirriforma l-qafas tal-insolvenza biex jitħaffu l-proċeduri ta' rkupru u riżoluzzjoni u ttejjeb l-effikaċja u t-trasparenza tagħhom. Iżżid il-kapaċità tal-qradi dwar proċeduri ta' insolvenza. Issaħħaħ il-kapaċità tal-Aġenzija tal-Akkwist Pubbliku u l-awtoritajiet tal-kuntratti u ttejjeb it-tfassil u l-kontroll ta' proċeduri ta' sejħiet għal offerti pubbliċi, b'mod partikolari billi tiġi implimentata bis-sħiħ l-Istrateġija Nazzjonali għall-iżvilupp tas-Settur tal-Akkwist Pubbliku (2014-2020). Tħaffef l-introduzzjoni tal-akkwist elettroniku.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

⁽¹⁾ Taħt l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Belġju u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Belġju**

(2016/C 299/09)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Belġju bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽³⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, il-Belġju għandu jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' din ir-Rakkomandazzjoni.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2016 għall-Belġju ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Dan ivvaluta l-progress li għamel il-Belġju fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u kien jinkludi analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 96, 11.3.2016, p. 1.

l-Belġju mhu għaddej mill-ebda żbilanċ makroekonomiku. Prestazzjoni esterna aktar dgħajfa flimkien ma' pożizzjoni ta' dejn pubbliku għoli jistgħu joħlqu riskji fil-ġejjieni. Madankollu, xi żviluppi reċenti jindikaw titjib fil-kompetittività. Miżuri korrettivi — li jinkludu l-moderazzjoni tal-pagi u tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali — wasslu biex jonqos ir-ritmu tat-tkabbir tal-kost lavorattiv. Id-dejn pubbliku mhux qed jonqos, iżda jidher li trażżnu r-riskji fuq perjodu qasir.

- (3) Fid-29 ta' April 2016, il-Belġju ppreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tiegħu u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tiegħu. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess żmien.
- (4) Il-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020 indirzzat ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għal kull pajjiż. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet dettalji ulterjuri dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni flinji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma' governanza ekonomika tajba.
- (5) Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 jindika li l-impatt baġitarju tal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati fl-2015 u fl-2016 u tal-miżuri ta' sigurtà eċċezzjonali fl-2016 huwa sinifikanti u jipprovd i evidenza adegwata tal-ambitu u n-natura ta' dawn il-kostijiet baġitarji addizzjonali. Skont il-Kummissjoni, il-kostijiet eliġibbli addizzjonali għar-refuġjati ammontaw għal 0,03 % tal-PDG fl-2015, filwaqt li l-impatt inkrimentali fl-2016 huwa stmat li huwa ta' 0,17 % tal-PDG għan-nefqa relatata mar-refuġjati u ta' 0,12 % tal-PDG għall-miżuri ta' sigurtà. Id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5(1) u fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ikopru din in-nefqa addizzjonali, minħabba l-fatt li l-influss ta' refuġjati kif ukoll il-gravità tat-treddida tat-terroriżmu huma avvenimenti eċċezzjonali, l-impatt tagħhom fuq il-finanzi pubbliċi tal-Belġju huwa sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tkunx kompromessa billi tiġi permessa devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju fuq terminu medju. Għalhekk, l-aġġustament meħtieġ lejn l-oġettiv baġitarju fuq terminu medju għall-2015 tnaqqas biex jitqiesu l-kostijiet addizzjonali relatati mar-refuġjati. Fir-Rebberġja tal-2017 ser issir il-valutazzjoni finali tal-2016, inkluż tal-ammonti eliġibbli, fuq il-bażi tad-data osservata kif provduta mill-awtoritajiet Belġjani.
- (6) Bħalissal-Belġju qiegħed fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġett għar-regola tranżizzjonali tad-dejn. Fit-18 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE, peress li l-Belġju ma għamilx progress suffiċjenti biex jikkonforma mar-regola tad-dejn fl-2015. Fl-analiżi ġie konkluż li l-kriterju tad-dejn għandu jitqies li ġie ssodisfat. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2016, il-Gvern qed jippjana titjib gradwali fil-bilanċ nominali minn defiċit ta' 2,6 % tal-PDG fl-2015 għal -0,2 % tal-PDG fl-2019. L-oġettiv baġitarju fuq terminu medju rivedut, li huwa pożizzjoni baġitarja bilanċjata f'termini strutturali huwa mistenni li jintlaħaq sal-2018. Madankollu, il-bilanċ strutturali kalkulat mill-ġdid⁽²⁾ għadu juri defiċit strutturali ta' 0,4 % tal-PDG fl-2018. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG huwa mistenni li jilħaq l-ogħla livell tiegħu ta' 106,2 % tal-PDG fl-2016 u li jonqos għal 99,6 % sal-2019. Ix-xenarju makroekonomiku użat għal dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Madankollu, il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri tad-defiċit ppjanati mill-2017 'l quddiem ma ġewx speċifikati b'mod suffiċjenti. Abbażi tat-tbassir tar-Rebberġja tal-2016 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament rakkomandat fl-2016 kif ukoll fl-2016 u fl-2017 flimkien, jekk ma jinbidlux il-politiki. Li kieku l-impatt baġitarju tal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati kif ukoll tal-miżuri ta' sigurtà eċċezzjonali ma tqisx fil-valutazzjoni, id-devjazzjoni proġettata fl-2016 ma kinitx tkun sinifikanti. Il-Belġju mhux imbassar li jkun konformi mar-regola transizzjonali tad-dejn fl-2016 u, wara li jispiċċa l-perjodu ta' transizzjoni, mal-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn fl-2017. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà u filwaqt li jqis it-tbassir tar-rebberġja 2016 tal-Kummissjoni, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li hemm riskju li l-Belġju ma jikkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għaldaqstant ser ikunu meħtieġa aktar miżuri biex jiżguraw il-konformità fl-2016 u fl-2017.
- (7) Flimkien mad-dejn pubbliku għoli teżisti wkoll prestazzjoni dgħajfa fl-esportazzjoni u l-kompetittività. Il-prestazzjoni esterna marret lura mill-2000, kif juri t-telf fis-sehem mis-suq globali, u kienet aggravata minn esportazzjonijiet li huma orjentati l-aktar lejn swieq inqas dinamiċi. Filwaqt li x-xejra negattiva fl-ishma mis-suq

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ Il-bilanċ strutturali kif kalkulati mill-ġdid mill-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni fil-Programm ta' Stabbiltà, skont il-metodoloġija komunement miftiehma.

twaqqfet f'dawn l-aħħar snin, it-telf akkumulat għadu sostanzjali. Speċjalizzazzjoni f'segmenti tas-suq esposti aktar għall-kompetizzjoni tal-prezzijiet ixxekkel il-kapaċità ta' esportazzjoni tal-pajjiż ukoll. Dan huwa partikolarment diffiċli li jiġi rikonċiljat mal-kostijiet lavorattivi għoli tal-pajjiż. Il-kostijiet ta' unità lavorattiva żdied b'rata mgħaġġla sa ftit żmien ilu b'riżultat ta' tkabbir baxx fil-produttività u b'mod partikolari minħabba tkabbir mgħaġġel tal-pagi. Tal-aħħar jista' jiġi attribwit għal ċerti karatteristiċi tas-sistema tal-iffissar tal-pagi. Minn naħa, il-marġnijiet għat-tkabbir reali tal-pagi kienu ripetutament għoljin wisq. Min-naħa l-oħra, l-inflazzjoni qabżet l-aspettattivi tal-inflazzjoni ripetutament u qabżet ukoll dik tal-pajjiżi ġirien. Id-differenza strutturali fir-rati fil-qalba tal-inflazzjoni bejn il-Belġju u l-pajjiżi ġirien hija kkawżata prinċipalment minn żieda ogħla tal-prezzijiet tas-servizzi u funzjonament inqas minn ottimali tas-suq bl-imnut. Din l-inflazzjoni għaddiet fuq it-tkabbir fil-pagi minħabba l-prattika ġenerali ta' indiqar awtomatiku tal-pagi. Flimkien, dawn il-fatturi dgħajfu l-effettività tas-sistema, ikkoordinata ħafna, tal-iffissar tal-pagi. Sabiex iwaqqfu t-tnaqqis fil-kompetittività u l-impatt negattiv tiegħu fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u l-impjeggi, f'dawn l-aħħar snin l-awtoritajiet Belġjani intervjenew fil-proċess tal-iffissar tal-pagi. Ġew imposti miżuri li jimmoderaw il-pagi, inklużi limiti fuq iż-żidiet reali fil-pagi u skemi ta' sospensjoni tal-indiqar tal-pagi. Barra minn hekk qed jiġi implimentat tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Madankollu, biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-korrezzjoni, jinħtieġu riformi strutturali tal-qafas tal-iffissar tal-pagi, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill fis-snin li għaddew. Għalkemm il-Gvern biħsiebu jirrevedi l-Liġi tal-1996 dwar il-promozzjoni tal-impjeggi u l-ħarsien tal-kompetittività, li tipprovdi l-bażi li fuqha s-sħab soċjali jistabbilixxu 'in-norma tal-pagi' kull sentejn, ftit li xejn sar progress sa issa. Jeħtieġ li tiġi żgurata rabta aktar formali bejn il-pagi u l-produttività biex il-kisbiet reċenti ma jintilfux u jiġi evitat li l-problemi tal-passat jirrepetu ruħhom.

- (8) Sar xi progress fil-funzjonament kumplessiv tas-suq tax-xogħol. L-inċentivi għax-xogħol isaħħu permezz ta' miżuri biex jitnaqqas il-porzjon ta' taxa u permezz ta' bidliet fis-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad. Madankollu, differenzi mdaqqsas ta' impjeg bejn gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni qed ikomplu jgħolqu użu kroniku baxx tal-ħaddiema, speċjalment fost il-ħaddiema bi ftit kwalifiki, żgħażaġh, persuni aktar anzjani u persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Barra minn hekk, rati tat-taxxa margġinali għal min jidħol jew jerġa' jidħol fis-suq tax-xogħol jgħolqu nases ta' inattività u ta' pagi baxxi għal min għandu t-tieni sors ta' dħul u għal tipi speċifiċi ta' unitajiet domestiċi bħal mhuma persuni mhux f'relazzjoni u familji b'ġenitur wieħed. Għalhekk huwa importanti li jiġu rfinati u implimentati politiki mmirati lejn li jinkoraġġixxu lin-nies jiċċaqalqu mill-inattività jew mill-qgħad għall-impjeg. L-inugwaljanzi edukattivi relatati mal-isfond soċjoekonomiku huma fost l-ogħla fl-Unjoni u r-riżultati ħżiena fl-iskola jispjegaw parzjalment is-sottoprestazzjoni osservata fis-suq tax-xogħol ta' persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Bħalissa qed jiġu introdotti riformi fl-edukazzjoni li huma intiżi b'mod partikolari biex jindirizzaw it-tluq bikri mill-iskola, u biex itejbu l-għoti tal-kura fl-ewwel snin tat-tfulija u tal-edukazzjoni fl-ewwel snin tat-tfulija. L-awtoritajiet rilevanti qed jimmiraw li jteju l-kwalità u r-rilevanza tas-sistema vokazzjonali. Dawn ir-riformi jistgħu jħaffu t-transizzjoni lejn ekonomija b'għarfien intensiv u dejjem aktar orjentata lejn is-servizz u jżidu t-tlaqqiġ tal-ħiliet filwaqt li jnaqqsu n-nuqqas persistenti ta' ħaddiema f'ċerti okkupazzjonijiet. Barra minn hekk, ir-rati baxxi ħafna tal-attività u tal-impjeg ta' ħaddiema akbar fl-età jeħtieġu politiki li jippromwovu t-tixjiħ attiv u li jappoġġjaw it-talba tas-suq tax-xogħol għal ħaddiema akbar fl-età. Fl-aħħar nett, ta' min jikkunsidra miżuri addizzjonali tat-taxxa li jiffaċilitaw it-teħid tal-impjeggi.
- (9) Għad hemm lok konsiderevoli għal titjib fid-dimensjoni mhux marbuta mal-kost tal-kompetittività esterna. Sabiex jiġu ssalvagwardjati u msaħħa l-livelli attwali ta' benessri, għandu jkun hemm enfasi akbar fuq iż-żieda fil-produttività u l-investment fil-kapital ibbażat fuq l-għarfien. Dan jirrikjedi spinta sostnuta lejn prodotti, u s-servizzi assoċjati magħhom, li jkun aktar 'il fuq fil-katina tal-valur, abbażi ta' prestazzjoni aħjar fl-innovazzjoni u bl-użu tar-riżultati tar-R&Ż. Minkejja s-sistema ta' kwalità tajba tiegħu ta' riċerka pubblika, relativament il-Belġju ftit għandu ditti li qed jikbru malajr f'setturi innovattivi. Barra minn hekk, il-klima tan-negozju hija mfixkla minn piżijiet amministrattivi u regolatorji li jxekklu l-ħolqien u l-espansjoni tal-kumpaniji. Ir-rekwiżiti tal-parteċi-pazzjoni azzjonarja u r-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tal-vot, il-forma ġuridika u l-attivitajiet multidixxiplinari jxekklu d-dinamiżmu fis-suq tas-servizzi tan-negozju. Ir-restrizzjonijiet operazzjonali u r-restrizzjonijiet fuq fejn il-bejjieġha bl-imnut jistgħu jstabbilixxu l-ħanut tagħhom għandhom l-istess effett fis-settur tal-bejgħ bl-imnut. Barra minn hekk hemm nuqqasijiet fl-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, b'penetrazzjoni baxxa tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. Flimkien dawn il-fatturi jikkostitwixxu ostakli sinifikanti għall-investment privat. Infrastruttura substandard u effetti lembut twal ukoll ixxekklu t-tkabbir fil-produttività u l-investment. In-network tat-trasport jirrappreżenta l-akbar lakuna uġenti fl-investment. Il-lok ġeografiku tal-Belġju, flimkien mal-preżenza ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, ippermetta lill-pajjiż biex jattira ħafna ċentri ta' distri-buzzjoni, bażijiet tal-loġistika u kwartieri ġenerali internazzjonali ta' diversi kumpaniji. Madankollu, hemm problema dejjem tikber ta' konġestjoni tat-traffiku fis-siġħat l-aktar intensivi tat-traffiku li ixxekkel il-kapaċità tal-pajjiż li jiġbed lejha investituri barranin u li ġġib magħha kostijiet ekonomiċi u ambjentali kbar. Il-Belġju huwa wkoll mistenni li ma jilħaqx il-miri 2020 tiegħu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għandu problemi serji ta' tniġġis tal-arja. Minħabba l-konċentrazzjoni għolja ta' attivitajiet ekonomiċi madwar il-belt kapitali u l-portijiet, l-aktar sfidi uġenti huma l-aġġornament tal-infrastruttura bażika tal-ferrovija u tat-toroq u l-ħolqien ta' kollegamenti bejn iċ-ċentri ekonomiċi ewlenin. Fl-istess ħin, huwa importanti li tiġi indirizzata

l-konġestjoni fil-ħinjiet l-aktar intensivi billi jitjiebu s-servizzi tat-trasport pubbliku, tiġi ottimizzata l-ġestjoni tat-traffiku u li jiġu eliminati d-distorsjonijiet tas-suq u l-inċentivi avversi tat-taxxa, bħal mhuwa trattament favorevoli għal karozzi tal-kumpaniji.

- (10) Sfida oħra tikkonċerna l-adeqgatezza tal-ġenerazzjoni tal-enerġija domestika u s-sigurtà tal-provvista b'mod ġenerali. Qtagħ mhux ippjanat fil-provvista ta' diversi installazzjonijiet nukleari qajmu tħassib dwar il-mod kif jintlaħaq bilanċ bejn id-domanda u l-provvista tal-elettriku, filwaqt li l-iskeda ta' żmien riveduta ripetutament għat-tneħħija gradwali tal-park nukleari ħolqot klima li ma twassalx biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' investiment fit-tul. Dan huwa rifless f'aktar importazzjonijiet u sigurtà tal-provvista dejjem aktar batuta. Għalkemm ir-riskji tal-provvista fuq perjodu qasir tnaqqsu, il-ħtiġijiet ta' investiment fit-tul għadhom konsiderevoli. Minbarra li tinħtieġ kapaċità fil-produzzjoni domestika ġdida sostanzjali u żieda ulterjuri fl-interkonnessjonijiet, jinħtieġ wkoll grilji intelliġenti biex tiġi żviluppata l-ġestjoni tad-domanda. Minħabba t-tul konsiderevoli ta' żmien ta' tħejjija għal proġetti kbar fis-settur tal-enerġija u b'żonn qawwi ta' sostituzzjoni ta' kapaċità matul id-deċennju li ġej, ser tkun meħtieġa azzjoni rapida, b'mod partikolari fil-forma ta' qafas legali xieraq li jippromwovi ż-żieda fil-kapaċità tal-ġenerazzjoni.
- (11) Il-Belġju għamel xi progress fir-riforma tas-sistema tat-taxxa, b'mod partikolari billi ċaqlaq it-taxxi minn fuq ix-xogħol għal fuq bażijiet ta' taxxa oħrajn, li bil-mod ser inaqqsu l-porzjon tat-taxxa fuq ix-xogħol. It-tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjt personali u fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema ser jgħin ukoll f'dan ir-rigward. Madankollu, is-sistema tat-taxxa għadha kumplessa, b'bażijiet tat-taxxa mikula minn eżenzjonijiet, tnaqqis u rati mnaqqsa speċifiċi. Xi wħud minn dawn jinvolvu telf ta' dħul, distorsjonijiet ekonomiċi, u piż amministrattiv kbir. Barra minn hekk, din il-bidla fil-bażijiet tat-taxxa ma jidhirx li hija newtrali mil-lat baġitarju. Għad hemm lok konsiderevoli għal titjib fid-disinn tas-sistema tat-taxxa b'aktar twessigħ tal-bażijiet tat-taxxa, li jippermetti kemm tnaqqas tar-rati statutorji kif ukoll inqas distorsjonijiet. Hemm ukoll potenzjal konsiderevoli għal ċaqliq "ambjentali" fit-taxxa li jirriżulta, fost affarijiet oħra, minn trattament favorevoli tat-taxxa fuq il-karozzi tal-kumpaniji u l-karti tal-fjuwil, li jikkontribwixxu għat-tniġġis, għall-konġestjoni u għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra.
- (12) F'dawn l-aħħar snin, il-Belġju għamel progress importanti fir-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet tiegħu. Il-liġi tal-10 ta' Awwissu 2015 dwar iż-żieda fl-età tal-pensjoni, il-kundizzjonijiet għal pensjonijiet bikrin u l-età minima għal pensjonijiet tas-superstiti tistabbilixxi età minima u kriterji tat-tul tal-karriera ġodda għall-pensjonijiet ordinarji. Madankollu, anki wara r-riformi reċenti, iż-żieda projettata fil-proporzjon tan-nefqa tal-pensjoni għadha sostanzjali. Rabta awtomatika mal-bidliet fl-istennija tal-għomor, kif rakkomandat fil-passat, tnaqqas ir-riskji għas-sostenibilità fuq terminu medju u twil. F'dan ir-rigward, il-Gvern ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jintroduċi sistema tal-pensjonijiet ibbażata fuq il-kreditu li tkun tista' tippermetti mekkaniżmi ta' aġġustament awtomatiku b'rispons għall-iżviluppi demografiċi. Ser ikompli jsir monitoraġġ mill-qrib ta' dawn il-kwistjonijiet fil-qafas tas-Semestru Ewropew.
- (13) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Belġju u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Belġju fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għas-sostenibilità tal-politika fiskali u soċjoekonomika fil-Belġju imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (3) ta' hawn taħt.
- (14) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

(¹) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Belġju jieħu azzjoni fl-2016 u l-2017 biex:

1. Jilħaq aġġustament fiskali annwali ta' mill-inqas 0,6 % tal-PDG lejn l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2016 u fl-2017. Juża l-qligħ mhux mistenni biex jgħaġġel it-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika. Jaqbel dwar distribuzzjoni infurzabbli tal-miri fiskali fil-livelli kollha tal-gvern. Jissimplifika s-sistema tat-taxxa u jneħħi n-nefġiet distorsivi tat-taxxa.
2. Iwettaq l-analiżi ppjanata tal-Liġi tal-1996 dwar il-promozzjoni tal-impjegi u l-ħarsien tal-kompetittività u b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali. Jiżgura li l-pagi jkunu jistgħu jevolvu f'konformità mal-produttività. Jiżgura l-effettività tal-politiki ta' attivazzjoni s-suq tax-xogħol. Jimxi 'l quddiem fir-riformi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u jipprovdi appoġġ ta' taħriġ għal gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari persuni bi sfond ta' migrazzjoni.
3. Itejjeb il-kapaċità tal-innovazzjoni, b'mod partikolari billi jrawwem l-investiment fil-kapital ibbażat fuq l-għarfien. Iżid il-kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi kummerċjali u fis-settur tal-bejgħ bl-innut billi jneħħi restrizzjonijiet operazzjonali u tal-istabbiliment mhux meħtieġa. Jindirizza n-nuqqasijiet fl-investiment fl-infrastruttura tat-trasport u l-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tan-Netherlands u li jagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tan-Netherlands**

(2016/C 299/10)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbar, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbar ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lin-Netherlands bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽³⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, u fidawl tal-interkonnexxjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, in-Netherlands għandu jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni.
- (2) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2016 għan-Netherlands ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Huwa vvaluta l-progress tan-Netherlands fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress tan-Netherlands lejn il-miri nazzjonali tal-Ewropa 2020 tiegħu. Dan inkluda wkoll l-analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha biex tikkonkludi li n-Netherlands qed jesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. Huwa kruċjali li jiġi indirizzat l-istokk kbir ta' dejn tal-unitajiet

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠUC 96, 11.3.2016, p. 1.

domestiċi. Dan is-surplus favorevoli kbir u persistenti fil-kont kurrenti li jirrifletti fatturi strutturali tal-isfond ekonomiku u ta' politika fir-rigward ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji, jibqa' sfida, anke fid-dawl ta' effetti sekondarji għal Stati Membri oħra taż-żona tal-euro.

- (3) Fit-28 ta' April 2016, in-Netherlands ippreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tiegħu u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tiegħu. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew invaluatati fl-istess żmien.
- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif ser tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni f'linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej mal-governanza ekonomika soda.
- (5) In-Netherlands bħalissa qiegħed fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġett għar-regola tranżizzjoni tad-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tiegħu, il-Gvern qed jippjana titjib gradwali fil-bilanċ nominali tiegħu għal 0,1 % tal-PDG fl-2019. Fl-istess waqt, il-Gvern qed jippjana deterjorament tal-bilanċ strutturali rikalkulat ⁽²⁾ fl-2016 għal -1,4 % tal-PDG u titjib wara dan. L-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG — huwa ppjanat li jintlaħaq fl-2019. Madankollu, fuq il-bażi tal-bilanċ strutturali rikalkulat, l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju jkun intlaħaq diġà sa mill-2018. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG huwa mistenni li jilħaq il-65,4 % fl-2016 u mbagħad li jiżdied gradwalment għal 58,9 % fl-2019. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, in-Netherlands qiegħed friskju ta' xi devjazzjoni mir-rekwiżiti tal-fergħa preventiva fl-2016 u matul l-2016 u l-2017 meħuda flimkien f'każ ta' politiki mhux mibdula. In-Netherlands huwa previst li jikkonforma mar-regola tranżizzjoni tad-dejn fl-2016 u, wara t-tmiem tal-perjodu ta' transizzjoni, mal-punt ta' riferiment tat-tnaqqis tad-dejn fl-2017. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà u wara li qies il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li n-Netherlands huwa mistenni li fil-biċċa l-kbira jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Madankollu, ser ikunu meħtieġa aktar miżuri sabiex tiġi żgurata l-konformità kemm fl-2016 kif ukoll fl-2017.
- (6) It-tkabbir reċenti fl-impjeg jista' jiġi kompletament attribwit għal żieda fin-numru ta' nies impjegati b'kuntratti temporanji u fin-numru ta' nies li jaħdmu għal rashom. Għalkemm in-Netherlands ħa miżuri biex jindirizza din il-kwistjoni, huwa meħtieġ approċċ aktar komprensiv. Rati baxxi ta' transizzjoni minn kuntratti temporanji għal kuntratti permanenti għadhom jippreżentaw riskju ta' segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. Il-perċentwal għoli u li qed jiżdied ta' kuntratti temporanji huwa osservat fil-kuntest ta' differenzi kbar rigward id-dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tal-impjeg f'kuntratti temporanji, fuq naħa, u kuntratti permanenti, fuq in-naħa l-oħra. Il-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati aktar ta' spiss huma assigurati b'mod insuffiċjenti kontra d-diżabilità, il-qgħad u x-xjuħija, li jista' jaffettwa s-sostenibilità tas-sistema tas-sigurtà soċjali fuq medda twila ta' żmien. Ġew introdotti diversi miżuri li jnaqqsu d-differenzi bejn kuntratti permanenti u kuntratti temporanji. Arranġamenti favorevoli tat-taxxa u n-nuqqas ta' obbligi ta' ħlas ta' ċerti kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għadhom jipprovdu inċentivi finanzjarji għal min jaħdem għal rasu.
- (7) Sfida ċentrali fl-indirizzar tal-livelli għolja ta' dejn tal-unitajiet domestiċi hija s-suq tad-djar, fejn riġiditajiet u inċentivi li joħolqu distorsjonijiet li akkumulaw matul deċennji jagħtu l-forma lix-xejriet tal-finanzjament tad-djar u dawk tat-tfaddil settorjali. It-tendenza tal-unitajiet domestiċi li jingranaw id-dejn ipotekarju gross ma' patrimonju immobbiljari fil-biċċa l-kbira tirrifletti inċentivi fiskali li ilhom stabbiliti, b'mod partikolari d-deducibilità mit-taxxa tal-imgħax ipotekarju. Sa mill-2012, sensiela ta' miżuri ġew implimentati biex dan jiġi indirizzat parzjalment, iżda dawn ma ġewx intensifikati f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2015. L-iżvilupp ta' suq privat tal-kiri li jiffunzjona tajjeb huwa ristrett minn sussidji fis-subsetturi l-oħra tal-akkomodazzjoni. Is-settur tal-akkomodazzjoni soċjali huwa wieħed mill-akbar fl-Unjoni iżda l-akkomodazzjoni mhijiex dejjem allokata b'mod effiċjenti lil dawk verament fil-bżonn. Ġie introdott divrenzar tal-kiri bbażat iktar fuq id-dħul fis-settur tal-akkomodazzjoni soċjali. Il-korporazzjonijiet tal-akkomodazzjoni ser ikollhom jiseparaw l-attivajiet ta' interess ekonomiku ġenerali (jiġifieri l-akkomodazzjoni soċjali) minn attivajiet oħrajn. Billi xi

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ Il-bilanċ strutturali kif rikalkulat mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni fil-programm ta' stabbiltà, skont il-metodoloġija miftiehma komunement.

inċentivi distortivi li jorbtu l-kera mal-introjt fis-suq tal-akkomodazzjoni soċjali ġew indirizzati, huwa xieraq li din il-parti tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2015 tiġi trasferita għal monitoraġġ tas-sitwazzjoni. Fl-istess ħin, is-suq tad-djar jibqa' jsofri minn distorsjonijiet sinifikanti u jkompli joħloq preġudizzju favur id-dejn għall-unitajiet domestiċi. Jintħieġ aktar progress fuq dawn il-kwistjonijiet.

- (8) Minbarra d-distorsjonijiet fis-suq tad-djar, kontribuzzjonijiet obligatorji li mhumiex taxxi għat-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet huma piż fuq id-dħul disponibbli tal-unitajiet domestiċi. Is-sistema tal-pensjoni tat-tieni pilastru sejra tajjeb f'termini ta' kwalità u adegwatezza, iżda għandha xi nuqqasijiet f'termini tal-ekwi-tà bejn il-ġenerazzjonijiet, tat-trasparenza u tar-reżiljenza għax-xokkijiet ekonomiċi. F'dawn l-aħħar snin, is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet tgiebet billi l-età tal-pensjoni żdiedet għal 67 mill-2021 u ser tkun marbuta mal-istennija tal-għomor minn hemm 'il quddiem. Bħala medja, il-kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet tnaqqsu peress li l-ogħla rata ta' akkumulazzjoni eżentata mit-taxxa tnaqqset. Distribuzzjoni intragenerazzjonali u interġenerazzjonali tal-kostijiet u r-riskji lil hinn mir-regoli adottati dwar l-indiċjar u l-ilqugħ finanzjarju (il-qafas ta' valutazzjoni finanzjarja) jgħin lill-familji jallokaw il-mezzi finanzjarji tagħhom b'modi li jgħinu aktar it-tkabbir. Il-Gvern ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jirrifirma t-tieni pilastru tal-pensjonijiet b'mod sostanzjali bl-involvement tas-sħab soċjali biex joħloq sistema aktar trasparenti u aktar attwarjalment ġusta.
- (9) L-investment naqas b'mod ċar matul il-kriżi ekonomika u rkupra biss parzjalment minn dak iż-żmien. Id-dgħufija fl-investment fl-ekonomija kollha tidher li għandha natura ċiklika b'saħħitha. Kienet xprunata minn tnaqqis fis-suq tad-djar u għażliet ta' konsolidazzjoni fiskali. Filwaqt li l-ostakli għall-investment jidher li huma minuri, l-investment baxx fis-settur tal-konstruzzjoni u fl-enerġija rinnovabbli jidher marbut ma' inċertezza tas-suq u fatturi regolatorji. Minkejja t-titjib fil-kundizzjonijiet tal-kreditu, riskji għal self ġdid huma aggravati fl-ambjent finanzjarju preżenti. L-infiq tal-gvern fuq ir-R&Ż ilu jonqos mill-2014 'il quddiem, filwaqt li l-infiq privat fir-R&Ż għadu baxx. Fl-2015, il-Kunsill għalhekk irrakkomanda li n-Netherlands jidderieġi n-nefqa pubblika iktar lejn l-appoġġ tal-investment fir-R&Ż u jaħdem biex itejjeb in-nefqa privata fuq ir-R&Ż. In-nefqa pubblika u privata fuq ir-R&Ż hija baxxa meta jitqiesu l-livell ta' kisbiet edukattivi u akkademiċi u tal-iżvilupp ekonomiku.
- (10) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tan-Netherlands u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lin-Netherlands fi snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fin-Netherlands imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata input fil-livell tal-UE għad-deċizzjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (3) ta' hawn taħt.
- (11) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu (1) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (12) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni (3) ta' hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li n-Netherlands jieħu azzjoni fl-2016 u l-2017 biex:

1. Jillimita d-devjazzjoni mill-objettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2016 u jikseb aġġustament fiskali annwali ta' 0,6 % tal-PDG fl-2017. Jipprijoritizza n-nefqa pubblika lejn l-appoġġ ta' investment akbar fir-riċerka u l-iżvilupp.
2. Jindirizza l-ostakli li fadal għar-reklutaġġ tal-ħaddiema b'kuntratti permanenti u jiffaċilita t-transizzjoni minn kuntratti temporanji għal kuntratti permanenti. Jindirizza ż-żieda kbira f'persuni impjegati għal rashom mingħajr impjegati, inkluż billi jnaqqas id-distorsjonijiet tat-taxxa li jiffavorixxu l-impjegati indipendenti mingħajr ma jagħmel ħsara lill-intraprenditorija u billi jipprovmovi l-aċċess tal-persuni li jaħdmu għal rashom għal ħarsien soċjali affordabbli.

(1) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

3. Jieħu miżuri biex jagħmel it-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet aktar trasparenti, aktar intergenerazzjonalment ġust u aktar reżiljenti għax-xokkijiet. Jieħu miżuri sabiex inaqqas id-distorsjonijiet li jifdal fis-suq tad-djar u l-preġudizzju favur id-dejn għall-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari bit-tnaqqis tad-deduċibilità tat-taxxa tal-imgħax fuq l-ipoteki.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Estonja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Estonja**

(2016/C 299/11)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir kienu approvati mill-Kunsill Ewropew tas-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lill-Estonja bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽³⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, l-Estonja għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni.
- (2) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2016 għall-Estonja kien ippubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Ġie vvalutat il-progress tal-Estonja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress tal-Estonja lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020. Inkludiet ukoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni twassal biex tikkonkludi li l-Estonja mhux qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 96, 11.3.2016, p. 1.

- (3) Fit-28 ta' April 2016, l-Estonja sottomettiet il-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2016 u fl-10 ta' Marzu 2016 issottomettiet il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.
- (4) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ippogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet dettalji ulterjuri dwar kif ser tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni fil-linji gwida tal-applikazzjoni tal-miżuri li torbot l-effiċjenza tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għal governanza ekonomika soda.
- (5) Attwalment l-Estonja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tiegħu, il-Gvern qed jippjana defiċit nominali ta' madwar 0,5 % tal-PDG fl-2016-2018, biex ikun hemm bilanċ minn hemm 'il quddiem. F'termini strutturali, l-Estonja tkompli tissodisfa l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju — bilanċ strutturali — matul il-perjodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern hu mistenni li jibqa' għal madwar 10 % tal-PDG fl-2017, li jonqos għal madwar 9½ % tal-PDG fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-projezzjonijiet baġitarji hu plawżibbli għall-2016 iżda ottimist għall-2017. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2016, il-bilanċ strutturali hu mbassar li jimxi minn surplus ta' 0,6 % tal-PDG fl-2015 għal bilanċ baġitarju fl-2016 u għal defiċit żgħir ta' 0,2 % tal-PDG fl-2017, li jista' jiġi kkunsidrat bħala qrib l-oġettiv baġitarju fuq żmien medju. Devjazzjonijiet ulterjuri ser jiġu vvalutati mar-rekwiżit li jinżamm il-bilanċ strutturali fl-oġettiv baġitarju ta' terminu medju. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà u filwaqt li jqis it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, il-Kunsill hu tal-opinjoni li l-Estonja hi mistennija li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (6) L-Estonja ħadet passi importanti biex ittejjeb il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, fosthom billi implimentat ir-riforma tal-Kapaċità għax-Xogħol. Ir-riforma, li daħlet fis-seħħ f'Jannar 2016 u li ser tkun implimentata b'mod sħiħ minn Jannar 2017, se żżid il-provvista ġenerali ta' ħaddiema. L-għajnuna għar-riintegrazzjoni ta' dawk li ilhom ħafna barra mis-suq tax-xogħol ser tkun ta' sfida. Qed jitpoġġew fis-seħħ miżuri attivi fis-suq tax-xogħol ġodda biex jgħinu l-benefiċjarji tar-riforma tal-Kapaċità għax-Xogħol biex jidħlu u jibqgħu fis-suq tax-xogħol u saru wkoll bidliet fl-iskema ta' appoġġ finanzjarju.
- (7) L-Estonja ħadet azzjoni biex ittejjeb inċentivi ta' xogħol billi tnaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol għall-gruppi kollha ta' dħul, inklużi dawk bi dħul baxx. Dan kollu seta' kkontribwixxa biex l-Estonja jkollha rata tal-qgħad iktar baxxa u rata ta' impjeg ogħla għall-ħaddiema bi ftit kompetenzi professjonali mill-medja tal-UE. Fost il-miżuri li diġà ġew adottati, rifużjoni tat-taxxa addizzjonali hi ppjanata mill-2017 għal dawk bi dħul baxx. Madankollu, din twassal għal rati tat-taxxa marġinali effettivi, bir-riskju li tinħoloq nassa tal-pagi baxxi u tinkoraggiġixxi l-pagament ta' ħlas fl-idejn. L-impatt ta' dawn il-miżuri ikun magħruf biss wara li jkunu ġew evalwati.
- (8) L-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Tagħlim tul il-Ħajja tal-2020, flimkien mal-programm ta' Edukazzjoni u Təriġ Vokazzjonali għall-2015-2018, għenet biex iżżid il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u təriġ vokazzjonali, u r-rilevanza fis-suq tax-xogħol. Il-proporzjon ta' studenti ta' edukazzjoni u təriġ vokazzjonali f'apprendistati hu mistenni li jiżdied iżda r-rati ta' rtirar fl-edukazzjoni u təriġ vokazzjonali jibqgħu kwistjoni ta' tħassib.
- (9) Għad hemm xi nuqqasijiet fir-rigward ta' postijiet fl-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal għat-tfal ta' bejn 0-3 snin, iżda s-sitwazzjoni qed tittejjeb bis-saħħa ta' postijiet addizzjonali maħluqa kull sena.
- (10) L-Estonja għandha l-ikbar differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa fl-Unjoni, bi 28,3 % fl-2014. Din toħloq riskju li ma jkunx hemm sfruttament sħiħ tal-potenzjal tan-nisa. Id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa hi

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

attribwita, fost fatturi oħrajn, għas-segregazzjoni okkupazzjonali u settorjali tas-sessi fis-suq tax-xogħol, in-nuqqas ta' trasparenza fil-pagi fis-settur privat u l-interruzzjonijiet fil-karriera itwal għal nisa minħabba responsabbiltajiet ta' kura. Il-Gvern ħabbar sensiela ta' miżuri biex jindirizza d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. Il-miżuri ppjanati li għad iridu jiġu adottati u implimentati, fosthom it-titjib fil-ġbir ta' data, l-ispettorati tax-xogħol jingħataw il-kompitu ta' monitoraġġ dwar kif dawk li jħaddmu japplikaw il-prinċipju ta' paga ġusta, il-promozzjoni ta' trasparenza fil-pagi u l-missirijiet jingħataw inċentivi biex jieħdu parti mil-liv tal-ġenituri u ż-żieda għal aċċess tal-faċilitajiet tal-kura tat-tfal. Il-Pjan għall-Ħarsien Soċjali 2016-2023 jinkludi objettivi ta' ugwaljanza bejn is-sessi, b'miżuri għall-indirizzar tas-segregazzjoni tas-sessi fis-suq tax-xogħol u l-ġlieda kontra stereotipi. Hemm miżuri ppjanati għat-tnaqqis tal-piż tal-kura ffamilji u li persuni li jindukraw jinġiebu fis-suq tax-xogħol, b'effetti pożittivi mistennija fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

- (11) Fl-Estonja, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi mhuwiex iggarantit fil-muniċipalitajiet kollha u l-provvista lokali ta' servizzi ta' kwalità foqma bħat-trasport, l-edukazzjoni, il-kura fit-tul għall-anzjani u servizzi soċjali oħrajn fuq livell lokali għadha sfida. F'Marzu 2016, il-Gvern issottometta l-abbozz tal-Att ta' Riforma Amministrattiva lill-Parlament biex iwitti t-triq għal riforma tal-gvern lokali. Ir-riforma tippredvi fużjonijiet mibdija kemm volontarjament u mill-gvern, bil-għan li jiġu offruti servizzi aċċessibbli u ta' kwalità u li tiġi żgurata governanza iktar effiċjenti u kompetenti. L-Att emendat ta' Assistenza Soċjali iwaqqaf rekwiżiti minimi għal disa' servizzi soċjali iżda l-implimentazzjoni tiegħu qiegħed f'riskju minħabba d-dgħufijiet fil-provvista ta' servizz minn muniċipalitajiet. Għadha ma ġietx adottata r-riforma tal-gvern lokali proposta.
- (12) L-Estonja għandha waħda mill-akbar proporzjonijiet ta' investiment għall-PDG kemm għas-settur privat kif ukoll għas-settur pubbliku. Madankollu, għad hemm sfidi għall-pajjiż għat-titjib ulterjuri tal-ambjent għall-investment. L-Estonja ħadet azzjoni biex timplimenta r-riċerka "Estonja bbażata fuq l-Għarfien", strateġija ta' żvilupp u innovazzjoni u l-Istrateġija għat-Tkabbir tal-Intraprenditorija, li flimkien jinkludu l-qafas għal speċjalizzazzjoni intelliġenti. L-iżgurar ta' sinerġiji tajbin bejn dawn l-istrateġiji jista' jgħin biex jstimula r-riċerka privata, l-iżvilupp u l-investment fl-innovazzjoni, speċjalment fi żmien fejn ir-riċerka fin-negozju u l-investment fit-teknoloġija naqsu għal 0,6 % tal-PDG fl-2014 u l-Estonja x'aktarx ma tilħaqx il-mira ta' 3 % tal-PDG għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fl-2020. In-numru ta' kumpaniji li qed jikkooperaw ma' istituzzjonijiet ta' riċerka hu limitat, u dan jirriżulta fl-livell baxx ta' applikazzjonijiet għall-privattivi. Saftrantant fis-snin reċenti, l-istruttura ġenerali tal-esportazzjoni tal-Estonja ta' oġġetti mmanifatturati tidher li nbidlet lejn oġġetti ta' valur iktar baxx. Nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet jistgħu jikkostitwixxu ostaklu għal aktar investiment f'setturi ta' teknoloġija għolja.
- (13) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Estonja u ppubblikat din l-analiżi fir-rapportar mill-pajjiżi tal-2016. Hi vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Estonja fis-snin ta' qabel. Għandu jiġi kkunsidrat mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Estonja iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u gwida tal-UE, minħabba l-ħtieġa ta' tisħiħ tal-governanza ekonomika ġenerali tal-UE bl-għoti ta' input fuq livell tal-UE f'deċiżjonijiet nazzjonali fil-ġejjieni. Ir-rakkomandazzjonijiet taħt is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) hawn taħt.
- (14) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u huwa tal-opinjoni li l-Estonja mistennija li tkun konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Estonja tieħu azzjoni fl-2016 u fl-2017 biex:

1. Tiżgura l-provvista u l-aċċessibilità ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja, speċjalment servizzi soċjali, fuq livell lokali, fost l-oħrajn bl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riforma tal-gvern lokali proposta. Tadotta u timplimenta miżuri biex titnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, inkluż dawk previsti fil-Pjan ta' Assistenza għall-Ħarsien Soċjali.

2. Tippromwovi investiment fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, inkluż bit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-akkademja u n-negozji.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Ungerija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tal-Ungerija**

(2016/C 299/12)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lill-Ungerija bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2016 għall-Ungerija ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Huwa vvaluta l-progress li għamlet l-Ungerija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress tal-Ungerija lejn il-miri nazzjonali tal-Ewropa 2020. Kien jinkludi wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha biex tikkonkludi li l-Ungerija ma għandha l-ebda żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, għalkemm il-ħtieġa għolja ta' rfinanzjament tad-dejn estern u s-sehem ta' self improduktiv jibqgħu ta' tħassib, ir-riskji marbuta ma' obbligazzjonijiet esterni u interni tnaqqsu.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

- (3) Fid-29 ta' April 2016, l-Ungerija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2016 u l-Programm ta' Konverġenza tagħha tal-2016. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess żmien.
- (4) Rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif ser tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni fl-inji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej mal-governanza ekonomika soda.
- (5) Il-Programm ta' Konverġenza jindika li l-impatt baġitarju tal-influss eċċezzjonali tar-refuġjati huwa sinifikanti u addendum tas-6 ta' Mejju jipprovdi evidenza adegwata tal-portata u n-natura ta' dawn il-kostijiet baġitarji addizzjonali. Skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, in-nefqa addizzjonali eliġibbli kienet tammonta għal 0,04 % tal-PDG fl-2015 u bħalissa ma huma mistennija l-ebda kostijiet inkrementali oħra fl-2016. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ikopru din in-nefqa addizzjonali, billi l-influss ta' refuġjati huwa avveniment ta' darba, l-impatt tiegħu fuq il-finanzi pubbliċi fl-Ungerija huwa sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tkunx ippreġudikata billi tiġi permessa devjazzjoni temporanja mill-perkors tal-aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju. Għaldaqstant, l-aġġustament meħtieġ lejn l-oġettiv baġitarju fuq terminu medju għall-2015 tnaqqas biex jieħu kont ta' dawn il-kostijiet. Fir-rigward tal-2016, valutazzjoni finali, inkluż dwar l-ammonti eliġibbli, ser issir fir-rebbiegħa tal-2017 fuq il-bażi tad-data osservata kif ipprovduta mill-awtoritajiet tal-Ungerija.
- (6) Bħalissal-Ungerija qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija suġġetta għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tiegħu, il-Gvern qed jippjana li d-defiċit nominali jiżied għal 2,4 % tal-PDG fl-2017 u mbagħad jonqos gradwalment għal 1,2 % sal-2020. Il-Gvern qed jippjana titjib gradwali tal-bilanċ strutturali sabiex jilħaq l-oġettiv baġitarju rivedut fit-terminu medju tiegħu — defiċit ta' 1,5 % tal-PDG f'termini strutturali — sal-2019. Madankollu, id-defiċit strutturali kkalkulat mill-ġdid ⁽²⁾ jibqa' ogħla mill-oġettiv baġitarju fit-terminu medju. Skont il-Programm ta' Konverġenza, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG huwa mistenni li jonqos gradwalment minn 75,3 % fl-2015 għal inqas minn 65 % fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa fil-biċċa l-kbira plawżibbli sal-2017 u jsir dejjem aktar favorevoli minn hemm 'il quddiem. Il-miżuri meħtieġa biex jiġu sostnuti l-miri tad-defiċit ipplanati mill-2017 'il quddiem ma ġewx speċifikati biżżejjed, b'mod partikolari għal wara l-2017. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, hemm riskju għoli ta' devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament meħtieġ fl-2016 u wkoll, b'politiki mhux mibdula, fl-2016 u l-2017 meħuda flimkien. Fl-istess ħin, l-Ungerija hija prevista li tikkonforma mal-punt ta' riferiment tat-tnaqqis tad-dejn fl-2016 u fl-2017. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Konverġenza u filwaqt li jqis it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li hemm riskju li l-Ungerija ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għaldaqstant, ser ikunu meħtieġa aktar miżuri fis-sentejn li huma sabiex tiġi żgurata l-konformità.
- (7) L-iżbilanċi finanzjarji interni tnaqqsu u s-sistema bankarja saret anqas vulnerabbli, iżda għad fadal sfidi. Sar progress konsiderevoli fit-tnaqqis tad-dejn tas-settur privat, li qabel kien l-aktar denominat f'muniti barranin. Is-sell lill-unitajiet domestiċi wera sinjali ta' rkupru, iżda rkupru totali fis-sell korporattiv għadu ma sehxx. Il-profitabilità tas-settur bankarju qed tirkupra, meġġuna mit-titjib fl-ambjent ekonomiku u minn moderazzjoni tal-politiki preċedenti fir-rigward tat-taxxi fuq il-banek. Madankollu, il-banek jibqgħu kawti fis-sell tagħhom, ukoll jekk huma kapitalizzati sew u likwidi ħafna. L-isfida ewlenija li jibqa' għall-banek hija li jnaqqsu s-sehem li għadu għoli ta' self improduttiv li jfixkel is-sell ġdid u jagħmel pressjoni fuq il-profitti. Ir-riskji ta' obbligazzjonijiet kontinġenti relatati maż-żieda fis-sjieda tal-Istat fis-settur bankarju għadhom għoljin.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ Il-bilanċ strutturali kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni fil-programm ta' konverġenza, skont il-metodoloġija maqbulha b'mod komuni.

- (8) Minkejja titjib reċenti konsiderevoli fil-politiki fiskali u fl-amministrazzjoni tat-taxxa, id-dipendenza tal-Ungerija fuq taxxi speċifiċi għas-setturi għadha xkiel potenzjali għall-investment. Id-disinn selettiv ta' dawn it-taxxi joħloq distorsjonijiet bejn is-setturi. Filwaqt li bosta taxxi oħrajn speċifiċi għas-setturi għadhom fis-seħħ, l-imposta fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu tnaqqset b'mod sinifikanti u r-rati progressivi tat-tariffa tal-ispezzjoni tal-ikel tħassru. Il-feles ta' taxxa fuq ix-xogħol għal dawk bi dħul baxx għadu għoli, speċjalment għal dawk mingħajr tfaġġ. Dan jista' jkollu impatt negattiv fuq l-impjegabilità tagħhom u jista' wkoll ifixkel l-investment. Ittieħdu passi biex jitnaqqas il-feles ta' taxxa (inkluż tnaqqis ta' punt perċentwali wieħed fir-rata tat-taxxa uniformi tat-taxxa fuq l-introjtju personali u żieda tal-konċessjoni tat-taxxa għall-familji għal dawk il-kontribwenti li għandhom żewġ itfal). Madankollu, il-miżuri mhumiex immirati tajjeb biżżejjed biex ikollhom effett sinifikanti għal persuni bi dħul baxx. Hemm potenzjali biex il-piż tat-taxxa jitnaqqas minn fuq ix-xogħol u jiżdied fuq oqsma li jgħolqu inqas distorsjoni għat-tkabbir. Ittieħdu bosta miżuri biex titjeb il-konformità u biex jitnaqqas l-kostijiet tal-konformità, għalkemm l-ispejjeż tal-konformità mar-regoli tat-taxxa għadhom għoljin. Minkejja t-titjib fis-snin reċenti, l-Ungerija għadha qed tħabbat wiċċha ma' sfidi fir-rigward tal-effiċjenza tal-għbir tat-taxxa. Il-Gvern ħabbar riforma istituzzjonali sostanzjali, li għandha titnieda fl-2016, li hija mmirata lejn l-effiċjenza fl-amministrazzjoni tat-taxxa.
- (9) Sar progress limitat fir-rigward tal-promozzjoni tal-kompetizzjoni u t-trasparenza fl-akkwist pubbliku (pereżempju, billi għe adottat l-Att dwar l-Akkwist Pubbliku l-ġdid, li l-konformità tiegħu mad-dritt tal-UE għad trid tiġi vvalutata), filwaqt li bidliet regolatorji imprevedibbli u l-piż amministrattiv ifixklu n-negozju u l-investment privat. In-numru għoli ta' proċeduri n-negozjati mingħajr pubblikazzjoni, u għotjiet ta' kuntratti b'offerta waħda, juru li l-livell baxx ta' kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku għadu jippersisti. F'Mejju 2016, il-Gvern ippreżenta strateġija għall-akkwist elettroniku. L-implimentazzjoni u l-impatt tagħha fuq it-titjib tal-effiċjenza u t-trasparenza jeħtieġ li jiġu mmonitorjati u jibqa' r-riskju ta' korruzzjoni. Ikunu meħtieġa bidliet sabiex il-Programm Nazzjonali ta' Azzjoni kontra l-Korruzzjoni (National Anti-Corruption Action Programme — NAP) il-ġdid tal-2015-2018 isir aktar effikaċi fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni fl-istituzzjonijiet pubbliċi u fl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet dissważivi. Il-Gvern ma gēddix l-impenn preċedenti tiegħu li jirrevedi l-liġi tal-informaturi tal-2013, li hija nieqsa minn dispożizzjonijiet li jipproteġu b'mod adegwat lill-informaturi mir-ritaljazżjoni. Il-pjanijiet tal-PNA għar-reviżjoni tas-sistema tad-dikjarazzjoni tal-assi huma nieqsa mill-ambizzjoni u emendi legiſlattivi ġodda li għaddew fl-2015 introduċew xi restrizzjonijiet oħra għall-aċċess pubbliku għall-informazzjoni. Il-Gvern ħa passi biex inaqqas il-piż amministrattiv, iżda r-regolamenti restrittivi tal-Ungerija fis-setturi tas-servizzi u ambjent regolatorju volatili għadhom ta' tħassib għan-negozji u b'hekk joħolqu inċertezza għall-investituri. Restrizzjonijiet għall-istabbiliment u operazzjonali fuq is-settur tal-bejgħ bl-impnutt jikkonstitwixxu ostakli sinifikanti għad-dħul u għall-espansjoni. Il-mark-ups fis-settur tal-bejgħ bl-impnutt Ungeriż huma t-tielet l-oġhla fl-Unjoni u zdieđu kontinwament għal dawn l-aħħar għaxar snin filwaqt li l-indikatur tal-effiċjenza allokkattiva huwa fost l-aktar baxxi fl-Unjoni.
- (10) L-iżviluppi reċenti tas-suq tax-xogħol huma favorevoli fl-Ungerija, u l-qgħad niżel għal-livelli ta' qabel il-kriżi. Il-ħolqien tal-impjegi fis-settur privat qed jiżdied, iżda l-iskema tax-xogħlijiet pubbliċi kkontribwiet ukoll għat-tnaqqis tal-qgħad. L-iskema hija l-politika attiva tas-suq tax-xogħol ewlenija fl-Ungerija. Il-kost baġitarju tagħha zdieđu b'aktar minn erba' darbiet matul l-aħħar ħames snin. Madankollu, l-iskema ma jidherx li ttejjeb biżżejjed l-integrazzjoni mill-ġdid tal-parteċipanti fis-suq tax-xogħol miftuħ. Fl-ewwel nofs tal-2015, ir-rata ta' ħruġ b'suċċess mill-iskema lejn impjeg regolari kienet ta' 13,1 %, iżda madwar 60 % tal-parteċipanti li ħarġu minnha f'dak il-perjodu rritornaw lura għall-iskema fi zmiġn 180 jum. Dan joħloq riskju sinifikanti li l-parteċipanti jinqabdu fl-iskema, b'mod partikolari ħaddiema b'livell baxx ta' kompetenzi u persuni fregjuni żvantaġġati. Minkejja li l-iskema hija mmirata lejn dawk li ilhom qiegħda għal zmiġn twil, lejn il-ħaddiema b'livell baxx ta' kompetenzi u lejn il-persuni qiegħda li jgħixu f'żoni żvantaġġati, 47 % tal-parteċipanti fl-2015 kellhom edukazzjoni sekondarja jew terzjarja. Il-proporzjon ta' persuni qiegħda involuti f'xogħlijiet pubbliċi huwa wkoll sinifikanti f'kontej bi swieq tax-xogħol bi prestazzjoni tajba. Ir-riforma reċenti tas-servizz tal-impjeg pubbliku huwa probabbli li tagħmlu inqas effikaċi. Il-kumplessità amministrattiva tal-arranġamenti ta' ġestjoni — attwalment ir-responsabilità għas-servizz pubbliku tal-impjegi hija mifruxa bejn erba' ministeri — tista' tikkomprometti b'mod sinifikanti t-tmexxija effettiva u orjentazzjoni akbar lejn ir-riżultati. It-tul massimu tal-benefiċċji tal-qgħad (tliet xhur) huwa l-aktar wieħed baxx fl-Unjoni u huwa ħafna iqsar miż-zmiġn medju meħtieġ biex jinstab impjeg. L-indikaturi tal-faqar qed jitjiebu, iżda għadhom għoljin, speċjalment fost dawk l-aktar żvantaġġati, b'mod partikolari r-Rom u t-tfaġġ. L-adeqwatezza u l-kopertura tal-assistenza soċjali jibqgħu sfida u r-riformi reċenti jistgħu jirrestrinġu aktar il-kundizzjonijiet tal-aċċess għal numru ta' benefiċċji.
- (11) Il-prestazzjoni medja ta' studenti Ungeriżi f'ħiliet bażiċi kienet taħt il-medja tal-UE fil-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudjenti (Programme for International Student Assessment — PISA) tal-OECD għall-2012 u l-proporzjon ta' dawk li kisbu riżultati baxxi zdieđu bejn l-2009 u l-2012. L-influwenza tal-isfond soċjoekonomiku u l-post fejn tkun tinsab l-iskola fuq il-prestazzjoni edukattiva hija fost l-aktar qawwija tal-Unjoni. Is-selettività tas-sistema edukattiva tkabbar id-differenzi fil-prestazzjoni bejn l-istudenti f'tipi differenti ta' skejjel

u dawn id-differenzi jikbru maż-żmien. In-nuqqas ta' aċċess ugwali għal edukazzjoni ordinarja ta' kwalità hija partikolarment akuta għar-Rom. Bl-eċċezzjoni ta' edukazzjoni bikrija tat-tfal, fejn kien hemm titjib sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, għad baqa' differenzi kbar bejn ir-rati ta' tlestija tal-edukazzjoni minn studenti Rom u dawk li mhumiex Rom fil-livelli edukattivi kollha, jiġifieri dak primarju, sekondarju u terzjarju. It-tluq bikri mill-iskola għadu għoli fost ir-Rom. L-Ungerija introduċiet għadd ta' miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw b'mod aktar effettiv il-prestazzjoni baxxa. Madanakollu, dettalji importanti dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri mhumiex disponibbli, u għalhekk kien diffiċli li wieħed jevalwa l-impatt potenzjali tagħhom. Approċċ sistematiku għall-promozzjoni ta' edukazzjoni ordinarja inklużiva għad irid jiġi żviluppat. Il-pjan imħabbar ta' implimentazzjoni għall-istrateġija tat-tluq bikri mill-iskola għad irid jiġi ppubblikat. It-transizzjoni bejn forom u stadji differenti tal-edukazzjoni għadha diffiċli u l-implimentazzjoni ta' riformi reċenti fl-edukazzjoni vokazzjonali għandhom ikunu mmirati lejn l-iffaċilitar tat-transizzjonijiet.

- (12) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Ungerija u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazżjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Ungerija fi snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Ungerija, iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni Ewropea billi jingħata input fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazżjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (3) ta' hawn taħt.
- (13) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Ungerija tieħu azzjoni fl-2016 u l-2017 biex:

1. Fid-dawl tar-riskju għoli ta' devjazzjoni sinifikanti, tikseb aġġustament fiskali annwali ta' 0,3 % tal-PDG lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2016 u ta' 0,6 % tal-PDG fl-2017 sakemm l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju ma jkunx irrispettat bi sforz iżgħar, billi tieħu l-miżuri strutturali neċessarji.
2. Tkompli tnaqqas taxxi speċifiċi għas-setturi u tnaqqas il-feles ta' taxxa għal dawk bi dħul baxx. Issaħħaħ it-trasparenza u l-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku permezz tal-akkwist elettroniku, permezz ta' żieda fil-pubblikazzjoni tas-sejħiet għall-offerti u permezz ta' titjib ulterjuri tal-qafas ta' kontra l-korruzzjoni. Ittejjeb l-ambjent regolatorju fis-settur tas-servizzi u dak tal-bejgħ bl-imnut billi tindirizza r-regolamenti restrittivi u tiżgura l-prevedibbiltà.
3. Tiffaċilita t-transizzjoni mill-iskema tax-xoġhljiet pubbliċi għas-suq tax-xoġhol primarju u ssaħħaħ politiki attivi oħra tas-suq tax-xoġhol. Ittejjeb l-adegwatezza u l-kopertura tal-assistenza soċjali u l-benefiċċji tal-qgħad. Tieħu miżuri biex ittejjeb ir-riżultati edukattivi u biex iżżid il-parteċipazzjoni ta' gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari r-Rom, fl-edukazzjoni ordinarja inklużiva.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

(1) Taħt l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Iżvezja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tal-Iżvezja**

(2016/C 299/13)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Iżvezja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2016 għall-Iżvezja ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Dan ivvaluta l-progress li għamlet l-Iżvezja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż adottata mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

L-progress li għamlet l-Iżvezja lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Europa 2020. Dan lesta wkoll l-analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Iżvezja għaddeja minn żbilanċi makroekonomiċi. Partikolarment, id-dejn domestiku għoli u li qed jiżdied assoċjat mal-prezzijiet għalja tal-akkomodazzjoni u li qed ikompli jogħlew f'kuntest ta' flussi ta' kreditu pożittivi, johlq riskji ta' korrezzjoni diżordnata b'implikazzjonijiet għall-ekonomija reali u s-settur bankarju. Ittieħdu miżuri ta' politika fil-qasam makroprudenzjali, li madankollu jista' jkun li mhumiex suffiċjenti. Għad baqa' lakuni fil-politika fil-qasam tat-tassazzjoni relatata mal-akkomodazzjoni, l-amortizzazzjoni ipotekarja, il-funzjonament tal-provvista tal-akkomodazzjoni u s-suq tal-kera.

- (3) Fit-28 ta' April 2016, l-Iżvezja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tagħha u l-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess żmien.
- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdi dettalji ulterjuri dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni f'linja gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma' governanza ekonomika tajba.
- (5) Bħalissal-Iżvezja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2016, il-gvern qed jippjana li jilħaq bilanċ nominali ta' -0,4 % tal-PDG u li jkompli jirrispetta l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju — defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG — matul il-perjodu kollu tal-programm. Skont il-Programm ta' Konverġenza, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG mistenni li jinżel għal 42,5 % fl-2016 u jkompli jinżel għal 39,1 % fl-2019. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli għall-2016 u kawt għaż-żmien ta' wara. Abbażi tat-tbassir tar-Rebbiegħa 2016 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li ser ikun -0,5 % fl-2016 u -0,9 % tal-PDG fl-2017, aktar mill-oġettiv baġitarju fuq terminu medju. Kull devjazzjoni li tista' sseħħ fil-futur ser tiġi vvalutata fid-dawl tar-rekwiżit li l-bilanċ strutturali jinżamm skont l-oġettiv baġitarju fuq terminu medju. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Konverġenza u filwaqt li jqis t-tbassir tar-Rebbiegħa 2016 tal-Kummissjoni, il-Kunsill hu tal-opinjoni li l-Iżvezja hija mistennija tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (6) Id-dejn tal-unitajiet domestiċi huwa fl-livell għoli ħafna fl-Iżvezja u ilu jikber b'waħda mill-aktar rati mgħaġġla fl-Unjoni matul dawn l-aħħar għaxar snin. Il-proporzjon tad-dejn tal-unitajiet domestiċi mal-introjtu disponibbli annwali kien ta' 175 % fl-2015 skont l-istimi tar-Riksbank (il-Bank Ċentrali tal-Iżvezja), u b'relazzjoni mal-PDG kien ta' 87 %. L-Iżvezja għandha waħda mill-ogħla inċentivi tat-taxxa għal sjieda tal-akkomodazzjoni fl-Unjoni minħabba t-taxxi relattivament baxxi fuq il-proprietà, u tnaqqis għal imgħax għoli ta' self ipotekarju. Il-livell għoli tad-dejn tal-unitajiet domestiċi jikkostitwixxi riskju għall-istabbiltà makroekonomika. Il-Gvern ħa xi passi biex irazzant id-dejn tal-unitajiet domestiċi, inkluż leġiżlazzjoni li għandha l-għan li timponi rekwiżiti mandatorji ta' amortizzament fuq self ipotekarju, li l-Parlament adotta fit-23 ta' Marzu 2016. L-adozzjoni ta' din il-miżura ewlenija ddedmet b'mod sinifikanti minħabba kwistjonijiet li tqajmu dwar il-mandat legali tal-awtorità makroprudenzjali tal-Iżvezja li tintroduċi dan ir-rekwiżit. Hemm riskju li miżuri oħrajn li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi dejjem jiżdiedu tal-Iżvezja jiddewmu bl-istess mod sakemm ma jiġix rivedut il-qafas legali dwar il-kompetenza tal-awtorità makroprudenzjali. Fl-aħħar nett, il-gvern ma ħa l-ebda azzjoni biex jaġġusta l-inċentivi fiskali billi, pereżempju, inaqqas id-deduċibbiltà mit-taxxa tal-imgħax ipotekarju jew jirrevedi t-tassazzjoni fuq il-proprietà.
- (7) Is-suq Żvediż tal-akkomodazzjoni jibqa' sors potenzjali ta' instabbiltà. Il-prezzijiet tal-akkomodazzjoni żdiedu kważi b'mod kostanti matul dawn l-aħħar 20 sena, b'mod partikolari fiż-żoni metropolitani ta' Stokkolma u ta' Gothenburg. Il-prezzijiet tal-akkomodazzjoni baqgħu jogħlew mhux biss minħabba fatturi fundamentali b'saħħithom, bħal żieda fl-introjtu disponibbli, iżda wkoll minħabba l-inefficijenzi strutturali tas-suq tal-akkomodazzjoni. Il-provvista tal-akkomodazzjoni hija mxejkla minn użu ineffettiv tal-istokk eżistenti tal-akkomodazzjoni, livell għoli ta' kontroll fuq il-kera, kompetizzjoni dgħajfa fis-settur tal-konstruzzjoni, nuqqas ta'

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

disponibbiltà ta' art għal kostruzzjoni ġdida u proċeduri twal u kumplessi għall-ippjanar. L-istruttura eżistenti tat-tranżizzjoni tat-taxxa fuq il-qliġ kapitali minn bejgħ ta' proprjetà immobbli jillimita l-potenzjal ta' użu aktar effiċjenti tal-istokk eżistenti tal-akkomodazzjoni. L-ineffiċjenzi strutturali jirriżultaw f'nuqqas ta' investment fl-akkomodazzjoni u nuqqas mifrux ta' akkomodazzjoni, u jikkontribwixxu għaż-żieda persistenti fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni. In-nuqqas ta' akkomodazzjoni disponibbli u bi prezz affordabbli jillimita wkoll il-mobilità tas-suq tax-xogħol u huwa ostaklu għall-integrazzjoni effettiva tal-immigranti fis-suq tax-xogħol. Il-Gvern ħa xi miżuri, inkluża żieda fil-finanzjament pubbliku għall-investimenti fis-settur tal-akkomodazzjoni u ssimplifika xi proċeduri tal-ippjanar. F'Diċembru 2015, inkjesta dwar il-kompetizzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni ħarġet b' serje ta' miżuri possibbli, bħaż-żieda fit-trasparenza fil-qasam tal-kuntratti tal-akkomodazzjoni pubblika. Madankollu, il-Gvern ma għamel l-ebda progress fir-riforma tas-sistema li tistabbilixxi l-kera.

- (8) Minkejja l-prestazzjoni relattivament tajba tal-investment, l-Iżvezja qed tiffaċċa sfidi li jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kompetittività fit-tul tal-pajjiż. B'mod partikolari, l-ineffiċjenzi strutturali tas-suq tal-akkomodazzjoni jxekklu l-investment f'dan il-qasam. Investment fl-infrastruttura biex titjeb il-konnettività fiż-żoni urbani u bejniethom mhux suffiċjenti minħabba l-limitazzjonijiet ikkawżati minn nuqqas ta' akkomodazzjoni.
- (9) F'dawn l-aħħar għaxar snin l-Iżvezja esperjenzat l-akbar tnaqqis fil-prestazzjoni edukattiva taż-żgħażaġh ta' 15-il sena mill-pajjiżi kollha tal-OECD fl-istħarriġ PISA u issa għandha prestazzjoni taħt il-medja tal-UE kif ukoll taħt dik tal-OECD. Riżultati li qed imorru għall-aġar fl-edukazzjoni skolastika qed jheddu li jpoġġu pressjoni fuq il-kompetittività u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Iżvezja fuq terminu twil. Differenza kbira bejn il-prestazzjoni ta' studenti bi sfond ta' migrazzjoni u dawk li ma għandhomx sfond ta' migrazzjoni tkabbar l-isfida fl-edukazzjoni. Dan id-differenza jixirqilha attenzjoni partikolari fid-dawl tal-għadd kbir ta' żgħażaġh migranti li għadhom kif waslu u li jridu jiġu integrati fis-sistema edukattiva. Mekkaniżmi ta' finanzjament tal-iskejjel mhux ċari flimkien ma' monitoraġġ mhux sistematiku tal-użu tal-fondi fil-livelli differenti tas-sistema skolastika jtellfu milli r-riżorsi jintużaw b'mod effiċjenti. Il-Gvern poġġa għad-dispożizzjoni fondi addizzjonali biex ittejjeb ir-riżultati u l-ugwaljanza skolastiċi, u qed jieħu passi biex jintegra l-migranti ġodda fis-sistema edukattiva.
- (10) L-influss kbir ta' refuġjati tas-sena l-oħra għandu għadd ta' konsegwenzi soċjali u ekonomiċi għall-Iżvezja. Filwaqt li fit-terminu l-qasir, l-influss tar-refuġjati huwa mistenni li jżid in-nefqa pubblika u li ser joħloq domanda domestika akbar, u b'hekk jgħolli l-PDG, l-effett fuq terminu medju fuq l-impjiegi u t-tkabbir jiddependi fuq l-integrazzjoni b'suċċess tar-refuġjati fis-suq tax-xogħol u soċjali, inkluż permezz ta' appoġġ edukattiv. Din il-kwistjoni hija 'l fuq ħafna fl-aġenda politika kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istat Membru u ser tiġi mmonitorjata u analizzata mill-qrib, inkluż fir-rapport tal-pajjiż tal-2017.
- (11) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Iżvezja u ppublikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Iżvezja fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Iżvezja iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħa il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċizzjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjoni Nru (1) hawn taħt.
- (12) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza u huwa tal-opinjoni (*) li l-Iżvezja hija mistennija tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (13) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni Nru (1) ta' hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Iżvezja tieħu azzjoni fl-2016 u l-2017 biex:

1. Tindirizza ż-żieda fid-dejn tal-unitajiet domestiċi billi taġġusta l-inċentivi fiskali, b'mod partikolari billi tillimita gradwalment id-deduccibbiltà tat-taxxa fuq il-pagamenti tal-imgħax fuq l-ipoteki jew billi jżid it-taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà. Tiżgura li l-awtorità makroprudenzjali jkollha l-mandat legali biex timplimenta miżuri li jissalvagwardjaw

(*) Taħt l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

l-istabbiltà finanzjarja fil-ħin. Trawwem l-investiment fl-akkomodazzjoni u ttejjeb l-effiċjenza tas-suq tal-akkomodazzjoni, inkluż billi tintroduċi aktar flessibbiltà fl-istipular tal-prezzijiet tal-kiri u billi tirrevedi l-istruttura tat-taxxa fuq il-qliġh kapitali sabiex tiffaċilita aktar tranżazzjonijiet fl-akkomodazzjoni.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Awstrija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Awstrija**

(2016/C 299/14)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lill-Awstrija bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽³⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, l-Awstrija għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni.
- (2) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2016 għall-Awstrija ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Huwa evalwa l-progress li għamlet l-Awstrija biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottat mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress li għamlet l-Awstrija lejn il-miri nazżjonali tagħha ta' Ewropa 2020. Dan inkluda wkoll analiżi fil-fond taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha għall-konklużjoni li l-Awstrija mhix għaddeja minn żbilanċi makroekonomiċi.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 96, 11.3.2016, p. 1

- (3) Fis-26 ta' April 2016, l-Awstrija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tagħha u fis-27 ta' April 2016 ippreżentat il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivalutati fl-istess żmien.
- (4) Fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perijodu 2014-2020 ġew indirizzati rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet dettalji ulterjuri dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni f'linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropew ma' governanza ekonomika tajba.
- (5) Il-Programm ta' Stabbiltà jindika li l-impatt baġitarju tal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati huwa sinifikanti u jipprovi biżżejjed evidenza tal-ambitu u n-natura ta' dawn il-kostijiet baġitarji addizzjonali. Skont il-Kummissjoni, in-nefqa addizzjonali eliġibbli kienet tammonta għal 0,09 % tal-PDG fl-2015 u bħalissa hija stmata fil-livell ta' 0,26 % tal-PDG tal-2016. Dawn l-ammonti jirrappreżentaw revizzjoni 'l fuq għar-rigward tal-istimi pprovduti fl-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2016, li ppreveda nefqa addizzjonali ta' madwar 0,08 % tal-PDG u ta' 0,16 % tal-PDG fl-2015 u fl-2016, rispettivament. Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ikopru din in-nefqa addizzjonali, fis-sens li l-influss tar-refuġjati huwa avveniment eċċezzjonali, l-impatt tiegħu fuq il-finanzi pubbliċi tal-Awstrija huwa sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tkunx compromessa jekk titħalla devjazzjoni mill-pjan ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju. Fl-2015, peress li l-Awstrija kienet laqet l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju, hija ma għamlitx użu mid-devjazzjoni temporanja possibbli. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li l-Awstrija tiġi konċessal-istess devjazzjoni temporanja bħall-pajjiżi li għadhom ma laħqux l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju, l-Awstrija ser tingħata konċessjoni li tiddevja mill-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju tagħha fl-2016 u fl-2017 bl-ammont meqjus eliġibbli għall-2015. Għar-rigward ta' devjazzjoni addizzjonali possibbli fl-2016, fir-rebbiegħa tal-2017 issir valutazzjoni finali, inkluż dwar l-ammonti eliġibbli, abbażi tad-data li tiġi osservata kif ipprovduta mill-awtoritajiet Awstrijaki.
- (6) Bħalissa, l-Awstrija tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u soġġetta għar-regola tranżizzjonali tad-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tiegħu, il-Gvern qiegħed jistenna li d-defiċit nominali jmur lura għal 1,6 % tal-PDG fl-2016, u mbagħad jitjieb gradwalment għal 0,4 % tal-PDG fl-2020. L-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,45 % tal-PDG sal-2016 u rivedut biex isir defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG mill-2017 'l quddiem — mistenni li jintlaħaq mill-2018 'l quddiem. Madankollu, abbażi tal-bilanċ strutturali rikalkulat, l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju mhux ser jintlaħaq qabel l-2019. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern għall-PDG huwa mistenni li jkun laħaq il-livell massimu tiegħu ta' 86,2 % fl-2015 u li jonqos gradwalment għal 76,6 % fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-proġettazzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Fl-istess ħin, il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri ippjanati tad-defiċit mill-2017 "il quddiem għadhom ma ġewx specificati biżżejjed. Abbażi tal-previżjonijiet tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, jeżisti r-riskju ta' xi devjazzjoni fl-2016. Madankollu, jekk l-impatt addizzjonali tal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati li huwa previst bħalissa għall-2016 jiġi wkoll eskluż mill-valutazzjoni, l-Awstrija tkun mistennija li tiġi konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2016. Mingħajr tibdil fil-politika, jeżisti r-riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament irrakkomandat fl-2017. Madankollu, id-devjazzjoni prevista fl-2017 ma tkunx għadha sinifikanti wara li titqies il-varjazzjoni ulterjuri marbuta mal-impatt baġitarju tal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati possibbilment mogħtija għall-2016. L-Awstrija hija prevista li tkun konformi mar-regola tranżitorja tad-dejn fl-2016 u, wara t-tmien tal-perijodu tranżitorju, mal-valur referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn fl-2017. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà u filwaqt li titqies il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li hemm riskju li l-Awstrija ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għalhekk, ser ikun hemm bżonn miżuri ulterjuri biex tiġi ggarantita l-konformità fl-2016 u l-2017.
- (7) L-effett baġitarju tar-riforma fir-regoli tat-taxxa li saret dan l-aħħar għadha tirrappreżenta ċertu element ta' inċertezza. Meta jittieħdu miżuri biex jiżguraw is-sostenibbiltà fiskali, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, minkejja riformi reċenti, il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol għadu għoli u l-Awstrija għandha porzjon għoli tat-taxxa f'paragun ma' pajjiżi oħra Ewropej. Sadanittant, sorsi oħra ta' tassazzjoni, aktar favorevoli għat-tkabbir, li

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

jippermettu tnaqqis tal-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol, ma humiex użati biżżejjed. It-teħid ta' passi biex jitnaqqas il-piż tat-taxxi fuq ix-xogħol billi l-piż jiġi trasferit lejn sorsi oħra anqas ta' dannu għat-tkabbir ikun ta' għajjnuna biex tiġi indirizzata din il-problema.

- (8) Fl-2015, ir-rata tal-impjeg tal-persuni bejn il-55 u l-64 sena kienet ta' 46,3 % (il-medja tal-UE: 53,3 %) u kienet fid-19-il post meta mqabbla ma' Stati Membri oħra. Miżuri addizzjonali biex tiżdied l-età effettiva tal-irtirar ilhom fis-seħħ sa mill-2014 u kellhom xi effett. Għad irid jidher kemm dawn il-miżuri jistgħu jdawru x-xejra li biha l-età effettiva tal-irtirar fl-Awstrija għadha lura meta mqabbel mal-medja fl-Unjoni fuq perijodu medju ta' żmien. Barra minn hekk, il-perijodu tal-irtirar qiegħed jiżdied minħabba stennija tal-għomor itwal. L-età statutorja tal-irtirar għan-nisa ser tiżdied u ser tiġi allinjata biss gradwalment ma' dik tal-irġiel, f'perijodu li jibda mill-2024 u jintemm fl-2033. Fl-Awstrija, l-età statutorja tal-pensjoni mhijiex marbuta ma' żieda fl-istennija tal-għomor. Il-Kummissjoni tistma li, fl-2040, in-nefqa fuq il-pensjonijiet ser tiżdied b'0,8 % tal-PDG meta mqabbel mal-2013. Għat-tul (2060), l-infiq fuq il-pensjonijiet huwa mistenni jiżdied b'0,5 % tal-PDG. B'mod simili, in-nefqa fuq il-kura tas-saħħa mistennija li tiżdied bejn l-2013 u l-2040 b'1 % tal-PDG u b'1,3 % tal-PDG fl-2060. Dan, flimkien maż-żieda mbassra fin-nefqa fuq is-saħħa u l-kura fit-tul, jikkwalifika bħala riskju medju għas-sostenibbiltà fiskali tal-Awstrija.
- (9) L-arranġamenti fiskali bejn is-saffi differenti tal-gvern (il-livell federali, statali u lokali) huma kumplessi u r-responsabbiltajiet ta' dħul u nfiq f'ħafna oqsma mhumiex allinjati, bħal fil-każ tas-saħħa. Filwaqt li, skont id-data tal-OECD tal-2014, il-gvernijiet subnazzjonali għandhom responsabbiltà politika li tammonta għal infiq tal-amministrazzjoni pubblika ta' 16 % tal-PDG, is-sehem tat-taxxi subnazzjonali huwa ta' madwar 2 % tal-PDG biss. Dawn il-kumplessitajiet għandhom piż finanzjarju għoli, u jistgħu jnaqqsu d-dixxiplina baġitarja. L-allokkazzjoni ta' introjti bejn it-tliet livelli ta' gvern bħalissa qiegħda tiġi nnegozjata għall-perijodu li jibda fl-2017, u b'hekk din hija opportunità biex tiġi diskussa din il-kwistjoni.
- (10) Tradizzjonalment l-Awstrija għandha waħda mill-aktar rati baxxi ta' qgħad fl-Unjoni. Madankollu, din kienet qiegħda tiżdied sa mill-2011 u laħqet 5,7 % fl-2015. Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh hija baxxa wkoll: 10,6 % tal-persuni attivi bejn il-15 u l-24 sena fl-2015. L-Awstrija għandha wkoll rata għolja tal-impjeg. Madankollu, filwaqt li r-rata tal-impjeg fost in-nisa hija ta' 70,2 %, ogħla mill-medja tal-UE, proporzjon relativament kbir tan-nisa jaħdmu part-time, minħabba l-obbligi tagħhom tal-kura tat-tfal jew il-kura tal-anzjani. Dan jikkontribwixxi għal wieħed mill-ogħla distakki fil-ħlas fl-Unjoni kif ukoll għal distakk kbir fil-pensjonijiet bejn is-sessi. Fir-rigward ta' ħaddiema aktar avvanzati fl-età (bejn il-55 u l-64 sena), ir-rata tal-impjegi hija taħt il-medja tal-UE.
- (11) L-Awstrija diġà qabżet il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020 fejn tidħol l-edukazzjoni. Fl-2015, ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola kienet ta' 7,3 % u ta' dawk li jilħqu l-edukazzjoni terzjarja kienet ta' 38,7 %. Madankollu, ir-riżultati fl-edukazzjoni jiddependu ħafna fuq l-isfond soċjoekonomiku. Il-mobbiltà bejn il-ġenerazzjonijiet fl-edukazzjoni hija fost l-anqas minn fost il-pajjiżi kollha tal-OECD li għalihom hija disponibbli d-data. Ir-rata ta' tluq bikri mill-iskola fost studenti bi sfond ta' migrazzjoni hija aktar minn tliet darbiet ogħla minn dik fost dawk mingħajr sfond ta' migrazzjoni, u hemm sfida addizzjonali biex jiġu integrati r-refuġjati żgħażaġh u l-migranti tal-età li jattendu l-iskola obbligatorja, u ogħla, fis-sistema edukattiva u ta' taħriġ.
- (12) Filwaqt li hemm sfidi għall-banek Awstrijaċi kemm fis-suq domestiku kif ukoll f'dak barra mill-pajjiż, l-azzjoni ta' superviżjoni fil-livell nazzjonali u Ewropew għenet biex jiġi indirizzat id-deterjorament fil-kwalità tal-assi fl-Ewropa Ċentrali, tal-Lvant u tax-Xlokk. Rigward ir-ristrutturar u l-istralċ ta' istituzzjonijiet finanzjarji f'diffikultà, ir-riskji fiskali diġà ġew ikkunsidrati fil-kontijiet tal-gvern. Filwaqt li ma jistax jiġi eskluż li jkun hemm aktar riskji, dawn jidher li huma limitati għal kwistjonijiet ta' legat fil-każ ta' ftit istituzzjonijiet speċifiċi.
- (13) L-Awstrija għandha rata ta' investment ogħla mill-medja tal-UE għall-komponenti kollha tal-PDG, ħlief għad-djar. Madankollu, l-investment fl-Awstrija kien dgħajef sa mill-2012, minkejja l-likwidità solida tal-kumpanniji u kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli. Sabiex jiġu stimulati l-investment u t-tkabbir, għandhom jitneħħew il-kumplessitajiet amministrattivi u l-ostakli. Pereżempju, l-ostakli regolatorji u l-piż amministrattivi fil-qasam tal-provvista tas-servizzi ma jwasslux għall-ftuħ ta' negozji ġodda. Fir-rigward ta' ostakli għall-istabbiliment ta' kumpanniji interdixxiplinari, kif jissema fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2015, l-Awstrija bdiet tikkunsidra titjib, iżda għandhom ma ttieħdu l-ebda deċizzjonijiet. Fis-servizzi għan-negozji, l-isfidi partikolari jirriżultaw mir-rekwiżiti restrittivi amministrattivi u, fir-rigward ta' ċerti professjonijiet, minn restrizzjonijiet fuq il-forma ġuridika u l-parteċipazzjoni azzjonarja li twassal għal dinamika tas-suq kajmana u tkabbir negattiv fil-produttività. Il-pjan ta' azzjoni ppreżentat mill-Awstrija bħala riżultat tal-valutazzjoni reċiproka dwar l-aċċess għall-professjonijiet regolati, u l-prattika tagħhom, jipproponi biss għadd limitat ta' azzjonijiet, filwaqt li hemm lok ċar għal proposti aktar ambizzjużi.

- (14) L-influss qawwi ta' refuġjati li kien hemm fl-aħħar sena kellu għadd ta' konsegwenzi soċjali u ekonomiċi għall-Awstrija. Filwaqt li, fuq perijodu qasir, l-influss tar-refuġjati mistenni li jżid in-nefqa pubblika u li jgħaliq domanda domestika addizzjonali, biex b'hekk jiżdied il-PDG, l-effett fuq terminu medju fuq l-impjegi u t-tkabbir idur fuq l-integrazzjoni b'suċċess tar-refuġjati fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà, inkluż permezz ta' sostenn edukattiv. Din il-kwistjoni hija fuq nett fl-aġenda politika kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri, u ser isir monitoraġġ fuqha u ser tiġi analizzata fid-dettall, inkluż fir-rapport tal-pajjiż tal-2017.
- (15) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Awstrija u ippubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Awstrija fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Bulgarija imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (3) ta' hawn taħt.
- (16) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Awstrija tiegħu azzjoni fl-2016 u l-2017 biex:

1. Tiżgura li d-devjazzjoni mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2016 u l-2017 ikun limitat għall-varjazzjoni marbuta mal-impatt baġitarju tal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati fl-2015, u li għal dan l-effett tikseb aġġustament fiskali ta' 0,3 % tal-PDG fl-2017, sakemm l-objettiv baġitarju ta' terminu medju ma jkunx jista' jintlaħaq b'anqas sforz. Tiżgura s-sostenibbiltà tas-sistema tal-kura tas-saħħa, u tas-sistema tal-pensjoni billi torbot l-età statutorja tal-pensjoni mal-istennija tal-għomor. Tissimplifika u tirrazzjonalizza r-relazzjonijiet u r-responsabilitajiet fiskali bejn is-saffi diversi tal-gvern.
2. Ittejjeb il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa. Tiegħu passi biex ittejjeb ir-riżultati edukattivi taż-żgħażaġh żvantaġġati, b'mod partikolari dawk bi sfond ta' migrazzjoni.
3. Tnaqqas, fil-qasam tas-servizzi, l-ostakli amministrattivi u regolatorji għall-investimenti, bħalma huma r-rekwiżiti restrittivi ta' awtorizzazzjoni u r-restrizzjonijiet fuq il-forma ġuridika u l-parteċipazzjoni azzjonarja, u l-impedimenti fuq l-istabbiliment ta' kumpanniji interdixxiplinari.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

⁽¹⁾ Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tas-Slovakkja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tas-Slovakkja**

(2016/C 299/15)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat ta' Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17–18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lis-Slovakkja bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottat mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽³⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, is-Slovakkja għandha tiżgura l-implimentazzjoni bis-sħiħ u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni.
- (2) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2016 għas-Slovakkja ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Dan evalwa l-progress tas-Slovakkja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress tas-Slovakkja lejn il-miri nazzjonali Ewropa 2020 tagħha.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 96, 11.3.2016, p. 1.

- (3) Fid-29 ta' April 2016, is-Slovakkja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2016 kif ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew invaluatati fl-istess żmien.
- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fl-iprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma' governanza ekonomika soda.
- (5) Bħalissa s-Slovakkja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2016, il-Gvern qed jippjana biex itejjeb il-bilanċ nominali għal -1,9 % tal-PDG fl-2016 u gradwalment aktar għal -1,3 % tal-PDG fl-2017. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, l-objettiv baġitarju ta' terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG — ikun intlaħaq fl-2019. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG huwa mistenni li jilħaq 52,9 % fl-2016, u li jkompli jonqos għal 47,3 % fl-2019. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Madankollu, il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri tad-defiċit ppjanati mill-2017 'l quddiem għadhom ma ġewx speċifikati b'mod suffiċjenti. Abbażi tat-tbassir tar-rebbieġha tal-Kummissjoni tal-2016, is-Slovakkja hija friskju ta' xi devjazzjoni mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2016, filwaqt li huwa mistenni li tikkonforma mal-aġġustament rakkomandat fl-2017 taħt politiki mhux mibdula. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà u filwaqt li jitqies it-tbassir tar-rebbieġha 2016 tal-Kummissjoni, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li s-Slovakkja hija mistennija li tikkonforma b'mod ġenerali mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Minkejja dan, ser jinħtieġu iktar miżuri biex tiżgura konformità fl-2016. Għal dan l-għan, wara dewmien fit-tul tal-adozzjoni tal-limiti massimi vinkolanti tan-nefqa u l-implimentazzjoni tal-programm "valur għall-flus" biex tiżdied l-effiċjenza tan-nefqa pubblika, ir-reviżjonijiet tan-nefqa huma ppjanati f'oqsma magħżula, se jkunu ta' importanza kritika.
- (6) Is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi fis-Slovakkja għadha sfida. Dan l-aktar minħabba t-tkabbir ipprojetat ta' kostijiet relatati mal-kostijiet tat-tixjiħ fuq il-kura tas-saħħa u l-pensjonijiet. Iż-żieda fin-nefqa tal-pensjoni fis-Slovakkja sal-2060 hija mistennija li tkun waħda mill-ogħla fl-Unjoni, xprunata mit-tixjiħ tal-popolazzjoni. L-età statutorja tal-irtirar fis-Slovakkja hija komparattivament baxxa, parzjalment minħabba fatturi ta' stennija tal-ħajja. In-nefqa fuq il-kura tas-saħħa hija l-mutur ewlieni ta' kostijiet relatati mat-tixjiħ. In-nefqa pubblika fuq is-saħħa hija pprojetata li tikber b'mod sostanzjali fit-tul, għalkemm minn livell komparattivament baxx. Minkejja xi titjib, l-indikaturi tas-saħħa għadhom baxxi ħafna fis-Slovakkja. Biex iżid il-kosteffettività tas-settur tal-kura tas-saħħa, il-Gvern qed jieħu miżuri kemm ta' kura fl-isptar kif ukoll ta' kura barra. Ikomplu sforzi biex jiġi introdott mudell integrat ta' kura. Is-suċċess ta' din ir-riforma x'aktarx jiddependi fuq is-sjieda tagħha mill-partijiet ewlenin kkonċernati, l-integrazzjoni taċ-ċentri ta' kura tas-saħħa u l-isptarijiet, u l-livelli adegwati ta' persunal. Minkejja miżuri adottati biex jillimitaw l-akkumulazzjoni ulterjuri ta' dejn fl-isptarijiet pubbliċi, bosta minnhom għadhom jinsabu f'sitwazzjoni finanzjarja fqira. Għad fadal sfidi fit-treġġiħ lura tax-xejriet ta' nefqa negattiva, bħall-kapaċità ta' ristrutturar tal-isptarijiet, l-introduzzjoni prospettiva ta' sistema ta' rimborż u żieda fil-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku fil-qasam tal-kura tas-saħħa. Fir-rigward tal-kura għal pazjenti ta' barra, ir-rwol dgħajjef ta' kustodja tat-tobba tal-familja huwa parzjalment minħabba diviżjoni subottimali ta' kompetenzi bejn it-tobba tal-familja u l-ispeċjalisti u tiffavorixxi r-rikors għal kura speċjalizzata li tiswa' iktar. Fir-rigward tat-tassazzjoni, il-miżuri tal-gvern għall-ġlieda kontra l-frodi fiskali kkontribwew għal ġbir tat-taxxi mtejba, b'mod partikolari fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT). Madanakollu, id-differenza fil-VAT tibqa' għolja, u dan jindika sfida ta' konformità kontinwa. Enfasi qawwija fuq il-ġbir tal-VAT fi snin reċenti naqqset l-attenzjoni minn fuq oqsma oħra

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

ta' tassazzjoni bħat-taxxa fuq id-dħul. Barra minn hekk, fokus fuq l-awditjar ħalla rwoli oħra ta' amministrazzjoni tat-taxxa bħall-ġbir tat-taxxa fuq id-dejn sottożviluppata. Dan jissuġġerixxi li għad hemm skop għal titjib ta' allokazzjoni ta' riżorsi fi ħdan is-sistema tat-taxxa. Għadha ma ġietx żviluppata strateġija biex jiġu definiti l-miri ta' konformità.

- (7) Minkejja titjib fis-suq tax-xogħol li rriżulta mill-irkupru ekonomiku tajjeb u l-miżuri reċenti ta' politika, il-qgħad ta' terminu twil għadu problema. Ir-rata ta' qgħad ta' terminu twil tkompli tkun waħda mill-ogħla fl-Unjoni (7,6 % meta mqabbla ma' 4,3 % fl-Unjoni kollha fit-tielet kwart tal-2015). B'mod partikolari taffettwa r-Rom marġinalizzati, dawk bi fit kompetenzi professjonali u ż-żgħażaġh. Ittieħdu miżuri biex jiġi indirizzat il-qgħad fil-qasam tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, impjeg issusidjat u l-konsulenza għall-impjeg. Madanakollu, l-implimentazzjoni b'suċċess tal-parti l-kbira ta' dawn ir-riformi tiddependi fuq il-kapaċità tas-servizz tal-impjeg pubbliku. Minkejja r-riorganizzazzjoni tal-Uffiċċju Ċentrali tax-Xogħol u aċċess imtejjeb għat-taħriġ, għad hemm diffikultajiet fl-introduzzjoni tal-appoġġ individwalizzat għal dawk li jinsabu f'qgħad fit-tul u għal gruppi vulnerabbli. Il-parteċipazzjoni tar-Rom fis-suq tax-xogħol Slovakk għadha baxxa ħafna u l-progress fiż-żieda tar-rata ta' impjeg tagħhom għadu kajman. Livelli baxxi ta' edukazzjoni u ħiliet u diskriminazzjoni huma fatturi li jaffettwaw il-parteċipazzjoni fqira tagħhom fis-suq tax-xogħol. Ir-rata baxxa ta' impjeg tan-nisa ta' età riproduttiva jirrifletti l-liv tal-ġenituri għal perjodi itwal (sa tliet snin), in-nuqqas ta' faċilitajiet għall-kura tat-tfal, b'mod partikolari t-tfal ta' taħt l-età ta' tliet snin, il-kostijiet għolja tal-akkoljenza tat-tfal u l-użu limitat ta' arranġamenti għal ħinijiet tax-xogħol flessibbli. Barra minn hekk, għadhom jippersistu differenzi reġjonali — ir-rata tal-qgħad fis-Slovakkja tal-Lvant xorta hija d-doppju ta' dik fi Bratislava. Rigward il-governanza ta' servizzi tas-suq tax-xogħol, miżuri li ttieħdu f'dawn l-aħħar xhur ma jipprevedux approċċ imfassal apposta biex jindirizzaw l-isfidi strutturali tas-suq tax-xogħol Slovakk.
- (8) Is-sistema edukattiva mhijiex immirata biżżejjed biex iżżid il-potenzjal ekonomiku tas-Slovakkja. L-eżiti fl-edukazzjoni huma baxxi skont l-istandards internazzjonali u ddeterjorat aktar. Dan huwa l-aktar marbut man-nuqqas ta' adegwatezza tal-edukazzjoni tal-għalliema u l-attraenza baxxa tal-professjoni tat-tagħlim. Minkejja żieda ta' 4 % fis-salarji għall-għalliema fl-2016, pagi baxxi u nuqqas ta' taħriġ Prattiku huma fost il-fatturi li jagħmlu l-professjoni mhux attraenti għaż-żgħażaġh. Il-leġiżlazzjoni kontra s-segregazzjoni adottata dan l-aħħar għadha ma ġietx implimentata biex isseħħ bidla pożittiva u tiżied il-parteċipazzjoni tar-Rom fis-sistema tradizzjonali tal-edukazzjoni, inkluża l-edukazzjoni preprimarja.
- (9) L-amministrazzjoni pubblika għadha mxekkla mill-ineffċjenza. Il-koordinazzjoni effettiva għadha nieqsa, minħabba l-organizzazzjoni frammentata u riġida tal-amministrazzjoni pubblika. L-adozzjoni tal-Istrateġija dwar il-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani f'Ottubru 2015 hija pass pożittiv 'il quddiem. Madanakollu, l-Att il-ġdid dwar is-Servizz Ċivili, li huwa prerekwiżit neċessarju għall-implimentazzjoni b'suċċess tiegħu, għadu ma ġiex adottat. Il-Gvern ħa bosta miżuri biex jindirizza l-korruzzjoni, iżda l-impatt tagħhom sa issa kien limitat. B'mod partikolari, is-Slovakkja għandha storja limitata dwar il-bidu ta' proċessi kriminali u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni, inklużi Prattiki illegali fl-akkwist pubbliku. Il-proċeduri ta' permessi ta' bini għal proġetti ta' infrastruttura fuq skala kbira fl-investment ġew imqassra. Governanza mhux konsolidata, nuqqas ta' tfassil ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku bbażati fuq l-evidenza, il-professionalità dgħajfa, kunflitti ta' interess, speċifikazzjonijiet ta' offerti mfassla skont il-ħtiġijiet u l-użu eċċessiv ta' kriterji tal-għoti tal-prezz l-aktar baxx jillimita l-kompetizzjoni bbażata fuq il-kwalità. Dgħufijiet fl-akkwist pubbliku huma ripetutament irrappurtati li jaffettwaw l-effċjenza tal-allokazzjoni ta' riżorsi pubbliċi. Bidliet frekwenti fil-leġiżlazzjoni u proċeduri amministrattivi u rekwiżiti burokratiċi jaffettwaw in-negozji fis-Slovakkja. Ostakli amministrattivi u regolatorji għolja fir-rigward ta' wħud mis-servizzi professjonali u industriji li jużaw netwerk, dgħufijiet f'ċerti oqsma bħall-infurzar tal-kuntratti u r-riżoluzzjoni tal-insolvenza u tħassib fit-tul rigward il-kwalità tas-sistema ġudizzjarja jagħmlu ħsara lill-ambjent tan-negozju u jiskoraġġixxu l-investment. Ittieħdu xi miżuri biex jiġi faċilitat in-negozju, bħaċ-Ċentru għal Regolamentazzjoni aħjar, li ġie stabbilit f'Ottubru 2015, u t-tnedija taċ-Ċentru Nazzjonali għan-Negozju kmieni fl-2016. Madanakollu, l-adozzjoni tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar (SBA) taħt l-Istrateġija ta' Żvilupp tal-SMEs ġie postpost.
- (10) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tas-Slovakkja u ppublikatha fir-rapportar tal-pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lis-Slovakkja fis-snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fis-Slovakkja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ

il-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet Nri (1) sa (3) ta' hawn taħt.

- (11) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li s-Slovakkja tieħu azzjoni fl-2016 u l-2017 biex:

1. Tikseb aġġustament fiskali annwali ta' 0,25 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2016 u ta' 0,5 % tal-PDG fl-2017. Ittejjeb il-kosteffettività tas-sistema tas-saħħa. Tieħu miżuri biex iżżid il-konformità tat-taxxa.
2. Ittejjeb miżuri ta' attivazzjoni għal dawk qiegħda fit-tul u gruppi oħra żvantaġġati inklużi s-servizzi individwalizzati u t-taħriġ immirat. Tiffaċilita l-impjieg tan-nisa, b'mod partikolari billi testendi d-dispożizzjoni ta' kura tat-tfal affordabbli u ta' kwalità. Ittejjeb l-eżiti tal-edukazzjoni billi trendi l-professjoni tat-tagħlim iktar attraenti u billi iżżid il-parteċipazzjoni tat-tfal Rom minn età bikrija fl-edukazzjoni prinċipali.
3. Tikkonsolida l-governanza, issaħħaħ il-bidla minn kompetizzjoni bbażata fuq il-prezz biss għal kompetizzjoni bbażata fuq il-kwalità u ttejjeb il-prosekuzzjoni ta' prattiki illegali fl-akkwist pubbliku. Ittejjeb it-trasparenza, il-kwalità u l-effettività tal-ġestjoni tar-riżorsi umani fl-amministrazzjoni pubblika, b'mod partikolari bl-adozzjoni ta' att ġdid dwar is-servizz pubbliku, u l-effettività tas-sistema ġudizzjarja. Tadotta pjan komprensiv biex tindirizza l-ostakli amministrattivi u regolatorji għan-negozji.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Irlanda u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Irlanda**

(2016/C 299/16)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir kienu approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat l-Irlanda bħala waħda mill-Istati Membri li għaliha kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽³⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessionijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, l-Irlanda għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni.
- (2) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2016 għall-Irlanda ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Huwa vvaluta l-progress tal-Irlanda fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress tal-Irlanda lejn il-miri nazzjonali tal-Ewropa 2020. Inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni twassal għall-konklużjoni li l-Irlanda qed tesperjenza iżbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, hi essenzjali biex tindirizza stokks kbar ta' obligazzjonijiet esterni u ta' dejn pubbliku u privat li jikkostitwixxi vulnerabbiltajiet, minkejja titjib.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠU C 96, 11.3.2016, p. 1.

- (3) Fid-29 ta' April 2016, l-Irlanda ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tagħha u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess żmien.
- (4) Il-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020 indirzzat ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għal kull pajjiż. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet dettalji ulterjuri dwar kif ser tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni fil-linji gwida tal-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effiċjenza tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma' governanza ekonomika soda. Wara t-tħassir tal-proċedura ta' dejn eċċessiv, l-Irlanda qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġetta għar-regola ta' dejn tranżizzjonali.
- (5) Wara t-tħassir tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, l-Irlanda qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġetta għar-regola tad-dejn tranżizzjonali. Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tagħha, li huwa bbażat fuq preżunzjoni tal-ebda bidla fil-politika, il-gvern qiegħed jippjana titjib gradwali fil-bilanċ nominali sakemm jilħaq surplus ta' 0,4 % tal-PDG fl-2018. L-objettiv baġitarju ta' terminu medju ta' defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG mistenni jintlaħaq fl-2018. Madankollu, it-tibdil annwali fil-bilanċ strutturali rikalkulat ⁽²⁾ ta' 0,1 % tal-PDG fl-2016 ma jiżgurax progress suffiċjenti lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG hu mistenni li jinżel għal 88,2 % fl-2016 u jkompli jinżel għal 85,5 % fl-2017. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Madankollu, il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri tad-defiċit pjanati mill-2017 'l quddiem ma ġewx speċifikati b'mod suffiċjenti. Ibbażat fuq it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' xi devjazzjoni mill-aġġustament fiskali rrakkomandat fl-2016, fil-waqt li l-Irlanda hija projettata li tkun konformi fl-2017 jekk ma jkunx hemm tibdil ta' politika. L-Irlanda hi mbassra li tkun konformi mar-regola ta' dejn tranżizzjonali fl-2016 u l-2017. Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà u filwaqt li jqis it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, il-Kunsill hu tal-opinjoni li l-Irlanda hi mistennija li fil-biċċa l-kbira tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Madankollu, huma meħtieġa miżuri ulterjuri biex tiġi żgurata konformità fl-2016.
- (6) L-isforzi għat-twessigħ tal-bażi tat-taxxa ġew limitati u l-miżuri tat-taxxi ffokaw fuq tnaqqis u għajnuniet. Jista' jsir progress ulterjuri biex is-sistema fiskali tkun aktar effiċjenti u favur it-tkabbir. L-awtoritajiet Irlandiżi wettqu programm kontinwu ta' analiżi tan-nefqa tat-taxxa, bir-riżultati ta' din l-analiżi jkunu ppubblikati frappont annwali. Madankollu, il-proċess ta' analiżi ma jkoprix in-nefġiet tat-taxxa relatati tal-VAT u għad hemm skop għat-twessigħ tal-bażi tat-taxxa permezz ta' żidiet fit-taxxi inqas distorsivi.
- (7) Il-kosteffettività, l-aċċess ugwali u s-sostenibbiltà jibqgħu sfidi kritiċi għas-sistema tal-kura tas-saħħa. Elementi speċifiċi ta' riformi huma fil-fażi ta' progress, iżda n-nefqa fuq il-farmaċewtiċi, b'mod partikolari minħabba l-kost għoli ta' mediċini b'fornitur wieħed huma ta' piż fuq l-kosteffettività. L-immaniġġjar finanzjarju u s-sistemi ta' informazzjoni jibqgħu dgħajfa u l-aċċess inugwali għall-kura tas-saħħa primarja għadha ta' tħassib. Madwar 40 % tal-popolazzjoni għandha aċċess mingħajr ħlas għal prattikanti ġenerali, filwaqt li l-oħrajn iħallu l-kost sħiħ. Hemm inċertezza sinifikanti ddur mar-riforma wiesa' tas-sistema tal-kura tas-saħħa hekk kif il-mudell ta' assigurazzjoni medika universali hija f'sitwazzjoni kkumplikata.
- (8) Trid tiġi indirzzata l-kwistjoni tal-infrastruttura sabiex jiġi promoss tkabbir durabbli u bbilanċjat fil-futur. Wara l-ogħla punt ta' 5,2 % tal-PDG fl-2008, l-investment pubbliku naqas għal 1,8 % tal-PDG fl-2013 qabel ma kien hemm irkupru żgħir fl-2014, meta kien għadu ferm inqas mill-medja tal-UE. Barra minn hekk, il-kriżi tidher li wasslet għal bidla strutturali fil-kompożizzjoni tan-nefqa tal-amministrazzjoni pubblika 'l bogħod mill-investment lejn in-nefqa attwali. Fl-2010-2013, in-nefqa kapitali kienet tilħaq biss medja ta' 4,8 % tat-total, inqas minn nofs il-medja fuq żmien twil bejn 1995-2008. Seba' snin ta' tnaqqis qawwi fl-investment tal-gvern wasslu

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ Il-bilanċ strutturali huwa kkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni fil-Programm ta' Konverġenza, b'segwitu tal-metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

għal impatt negattiv fuq il-kwalità u l-adegwatezza tal-infrastruttura u l-appoġġ tal-gvern għal investimenti intanġibbli. Hemm nuqqasijiet ewlenin fid-djar, l-ilma, it-trasport pubbliku u fil-kapaċità tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Id-domanda għal djar ġodda attwalment taqbeż il-provvista b'marġni kbira fiż-żoni urbani ewlenin tal-pajjiż. Bħala riżultat, il-prezzijiet u l-kirjiet ta' proprjetà residenzjali f'żoni urbani żdiedu b'mod qawwi fl-2014, qabel ma t-tkabbir naqas fl-2015. Attwalment ma hemmx evidenza ta' valutazzjoni ogħla milli suppost, iżda limiti li jillimitaw is-settur tal-kostruzzjoni u l-provvista ta' djar, inkluż dawk marbuta mal-infrastruttura pubblika, jistgħu jiġġeneraw riskji għal żbilanċi jekk ma tinstabx soluzzjoni. Il-bidla fin-nefqa tal-gvern affettwat ukoll appoġġ mis-settur pubbliku għar-R&Ż u l-innovazzjoni li kienu inqas mil-livelli tal-2007 fl-2014. Attwalment, f'termini tar-R&Ż pubbliċi bħala perċentwal tal-PDG, l-Irlanda tinsab fit-22 post fl-Unjoni. Dan għandu impatt negattiv fuq il-kompetittività ta' SMEs.

- (9) Il-qgħad naqas taħt il-medja tal-UE u f'Marzu tal-2016 kien ta' 8,6 %. Madankollu, il-qgħad fit-tul u l-intensità baxxa ta' xogħol ta' unitajiet domestiċi jibqgħu sors ta' tħassib. B'mod partikolari, għalkemm ir-rata ta' qgħad fit-tul naqset matul dawn l-aħħar snin, il-proporzjon ta' persuni qiegħda li huma qiegħda fit-tul baqa' għoli b'56,3 % fir-raba' kwart tal-2015, li huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 48,3 %. Fl-2014 (l-iktar data komparabbli reċenti), il-perċentwal tal-popolazzjoni li tgħix f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa tax-xogħol (VLWI) kien l-ogħla fl-UE b'21,1 % u kien speċjalment prevalenti għal unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed. Il-proporzjon ta' tfal (b'età bejn 0 sa 17) b'rata ta' riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROE) naqas għal 30,3 % fl-2014 iżda għadu ogħla mill-medja tal-UE ta' 27,8 %. Iċ-ċifra AROE korrispondenti għal unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed (62,5 % fl-2014) hi ogħla mill-medja tal-UE (48,2 %).
- (10) L-Irlanda bdiet tvara l-Programm JobPath biex tindirizza l-ħtiġijiet tal-qgħad fit-tul u l-iżvilupp ta' approċċ ta' attivazzjoni biex tinkoraġġixxi dawk bil-potenzjal u bix-xewqa biex ikollhom rwol aktar attiv fil-forza tax-xogħol. L-isfida tibqa' li s-servizzi ta' appoġġ għall-impjigi jespandu għal dawk tradizzjonalment esklużi mis-suq tax-xogħol, inklużi persuni b'diżabbiltà u dawk b'responsabbiltajiet ta' kura. B'mod ġenerali, is-sistema ta' protezzjoni soċjali ħadmet sew biex trażżan l-effetti tal-kriżi fuq il-faqar u l-inugwaljanza, iżda għad hemm ostakli għal tkabbir inklużiv. Sar xi progress fit-tnaqqis gradwali tal-benefiċċji, iżda għad hemm tħassib dwar nases tal-inattività għal ċerti unitajiet domestiċi. Bħala perċentwal tal-pagi, il-kostijiet netti tal-kura tat-tfal fl-Irlanda huma fost l-ogħla fl-Unjoni, it-tieni l-ogħla għall-koppji u l-ogħla għal ġenituri waħedhom. Għad hemm tħassib dwar il-kwalità ta' dispożizzjonijiet tal-kura tat-tfal. Pereżempju fl-2014, il-perċentwal ta' gradwati li jaħdmu fis-settur tal-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (15 %) baqa' baxx ferm aktar mil-livell irrakkomandat. Ħarġu nuqqasijiet ta' tlaqqiġ tal-ħiliet u nuqqasijiet ta' ħiliet f'ċerti oqsma, filwaqt li titjib tal-ħiliet u opportunitajiet ta' ksib mill-ġdid ta' ħiliet jibqgħu insuffiċjenti, u t-tnaqqis fin-nefqa għall-edukazzjoni jista' jkollu impatt negattiv fuq riżultati edukattivi fil-futur.
- (11) L-ingranaġġ għoli tas-settur privat jirrifletti fuq kwistjonijiet ta' indeboliment tas-self. Fl-aħħar ta' Ġunju tal-2015, id-dejn mhux ikkonsolidat tas-settur privat kien 266,3 % tal-PDG, ferm ogħla mill-medja taż-żona tal-euro. Għalkemm il-proporzjon ta' self improduttiv qed jonqos minħabba l-irkupru ekonomiku u l-attivitajiet ta' ristrutturar, fi tmiem l-2015 dan baqa' fost l-ogħla fiż-żona tal-euro, b'iktar minn 16 % tas-self kollu domestiku tal-banek. Barra minn hekk, 14,7 % tal-istokk tal-mutwu ipotekarju kien bl-arretrati fi tmiem l-2015, filwaqt li l-kontijiet bl-arretrati ta' iktar minn sentejn irrappreżentaw kważi 10 % tal-bilanċ totali tas-self ipotekarju. Filwaqt li qed isir xi progress, il-biċċa l-kbira tar-ristrutturar tal-mutwu ipotekarju hu temporanju, b'enfasizzar tar-riskju ta' inadempjenza mill-ġdid, speċjalment f'każ ta' deterjorament makroekonomiku jew xokk estern. Is-self ta' proprjetà immobbli kummerċjali miżmum minn banek domestiċi u self lil SMEs u lil negozji wkoll għadhom oqsma ta' tħassib bi proporzjonijiet ta' self improduttiv ta' 37,3 % u 13,8 % rispettivament. Filwaqt li qed isir xi progress, hemm b'żonn ta' iktar ħin u sforz għar-ristrutturar ta' dawn il-kontijiet b'mod sostenibbli. Proċeduri ta' insolvenza personali, falliment, examinership (protezzjoni mill-qrati skont il-liġi Irlandiża għal kumpaniji f'diffikultà) u mezzi oħrajn ta' għajjnuna parzjali minn dejn intenzjonati sabiex unitajiet domestiċi u negozji jergħu jkunu vijabbli, jibqgħu mhux użati għall-massimu possibbli. L-introduzzjoni ta' reġistru ta' kreditu ċentrali kienet kajmana minkejja li kien importanti għas-self prudenti ta' appoġġ.
- (12) L-Att tal-2015 tar-Regolament tas-Servizzi Legali ġie ffirmat f'liġi, iżda, fi stadju tardiv tal-proċess, saru konċessjonijiet lil professjonijiet legali li naqqsu b'mod sinifikanti l-ambizzjoni inizjali tar-riforma. L-implimentazzjoni tal-qafas il-ġdid għadu qed jibda u għadu kmieni wisq biex wieħed ikun kunfidenti b'mod sħiħ li din ser tagħti spinta

lill-kompetizzjoni u tnaqqas il-kostijiet. Is-servizzi legali huma input għas-setturi kollha tal-ekonomija u l-kost tagħhom jaffettwa l-kompetittività tal-Irlanda. Tnaqqis attwali fil-kostijiet jista' jinkiseb biss jekk id-dispożizzjonijiet ipplanati għat-titjib fil-kompetizzjoni u għat-tnaqqis tal-kostijiet tal-qafas regolatorju pplanat isiru liġi wara proċessi ta' konsultazzjoni pubblika jew inkorporati f'regolamenti li jinħarġu mill-Awtorità Regolatorja tas-Servizzi Legali.

- (13) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Irlanda u ppubblikat din l-analiżi fir-rapport tal-pajjiż tal-2016. Hi vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti lir-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Irlanda fis-snin preċedenti. Ikkunsidrat mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali sostenibbli u soċjoekonomika fl-Irlanda iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u gwida tal-UE, minħabba l-ħtieġa għat-tisħiħ tal-governanza ekonomika ġenerali tal-UE tal-Unjoni Ewropea billi tippovdi input fuq livell tal-UE f'decizzjonijiet nazzjonali tal-futur. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (3) hawn taħt.
- (14) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (15) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (3) hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Irlanda tieħu azzjoni fl-2016 u fl-2017 biex:

1. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, tikseb aġġustament fiskali annwali ta' 0,6 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2016 u fl-2017. Tuża qligħ mhux mistenni minn kundizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji b'saħħithom, kif ukoll minn bejgħ ta' assi, għat-tħaffif tat-tnaqqis tad-dejn. Tnaqqas il-vulnerabbiltà ta' fluttwazzjonijiet ekonomiċi u xokkijiet, fost l-oħrajn bit-twessigħ tal-bażi tat-taxxa. Ittejjeb il-kwalità tan-nefqa, b'mod partikolari biż-żieda tal-kosteffettività tal-kura tas-saħħa u bl-għoti ta' prijorità għal nefqa kapitali mill-gvern f'R&Ż u f'infrastruttura pubblika, b'mod partikolari fit-trasport, is-servizzi tal-ilma u d-djar.
2. Tespandi u tħaffef l-implimentazzjoni ta' politiki ta' attivazzjoni għal żieda fl-intensità tax-xogħol ta' unitajiet domestiċi u l-indirizzar tar-riskju ta' faqar għat-tfal. Issegwi miżuri għal incenċivi ta' impjieg bit-tnaqqis gradwali ta' benefiċċji u pagamenti supplementari. Ittejjeb il-provvista għal kura tat-tfal ta' kwalità, affordabbli u kontinwa.
3. Tiffinalizza soluzzjonijiet ta' ristrutturar durabbli għal tnaqqis ta' self improduttiv u tiżgura sostenibbiltà tad-dejn ta' unitajiet domestiċi u tinkoraġġixxi mutwanti biex jagħtu d-daqs tajjeb tad-dejn għal negozji b'ingranaġġ eċċessiv iżda li huma vijabbli. Tħaffef l-introduzzjoni ta' reġistru tal-kreditu ċentrali operazzjonali li jkopri l-kategoriji kollha ta' mutwanti u obbliganti.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

(¹) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2016 tal-Litwanja u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Litwanja**

(2016/C 299/17)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lil-Litwanja bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Dik ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽³⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnexxjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, il-Litwanja għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni.
- (2) Ir-rapport għal kull pajjiż għal-Litwanja ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Ir-rapport ivvaluta l-progress li għamlet il-Litwanja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress tal-Litwanja lejn il-miri nazzjonali tal-Europa 2020.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 96, 11.3.2016, p. 1.

- (3) Fid-29 ta' April 2016, il-Litwanja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tagħha u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess żmien.
- (4) Fl-ippogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020 ġew indirizzati rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni fl-inizjattiva għadha dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma' governanza ekonomika soda.
- (5) Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tagħha, il-Litwanja talbet devjazzjoni temporanja ta' 0,6 % tal-PDG mill-aġġustament rikjest lejn l-oġettiv ta' terminu medju fl-2017 sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-riformi strutturali maġġuri b'impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà għat-tul tal-finanzi pubbliċi. Madankollu, sakemm ikun hemm ftehim finali, għad hemm inċertezza dwar il-ġabra ta' miżuri ta' riforma kif ukoll dwar l-implimentazzjoni tagħhom. Għalhekk, filwaqt li l-Litwanja għandha spazju fiskali suffiċjenti biex tibbenefika minn devjazzjoni temporanja, ma jidherx li tissodisfa l-kriterju tal-eliġibbiltà marbut mal-implimentazzjoni tar-riforma biex tagħmel użu mill-klawżola tar-riformi strutturali. Barra minn dan, bħalissa mhux possibbli li jiġi evalwat l-impatt tar-riforma stmat mill-Gvern. Għalhekk, l-impatt ta' dawn ir-riformi għadu ma hux rifless fl-aġġustament rikjest lejn l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju għall-2017.
- (6) Bħalissa il-Litwanja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-programm ta' stabbiltà tiegħu għall-2016, il-gvern qiegħed jippana titjib fil-bilanċ nominali minn defiċit ta' 0,8 % tal-PDG fl-2016 għal surplus ta' 0,9 % tal-PDG fl-2019. Il-bilanċ strutturali (rikalkulat⁽²⁾) huwa previst li jibqa' ogħla mill-oġettiv baġitarju ta' terminu medju — defiċit ta' 1 % tal-PDG f'termini strutturali — fl-2016 u fiż-żmien ta' wara. Il-pjan ta' aġġustament jinkorpora r-riforma sistemika tal-pensjoni fl-2016 iżda ma jirriflettix ir-riforma strutturali ppanjata fl-2017. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG mistenni jinżel minn 39,9 % tal-PDG fl-2016 għal 35,7 % fl-2019. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarju huwa plawżibbli. Il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri ippanjati għad-defiċit mill-2018 'l quddiem ma ġewx speċifikati b'mod suffiċjenti. Abbażi tal-previżjoni tar-rebbieġha tal-Kummissjoni tal-2016, il-bilanċ strutturali huwa previst li jkun ta' -1,2 % tal-PDG fl-2016, li jista' jittqies bħala qrib l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju, u ta' -0,8 % tal-PDG fl-2017, ogħla mill-oġettiv baġitarju ta' terminu medju. Abbażi tal-evalwazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà u meta jittqiesu l-previżjonijiet tar-rebbieġha tal-Kummissjoni tal-2016, il-Litwanja mistennija li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (7) Tnaqqis fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, ikkawżati mit-tixjij, ir-riżultati ta' kura fqira tas-saħħa u emigrazzjoni netta sinifikanti jistgħu jagħmlu ħsara lill-potenzjal tat-tkabbir tal-Litwanja u fl-aħħar mill-aħħar lit-triq ta' konverġenza futura tagħha, filwaqt li titqiegħed f'riskju s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet u tal-kura fit-tul. Hu stmat li ser ikun hemm telf kumulattiv ta' 35 % tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol sal-2030. Jekk din it-tendenza ma tiddawwarx din tista' tipperikola d-disponibbiltà ta' riżorsi adegwati ta' ħaddiema, tas-sostenibilità tat-tkabbir ekonomiku fit-tul u tas-sistemi ta' sigurtà soċjali, partikolarment is-sistema tal-pensjoni.
- (8) It-tendenzi demografiki li għaddejjin juru kemm hija kbira l-ħtieġa ta' riforma komprensiva tal-pensjonijiet fil-Litwanja li tindirizza r-riskji tas-sostenibbiltà fuq medda medja ta' żmien u r-riskji fl-adegwatezza tas-sistema tal-pensjoni attwali. Il-livell ta' faqar fost l-anzjani fil-Litwanja huwa fost l-ogħla fl-Unjoni. Madankollu, bħalissa ma hemm l-ebda mekkaniżmu ta' indiċjar tal-pensjonijiet ipprovduti pubblikament, u l-infiq fuq il-pensjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali huwa relattivament baxx. Il-Parlament għadu ma adottax l-abbozz ta' liġi proposta mill-Gvern biex tintroduċi mekkaniżmu ta' indiċjar, biex l-età tal-irtirar tintrabat mal-bidliet fl-istennija tal-għomor wara l-2026 u biex jitjeb il-mod ta' kif tiġi ffinanzjata l-parti bażika tal-pensjoni tal-assigurazzjoni soċjali.

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(2) Il-bilanċ strutturali kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni fil-programm ta' Stabbiltà, skont il-metodoloġija komunement miftiehma.

- (9) Fil-Litwanja, ir-riżultati tal-kura medika huma fost l-aqgar fl-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, ir-rata ta' mortalità tal-popolazzjoni bejn l-età ta' 20 u 64 sena hija l-ogħla fl-Unjoni, u dan għandu impatt importanti fuq il-forza lavorattiva potenzjali disponibbli u għall-produttività tal-ħaddiema. Id-dgħjufija fis-sistema tas-saħħa tinkludi wkoll ħafna dipendenza fuq il-kura tal-pazjenti fl-isptarjiet u kliniċi u infieq baxx fejn tidħol il-prevenzjoni u s-saħħa pubblika. Hemm il-bżonn li tiġi indirizzata x-xejra demografika negattiva.
- (10) Huwa importanti li l-Litwanja ssaħħaħ l-investment fil-kapital uman biex jingħelbu xi ftit mill-effetti negattivi tat-tnaqqis fil-popolazzjoni tagħha fl-età tax-xogħol u biex jingħata appoġġ lit-transizzjoni tal-Litwanja lejn ekonomija b'aktar valur miżjud. Minkejja li l-kisbiet edukattivi żdiedu, il-proporzjon ta' studenti b'nuqqas ta' ħiliet bażiċi hu għoli. Iridu jsiru sforzi biex jiġi żgurat l-għoti ta' tagħlim ta' kwalità għolja, ħaġa li hi kruċjali biex jiġu indirizzati riżultati batuti u nuqqasijiet fl-edukazzjoni. Barra minn dan, jeżistu nuqqasijiet fil-kwalità tat-tagħlim fl-edukazzjoni għolja u l-ħila li tinġieb 'l quddiem l-innovazzjoni. Il-livell persistentement baxx ta' parteċipazzjoni fit-tagħlim tal-adulti qed idgħajef l-isforzi biex tittejjeb il-kwalità tal-kapital uman u biex tiżdied il-produttività. Hemm sinjali li qegħdin jitfaċċaw nuqqasijiet ta' ħiliet f'ċerti setturi tal-ekonomija. Dawn in-nuqqasijiet tas-snaġġa huma mistennija jsiru aktar akuti fil-futur. Iż-żieda qawwija fil-pagi u t-tnaqqis fir-rata tat-tkabbir tal-produttività jistgħu jdgħajfu l-kompetittività tal-kosti. Għalhekk huwa importanti li tittejjeb ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni, li jiġu ssimplifikati l-istruttura u l-finanzjament tas-sistema edukattiva, u li jiġi żviluppat it-tagħlim tul il-ħajja u jittejjbu l-immirar u l-effikaċja tal-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol. Il-Litwanja ħadet passi biex ittejjeb il-miżuri attivi fis-suq tax-xogħol u servizzi oħra għall-appoġġ ta' min ifittex xogħol, iżda għad hemm lok għat-titjib fl-immirar lejn gruppi speċifiċi, b'mod partikolari dawk li m'għandhomx il-ħiliet meħtieġa u dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil. L-infiq fuq miżuri ta' politika tas-suq tax-xogħol effikaċi għadu limitat u x-xbieki ta' sikurezza soċjali fil-Litwanja huma dgħajfa. Madwar 27 % tal-popolazzjoni tal-Litwanja tinsab f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali u l-inugwaljanza fid-dħul hija fost l-ogħla fl-Unjoni. Il-Gvern jippjana li jtejjeb il-kopertura u l-adeqwatezza tal-benefiċċji tal-qgħad u tal-assistenza soċjali, iżda l-leġislazzjoni rilevanti għadha ma ġietx adottata.
- (11) Fil-Parlament qegħda tiġi diskussa revizzjoni komprensiva tal-Kodiċi tax-Xogħol u tal-mudell soċjali. L-intenzjoni hi li tiżdied il-flessibilità tar-relazzjonijiet tas-suq tax-xogħol u li tingħata aktar sigurtà, iżda l-leġislazzjoni rilevanti għad trid tiġi adottata. L-involvement tas-sħab soċjali fl-implimentazzjoni tar-riforma, u aktar djalogu soċjali intensiv huma importanti.
- (12) L-investment ikun irkuprat bil-mod sa mill-bidu nett tal-kriżi ekonomika u jiġu appoġġjati mill-Fondi Strutturali u ta' investment tal-UE fis-snin li ġejjin. Madankollu, l-adozzjoni u l-użu ta' teknoloġija ġdida ma tkunx mifruxa fuq l-ekonomija u l-innovazzjoni huwa baxx, u dan ifixkel it-tkabbir fil-produttività. L-investment privat fir-riċerka u l-innovazzjoni kien baxx ukoll, x'aktarx minħabba inċentivi insuffiċjenti għar-riċerka kummerċjali u l-innovazzjoni u l-kooperazzjoni pubblika-privata. It-tisħiħ tal-investment privat jista' jtaffi r-riskji marbuta mad-dipendenza tal-investment pubbliku tal-Litwanja fir-riċerka u l-innovazzjoni fuq il-fondi strutturali u ta' investment tal-UE. Is-sistema tal-edukazzjoni terzjarja turi nuqqasijiet fir-riżultati ta' kwalità u ta' innovazzjoni, b'livelli limitati ta' kooperazzjoni ma' universitajiet u ċentri ta' riċerka. Is-sistema tar-riċerka u tal-innovazzjoni hija frammentata u kkaratterizzata minn sovrappożizzjonijiet u duplikazzjoni. Dan ma jħallix lil-Litwanja tilħaq il-massa kritika ta' riċerka u ta' żvilupp li hija meħtieġa sabiex jiżdied l-għarfien innovattiv. L-inċentivi għall-innovazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-klassi akkademika u n-negozju jeħtieġ li titqawwa, fost affarijiet oħra bl-iżvilupp tal-kapital uman u bl-investment fih, ħaġa li tista' tqawwi l-livell tat-trasferimenti ta' teknoloġija lejn l-ekonomija reali. It-titjib tal-kapaċità limitata tal-kumpaniji Litwani li jassorbu għarfien estern u japplikawh għal finijiet kummerċjali ittejjeb il-livelli ta' innovazzjoni.
- (13) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Litwanja u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm ta' Riforma Nazzjonali u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil-Litwanja fi snin preċedenti. Hija kkunsidrat mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Litwanja

imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-hteġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għal deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (3) hawn taħt.

- (14) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Litwanja tiegħu azzjoni fl-2016 u l-2017 biex:

1. Tiżgura li d-devjazzjoni mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju tkun limitata għall-provvediment marbut mar-riforma sistemika tal-pensjonijiet fl-2016 u l-2017. Titnaqqas il-piż tat-taxxa fuq dawk bi dħul baxx permezz ta' ċaqlieq tal-piż tat-taxxa għal fuq sorsi oħra li huma ta' anqas ħsara għat-tkabbir u ttejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa, b'mod partikolari fil-qasam tal-VAT.
2. Issaħħaħ l-investment fil-kapital uman u tindirizza nuqqasijiet fil-ħiliet, billi ttejjeb ir-relevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni, tgħolli l-livell tal-kwalità tat-tagħlim u t-tagħlim għall-adulti. Tirrinforza l-kopertura u l-effikaċja tal-politika attiva dwar is-suq tax-xogħol. Issaħħaħ ir-rwol ta' mekkaniżmu tad-djalogu soċjali. Ittejjeb il-prestazzjoni tas-sistema tas-saħħa billi ssaħħaħ il-kura tal-pazjenti barra l-isptarijiet u l-kliniċi, bil-prevenzjoni tal-mard u l-promozzjoni tas-saħħa. Ittejjeb il-kopertura u l-adegwatezza tal-benefiċċji tal-qgħad u l-assistenza soċjali.
3. Tadotta miżuri li jsaħħu l-produttività, jittejjbu l-adozzjoni u l-assimilazzjoni ta' teknoloġiji ġodda madwar l-ekonomija. Ittejjeb il-koordinazzjoni ta' politiki tal-innovazzjoni u jitħeġġeġ l-investment privat, inkluż fost affarijiet oħra permezz tal-iżvilupp ta' mezzi alternattivi ta' finanzjament.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

⁽¹⁾ Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tar-Rumanija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tar-Rumanija**

(2016/C 299/18)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjeggi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lir-Rumanija bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2016 għar-Rumanija ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Dan ivvaluta l-progress li għamlet ir-Rumanija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress li għamlet ir-Rumanija lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Europa 2020. Inkluda wkoll l-analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li r-Rumanija mhi għaddeġja mill-ebda żbilanċ makroekonomiku.
- (3) Fit-28 ta' April 2016, ir-Rumanija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tagħha u l-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

- (4) Il-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020 indirizzat ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għal kull pajjiż. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet dettalji ulterjuri dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni f'linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropew ma' governanza ekonomika tajba.
- (5) It-tielet programm ta' assistenza finanzjarja tal-bilanċ ta' pagamenti (2013-2015) spiċċa f'Settembru 2015 mingħajr ma tlestiet l-ebda analiżi. It-tielet missjoni ta' analiżi formali (16-30 ta' Ġunju 2015) biex tivvaluta l-implimentazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-programm ma tlestietx. Filwaqt li sar xi progress f'bosta oqsma, il-ksib attwali u preċedenti tal-programm kienu mminati foqasma ta' politika ewlenija. Is-sorveljanza ta' wara l-programm bdiet fl-1 ta' Ottubru 2015 u ser tkompli sakemm mill-inqas 70 % tas-self mogħti skont l-ewwel programm tal-bilanċ ta' pagament ikun tħallas lura, jiġifieri mill-inqas sar-rebbiegħa tal-2018.
- (6) Attwament ir-Rumanija qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2016, il-Gvern għandu l-pjan li jkun hemm deterjorazzjoni tal-bilanċ nominali minn - 0,7 % fl-2015 għal - 2,9 % tal-PDG fl-2016 u l-2017. Il-bilanċ strutturali mistenni li jiddeterjora wkoll. Il-programm jippjana li jibteghed mill-objettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG — li kien inkiseb fl-2014 u l-2015 u ma jippjanax li jerġa' lura għalih matul il-perjodu tal-programm. Skont il-programm ta' konverġenza, il-proporzjoni tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG mistenni li jibqa' taħt l-40 % matul il-medda tal-programm. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli għall-2016 u kemxejn favorevoli għall-2017. Abbażi tal-previżjonijiet tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2016, jeżisti riskju għoli ta' devjazzjoni sinifikanti kemm fl-2016 u, jekk ma jinbidlux il-politiki, fl-2017. Barra minn hekk, il-previżjonijiet tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2016 jipprojetaw defiċit tal-gvern ġenerali ta' 3,4 % tal-PDG għall-2017, 'il fuq mill-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG tat-Trattat. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Konverġenza u meta titqies il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2016, il-Kunsill huwa tal-fehma li jeżisti r-riskju li r-Rumanija ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patti ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għaldaqstant, ser ikun hemm bżonn ta' miżuri ulterjuri biex tiġi ggarantita l-konformità fl-2016 u fl-2017.
- (7) Il-qafas fiskali fir-Rumanija hu sod fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tiegħu, iżda mhuwiex applikat b'mod effettiv fil-prattika. L-ebda wieħed mill-miżuri fiskali reċenti ta' żieda fid-defiċit ma ġie mibdi u adottat bħala parti mill-proċess baġitarju standard. Fl-2015, inkiser ir-reqwiżit li tiġi inkluża valutazzjoni tal-impatt ivverifikata mill-Ministeru tal-Finanzi għal miżuri legiſlattivi ġodda li jżidu n-nefqa pubblika jew inaqqsu d-dħul pubbliku, b'rispett għal-limiti ta' nefqa, u biex jiġu proposti miżuri ta' kumpens għal tnaqqis fid-dħul. Fil-prattika, il-Kunsill Fiskali ngħata żmien qasir ħafna biex jirreaġixxi għall-proposti baġitarji u l-opinjoni u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu mhumiex ikkunsidrati biżżejjed. Il-Liġi tal-Baġit tal-2016 timmira lejn defiċit fiskali ta' 2,95 % tal-PDG, li jwassal għal devjazzjoni sinifikanti mill-objettiv fit-terminu medju. Dan hu tbeġhid mill-qafas fiskali nazzjonali.
- (8) Qed jiġu implimentati numru ta' miżuri għat-titjib tal-ġbir tat-taxxi u ż-żieda fil-konformità mar-regoli tat-taxxa. Dawn jinkludu cash registers obligatorji, regoli msaħħa ta' pagament bi flus kontanti, proċedura ta' reġistrazzjoni tal-VAT ġdida, awditjar intensifikat mill-awtorità tat-taxxa (ANAF) u r-riorganizzazzjoni li għadha għaddejjja tal-awtorità. Madankollu, evażjoni tat-taxxa għolja u livell baxx ta' konformità mar-regoli tat-taxxa jibqgħu sfida. Xogħol mhux iddikjarat u dħul sottodikjarat ikompli jkun ta' piż għad-dħul mit-taxxa u huma ta' distorsjoni għall-ekonomija. L-effikaċja tal-miżuri, inklużi dawk mill-Ispettorat tax-Xogħol, biex ix-xogħol mhux iddikjarat jitnaqqas, għadha limitata.
- (9) Il-liġi tal-ugwalizzazzjoni tal-etajiet tal-pensjoni għall-irġiel u għan-nisa ilha pendenti quddiem il-Parlament mill-2013. L-adozzjoni tagħha żżid il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' nisa iktar anzjani, bit-tnaqqis tad-disparità bejn is-sessi tal-pensjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju ta' faqar relatat mal-anzjanità.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (10) Il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol tjiebu fl-2015. Il-rata tal-qgħad hi baxxa u r-rata ta' impjieg qed tiżdied. Il-qgħad ta' terminu twil hu inqas mill-medja tal-UE. Madankollu għad baqa' sfidi sinifikanti, speċjalment b'relazzjoni mar-rata għolja ta' żgħażaġh barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ u hemm sensibilizzazzjoni limitata biex jiġu attivati b'mod effettiv.
- (11) L-Aġenzija tal-Impjieg Nazzjonali qiegħda lura milli toffri servizzi personalizzati lil dawk li qed ifittxu impjieg, minkejja konsultazzjoni obbligatorja għal postijiet vakanti lill-Aġenzija tal-Impjieg Nazzjonali. Għet adottata proċedura li toffri appoġġ personalizzat għall-kategoriji varji ta' persuni qiegħda, iżda għadha ma għetx implimentata. Il-kooperazzjoni bejn is-servizzi ta' impjieg u soċjali hi limitata ħafna u dan jagħmel l-attivazzjoni ta' benefiċjarji ta' assistenza soċjali iktar diffiċli.
- (12) Il-paga minima, li hi fost l-iktar baxxa fl-Unjoni, żdiedet b'mod sostanzjali mill-2013 u n-nuqqas ta' kriterji objettivi għat-twaqqif tagħha toħloq inċertezza. Twaqqaf grupp ta' ħidma tripartitiku biex jaħdem fuq ir-riforma tat-twaqqif tal-paga minima, iżda għad ma hemmx linji gwida jew kriterji ċari li jikkunsidraw l-impatt fuq il-ħolqien tax-xogħol, il-kundizzjonijiet soċjali u l-kompetittività. B'mod ġenerali, id-djalogu soċjali għadu dgħajef.
- (13) Ir-Rumanija għandha wieħed mill-ogħla riskji ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-Unjoni. L-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' persuni fuq assistenza soċjali hi limitata ħafna, speċjalment f'żoni rurali. L-indiċi ta' referenza soċjali, li fuqu huma bbażati l-ammonti ta' benefiċċji soċjali, mhijex aġġornata b'mod konformi mal-kuntest ekonomiku, u dan jista' jaffettwa l-benefiċċji maż-żmien. Il-Liġi tad-Dħul Minimu ta' Inklużjoni, li hi mistennija li ttejjeb l-immirar u l-adegwatezza ta' benefiċċji u l-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' riċevituri ta' dħul minimu ta' inklużjoni, intbagħtet lill-Parlament għall-adozzjoni. Madankollu, bosta miżuri fil-"pakkett ta' kontra l-faqar" tal-Gvern għandhom l-għan li jindirizzaw din il-kwistjoni, bl-użu ta' approċċ interattiv (l-edukazzjoni, is-saħħa, is-settur tal-abitazzjoni, il-protezzjoni soċjali, it-trasport).
- (14) Ir-Rumanija għadha taffaċċja sfidi ta' edukazzjoni. Bosta strateġiji jkopru t-tagħlim tul il-ħajja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni terzjarja u t-tluq bikri mill-iskola. Madankollu, ir-rata ta' tluq bikri mill-iskola għadha ferm ogħla mill-medja tal-UE, parzjalment minħabba dewmien sinifikanti fl-istrateġija approvata fl-2015. Il-programmi ta' prevenzjoni u rimedju huma limitati. Gruppi vulnerabbli bħar-Rom u tfal minn familji fqar għadhom jiffaċċaw ostakli fl-aċċess u t-twettiq ta' edukazzjoni ta' kwalità, speċjalment f'żoni rurali. Fl-edukazzjoni u fil-kura bikrija tat-tfal, ir-Rumanija ħadet azzjoni biex tappoġġa l-parteċipazzjoni ta' studenti żvantaġġati fil-kindergarten (tfal ta' bejn 3-6 snin). L-għoti ta' servizzi għat-tfal żgħar għal tfal bejn 0-3 snin għadu limitat. Il-leġislazzjoni reċenti għall-estensjoni ta' dispożizzjonijiet ta' liv tal-ġenituri, flimkien ma' inċentivi tax-xogħol insuffiċjenti, jistgħu jżidu l-ostakli għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u fit-taħriġ vokazzjonali sekondarji għolja hi ogħla mill-medja tal-UE, iżda r-rati tal-abbandun bikri mill-iskola għadhom għoljin. Ir-rata ta' kisba terzjarja qed tiżdied, iżda l-kwalità u r-rilevanza tas-suq tax-xogħol ta' edukazzjoni għolja hi limitata. Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni tal-adulti hi baxxa ħafna.
- (15) Ir-riżultati tas-saħħa fir-Rumanija huma fqar. Is-stennija ta' tul tal-ħajja fit-twelid hi ferm inqas mill-medja tal-UE kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. L-aċċess għall-kura tas-saħħa u d-dipendenza żejda fuq il-kura fi sptarijiet jibqgħu ta' tħassib kbir. Pagamenti informali popolari jnaqqsu l-aċċess għall-kura tas-saħħa għal persuni bi dħul baxx. Ir-Rumanija adottat miżuri biex jitjeb l-aċċess għall-kura tas-saħħa għal pensjonanti bi dħul baxx u persuni f'komunitajiet remoti u iżolati. Qed jiġi żviluppata netwerk ta' medjaturi soċjali u tas-saħħa u ġie propost abbozz tal-liġi dwar servizzi tal-komunità. Id-destituzzjonalizzazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà għadha sfida.
- (16) Ir-Rumanija ħadet azzjoni biex tindirizza l-finanzjament baxx tas-sistema tal-kura tas-saħħa u l-użu ineffiċjenti tar-riżorsi pubbliċi. Dawn ir-riformi inkludew l-ikklerjar ta' arretrati fis-settur tas-saħħa, żieda fis-sostenibbiltà tan-nefqa farmaċewtika, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet tas-saħħa elettronika, it-titjib fil-finanzjament tas-sistema tas-saħħa, it-fassil ta' strateġija għal bidla tar-riżorsi minn kura bbażata fuq sptar lejn kura preventiva u primarja, u proċeduri ta' akkwist ċentralizzati. Madankollu, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva qed idewwem l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali tas-saħħa 2014-2020. B'mod partikolari, l-effiċjenza tas-sistema tas-saħħa hi limitata minn dewmien fl-issimplifikar tas-settur tal-isptarijiet u bidla minn kura tas-saħħa fl-isptar għal waħda ta' pazjenti ta' barra li hija iktar kosteffikaċi.

- (17) L-inugwaljanzi ewlenin ta' żvilupp tar-Rumanija huma bejn iż-żoni urbani u dawk rurali. Ir-riżultati tax-xogħol, soċjali, tal-kura tas-saħħa u tal-edukazzjoni huma inqas fiż-żoni rurali u persuni jiffaċċjaw inqas aċċess għal edukazzjoni, servizzi mediċi, utilitajiet bażiċi, u servizzi bażiċi minħabba kapaċità amministrattiva lokali baxxa u frammentata. Safrattant, l-iżvilupp soċjoekonomiku taż-żoni rurali hu limitat minn infrastruttura tat-trasport mhux żviluppata biżżejjed u trasport pubbliku u privat limitat, flimkien ma' spejjeż ta' vjaġġar ogħla u aċċess limitat għal infrastruttura tal-broadband. Valur miżjud baxx fl-agrikoltura u n-nuqqas ta' diversifikazzjoni ekonomika f'żoni rurali jillimitaw l-iżvilupp ta' ekonomija rurali sostenibbli. Proporzjon għoli tal-forza tax-xogħol rurali taħdem l'agrikoltura ta' sussistenza jew semisussistenza assoċjati ma' qgħad moħbi jew xogħol tal-familja mhux remunerat, produttività baxxa u faqar. Pakkett ta' kontra l-faqar, li ser jiġi ffinanzjat fil-biċċa l-kbira minn fondi tal-UE, jipprovdni għal approċċ integrat għall-ġlieda kontra l-faqar, inkluż f'żoni rurali. Hemm pjanijiet għat-twaqqif ta' timijiet tal-komunità integrati, li joffru bosta servizzi integrati għal komunitajiet żvantaġġati, iżda għadhom ma għewx implimentati.
- (18) Il-qafas strateġiku għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika ilu fis-seħħ mill-2014, iżda l-implimentazzjoni kienet kajmana fl-2015. Ġew adottati xi inizjattivi ewlenin fl-2016 għal żieda fit-trasparenza u l-effikaċja tal-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika. Madankollu, id-dewmien fl-adozzjoni ta' approċċ maniġerjali tar-riżorsi umani ġenerali u trasparenti, b'mod partikolari ir-reklutaġġ/il-ħatra, l-evalwazzjoni, il-pagi u l-progress tul il-karriera mal-kategoriji kollha tal-persunal u t-taħriġ, iħallu lok għal approċċ arbitrarju għal proċeduri u deċiżjonijiet ewlenin. Dan, flimkien ma' strutturi organizzazzjonali instabbli, għandhom impatt negattiv fuq l-indipendenza u l-professjonaliżmu tas-servizz ċivili u, għalhekk, fuq l-effikaċja u l-effiċjenza. Proċeduri amministrattivi kkomplicati, sistema ta' akkwist pubbliku ineffiċjenti u korruzzjoni mifruxa jillimitaw l-għoti ta' servizzi (inklużi servizzi tal-gvern elettroniku), kemm lill-pubbliku u lin-negozji. Ippjanar strateġiku, baġitjar ta' programmi, prattiki ta' konsultazzjoni u tfassil ta' politika bbażata fuq evidenza għadhom ma jintużawx biżżejjed. Dawn l-isfidi jxekklu l-implimentazzjoni ta' politiki importanti fuq ħafna oqsma, inkluż it-teħid effettiv ta' fondi tal-UE disponibbli u appoġġ ieħor finanzjarju.
- (19) Intrapriżi tal-Istat li jiddominaw setturi ekonomiċi ewlenin għandhom tendenza li ma jrendux kemm jistgħu. Dawn huwa speċjalment prevalenti fl-industrija tal-infrastruttura ewlenin, responsabbli għal 44 % tal-fatturat u 77 % tal-impjegati fis-settur tal-enerġija u 24 % u 28 % rispettivament fis-settur tat-trasport. L-Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 109/2011 dwar il-governanza korporattiva tal-impriżi proprjetà tal-istat ġiet ikkonvertita fl-iġi fl-10 ta' Mejju 2016 b'emendi li jallinjaw aħjar ma' prassi internazzjonali tajba. Ir-Rumanija kompliet bir-reklutaġġ ta' maniġers professjonali biex jieħdu post il-maniġment interim f'bosta intrapriżi tal-Istat iżda l-programm kien aktar kajman milli kien tħabbar fil-bidu. It-trasparenza u r-responsabbiltà ta' intrapriżi tal-Istat jibbenefikaw mill-aċċellerazzjoni tal-adozzjoni tal-baġits annwali u l-approvazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' kontijiet annwali awditjati. Qed titħejja liġi ġdida tal-privatizzazzjoni. Madankollu, din tista' tinkludi dispożizzjonijiet b'kunflitt mal-leġislazzjoni ta' governanza korporattiva. Ta' tħassib partikolari huma r-ripetizzjonijiet possibbli fir-responsabbiltajiet tal-amministratur speċjali tal-privatizzazzjoni u l-maniġment tal-kumpanija.
- (20) Minkejja l-isforzi tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji biex jindirizzaw korruzzjoni fil-livelli għolja, il-korruzzjoni għadha preżenti f'ħafna setturi ekonomiċi u tinvolvi uffiċjali maħtura u eletti fil-livelli kollha tal-gvern kif ukoll impjegati taċ-ċivil u impjegati ta' istituzzjonijiet pubbliċi. Qed jiġu implimentati riformi ġudizzjarji ewlenin, iżda għad hemm tħassib dwar l-ammont kbir ta' xogħol fil-qrati, il-prevedibbiltà u l-infurzar xieraq ta' deċiżjonijiet tal-qrati u pressjoni esterna fuq il-ġudikatura. Skont il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika, ir-Rumanija tirċievi rakkomandazzjonijiet fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Għalhekk dawn l-oqsma mhumiex koperti mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għar-Rumanija.
- (21) Tjebet is-solidità tas-settur finanzjarju. Madankollu, is-settur għadu vulnerabbli għal inizjattivi legali domestiċi. Il-liġi riċentement adottata dwar il-kwittanza ta' dejn b'applikazzjoni retroattiva fuq l-istokk eżistenti ta' self tista' tikkostitwixxi sfida għal bosta istituzzjonijiet ta' kreditu u twassal għal attività ta' kreditu iktar dgħajfa. Il-liġi tista' żżid ir-riskji għall-istabbiltà tas-settur finanzjarju b'implikazzjonijiet għall-ekonomija kollha. Żviluppi oħrajn jista' jkollhom impatt negattiv fuq banek inkluża l-proposta ta' konverżjoni ta' self b'munita barranija f'munita lokali u ċerti deċiżjonijiet tal-qrati dwar klawżoli kuntrattwali inġusti f'kuntratti ta' self.
- (22) Infrastruttura insuffiċjenti jew ta' kwalità baxxa huma fost il-fatturi l-aktar problematiċi biex isir negozju fir-Rumanija u tirrappreżenta ostaklu għall-kummerċ u għall-iżvilupp ekonomiku. Minkejja titjib żgħir reċenti,

ir-Rumanija għadha tikklassifika fost l-aħħar pajjiżi fir-reġjun fil-perċezzjoni tal-kwalità tat-trasport u fil-infras-truttura tal-komunikazzjoni. In-netwerk ta' toroq u awtostradi huwa żgħir meta mqabbel ma' dawk tar-reġjun u mad-daqs tal-pajjiż. L-adozzjoni tal-pjan direttur tat-trasport u r-riforma tas-sistema tal-ferroviji li takkumpanjah iddewmu b'mod ripetut.

- (23) L-investment pubbliku naqas mill-2008 'l hawn minkejja d-disponibbiltà kbira ta' finanzjament, b'mod partikolari mill-fondi tal-UE. Din ix-xejra daret fl-2015, imma l-investment pubbliku huwa mistenni li jonqos mill-2016 'il quddiem, peress li l-implimentazzjoni tal-programm 2014-2020 għadha ma bdiex kompletament u mhux qed jitħejjew biżżejjed proġetti maturi. Ir-Rumanija għamlet sforzi reċenti u li għadhom għaddejjin għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni interministerjali, ir-riorganizzazzjoni tas-sistema ta' akkwist pubbliku u t-titjib tal-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' investment. Madankollu, it-tħejjija ta' proġetti ta' investment pubbliku għadhom insuffiċjenti u għadhom suxxettibbli għal influwenza esterna. L-għażla ta' proġetti għadha mxekkla minn nuqqas ta' ppjanar fuq terminu medju u twil u prijoritajiet strateġiċi, il-bżonn ta' ftehim bejn bosta li jieħdu deċiżjonijiet, is-setgħa ta' infurzar limitat tal-Unità ta' Evalwazzjoni ta' Investment Pubbliku fil-Ministeru tal-Finanzi Pubbliċi u n-nuqqas ta' kriterji ta' għażla fil-programm nazzjonali għall-iżvilupp lokali.
- (24) Minkejja t-titjib sinifikanti fil-kompetittività tal-ispejjeż u l-prestazzjoni tal-kummerċ, il-kompetittività mhux tal-ispiża tar-Rumanija għadha sfida. Ostakli strutturali qed ixxekku t-transizzjoni għal ekonomija b'valur ogħla miżjud u jllimitaw l-abbiltà tar-Rumanija biex tħaddan tkabbir sostenibbli. Il-kumplessità ta' proċeduri amministrattivi, il-volatilità ta' politiki fiskali u ta' taxxa, u ambjent tan-negożju dgħajfef ikomplu jkunu ta' piż fuq deċiżjonijiet ta' investment. Evazzjoni tat-taxxa għolja u xogħol mhux iddikjarat inaqqsu d-dħul u huma ta' distorsjoni għall-ekonomija. L-aċċess għal finanzjament għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għadu limitat.
- (25) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tar-Rumanija u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lir-Rumanija fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għas-sostenibbiltà tal-politika fiskali u soċjoekonomika fir-Rumanija imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet taħt is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (4) hawn taħt.
- (26) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Rumanija tieħu azzjoni fl-2016 u fl-2017 biex:

1. Tillimita d-devjazzjoni mill-obiettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2016 u tikseb aġġustament fiskali annwali ta' 0,5 % tal-PDG fl-2017, sakemm l-obiettiv baġitarju fit-terminu medju ma jkunx jista' jintlaħaq b'anqas sforz. Tiżgura l-applikazzjoni tal-qafas fiskali u ssaħħaħ ulterjorment il-konformità mar-regoli tat-taxxa u l-għbir. Tiżgura li l-inizjattivi leġiżlattivi ma jimminawx iċ-ċertezza tad-dritt u ma tqegħidx f'riskju l-istabbiltà finanzjarja. Jekk neċessarju, tadotta miżuri li jnaqqsu tali riskji.
2. Issaħħaħ is-servizzi tal-Aġenzija tal-Impjiegi Nazzjonali lil dawk li jħaddmu u lil dawk li qed ifittxu impjieg, b'mod partikolari billi s-servizzi jiġu personalizzati għall-profil ta' dawk li qed ifittxu impjieg, biex ikun hemm rabta aħjar mal-assistenza soċjali, inkluż is-servizzi soċjali, u jllhqu liż-żgħażaġh li mhumiex reġistrati. Tistabbilixxi, b'konsultazzjoni ma' sħab soċjali, kriterji objettivi għat-twaqqif ta' paga minima. Tieħu azzjoni biex tipprevjeni tluq bikri mill-iskola u żżid l-għoti ta' edukazzjoni ta' kwalità, b'mod partikolari fost ir-Rom. Tadotta l-ugwalizzazzjoni tal-età tal-pensjoni għall-irġiel u għan-nisa.
3. Twaqqaf pagamenti informali fis-sistema tal-kura tas-saħħa u żżid id-disponibbiltà tal-kura tal-pazjenti ta' barra. Issaħħaħ l-indipendenza u t-trasparenza tal-immaniġġjar ta' riżorsi umani fl-amministrazzjoni pubblika. Tissimplifika l-proċeduri amministrattivi għal negożji u għall-pubbliku. Issaħħaħ il-governanza korporattiva ta' intrapriżi tal-Istat.

(¹) Taħt l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

4. Ittejjeb l-aċċess għal servizzi pubbliċi integrati, testendi l-infrastruttura bażika u tħaddan diversifikazzjoni ekonomika, b'mod partikolari f'żoni rurali. Tadotta u timplimenta il-pjan direttur tat-trasport. Issaħħaħ il-prijoritizzazzjoni u t-tħejjija ta' proġetti ta' investiment pubbliku.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Finlandja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Finlandja**

(2016/C 299/19)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat ta' Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lill-Finlandja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽³⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib fost l-ekonomiji fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, il-Finlandja għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni.
- (2) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2016 għall-Finlandja ġie ippubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Dan ivvaluta l-progress tal-Finlandja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015,

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠU C 96, 11.3.2016, p. 1

u l-progress tal-Finlandja lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Europa 2020. Dan inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati tagħha tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Finlandja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, huwa essenzjali li jiġi indirizzat it-telf tal-kompetittività fil-kostijiet akkumulat matul diversi snin, prinċipalment minħabba żieda fil-paġi li qabżu dik tal-produttività għal perjodu twil, li wassal għal deterjorament qawwi fil-kont kurrenti bejn l-2008 u l-2012. L-analiżi indikat ukoll riskji sinifikanti fuq perjodu medju u twil għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi diġà batuti.

- (3) Fl-14 ta' April 2016, il-Finlandja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2016 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess żmien.
- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ippogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif ser tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni flinji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment ma' governanza ekonomika soda.
- (5) Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 jindika li l-impatt baġitarju tad-dħul eċċezzjonali ta' refuġjati huwa sinifikanti u jipprovdi evidenza adegwata dwar l-ambitu u n-natura ta' dawn il-kostijiet baġitarji addizzjonali. Skont il-Kummissjoni, l-ispejjeż eliġibbli addizzjonali ammontaw għal 0,05 % tal-PDG fl-2015 u bħalissa huwa stmat għal 0,2 % tal-PDG fl-2016. Id-dispożizzjonijiet kif jinsabu fl-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ikopru din in-nefqa addizzjonali, billi l-influss tar-refuġjati huwa avveniment eċċezzjonali, l-impatt tiegħu fuq il-finanzi pubbliċi tal-Finlandja huwa sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tiġix kompromessa billi jippermetti devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien. Għalhekk, l-aġġustament meħtieġ lejn l-oġettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien għall-2015 tnaqqas biex jitqiesu li dawn il-kostijiet. Rigward l-2016, valutazzjoni finali, inkluż dwar l-ammonti eliġibbli, ser issir fir-rebbieġha tal-2017 fuq il-bażi ta' data osservata kif ipprovduta mill-awtoritajiet tal-Finlandja.
- (6) Il-Finlandja bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fit-18 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni ħarġet Rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE, minħabba li d-dejn tal-gvern ġenerali tal-Finlandja qabeż is-60 % tal-valur ta' referenza tal-GDP fl-2015. Fl-analiżi ġie konkluż li l-kriterju tad-dejn għandu jiġi meqjus bħala mħares. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2016, il-Gvern qed jippjana titjib fil-bilanċ nominali għal -2,5 % tal-PDG fl-2016 u mbagħad għal -1,3 % fl-2020. Il-Gvern qed jippjana li jilħaq l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju — defiċit ta' 0,5 % tal-PDG f'termini strutturali — sal-2019. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG huwa mistenni li jilħaq il-livell massimu ta' 67,4 % fl-2019 u li jonqos għal 67,2 % fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Il-miżuri meħtieġa biex jintlaħaq l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju sal-2019 ma ġewx speċifikati biżżejjed. Abbażi tat-tbassir tar-rebbieġha 2016 tal-Kummissjoni, hemm ir-riskju ta' xi devjazzjoni mill-aġġustament rakkomandat fl-2016. Il-konklużjoni għall-2016 ma tinbidilx f'każ li l-impatt baġitarju ta' dħul eċċezzjonali ta' refuġjati ġie eskluż mill-analiżi. Jekk ma jinbidlux il-politiki, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament irrakkomandat fl-2017. Il-proporzjon tad-dejn għall-PDG huwa pprojetat li jkompli jiżdied, u jilħaq 66,9 % fl-2017. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà u filwaqt li titqies il-previżjoni tar-Rebbieġha tal-2016 tal-Kummissjoni, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li jeżisti riskju li l-Finlandja ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għalhekk, ser jinħtieġu iktar miżuri biex jiżguraw konformità fl-2016 u fl-2017.
- (7) Minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-forza tax-xogħol li qed tonqos, in-nefqa fuq il-pensjonijiet, is-saħħa u l-kura fit-tul hija mistennija li tiżdied minn 23,1 % fl-2013 għal 26,9 % tal-PDG sal-2030. F'Jannar 2016, il-Finlandja għadnett riforma tal-pensjonijiet li ser tgħaqqad l-età statutorja tal-irtirar mal-istennija tal-għomor mill-2027.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Is-servizzi soċjali u dawk tas-saħħa, ipprovduti mill-muniċipalitajiet, jammontaw għal 10 % tal-PDG. Mingħajr riforma tas-sistema, din in-nefqa hija prevista li tikber b'2,4 % kull sena f'termini nominali u tiżdied b'ħala sehem mill-PDG. Sar qbil dwar il-punti prinċipali ta' programm ambizzjuż ta' riforma amministrattiva u r-ristrutturar ta' servizzi soċjali u kura tas-saħħa. L-għanijiet ewlenin ta' riforma jinkludu t-tnaqqis ta' sostenibbiltà fuq medda ta' żmien twil bi EUR 3 biljun permezz ta' kontroll aħjar tal-kostijiet. Dan ser jinkiseb permezz tal-integrazzjoni ta' servizzi, arrangaturi akbar tas-servizzi u diġitalizzazzjoni. Id-dettalji kollha għad iridu jtfasslu u għad iridu jiddaħħlu fis-seħħ pjanijiet ta' ġestjoni tat-tibdil qabel ma r-riforma tkun tista' tiġi implimentata mill-2019 kif ippjanat. Il-Gvern ħabbar li miżuri biex jimplimentar r-riforma ser jiġu ppreżentati fl-aħħar tal-2016. Id-daqs u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tar-riforma jfissru li ser tkun sfida. L-adozzjoni fil-ħin tal-proposti legiŝlattivi hija għalhekk importanti.

- (8) Biex tiġi restawrata l-kompetittività tal-Finlandja, it-tħaddim tas-suq tax-xogħol għandu jittejjeb b'diversi modi. Fuq livell aggregat, iż-żidiet fil-pagi kienu moderati peress li l-ftehim tal-pagi maqbul ċentralment ġie maqbul fl-aħħar tal-2013. Skont il-ftehim, iż-żieda fil-pagi nneozjata minn sena għal sena naqset minn 1,3 % fl-aħħar kwart tal-2013 għal 0,5 % fir-raba' kwart tal-2015. F'Ġunju 2015, l-imsieħba soċjali ddeċidew li jestendu l-ftehim għall-2016. Madankollu, it-tkabbir fil-produttività tax-xogħol kien għadu ma rkuprax u, għalhekk, il-kostijiet nominali ta' unità lavorattiva huwa previst li jiżdied, għalkemm aktar bil-mod. In-neozjati twestqu biex tiġi restawrata l-kompetittività fil-kostijiet. Patt tal-Kompetittività kien miftiehem bejn l-imsieħba soċjali fid-29 ta' Frar 2016. Il-Ftehim jeħtieġ li jiġi tradott fi ftehimiet settorjali qabel ma jkun jista' jiġi implimentat. Il-Patt tal-Kompetittività ser jiġi kkomplementat b'miżuri miftiehma bejn l-imsieħba soċjali biex tkun żgurata aktar flessibilità fis-suq tax-xogħol kif ukoll mudell għid dwar it-tkabbir tal-pagi billi jiġu stabbiliti l-pagi ta' setturi oħra minbarra dawk li jħabbtu wiċċhom ma' kompetizzjoni esterna. Huwa importanti li jiġu implimentati miżuri fis-suq tax-xogħol b'mod li jirrispetta bis-sħiħ ir-rwol tal-imsieħba soċjali.
- (9) Minħabba tnaqqis fid-daqs tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, it-titjib tar-rata ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol hija importanti. Dan jeħtieġ sforzi kontinwi biex jiġu integrati ħaddiema anzjani, żgħażagħ, dawk li ilhom mingħajr impjieg u dawk b'ħiliet baxxi fis-suq tax-xogħol. Ir-rata tal-impjieg naqset b'aktar minn żewġ punti perċentwali, minn quċċata ta' qabel il-kriżi ta' 70,6 % fl-2008 u 68,5 % fl-2015, filwaqt li l-qgħad żdied minn 6,4 % għal 9,4 %. Ir-rata ta' impjieg tal-anzjani għadha qed titjeb gradwalment, iżda għad fadal xi modi ta' ħruġ bikri mid-dinja tax-xogħol fil-forma ta' benefiċċji estiżi tal-qgħad fil-każ ta' ħaddiema aktar avvanzati fl-età sa meta jirtiraw (il-'mina tal-qgħad'), li, jekk ma jitnaqqas, jistgħu jillimitaw l-impatt pożittiv tar-riforma tal-pensjonijiet adottata fl-2016. L-effetti tal-tibdil għall-parametri tal-mina tal-qgħad fir-riformi preċedenti tal-pensjonijiet ser jiġu vvalutati fl-2019. Il-qgħad għal perjodu twil żdied b'mod konsiderevoli bejn l-2008 u l-2014 minn 1,2 % għal 1,9 % tal-forza tax-xogħol kollha, minkejja li ħafna minn dawk li ilhom qiegħda eventwalment jitilqu mill-forza tax-xogħol. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ żdied għal 22,4 % fl-2015. Dawk bi ftit kompetenzi professjonali huma affettwati ħafna mill-prestazzjoni fqira tas-suq tax-xogħol. It-tnaqqis tal-baġit għal politiki attivi fis-suq tax-xogħol fi żmien meta hemm domanda dejjem akbar għal miżuri bħal dawn jistgħu jfixklu opportunitajiet għall-gruppi msemmija hawn fuq biex imorru lura għax-xogħol. F'termini ta' benefiċċji, is-sistema kumplessa ta' benefiċċji b'diversi tipi ta' allowances tista' tirriżulta f'nuqqas ta' attività sinifikanti u nases ta' paga baxxa. L-indirizzar ta' dawn in-nases u l-introduzzjoni ta' inċentivi pożittivi biex jaċċettaw ix-xogħol, bħat-titjib tal-possibbiltà li jikkombinaw ix-xogħol u l-benefiċċji, hija partikolarment importanti minħabba tnaqqis fil-baġit għal politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Il-wasla ta' numru relattivament kbir ta' migranti u refuġjati fil-Finlandja fl-2015 tista' sservi biex tikkompensal-effetti ta' popolazzjoni li qed tixjeh, iżda biss jekk ikunu integrati b'suċċess fis-suq tax-xogħol u fis-sistema edukattiva. Hemm problemi ta' tlaqqiġ fis-suq tax-xogħol, parzjalment minħabba tibdil strutturali fl-ekonomija, hekk kif jinħolqu impjegi ġodda f'żoni ġeografiċi u industrij minbarra f'dawk li batew telf ta' impjegi. Jinħtieġu miżuri li jżidu akkomodazzjoni affordabbli fiż-żona ta' Helsinki u politiki effettivi biex jgħinu lin-nies jaġġornaw il-ħiliet tagħhom u jsibu xogħol.
- (10) L-ambjent kummerċjali fil-Finlandja huwa tajjeb daqs jew aħjar minn dak f'ekonomiji avvanzati oħrajn. Madankollu, in-nuqqas ta' kompetizzjoni, b'mod partikolari fis-servizzi mmirati primarjament lejn is-suq domestiku, bħal bejgħ bl-immnut u servizzi ta' trasport, jaffettwa l-kompetittività ġenerali tal-ekonomija Finlandiża. In-neozji identifikaw ħtiġijiet regolatorji eċċessivi bħala ostaklu għad-dħul u t-tkabbir f'xi swieq. Dawn ir-rekwiżiti eċċessivi jeħtieġ li jiġu indirizzati biex jippromwovu l-intraprenditorija u l-investment. Fis-settur tal-bejgħ bl-immnut, ir-regolamenti tal-ippjanar tar-riforma ser jistabbilixxi regoli aktar flessibbli dwar id-daqs u l-lokazzjoni ta' ħwienet. Is-settur kummerċjabbli kompli jirristruttura u għandu jibbenefika minn swieq, prodotti u servizzi ġodda, speċjalment dawk b'valur miżjud għoli. Il-bidla strutturali tista' tiġi ffaċilitata permezz ta'

politiki li jappoġġjaw l-espansjoni tal-kumpaniji, l-internazzjonalizzazzjoni u l-innovazzjoni. Fil-ħarifa tal-2015 ġew adottati emendi leġislattivi, iżda bosta minnhom huma mistennija li jiġu implimentati bejn l-2016 u l-2018. Il-Gvern ħabbar li ser ikun hemm aktar riformi strutturali sabiex tiżdied il-kompetizzjoni fis-suq.

- (11) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Finlandja, u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2016. Hija analizzat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u s-segwitu li kien hemm tar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lejn il-Finlandja fis-snin ta' qabel. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Finlandja iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet Nri (1) sa (3) ta' hawn taħt.
- (12) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (13) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet Nri (2) u (3) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Finlandja tieħu azzjoni fl-2016 u l-2017 biex:

1. Tikseb aġġustament fiskali annwali ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG lejn l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2016 u 0,6 % fl-2017. Tuża kwalunkwe qligħ mhux mistenni biex tħaffef it-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali. Tiżgura l-adozzjoni f'waqtha u l-implimentazzjoni tar-riforma amministrattiva bl-għan li ttejjeb il-kosteffettività tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa.
2. Filwaqt li tirrispetta r-rwol tal-imsieħba soċjali, tiżgura li s-sistema tal-iffissar tal-pagi ssaħħaħ in-negozjar ta' pagi lokali u telimina riġiditajiet, u b'hekk tikkontribwixxi għall-kompetittività u għal approċċ immexxi aktar mill-industrija tal-esportazzjoni. Iżżid l-inċentivi biex jiġi aċċettat ix-xogħol u tiżgura tixrid immirat u biżżejjed miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, inkluż għal persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Tieħu miżuri biex tnaqqas in-nuqqas ta' tlaqqiġ reġjonali u tal-ħiliet.
3. Tkompli l-isforzi biex tiżdied il-kompetizzjoni fis-servizzi, inkluż fis-settur tal-bejgħ bl-imnut. Tippromwovi l-intraprenditorija u l-investment, inkluż permezz tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv u regolatorju, biex trawwem it-tkabbir ta' produzzjoni ta' valur miżjud għoli.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill
Il-President
P. KAŽIMÍR

⁽¹⁾ Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Latvja u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Latvja**

(2016/C 299/20)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fiha hija ma identifikatx lil-Latvja bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽³⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, il-Latvja għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' din ir-Rakkomandazzjoni.
- (2) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2016 għal-Latvja ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Dan ivvaluta l-progress li għamlet il-Latvja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress tal-Latvja lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Europa 2020.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 96, 11.3.2016, p. 1.

- (3) Fil-14 ta' April 2016, il-Latvja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tagħha u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess żmien.
- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' tidlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif se tuża din id-dispożizzjoni fl-inji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma' governanza ekonomika soda.
- (5) Fil-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2016, il-Latvja talbet devjazzjoni temporanja ta' 0,5 % tal-PDG mill-pjan ta' aġġustament meħtieġ lejn l-oġettiv ta' terminu medju fl-2017 biex jiġu kkunsidrati r-riformi strutturali ewlenin b'impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, b'mod partikolari tar-riforma fis-seħħ fis-settur tas-saħħa abbażi tal-Istrateġija tas-Saħħa 2014-2020. Id-dettalji tar-riforma huma mogħtija fil-qosor fil-Programm ta' Stabbiltà. L-għan huwa li l-iffinanzjar pubbliku għas-settur tas-saħħa jiżdied għal 4 % tal-PDG sal-2020 meta mqabbel ma' 3 % tal-PDG fl-2015. L-implimentazzjoni sħiħa tar-riforma hija stmata li ser iżżid l-impjeggi b'0,6 % u l-livell ta' PDG bi 2,2 % sal-2023, li se jkollhom impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fuq terminu twil. L-impatt pożittiv fuq it-tkabbir u s-sostenibilità fit-tul tal-finanzi pubbliċi huwa vvalutat bħala plawżibbli. Il-Latvja bħalissa tista' tiġi vvalutata bħala li tikkwalifika għad-devjazzjoni temporanja mitluba fl-2017, bil-kundizzjoni li timplimenta b'mod xieraq ir-riformi miftiehma, li se jkunu immonitorjati taħt is-Semestru Ewropew. Madankollu, l-ammont ta' devjazzjoni temporanja permessa hija kundizzjonali fuq ir-rispett ta' parametru referenzjarju minimu (jiġifieri defiċit strutturali ta' 1,7 % tal-PDG). B'riżultat ta' dan, il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2016 tindika spazju addizzjonali għal devjazzjoni temporanja ta' 0,1 % tal-PDG fl-2017.
- (6) Bħalissal-Latvja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2016, il-Gvern qed jippjana titjib gradwali fil-bilanċ nominali li se jilħaq 0,5 % tal-PDG fl-2019. L-aġġustament ipplanat lejn l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju — defiċit ta' 1 % tal-PDG f'termini strutturali — iqis id-devjazzjonijiet mitluba marbuta mar-riforma sistemika tal-pensjonijiet fl-2017 u l-2018 u għar-riforma strutturali maġġuri fis-settur tas-saħħa fil-perjodu 2017-2019. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG huwa mistenni li jilħaq 40 % fl-2016 qabel jonqos għal 38 % fl-2018. Ix-xenarju makroekonomiku li jsejjes dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Madankollu, il-miżuri meħtieġa sabiex isostnu l-miri tad-defiċit ipplanati mill-2017 'il quddiem ma ġewx speċifikati biżżejjed. Abbażi tat-tbassir tar-Rebbiegħa 2016 tal-Kummissjoni, il-valutazzjoni kumplessiva turi li hemm ir-riskju ta' xi devjazzjoni fl-2016 u mingħajr tibdil fil-politika, fl-2016 u 2017 meħuda flimkien. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà u meta jikkunsidra t-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa tal-2016, il-Kunsill hu tal-opinjoni li l-Latvja hi mistennija tikkonforma b'mod ġenerali mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Madankollu, ser ikunu meħtieġa iktar miżuri biex jiżguraw il-konformità fl-2016.
- (7) Il-provvista tal-ħaddiema hija mxekkla b'popolazzjoni fl-età tax-xogħol dejjem tonqos u żidiet fil-pagi li jeċċedu l-produttività u b'hekk jheddu l-kompetittività tal-prezzijiet. Miżuri biex tiżdied l-impjegabbiltà u jitjiebu l-kapital uman huma għalhekk meħtieġa biex jgħinu l-kompetittività.
- (8) Ir-rata ta' dawk fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fil-Latvja hija fost l-ogħla fl-UE. Qed isir xogħol ta' thejġija biex jiddaħħal livell minimu ta' introjtu, iżda l-implimentazzjoni tiegħu mhijiex fiċ-ċert u l-applikazzjoni universali tiegħu qed tiġi dilwita minħabba l-kostijiet fiskali. Barra minn hekk, l-adeqwatezza tal-benefiċċji tal-assistenza soċjali ma tjiġitx mill-2009, ħaġa li żammet lura t-tnaqqis effikaċi tal-faqar. Ir-riforma tal-livell minimu tal-introjtu hija mistennija li tnaqqas il-frammentazzjoni attwali tal-assistenza soċjali u li tipprovdi iċċentiv għax-xogħol.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (9) Il-kopertura tal-miżuri ta' attivazzjoni għadha baxxa, b'mod partikolari għal dawk li ilhom qiegħda. Flimkien ma' servizzi tas-saħħa ħżiena u servizzi soċjali insuffiċjenti, dan ifixkel ir-riintegrazzjoni effettiva fis-suq tax-xogħol. Aktar użu tal-miżuri ta' attivazzjoni jagħti spinta lill-impjeggi.
- (10) Finanzjament baxx tal-kura tas-saħħa pubblika, nuqqasijiet strutturali inerenti, ħlasijiet għolja mħallsa miċ-ċittadin innifsu u kosteffettività subottimali jħallu ħafna mill-popolazzjoni fil-bżonn fejn tidħol il-kura tas-saħħa. Filwaqt li l-aċċess għall-kura tas-saħħa għal każijiet mediċi kritiċi ingħata prijorità, il-forniment tas-servizzi huwa limitat minn restrizzjonijiet finanzjarji.
- (11) Filwaqt li l-Latvja għamlet progress fir-riforma tas-sistema tal-edukazzjoni għolja, b'mod partikolari billi tipprovdi inċentivi li jippremjaw il-kwalità u l-istabbiliment ta' sistema ta' akkreditazzjoni indipendenti, huwa meħtieġ titjib fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, partikolarment fir-rigward tar-riforma tal-kurrikuli u l-istabbiliment ta' qafas regolatorju għal tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol, sabiex jitjiebu l-kwalità u d-disponibilità tagħhom. Is-sħab soċjali jista' jkollhom rwol fl-iżvilupp tal-iskemi tat-tip ta' apprendistat, kif spjegat fil-Liġi tal-Edukazzjoni Vokazzjonali.
- (12) L-investimenti qed jinżammu lura minn kwistjonijiet ta' innovazzjoni, nuqqasijiet fl-ambjent tan-negozju u t-tnaqqis fid-daqs tal-forza tax-xogħol. Nuqqas ta' spinta fl-innovazzjoni u bażi frammentata għar-riċerka qed ifixklu t-tranżizzjoni rapida u effiċjenti tal-Latvja lejn attivitajiet b'valur miżjud ogħla u b'intensità għolja ta' għarfien. Livell baxx ta' protezzjoni għall-investituri fl-applikazzjoni tas-sistema tal-insolvenza, flimkien ma' ineffiċjenzi fl-amministrazzjoni pubblika, ikomplu jgħerxu l-investimenti.
- (13) Il-Gvern ħa passi biex inaqqas il-frammentazzjoni attwali tal-bażi tar-riċerka pubblika, itejjeb il-kwalità tagħha u jsaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni tas-settur tan-negozju. Minkejja l-progress li sar, kemm l-investimenti pubbliċi kif ukoll kummerċjali fir-riċerka u l-innovazzjoni għadhom baxxi ħafna meta mqabbla mal-medja tal-UE. Jeħtieġ li jkompli l-konsolidament tal-bażi tar-riċerka, flimkien ma' żieda fl-għadd ta' riċerkaturi u l-kwalità tar-riċerka. Implimentazzjoni sħiħa tar-riformi bbażata fuq l-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti u l-użu sħiħ ta' għodod ta' politika eżistenti jinċentivaw l-investment privat fl-innovazzjoni.
- (14) Is-sistema tal-insolvenza hija pperċepita min-negozji bħala ostaklu għall-investment, peress li r-rati ta' rkupru tal-assi huma baxxi u amministraturi tal-insolvenza huma soġġetti għal ftit superviżjoni.
- (15) Il-Latvja introduċiet b'suċċess diversi inizjattivi biex itejjeb l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistema ġudizzjarja. Madankollu, għalkemm huwa komprensiv, ir-reġim tal-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess għall-uffiċjali pubbliċi huwa kumpless u riġidu, u jipprijorizza l-konformità formali fuq il-merti tal-każijiet individwali. Barra minn hekk, il-Bureau tal-Għieda Kontra u l-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni ddgħajjef minħabba tensjonijiet interni li ddestabilizzaw u naqqsu l-fiduċja pubblika fl-operat tiegħu u fir-rieda tiegħu li jagħti prijorità lil każijiet bi profil għoli.
- (16) L-ineffiċjenzi ġenerali fl-amministrazzjoni pubblika, l-aktar minħabba d-dawran relattivament għoli tal-persunal, id-dewmien fir-riforma tas-servizz pubbliku u ġestjoni ħażina tal-proġetti, ma jwasslux għal ambjent favorevoli għall-investment. Ir-remunerazzjoni tas-settur pubbliku mhijiex marbuta kif xieraq mar-responsabbiltajiet.
- (17) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Latvja u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil-Latvja fis-snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Latvja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-hteġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (3) ta' hawn taħt.
- (18) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu (1) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

(1) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Latvja tieħu azzjoni fl-2016 u l-2017 biex:

1. Tiżgura li devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2016 u l-2017 tkun limitata għall-provvediment marbut mar-riforma sistemika tal-pensjonijiet u mar-riforma strutturali maġġuri fis-settur tal-kura tas-saħħa. Tnaqqas il-proporzjon tat-taxxa għal dawk bi dħul baxx billi tisfrutta bidla mit-taxxa li tiffavorixxi t-tkabbir lejn taxxi ambjentali u fuq il-proprjetà u ttejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa.
2. Ittejjeb l-adeqwatezza tal-benefiċċji tal-assistenza soċjali u żżid il-miżuri li jgħinu lid-destinatarji jsibu u jżommu xogħol, inkluż permezz ta' żieda fil-kopertura tal-miżuri ta' attivazzjoni. Tħaffef ir-riforma kurrikulari fl-edukazzjoni vokazzjonali, tistabbilixxi, bl-involviment tas-sħab soċjali, qafas regolatorju għal taġlim imsejjes fuq ix-xogħol u żżid l-offerta tagħhom. Ittejjeb l-aċċessibbiltà, il-kwalità u l-kosteffettività tas-sistema tal-kura tas-saħħa.
3. Tkompli bil-konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet tar-riċerka u ttiprovdi inċentivi għall-investiment privat fl-innovazzjoni. Issaħħaħ ir-reġim tal-prevenzjoni tal-kunflitt ta' interess u tistabbilixxi qafas legali komuni tal-impjegati pubbliċi kollha. Iżżid ir-responsabbilizzazzjoni u s-sorveljanza pubblika tal-amministraturi tal-insolvenza.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tad-Danimarka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tad-Danimarka**

(2016/C 299/21)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir kienu approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lil Malta bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2016 għad-Danimarka kien ippubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Huwa vvaluta l-progress tad-Danimarka fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress tad-Danimarka lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020.
- (3) Fis-26 ta' April 2016, id-Danimarka ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tagħha u l-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.
- (4) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE)

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet dettalji ulterjuri dwar kif ser tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni fil-linji gwida fl-applikazzjoni tal-miżuri li torbot l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għal governanza ekonomika soda.

- (5) Attwalment id-Danimarka qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2016, il-Gvern qed jippjana titjib fil-bilanċ nominali, li jilħaq baġit ibbilanċjat fl-2020. L-objettiv baġitarju ta' terminu medju — defiċit ta' 0,5 % tal-PDG f'termini strutturali — hu maħsub li jinkiseb fl-2016. Skont il-Programm ta' Konverġenza, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG hu mistenni li jilħaq 35,1 % fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-projezzjonijiet baġitarji hu plawżibbli. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, hu mbassar li d-Danimarka ser tkun konformi mal-aġġustament fiskali rrakkomandat fl-2016 u fl-2017. Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza u filwaqt li jqis it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, il-Kunsill hu tal-opinjoni li d-Danimarka hi mistennija li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (6) L-iżgurar ta' provvista ta' ħaddiema hekk kif il-popolazzjoni tixjeh huwa prekondizzjoni għal tkabbir sostenibbli fid-Danimarka. Serje ta' riformi tas-suq tax-xogħol sostanzjali fl-aħħar snin għandhom l-għan b'mod partikolari li jżidu l-inċentivi tax-xogħol u jtejbu l-effiċjenza tal-politika attiva fis-suq tax-xogħol. Dawn ir-riformi jistgħu jikkontribwixxu biex tintlaħaq il-mira ta' impjiegi tal-Ewropa 2020 tad-Danimarka u għas-sostenibbiltà tal-mudell tal-protezzjoni soċjali Daniż. Madankollu, il-mira Ewropa 2020 nazzjonali għall-inklużjoni soċjali, li timmira li tnaqqas in-numru ta' nies li għixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ta' xogħol, hi l'boğhod biex tintlaħaq. L-inklużjoni tas-suq tax-xogħol u t-titjib tal-impjegabbiltà ta' gruppi żvantaġġati għandhom sfida. Dan japplika b'mod partikolari għal persuni bi sfond ta' migrazzjoni mhux tal-UE, inklużi dawk li għexu fid-Danimarka għal żmien twil, u żgħażaġh b'livell edukattiv milluq baxx. Il-miżuri għall-integrazzjoni fl-impjiegi miftiehma fin-negozjati tripartitiċi tal-2016 għandhom itejbu s-sitwazzjoni għal refuġjati u migranti li għandhom jasl. Madankollu, iridu jittieħdu miżuri ulterjuri biex gruppi emarġinati oħrajn jiġu inklużi fis-suq tax-xogħol b'mod aktar effettiv.
- (7) Sabiex jinżamm livell relattivament għoli tal-protezzjoni soċjali pprovduta fid-Danimarka, hu essenzjali li jittejjeb it-tkabbir tal-produttività. Madankollu, it-tkabbir tal-produttività kien daqsxejn kajman fl-aħħar għoxrin sena. Wieħed mill-fatturi li kkontribwew għal dan kien in-nuqqas kontinwu ta' kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi domestiċi, b'mod partikolari bil-bejgħ bl-implimentazzjoni u l-kostruzzjoni. Għalhekk id-Danimarka teħtieġ li żżid l-isforzi tagħha biex ittejjeb il-produttività fis-settur tal-kostruzzjoni billi tneħħi l-ostakli u tiżgura skemi ta' awtorizzazzjoni proporzjonati fejn tali skemi jitqiesu meħtieġa. Teħtieġ ukoll li tnaqqas ir-restrizzjonijiet fuq stabbilimenti tal-bejgħ bl-implimentazzjoni, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tar-riformi mniżżla mill-Gvern.
- (8) Il-livell ta' investiment ġenerali fid-Danimarka ilu baxx minn meta kien hemm tnaqqis qawwi f'investimenti privati matul il-kriżi ekonomika. Dan parzjalment jirrifletti investiment residenzjali baxx wara li nfaqqet il-bużżejqa immobiljari u l-kapaċità mhux użata fis-settur korporattiv. Spinta fl-investiment għandha tgħin lid-Danimarka biex issaħħaħ it-tkabbir ekonomiku u żżid il-produttività. Ġew identifikati ostakli għall-investiment fis-settur tas-servizzi u fir-riċerka. Is-setturi tal-bejgħ bl-implimentazzjoni u tal-kostruzzjoni qed jiffaċċjaw ostakli għad-dħul li fil-verità jaffettwaw il-kompetizzjoni u t-tkabbir fil-produttività. Għandhom jissaħħu l-isforzi biex riżultati ta' riċerka universitarja jissarrfu f'innovazzjonijiet ta' negozju.
- (9) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tad-Danimarka u ppubblikat din l-analiżi fir-rapportar mill-pajjiżi tal-2016. Indirizzat ukoll il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm ta' Riforma Nazzjonali u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lid-Danimarka fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għas-sostenibbiltà tal-politika fiskali u soċjoekonomika fid-Danimarka imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, minħabba l-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika ġenerali tal-UE billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet taħt is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) hawn taħt.
- (10) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu ⁽²⁾ hi riflessa b'mod partikolari f'rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ Taħt l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li d-Danimarka tieħu azzjoni fl-2016 u fl-2017 biex:

1. Tirrispetta l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2016 u tikseb aġġustament fiskali annwali ta' 0,25 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju primarju fuq żmien medju fl-2017.
2. Ittejjeb il-produttività u l-investiment tas-settur privat billi żżid il-kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi domestiċi, b'mod partikolari billi tiffaċilita d-dħul fis-suq tal-bejgħ bl-imnut u l-konstruzzjoni. Tagħti inċentivi għall-kooperazzjoni bejn negozji u universitajiet.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tas-Slovenja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tas-Slovenja**

(2016/C 299/22)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat ta' Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lis-Slovenja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽³⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, is-Slovenja għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' din ir-Rakkomandazzjoni.
- (2) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2016 għas-Slovenja ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Dan evalwa l-progress tas-Slovenja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠUC 96, 11.3.2016, p. 1.

L-progress tas-Slovenja lejn il-miri nazzjonali Ewropa 2020 tagħha. Dan inkluda wkoll analiżi fil-fond taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati tagħha tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha biex tikkonkludi li s-Slovenja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. Id-dgħufijiet fis-settur bankarju, fil-pożizzjoni tad-dejn korporattiv, in-nuqqas ta' investiment u riskji ta' sostenibbiltà fiskali fit-tul jikkostitwixxu vulnerabbiltajiet li jridu jiġu indirizzati. Il-fiduċja fis-settur bankarju Sloven irritornat. Madankollu, it-tkabbir tal-kreditu baqa' negattiv u l-livell ta' self improduttiv għadu relattivament għoli. Huwa essenzjali li s-Slovenja tindirizza r-riskji għas-sostenibbiltà fiskali li jirriżultaw minn pressjonijiet dejjem akbar fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-pensjonijiet tagħha u tnaqqas iż-żieda tad-dejn pubbliku. Jeħtieġ tnaqqis ulterjuri ta' ostakli għal investiment, b'mod partikolari fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika. Jeħtieġ li jissaħħaħ l-involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika u l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali b'mod partikolari dwar il-pensjonijiet, is-saħħa, il-kura fit-tul u l-politiki tas-suq tax-xogħol.

- (3) Fil-15 ta' April 2016, is-Slovenja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2016 kif ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew invalutati fl-istess żmien.
- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdi aktar dettalji dwar kif ser tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni flinji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma' governanza ekonomika soda.
- (5) Il-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovenja tal-2016 jindika li l-impatt baġitarju ta' dħul ta' refuġjati eċċezzjonali huwa sinifikanti u jipprovdi evidenza adegwata dwar l-ambitu u n-natura ta' dawn il-kostijiet baġitarji addizzjonali. Skont il-Kummissjoni, l-ispejjeż eliġibbli addizzjonali ammontaw għal 0,06 % tal-PDG fl-2015 u bħalissa huwa stmat għal 0,07 % tal-PDG fl-2016. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jipprovdu għal din in-nefqa addizzjonali, billi l-influss tar-refuġjati huwa avveniment eċċezzjonali, l-impatt tiegħu fuq il-finanzi pubbliċi tas-Slovenja huwa sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tiġix kompromessa billi jippermetti devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju fuq perjodu medju ta' żmien. Billi din id-dispożizzjoni mhix applikabbli għall-2015 minħabba li s-Slovenja kienet taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, valutazzjoni finali fir-rigward tal-2016, inkluż dwar l-ammonti eliġibbli, ser isiru fir-rebbiegħa tal-2017 fuq il-bażi ta' data osservata kif ipprovduta mill-awtoritajiet Sloveni.
- (6) Wara t-tħassir tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, is-Slovenja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġetta għar-regola tad-dejn tranżizzjonali. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2016, il-Gvern qed jippjana titjib gradwali fil-bilanċ nominali minn 2,2 % fl-2016 għal 0,4 % tal-PDG fl-2019. L-oġettiv baġitarju fit-terminu medju — baġit ibbilanċjat f'termini strutturali, li ma jirrispettax ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir — huwa ppjanat li jinkiseb fl-2020, lil hinn mill-orizzont tal-Programm. Madankollu, il-bilanċ strutturali kkalkulat mill-ġdid ⁽²⁾ juri defiċit strutturali ta' 1,2 % tal-PDG fl-2019. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG huwa mistenni li jonqos għal 80,2 % tal-PDG fl-2016 u jkompli jonqos għal 73,8 % tal-PDG fl-2019. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Madankollu, il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri tad-defiċit ppjanati mill-2017 'l quddiem ma ġewx speċifikati b'mod suffiċjenti. Skont il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni tas-Slovenja fl-2017 huwa projettat għal 1,8 % tal-PDG, filwaqt li t-tkabbir potenzjali huwa pproġettat għal 1,1 % u t-tkabbir reali tal-PDG ta' 2,3 % tal-PDG. Fuq din il-bażi, is-Slovenja hija kkunsidrata li tinsab fi "żminijiet tajba" fl-2017, li teħtieġ aġġustament strutturali ta' 1 % tal-PDG. Madankollu,

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ Il-bilanċ strutturali kif kalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni fil-Programm ta' Stabbiltà, skont il-metodoloġija komunement miftiehma.

hemm inċertezza sinifikanti dwar il-kalkolu tat-tkabbir potenzjali u d-differenza fil-każ speċifiku tas-Slovenja minħabba s-sitwazzjoni speċifika tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari il-kontrazzjoni ekonomika kbira fl-2008–2013 u r-riformi strutturali li qed jiġu implimentati. Stimi alternattivi tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni li jkopru firxa ta' żmien itwal, li jirriflettu revizzjoni kontinwa tal-metodu ta' stima, jissuġġerixxu profil ta' marġini tal-potenzjal tal-produzzjoni aħjar għas-Slovenja, li jimplika li jkun prematur li jiġi konkluż li l-ekonomija Slovena hija fi żminijiet tajbin fl-2017. Għalhekk, li jenħteġ sforz strutturali fl-2017 skont kundizzjonijiet ta' "żmien normali" jidher iktar xieraq f'dan l-istadju attwali. Jidher li hemm riskju ta' xi devjazzjoni mit-triq rakkomandata ta' aġġustament lejn l-oġettiv ta' terminu medju fl-2016 u, jekk ma jinbidlux il-politiki, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti fl-2017. Il-konklużjoni għall-2016 ma tinbidilx f'każ li l-impatt baġitarju eċċezzjonali ta' dħul ta' refuġjati ġie eskluż mill-analiżi. Is-Slovenja hija mbassra li tkun konformi mar-regola tad-dejn tranżizzjonali fl-2016, u li b'mod ġenerali tikkonforma magħha fl-2017. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà u filwaqt li jitqies it-tbassir tar-rebbiegħa 2016 tal-Kummissjoni, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li hemm riskju li s-Slovenja mhux ser tkun f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għalhekk, jinħteġ iktar miżuri biex jiżguraw konformità fl-2016 u fl-2017.

- (7) Fl-Julju 2015, il-Parlament adotta l-Att dwar ir-Regoli Fiskali. Madankollu, Kunsill Fiskali indipendenti għas-sorveljanza tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-regoli għad irid jinħatar. Barra minn hekk, ir-reviżjonijiet fl-Att dwar il-finanzi pubbliċi meħtieġa biex ir-Regoli Fiskali jsiru kompletament operazzjonali u li għandhom l-għan li jimplimentaw approċċ pluriennali ta' bbaġitarju fuq bażi statutorja għadhom pendenti.
- (8) Il-livell għoli ta' dejn pubbliku li huwa 'l fuq sew minn 60 % tal-PDG jagħmel lis-Slovenja vulnerabbli għal xokkijiet fit-tkabbir nominali u fir-rata tal-imgħax. Fl-istess ħin, il-popolazzjoni tas-Slovenja qed tixxjeh b'rata aktar mgħaġġla minn ħafna Stati Membri. Is-Slovenja tiffaċċja riskji għolja rigward is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi minħabba li għandha l-ogħla lakuna ta' indikatur tas-sostenibbiltà fit-tul tal-Istati Membri kollha, minħabba ż-żieda proġettata fl-infiq pubbliku relatat mal-pensjonijiet, is-saħħa u n-nefqa tal-kura fit-tul. L-infiq pubbliku fuq il-pensjonijiet ipprojetat huwa l-ogħla fost l-Istati Membri kollha u huwa stmat li ser jiżdied minn 11,8 % fl-2013 għal 15,3 % tal-PDG fl-2060. Il-proporzjon ta' dipendenza tal-età avvanzata huwa proġettat li jiżdied b'aktar mid-doppju bejn l-2013 u l-2060, u dan ipoġġi pressjoni sinifikanti fuq is-sistemi tal-pensjonijiet. Ir-responsabbiltajiet impliċiti marbuta proġettati għall-kost tax-xjuħija jirriflettu l-isfidi fit-tul f'termini ta' popolazzjoni li qed tixxjeh. Barra minn hekk, jista' jkun mistenni li fil-ġejjieni jkun hemm problemi tal-adegwatezza għal ħaddiema b'anqas minn karrieri tax-xogħol sħaħ, b'għadd dejjem jikber ta' nies b'karrieri tax-xogħol mhux kompluti jew qosra, anke minħabba d-dħul tardiv tagħhom fis-suq tax-xogħol, li jaħdmu f'impjieġ intermittenti u b'densità baxxa ta' kontribuzzjoni. White Paper dwar il-pensjonijiet ġiet ippubblikata f'April 2016 u ser isservi bħala bażi għal konsultazzjoni pubblika wiesgħa. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni ser jiddaħħlu friforma ġdida tal-pensjonijiet li għandha tiġi adottata matul it-terminu leġiżlattiv attwali, biex malajr jibda bi ftehim mas-sħab soċjali dwar l-elementi ewlenin tar-riforma, jiġifieri l-età tal-irtirar, il-livell ta' pensjonijiet, l-indiċjar u l-ottimizzazzjoni tat-tieni pilastru.
- (9) In-nefqa pubblika fuq il-kura fit-tul hija proġettata li tiżdied b'aktar mid-doppju sal-2060 minħabba l-popolazzjoni li qed tixxjeh. Din hija sfida sinifikanti għas-sostenibbiltà fiskali għas-Slovenja. Il-proporzjon tal-popolazzjoni li għandha età ta' 80 sena u iktar huwa proġettat li jittrippla, minn 4,6 % fl-2013 għal 12,4 % fl-2060. Bejn l-2003 u l-2013, l-infiq globali fuq il-kura fit-tul żdiedet b'85 % b'infiq privat li qed jikber b'rata aktar mgħaġġla mill-infiq pubbliku. Ma hemm l-ebda sistema integrata ta' kura fit-tul fis-Slovenja. Is-Slovenja tiffoka l-infiq fuq il-benefiċċji in natura formali, li l-parti l-kbira minnhom jintnefqu fuq kura istituzzjonali aktar milli kura fid-dar, għalkemm iż-żewġ ċifri huma taħt il-medja tal-UE. Hemm lok sinifikanti biex tiżdied il-kosteffettività tas-sistema tal-kura tas-saħħa permezz tat-tisħiħ ta' miżuri għat-titjib tal-kura primarja bħala kustodju, bidla minn kura ta' pazjenti fl-isptar għal pazjenti ta' barra, titjib fl-effiċjenza u l-governanza ta' sptarijiet, titjib fil-proċessi tal-ikkuntrattar u l-ħlas għal servizzi tas-saħħa aħjar, żvilupp ta' informazzjoni dwar il-kost għall-adattament ta' gruppi relatati mad-dijanjożi importata, u l-iżvilupp ulterjuri ta' qafas ta' monitoraġġ tal-kwalità. Il-proporzjon ta' akkwist konġunt huwa baxx u hemm fokus qawwi fuq il-kriterju tal-għoti għall-"irħas prezz". Revizzjoni komprensiva tas-sistema tal-kura tas-saħħa tlestiet u r-Riżoluzzjoni dwar il-Pjan Nazzjonali tal-Kura tas-Saħħa 2016–2025 ġiet adottata mill-Gvern fl-aħħar tal-2015 u mill-Parlament f'Marzu 2016. Ir-Riżoluzzjoni tirrappreżenta pjan strateġiku għall-iżvilupp tas-sistema tal-kura tas-saħħa. Xi wħud mill-miżuri tagħha qed jiġu implimentati, filwaqt li proposti għal miżuri vinkolanti ewlenin oħrajn ta' implimentazzjoni għadhom qed jitħejjew u għad iridu jiġu ppreżentati. Għadu mhux ċar ukoll jekk ir-riforma hijiex ser tindirizza kwistjonijiet ewlenin bħalma huma skemi ta' stabilizzazzjoni awtomatika integrata, li tista' ttaffi bidliet fid-dħul tul iċ-ċiklu tan-negozju jew l-aċċess u l-kwalità tal-forniment tas-servizz. L-adozzjoni tal-Att dwar il-Kura fit-Tul u l-Att dwar il-Kura tas-Saħħa u l-Assigurazzjoni tas-Saħħa ġiet imdewma b'mod ripetut u l-pjan direzzjonali attwali għall-adozzjoni tagħhom jidher li huwa ottimist għat-tieni nofs tal-2016.
- (10) Il-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol qed titjeb gradwalment u l-kundizzjonijiet soċjali huma stabbli. Il-ħolqien tal-impjieġi żdiedet b'mod konsiderevoli u l-qgħad qed jonqos. Min-naħa l-oħra, ir-rati ta' parteċipazzjoni ta' ħaddiema ikbar fl-età u b'ħiliet baxxi jibqgħu ta' sfida. Il-qgħad fit-tul għadu jirrappreżenta aktar minn nofs dawk qiegħda b'sehm sinifikanti li ilhom qiegħda bi ftit kwalifiki jew li għandhom aktar minn 50 sena. Il-Linji Gwida għal Miżuri ta' Politika Attivi tas-Suq tax-Xogħol 2016–2020 jirrappreżentaw kontinwazzjoni tal-approċċ implimentat s'issa, filwaqt li n-nefqa għal dan il-qasam ta' politika tibqa' baxxa. Eżenzjonijiet temporanji minn

kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem għal ħaddiema impjegati ġodda li għandhom iktar minn 55 sena ġew adottati f'Novembru 2015. Miżuri ulterjuri biex tittawwal il-ħajja tax-xogħol, inkluż l-adattament tal-ambjent tax-xogħol, li huma rilevanti wkoll għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet, huma mistennija li jiġu preżentati fl-2016. Iż-żieda fil-paġi baqgħet konformi maż-żidiet fil-produttività u komplet tappoġġa l-kompetittività esterna. F'Novembru 2015, il-Parlament għadda liġi proposta mit-trejdunjins li l-paga minima definita mill-ġdid għandha teskludi xi bonuses. B'riżultat ta' dan, l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem irtiraw mill-ftehim soċjali, li dgħajjef id-djalogu soċjali b'mod konsiderevoli.

- (11) Sar progress fil-ħidma fuq self improduttiv, għalkemm xorta jibqgħu flivelli għolja meta mqabbel mal-perjodu ta' qabel il-kriżi. Is-Slovenja implimentat bosta miżuri ta' politika biex ittejjeb is-sostenibbiltà tas-settur bankarju. Dawn jinkludu t-tisħiħ tal-kapaċità ta' ħidma tal-banek u l-introduzzjoni ta' miri speċifiċi li jstabbilixxu azzjoni għat-tnaqqis ta' self improduttiv. Is-Slovenja introduċiet bosta miżuri biex tiġġestixxi r-riskji tal-kreditu. Ir-riżultati pożittivi huma mistennija sa nofs l-2016. Madankollu, il-prijoritajiet politiċi fit-terminu qasir jibqgħu r-riżoluzzjoni ulterjuri ta' self improduttivi u l-immaniġġjar tar-riskju ta' kreditu. Ristrutturar operattivi u finanzjarji ta' korporazzjonijiet kbar tlesta u ftehimiet ta' ristrutturar ewlenin qed jiġu mmonitorjati kontinwament. Il-Kumpanija għall-Ġestjoni tal-Assi tal-Banek (BAMC) hija kompletament operattiva u l-Istrateġija 2017–22 tagħha għet stabbilita. Filwaqt li sar progress mill-BAMC fil-ħidma tal-ktieb tas-self tagħha, tibqa' riskju sinifikanti għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Fl-2015, l-attivitajiet tagħha kkontribwew 1 % tal-PDG għall-iżbilanċ pubbliku ta' 2,9 %. Is-sorveljanza tal-attivitajiet ta' BAMC jidhru insuffiċjenti minħabba li l-awtoritajiet kienu stmax konsiderevolment anqas id-defiċit mill-BAMC fl-2015 b'0,7 % tal-PDG u deheru mhux konxji tal-livell ta' tpaċija mwettqa mill-BAMC. Għodod addizzjonali ta' ristrutturar huma disponibbli wkoll. Fuq in-naħa ta' wara ta' progress sostanzjali fil-qasam ta' ristrutturar ta' kumpaniji kbar, is-Slovenja bdiet ir-ristrutturar ta' diversi SMEs. Il-linji gwida għar-ristrutturar ta' SMEs bħalissa qed jiġu implimentati mill-banek. Sar progress fl-aċċess għal finanzjament għall-SMEs u l-mikrokumpaniji. Madankollu hemm aċċess limitat għal sorsi alternattivi ta' finanzjament bħalma huma kapital ta' riskju. Negozji żgħar għadhom wisq dipendenti fuq is-self bankarju minkejja iż-żieda ta' strumenti tad-dejn u l-ekwità disponibbli fis-suq. Għalhekk dan is-segment huwa vulnerabbli ħafna għal żviluppi fis-suq tal-kreditu.
- (12) It-tkabbir tal-investment ilu staġnat fis-snin reċenti, li jillimita l-produttività ekonomika tas-Slovenja u l-prospetti ta' tkabbir fil-ġejjieni. L-investment privat naqas drastikament matul il-kriżi u minn dak iż-żmien is-sehem fil-PDG kien qiegħed jonqos. Bl-investment pubbliku dipendenti ħafna fuq id-dinamika ta' fondi tal-UE, aktar investment produttiv huwa meħtieġ biex jstimula u jstorni t-tkabbir ekonomiku. L-investment dirett barrani fis-Slovenja kiber b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar sentejn, l-aktar minħabba iż-żieda ta' sforzi ta' privatizzazzjoni. Madankollu, l-ambjent tan-negozju tas-Slovenja għadu mxejjel minn tnaqqis fl-ingranaġġ u livell għoli ta' piż amministrattiv, partikolarment fl-oqsma tal-kostruzzjoni, il-ġestjoni tat-territorju, il-konformità mat-taxxa, iżda wkoll minħabba regolamentazzjoni restrittiva dwar l-aċċess għal u l-eżerċizzju tal-professjonijiet regolati, li jimpedixxi l-influss ta' investment. Negozju aktar faċli fis-Slovenja jiddependi fuq fiduċja akbar ta' negozju u ta' aktar eliminazzjoni ta' ineffiċjenzi fl-amministrazzjoni pubblika u l-burokrazija minħabba għadd kbir ta' liġijiet jew liġijiet sekondarji u bidliet frekwenti fil-leġislażzjoni. Madwar nofs il-miżuri għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi li kienu stabbiliti f'dokument uniku tal-Gvern ġew implimentati, iżda xi miżuri rilevanti, speċjalment dwar permissi għall-bini u l-ġestjoni tat-territorju, ġew imdewma.
- (13) L-istrateġija 2015–2020 għall-iżvilupp tal-amministrazzjoni pubblika, adottata bħala parti mill-konformità tas-Slovenja għall-prekondizzjonijiet għall-aċċess għall-fondi strutturali u ta' Investment Ewropej għall-2014–2020, hija mifruxa fost diversi portafolli, u dan jagħmel il-koordinazzjoni transministerjali essenzjali jekk din għandha tkun implimentata b'mod korrett u fil-ħin. Fi Frar 2016, il-Gvern adotta t-tieni rapport interim dwar l-implimentazzjoni tal-programm "tolleranza zero tal-korruzzjoni". Sar xi progress fl-implimentazzjoni ta' dak il-programm. Madankollu, ċerti miżuri tal-programm (akkwist pubbliku konġunt għas-saħħa, eżami tal-kriminalità fis-settur bankarju u l-adozzjoni tal-Att għall-integrità u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni) ġew posposti. L-emenda prevista għall-Att għall-integrità u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni ser tipprovi opportunità biex jitjeb il-funzjonament tal-Kummissjoni għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni, billi jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' kredibbiltà u l-effiċjenza ta' ħidmitha. Fis-sistema tal-ġustizzja, it-tul tal-kawżi tnaqqas iktar u n-numru ta' kawżi pendenti tnaqqas minn livelli għolja ħafna, parzjalment megħjun minn numru iżgħar ta' kawżi ġodda. It-tnaqqis huwa determinat ukoll, sa ċertu punt, minn tibdil fit-trattament proċedurali u statistika ta' kawżi ta' infurzar. Il-Qorti Suprema tkompli

taġġorna l-proċessi kummerċjali fil-qrati u tirriforma s-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet. Minkejja titjib fil-qafas ta' insolvenza tan-negozji, li joffri aktar opportunitajiet għal riorganizzazzjoni, il-proċedimenti ta' likwidazzjoni jibqgħu twal u ineffettivi.

- (14) L-involviment tal-Istat fl-ekonomija għadu għoli. L-Istat huwa l-ikbar impjegatur, l-ikbar maniġer tal-assi u l-ikbar detentur tad-dejn korporattiv fis-Slovenja. Bħala tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet maħruġa lis-Slovenja bejn l-2012 u l-2015 dwar din il-kwistjoni, il-pajjiż ipproduċa qafas ġdid għall-Impriża Sovrana Slovena. Dan jinkludi strateġija dwar il-ġestjoni tar-responsabbiltà Statali, sett ta' kriterji ta' prestazzjoni tal-assi u pjan ta' ġestjoni għall-2016. Din is-sistema tikkomplementa l-kodiċi ta' governanza korporattiva ġdid għal intrapriżi Statali adottati fi tmiem l-2014. L-istrateġija tikkonferma l-firxa attwali ta' involviment tal-Istat fl-ekonomija u ċċaqlaq il-fokus lejn prestazzjoni aħjar ta' impriżi Statali. Għalhekk, l-implimentazzjoni tal-qafas rivedut mill-Impriża Sovrana Slovena hija ferm aktar importanti biex tiġi żgurata separazzjoni ta' sjieda tal-Gvern u l-funzjonijiet regolatorji u l-ġestjoni professjonali tal-impriżi tal-Istat. Dan, flimkien ma' aktar privatizzazzjoni ta' ċerti assi, għandhom inaqqsu l-obbligazzjonijiet kontinġenti għall-baġit minn dan il-qasam. Il-privatizzazzjoni ta' Nova Ljubljanska Banka (NLB) ser titnieda fl-2016 skont il-Pjan ta' Ġestjoni tal-Impriża Sovrana Slovena.
- (15) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tas-Slovenja u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm ta' Riforma Nazzjonali u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lis-Slovenja fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għas-sostenibbiltà tal-politika fiskali u soċjoekonomika fis-Slovenja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (4) hawn taħt.
- (16) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.
- (17) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1), (3) u (4) hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li s-Slovenja tieħu azzjoni fl-2016 u fl-2017 biex:

1. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, tikseb aġġustament fiskali ta' 0,6 % tal-PDG lejn l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2016 u l-2017. Tistabbilixxi għan baġitarju ta' terminu medju li jirrispetta r-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Issaħħaħ il-qafas fiskali billi taħtar kunsill fiskali indipendenti u temenda l-Att dwar il-Finanzi Pubbliċi. Tikkompleta u timplimenta r-riforma tas-sistema tal-kura fit-tul u tas-saħħa, billi trendihom iktar kosteffettivi biex tiżgura s-sostenibbiltà fit-tul ta' kura aċċessibbli u ta' kwalità. Sal-aħħar tal-2017, tadotta l-miżuri meħtieġa biex tiżgura s-sostenibbiltà u l-adeqwatezza fit-tul tas-sistema tal-pensjoni.
2. F'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, iżżid l-impjegabbiltà ta' dawk b'ħiliet baxxi u ħaddiema ikbar fl-età, inkluż permezz tat-tagħlim tul il-ħajja u miżuri ta' attivazzjoni nmirati.
3. Ittejjeb il-kundizzjonijiet ta' finanzjament kummerċjali ta' sodezza kreditizja durabbli, inkluż billi tiġi ffaċilitata r-riżoluzzjoni ta' self improduttiv u aċċess għal sorsi alternattivi ta' finanzjament. Tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tal-istrateġija tal-kumpanija maniġerjali tal-assi tal-bank.

(¹) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

4. Tiegħu miżuri biex timmodernizza l-amministrazzjoni pubblika u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji. Ittejjeb il-governanza u l-prestazzjoni tal-intrapriżi tal-Istat.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Kroazja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tal-Kroazja**

(2016/C 299/23)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Kroazja bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond.

(2) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2016 għall-Kroazja ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Huwa vvaluta l-progress li għamlet il-Kroazja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress tal-Kroazja lejn il-miri nazzjonali tal-Ewropa 2020 tagħha. Inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

ir-riżultati tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha biex tikkonkludi li l-Kroazja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod partikolari, huwa essenzjali li jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet marbuta ma' dejn pubbliku, korporattiv u estern għoli fil-kuntest ta' rata għolja ta' qgħad. Dgħufijiet oħra speċifiċi li jeħtieġu azzjonijiet ta' politika speċifiċi jinkludu l-governanza fiskali, il-governanza tal-intrapriżi tal-Istat, l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll ir-riżoluzzjoni ta' self improduttiv.

- (3) Fit-28 ta' April 2016, il-Kroazja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2016 u l-Programm ta' Konverġenza tagħha tal-2016. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma jippreżenta aġenda ta' riforma pjuttost ambizzjuża li, jekk tiġi implimentata b'mod sħiħ fil-perjodi ta' żmien indikati, tgħin biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi tagħha. Huwa jippreżenta miżuri rilevanti sabiex jittejbu l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, is-settur tas-saħħa u l-ambjent tan-negozju u fih impenn għal riformi ambizzjużi fl-amministrazzjoni pubblika, is-sistema tal-pensjonijiet, il-protezzjoni soċjali u t-titjib tal-governanza f'intrapriżi tal-istat. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-impjenji ta' politika tal-Kroazja, ma hemmx hteġa f'dan l-istadju għal żieda fil-proċedura tal-iżbilanċi makroekonomiċi.
- (4) Rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif ser tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni fl-inji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej mal-governanza ekonomika soda.
- (5) Bħalissal-Kroazja qiegħda fil-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2016, il-Gvern qed jistenna li d-defiċit nominali ser ikun anqas minn 3 % tal-PDG, jiġifieri 2,6 % tal-PDG, fl-2016 u li ser ikompli jonqos wara dan, u jilħaq il-1,0 % tal-PDG sal-2019. Minbarra dan, il-Gvern qed jistenna li jilħaq l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju tiegħu — defiċit ta' 1,75 % tal-PDG f'termini strutturali — matul il-perjodu tal-programm. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG laħaq l-ogħla livell tiegħu, jiġifieri 86,7 %, fl-2015 iżda, skont il-Programm ta' Konverġenza, huwa projettat li jonqos gradwalment għal 80,0 % fl-2019. Meħuda kif inhuma, il-projezzjonijiet tal-proporzjon tad-dejn mal-PDG fil-Programm jikkonformaw mal-punt ta' riferiment tad-tnaqqis tad-dejn. Madankollu, filwaqt li x-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli f'termini reali, it-tkabbir nominali tal-PDG huwa ogħla milli pprojettat fit-tbassir tal-Kummissjoni, b'mod partikolari għall-2016. It-tnaqqis projettat fil-proporzjon tad-dejn għalhekk jiddependi fuq projezzjonijiet favorevoli tat-tkabbir nominali; minbarra dan, jinkludi fih aġġustamenti sinifikanti bejn il-fondi u l-flussi li jnaqqsu d-dejn, mill-bejgħ ta' assi finanzjarji, li mhumiex speċifikati biżżejjed. Minbarra dan, il-miżuri meħtieġa sabiex jiġu appoġġati l-miri pplanati tad-defiċit mill-2017 'il quddiem fil-biċċa l-kbira mhumiex speċifikati. Fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebbieġha 2016, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika huwa projettat li jilħaq it-2,7 % tal-PDG fl-2016, f'konformità mal-mira tad-defiċit nominali inkluża fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2014 skont l-Artikolu 126(7) TFUE. L-isforz fiskali rakkomandat fil-proċedura tad-defiċit eċċessiv huwa projettat li ser jinkiseb. B'kuntrast ma' dan, it-tbassir tal-Kummissjoni ma jindikax konformità mal-punt ta' riferiment għall-futur għat-tnaqqis tad-dejn. Filwaqt li aġġustament strutturali ta' 0,2 % tal-PDG fl-2017 ikun biżżejjed biex jintlaħaq l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju, jinħtieġ aġġustament strutturali akbar biex jiġi żgurat ir-rispett tal-punt ta' riferiment tad-tnaqqis tad-dejn. B'mod partikolari, aġġustament ta' aktar minn 0,5 % tal-PDG jidher li huwa xieraq fid-dawl tal-livell għoli ta' dejn u fid-dawl tal-kundizzjonijiet ċikliċi kurrenti fil-Kroazja. Bħalissa, il-bilanċ strutturali huwa projettat li jiddeterjora b'0,2 % tal-PDG fl-2017. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Konverġenza, u filwaqt li jqis it-tbassir tar-rebbieġha tal-2016 tal-Kummissjoni, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li hemm riskju li l-Kroazja ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għaldaqstant, ser ikunu meħtieġa miżuri ulterjuri biex tiġi żgurata l-konformità fl-2017.
- (6) L-ippjanar baġitarju tal-Kroazja għadu jbati minn nuqqasijiet kbar minkejja xi titjib li sar mill-emenda tal-2015 għall-Att tal-Baġit. Ir-rabtiet bejn il-qafas baġitarju pluriennali u l-baġits annwali għadhom dgħajfa, u ma hemmx regoli ċari dwar it-tibdil tal-pjanijiet baġitarji matul is-sena. L-ippjanar strateġiku ta' unitajiet baġitarji individwali mhumiex soġġett għal skrutinju sistematiku u ma jappoġġax b'mod suffiċjenti l-allinjament tal-prijoritajiet ta'

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

politika ma' miri fiskali fuq medda medja ta' żmien. Il-proċess baġitarju fut li xejn jagħti attenzjoni għat-tranżazzjonijiet imdaqqsa mhux fil-baġit u għal aġġustamenti tal-kontabbiltà b'impatt fuq id-defiċit u d-dejn tal-amminis-trazzjoni pubblika. Ir-regoli fiskali numeriċi bħalissa qed jiġu riveduti. Waħda mill-isfidi ewlenin hija li dawn isiru aktar operazzjonali u allinjati aħjar mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Jinħtieġu wkoll sforzi biex tittejjeb il-bażi statistika tal-ippjanar baġitarju.

- (7) Il-Kummissjoni għall-Politika Fiskali, li hija responsabbli għall-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli fiskali fil-livell nazzjonali, hija marbuta mill-qrib mal-awtoritajiet fiskali nazzjonali u ma għandhiex biżżejjed personal. F'dawn il-kundizzjonijiet, l-indipendenza politika u funzjonali tagħha mhix garantita. Tħabbret reviżjoni tal-istabiliment istituzzjonali u l-mandat tal-Kummissjoni għall-Politika Fiskali għat-tielet kwart tal-2016.
- (8) Il-Kroazja bdiet riforma tas-sistema tat-tariffi komunalni, li qed tiġi ppreżentata bħala pass friforma usa' tat-taxxi fuq il-proprietà immobbli. Id-dħul ikkombinat minn taxxi rikorrenti fuq il-proprietà immobbli u minn tariffi komunalni huwa relattivament baxx bħala proporzjon tal-PDG.
- (9) Livell għoli ta' arretrati tat-taxxa, frodi tal-VAT u l-ekonomija sewda huma sfidi ewlenin. Qed jittieħdu miżuri biex tittejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa, inkluż l-iżvilupp ta' sistema ta' ġestjoni tar-riskju ta' konformità. Madankollu, l-evidenza dwar l-effettività tal-miżuri meħuda għadha limitata.
- (10) L-istokk ta' dejn pubbliku huwa għoli u qiegħed dejjem jiżdied, u dan jagħmilha indispensabbli li jiġi adottat approċċ li jħares' il quddiem għall-ġestjoni tad-dejn tal-gvern. Huwa ppjanat li strateġija tal-ġestjoni tad-dejn għall-2016-2018 tiġi adottata malajr. Madankollu, il-Kroazja għad ma għandhiex approċċ iktar komprensiv lejn l-immaniġġjar tad-dejn li jinvolvi fost l-oħrajn reviżjonijiet annwali li jqisu l-iżviluppi tas-suq, strateġija ta' ġestjoni xierqa tar-riskju, u t-tisħiħ tal-funzjoni sabiex jitwettqu l-kompiti assoċjati.
- (11) Proporzjon kbir tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol ma jidherx sehem fis-suq tax-xogħol. Waħda mir-raġunijiet prinċipali għal dan hija l-irtirar kmieni, ukoll fost irġiel fl-aħjar età tax-xogħol. L-irtirar kmieni huwa possibbli ħames snin sħaħ qabel l-età statutorja tal-irtirar u l-inċentivi finanzjarji biex wieħed jaħdem sa dik l-età (u wara) huma dgħajfa. Barra minn hekk, is-sistema tal-pensjonijiet hija kkaratterizzata minn għadd ta' dispożizzjonijiet speċjali għal kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema u għażliet ġenerużi ta' rtirar kmieni għal ċerti impjegji. L-etajiet tal-irtirar statutorji għall-irġiel u n-nisa qed jiġu allinjati u miżjuda għal 67, imma biss bil-mod. Kemm l-adekwatezza preżenti kif ukoll dik futura tal-pensjonijiet hija baxxa u toħloq riskji għoljin ta' faqar fix-xjuħija, speċjalment għal dawk b'ħajja tax-xogħol qasira.
- (12) Il-problema tal-inattività għolja hija aggravata minħabba l-livell għoli ta' qgħad; l-użu baxx tal-potenzjal tal-ħaddiema jżomm lura t-tkabbir. Il-qgħad fost iż-zgħażaġh għadu tħassib ewlieni, u jindika dgħufijiet fis-sistema edukattiva, u għad hemm lok biex jittejjeb l-effettività, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Ir-rati tal-qgħad fit-tul naqsu reċentement iżda għadhom madwar id-doppju tal-medja tal-UE. Il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja kollha għadha baxxa ħafna, minħabba sistema ta' edukazzjoni għall-adulti li għadha mhix żviluppata biżżejjed.
- (13) Hemm differenzi reġjonali fl-infiq per capita fuq il-protezzjoni soċjali, u inkonsistenzi fir-rigward tal-kriterji ta' eliġibbiltà għal skemi ta' protezzjoni soċjali ġenerali u dawk immirati għal kategoriji speċjali. Barra minn hekk, proporzjon żgħir biss tal-baġit kumplessiv tal-protezzjoni soċjali jintefaq fuq l-iskema ta' dħul minimu għall-pajjiż kollu. Dan jirriżulta f'ineffċjenzi u ma jipprovdix biżżejjed protezzjoni għal dawk li huma l-iktar fqar. Ir-riforma tas-sistema tal-protezzjoni soċjali ġarrbet dewmien f'termini tal-konsolidament ta' diversi benefiċċji u tal-ħolqien ta' one-stop shops bħala punti amministrattivi uniċi għall-għoti ta' servizzi ta' protezzjoni soċjali.
- (14) It-tqassim funzjonali ta' kompetenzi tal-amministrazzjoni pubblika bejn il-livelli ċentrali u lokali huwa kumpless, u s-sistema hija frammentata. L-allokkazzjoni ta' funzjonijiet amministrattivi deċentralizzati mhijiex skont il-kapaċità fiskali tal-unitajiet lokali responsabbli. Dan jagħmel l-unitajiet lokali dipendenti b'mod qawwi fuq trasferimenti mill-gvern ċentrali filwaqt li jħalli disparitajiet reġjonali konsiderevoli fil-provvista tas-servizzi pubbliċi. Il-frammentazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika hija ta' piż għall-provvista tas-servizzi, għall-ambjent tan-negozju u għall-effiċjenza tan-nefqa pubblika. Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika għadha ma saritx fis-sustanza. Ġie introdott qafas ġuridiku għal fużjonijiet volontarji ta' unitajiet tal-gvern lokali, iżda ma ġewx ipprovduti inċentivi biex tittieħed din l-għażla. Ir-razzjonalizzazzjoni tas-sistema tal-aġenziji tal-Istat miexja bil-mod.

- (15) Il-pagi tas-settur pubbliku huma regolati minn dispożizzjonijiet inkonsistenti madwar l-istituzzjonijiet pubbliċi fid-definizzjoni tal-kumplessità tal-karigi, tal-benefiċċji supplimentari u tas-supplimenti mal-paga. Dan jillimita l-kontroll tal-Gvern fuq l-ispejjeż tal-pagi u għandu impatt negattiv fuq l-effiċjenza tas-settur pubbliku. Minħabba l-proporzjon relattivament għoli tal-impjegi totali li jirrappreżenta s-settur pubbliku, l-iżviluppi tal-pagi pubbliċi huma wkoll rilevanti għall-ekonomija ġenerali.
- (16) Is-sjeda tal-Istat fil-kumpaniji hija preżenti ħafna fl-ekonomija. Dgħufijiet fil-governanza, inkluż in-nuqqas ta' monitoraġġ xieraq tal-prestazzjoni, ikomplu jirriżultaw fi profitabbiltà mnaqqa b'mod sinifikanti tal-intrapriżi Statali meta mqabbla ma' korporazzjonijiet privati komparabbli, b'impatti negattivi fuq il-finanzi pubbliċi. L-elenkar tal-ishma tal-impriżi pubbliċi fil-borża jista' jgħin sabiex tittejjeb il-governanza korporattiva tagħhom, b'mod partikolari billi jrawwem mekkaniżmi ta' rappurtar u ta' kontroll intern. Matul is-sena li għaddiet, passi biex impriżi Statali jinfetħu għal sjeda privata avvanzaw bil-mod.
- (17) Il-bank promozzjonali nazzjonali "il-Bank Kroat għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp" (HBOR), entità tal-Istat, jista' jkollu rwol kruċjali fl-irkupru tal-Kroazja. L-attività ta' self tiegħu jista' jkollha impatt sostanzjali fuq il-promozzjoni tal-investment filwaqt li tindirizza n-nuqqasijiet tas-suq. Jinħtieġ qafas regolatorju xieraq u governanza korporattiva tajba biex jillimitaw ir-riskju assoċjat mal-attività tiegħu, speċjalment billi HBOR huwa dejjem aktar involut f'self dirett.
- (18) L-analiżi indipendenti tal-kwalità tal-assi tal-portafoll ta' kreditu ta' HBOR li l-awtoritajiet qed jipplanaw li jwettqu fl-2017 hija pass wieħed lejn l-indirizzar tal-isfidi msemmijin hawn fuq. Sadanittant, jinħtieġ li jissaħħu l-mekkaniżmi tal-monitoraġġ u tar-responsabbiltà li japplikaw għal HBOR.
- (19) Ir-rata ta' assorbiment tal-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej sa issa kienet baxxa minħabba fatturi bħal kapaċità amministrattiva insuffiċjenti, proċeduri kkumplikati u l-għadd limitat ta' proġetti lesti biex jiġu implimentati.
- (20) L-ambjent kummerċjali tal-Kroazja għadu jbati minn nuqqasijiet kbar li għandhom impatt negattiv fuq il-klima tal-investment. Bosta imposti parafiskali imposti fuq il-kumpaniji għadhom ixekklu l-ambjent tan-negozju. L-ambjent regolatorju għal fornituri ta' servizzi u professjonijiet regolati għadu restrittiv. Jeżistu restrizzjonijiet fuq l-aċċess għal ċerti professjonijiet regolati, inklużi l-professjonijiet ġuridiċi u l-konsulenti tat-taxxa, u għall-kondotta f'dawn il-professjonijiet. Il-Kroazja qed tanalizza l-ħtieġa u l-proporzjonalità ta' dawn ir-restrizzjonijiet, iżda t-tweqqif ta' azzjoni qed jittardja. Barra minn hekk, il-professjonijiet u n-negozji regolati jsofru minn piżijiet amministrattivi għoljin.
- (21) Instabbiltà regolamentari u perċezzjoni ta' kwalità baxxa tal-leġislazzjoni wkoll ixekklu l-ambjent tan-negozju. Bi proċeduri twal, ammont sinifikanti ta' xogħol b'lura u ġurisprudenza inkonsistenti, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, u tal-qrati kummerċjali b'mod partikolari, qegħdin jiffaċċjaw sfidi. Is-sistemi tal-ICT mhumiex żviluppatti biżżejjed, b'mod partikolari fil-komunikazzjoni ma' partijiet fi proċedimenti tal-qorti u fil-forniment elettroniku ta' dokumenti tal-qorti.
- (22) Ir-riżoluzzjoni ta' self improduttiv hija ta' importanza kritika fl-indirizzar tal-piż tad-dejn fl-ekonomija. F'dan ir-rigward, ittiedu passi importanti billi ssaħħu l-qafas ta' qabel l-insolvenza u dak tal-insolvenza għan-negozji u għiet adottata proċedura tal-insolvenza personali. L-impatt tal-oqfsal-ġodda jitlob monitoraġġ dettaljat. Madankollu, l-inċertezza ġuridika fit-ttrattament tat-taxxa ta' tħassir għadha tikkostitwixxi ostaklu għat-tneħħija rapida tal-ħażniet ta' self improduttiv tal-banek.
- (23) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Kroazja u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma kif ukoll is-segwitu li ngħata għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Kroazja fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Kroazja iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jingħata input fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (5) ta' hawn taħt.
- (24) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.

(¹) Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

- (25) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (5) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Kroazja tiegħu azzjoni fl-2016 u l-2017 sabiex:

1. Tiżgura korrezzjoni dejjiema tad-defiċit eċċessiv sal-2016. Wara dan, tikseb aġġustament fiskali annwali ta' mill-anqas 0,6 % tal-PDG fl-2017. Tuża kull dħul mhux mistenni sabiex taċċellera t-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika. Sa Settembru 2016, tiffinforza r-regoli fiskali numeriċi u ssaħħaħ l-indipendenza u l-mandat tal-Kummissjoni għall-Politika Fiskali. Sa tmiem l-2016, ittejjeb l-ippjanar baġitarju u ssaħħaħ il-qafas baġitarju pluriennali. Sa tmiem l-2016, tibda riforma tat-taxxi rikorrenti fuq il-proprietà immobbli. Issaħħaħ il-qafas għall-immaniġġjar tad-dejn pubbliku. Tadotta u tibda timplimenta strateġija tal-immaniġġjar tad-dejn għall-2016-2018.
2. Sa tmiem l-2016, tiegħu miżuri biex tiskoraġġixxi l-irtirar kmieni, tħaffef it-transizzjoni lejn età tal-irtirar statutorja aktar għolja, u tallinja l-provvedimenti tal-pensjoni għal kategoriji speċifiċi mar-regoli tal-iskema ġenerali. Tipprovdi miżuri ta' żieda fil-kompetenzi u taħriġ mill-ġdid biex ittejjeb l-impjegabilità tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, b'attenzjoni partikolari fuq dawk bi fteit kompetenzi professjonali u dawk qiegħda fit-tul. Tikkonsolida l-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali, inkluż l-iskemi speċjali, billi tallinja l-kriterji tal-eliġibbiltà u tintegra l-amministrazzjoni tagħhom, u tiffoka l-appoġġ fuq dawk l-aktar fil-bżonn.
3. Sa tmiem l-2016, tibda t-tnaqqis tal-frammentazzjoni u t-titjib tad-distribuzzjoni funzjonali tal-kompetenzi fl-amministrazzjoni pubblika biex ittejjeb l-effiċjenza u tnaqqas id-disparitajiet territorjali fil-provvista tas-servizzi pubbliċi. F'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, tarmonizza l-oqfsa tal-istabbiliment tal-pagi madwar l-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi pubbliċi. Taċċellera l-proċess tal-bejgħ tal-assi tal-Istat u ssaħħaħ il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-intrapriżi tal-Istat u r-responsabbiltà tal-bordijiet, inkluż billi jsir progress fl-ejenkar tal-ishma tal-kumpaniji tal-Istat.
4. Tnaqqas b'mod sinifikanti l-imposti parafiskali. Tneħħi r-restrizzjonijiet regolatorji mhux ġustifikati li qegħdin ixekklu l-aċċess għall-professjonijiet regolati u l-ippattikar tagħhom. Tnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-impriżi.
5. Tiegħu miżuri biex ittejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja fil-qrati kummerċjali u amministrattivi. Tiffaċilita r-riżoluzzjoni tas-self improduttiv, b'mod partikolari billi ttejjeb it-trattament tat-taxxa tar-riżoluzzjoni tas-self improduttiv.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Lussemburgu u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Lussemburgu**

(2016/C 299/24)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu, 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fiha hija ma identifika lil-Lussemburgu bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽³⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, il-Lussemburgu għandu jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni.
- (2) Ir-rapport għal kull pajjiż għal-Lussemburgu ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Dan ivvaluta l-progress li għamel il-Lussemburgu fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress li għamel il-Lussemburgu lejn il-miri nazzjonali tiegħu ta' Europa 2020.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 96, 11.3.2016, p. 1.

- (3) Fid-29 ta' April 2016, il-Lussemburgu ppreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tiegħu u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tiegħu. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ievalutati fl-istess żmien.
- (4) Il-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020 indirizzat ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għal kull pajjiż. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet dettalji ulterjuri dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni fl-inji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma' governanza ekonomika tajba.
- (5) Bħalissal-Lussemburgu qiegħed fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2016, il-Gvern għandu l-pjan li jikseb baġit bilanċjat fl-2017 u surpluses żgħar wara dan, li jilhq 0,4 % tal-PDG sal-2020. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju ser jibqa' jintlaħaq matul il-perjodu ta' program-mazzjoni. Madankollu, fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu, il-Lussemburgu jħabbar li l-objettiv baġitarju fit-terminu medju ser jinbidel minn surplus strutturali ta' 0,5 % tal-PDG sal-2016 għal defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG mill-2017 'il quddiem. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG mistenni li gradwalment jiżdied għal 23,5 % tal-PDG fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli, ħlief għall-2017 u l-2018, meta huwa favorevoli. Abbażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2016, is-surplus strutturali huwa previst lil jonqos għal 1,4 % tal-PDG fl-2016 u jibqa' nieżel għal 0,3 % tal-PDG fl-2017, biex b'hekk jibqa' ogħla mill-objettiv baġitarju fit-terminu medju. Devjazzjonijiet futuri possibbli ikunu vvalutati fid-dawl tar-rekwiżit li jinżamm il-bilanċ strutturali fi ħdan l-objettiv baġitarju fit-terminu medju, filwaqt li titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, b'mod partikolari fil-qasam tal-pensjonijiet. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà, u meta titqies il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2016, il-Kunsill huwa tal-fehma li l-Lussemburgu hu mistenni jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (6) L-awtoritajiet tal-Lussemburgu ħabbru l-linji ewlenin ta' riforma komprensiva tat-taxxa li għandha tidħol fis-seħħ fl-2017. Ir-riforma tippredvi emendi l-aktar fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, kemm għall-individwi kif ukoll għall-korporazzjonijiet. Din għandha l-għan li jkun hemm tnaqqis gradwali fir-rata tat-taxxa fuq il-kumpanniji (bil-għan li tiżdied il-kompetittività) u progressività miżjuda tat-taxxa fuq id-dħul personali (bil-għan li tiżdied il-ġustizzja). Fl-istess waqt, iż-żieda ta' ċertu nfiq tat-taxxa, b'mod partikolari fejn tidħol l-akkomodazzjoni, toħloq riskju li l-bażi tat-taxxa tidjieq. Ċerti żviluppi internazzjonali jistgħu wkoll jaffettwaw it-tfassil tas-sistema tat-taxxa tal-Lussemburgu u jenfasizzaw il-fraġilità ta' mill-anqas parti mid-dħul fiskali. Biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà tagħhom, hemm lok għal aktar twessigħ tal-bażi tat-taxxa, b'mod partikolari billi terġa' titqies it-tassazzjoni fuq il-proprjetà għall-abitazzjoni li bħalissa hija baxxa, u billi jsir aktar użu ta' sorsi alternattivi, inkluż it-tassazzjoni ambjentali. F'dak il-każ, it-tneħħija tal-kaxxa dwar il-proprjetà intellettuali tippermetti xi twessigħ tal-bażi tat-taxxa tal-kumpanniji. L-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riformi tat-taxxa ser tibqa' tiġi segwita mill-qrib taħt is-Semestru Ewropew.
- (7) L-awtoritajiet tal-Lussemburgu raw kif għamli biex jiddiversifikaw l-ekonomija, fl-għarfien tar-riskji marbuta ma' dipendenza qawwija fuq is-settur finanzjarju. Meta wieħed iqis il-livell għoli tal-kosti lavorattivi fil-pajjiż, attivitajiet li jkollhom valur miżjud joffru l-potenzjal li jlliberaw sorsi alternattivi ta' tkabbir. Id-diversifikazzjoni b'suċċess tal-ekonomija tal-Lussemburgu għalhekk tiddependi ħafna fuq dawk is-setturi li huma anqas sensitivi għal-livelli tal-kosti lavorattivi. Fil-biċċa l-kbira huma bbażati fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, li għandhom it-tendenza li jkollhom użu intensiv ta' teknoloġija u ta' għarfien. L-espansjoni ulterjuri tas-settur tas-servizzi mhux finanzjarji, li diġà huwa wieħed ta' suċċess, ukoll jista' jgħin fid-diversifikazzjoni tal-ekonomija. It-tnaqqis, jew it-tneħħija ta' ostakli eżistenti għall-investment u l-innovazzjoni li jllimitaw l-iżvilupp ekonomiku, jllibera l-potenzjal għall-innovazzjoni u jgħinu d-diversifikazzjoni. Filwaqt li l-investment pubbliku huwa ogħla mill-medja fiż-żona tal-euro, l-investment privat mhux jilħaq il-prestazzjoni massima potenzjali. Huwa essenzjali, biex jinżammu l-prospetti tat-tkabbir, li jiġi sostnut livell għoli ta' investment. L-analiżi fir-rapport tal-pajjiż turi li l-Lussemburgu huwa l-pajjiż li għandu l-aktar regolamentazzjoni restrittiva fl-Unjoni fejn jidħlu s-servizzi għan-negożju u l-istabbiliment tal-bejgħ bl-innut. Ir-restrizzjonijiet ewlenin jolqtu r-rekwiżiti tal-parteċipazzjoni azzjonarja, id-drittijiet tal-vot u l-limitazzjonijiet multidixxiplinarji fis-settur tas-servizzi għan-negożji kif ukoll rekwiżiti operattivi u ta' stabbiliment fis-settur tal-bejgħ bl-innut.

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (8) Iż-żieda kontinwa fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni f'dawn l-aħħar deċennji, flimkien ma' dinamiċi qawwija previsti fejn jidħlu l-popolazzjoni u l-impjegji matul is-snin li ġejjin, tista' tkun ta' ostaklu għaż-żieda mbassra fil-popolazzjoni u l-forza tax-xogħol. Dak il-prospett huwa aktar u aktar probabbli peress li l-ekonomija tiddependi bil-kbir fuq id-dħul ta' ħaddiema ta' ħliet għolja mill-pajjiżi ġirien, li jirrappreżentaw madwar terz tat-total tal-impjegji. Id-dinamiżmu tal-prezzijiet tal-proprjetà immobbli residenzjali huwa mbuttat minn nuqqas ta' qbil bejn id-domanda u l-provvista, b'mod partikolari n-nuqqas ta' akkomodazzjoni disponibbli u affordabbli. Id-disponibbiltà insuffiċjenti ta' art għall-bini ġdid u l-prestazzjoni amministrattiva mhux mill-aħjar fejn jidħlu l-proċeduri tal-għoti tal-permessi tal-bini qegħdin itellfu l-flessibbiltà tal-provvista tal-akkomodazzjoni. Parti importanti tas-sussidji tat-taxxa disponibbli taħt il-politiki preżenti x'aktarx tiġi kkapitalizzata fi prezzijiet tal-akkomodazzjoni, meta wieħed iqis il-provvista riġida tal-akkomodazzjoni. L-isforzi mmirati lejn il-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali bi prezzijiet affordabbli ukoll jistgħu jingħataw spinta. Is-suq tal-akkomodazzjoni kif jinsab bħalissa mhux biss itellef lill-unitajiet domestiċi milli jistabbilixxu r-residenza tagħhom fil-Lussemburgu, iżda wkoll ikabbar il-problema tat-traffiku u tat-tniġġis. Il-projezzjonijiet demografiċi ġodda fir-rapport tal-2015 dwar it-tixjijih ikomplu jżidu l-persjoni biex titneħħa l-konġestjoni għall-investiment fl-oqsma tat-trasport u tal-akkomodazzjoni u għandhom ikunu riflessi fl-erba' pjani settorjali li ser isiru dwar l-akkomodazzjoni, it-trasport, iż-żoni ta' attività ekonomika u l-pajsaġġi ppreservati.
- (9) Il-kisba tad-diversifikazzjoni ekonomika tista' titrażżan bil-fatt li l-iżviluppi fil-pagi f'ċerti setturi jstgħu ma jkunux konformi mal-iżviluppi fil-produttività. Dan ikompli jillimita s-setturi li jstgħu jiġu mmirati, l-aktar għal dawk li jkollhom valur miżjud għoli. Matul l-aħħar deċennju, il-kosti ta' kull unità lavorattiva fil-Lussemburgu għolew b'rata aktar mgħaġġla milli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. L-indiċizzazzjoni awtomatika tal-pagi madwar l-ekonomija kollha għandha rwol li tillimita l-varjazzjoni tal-pagi bejn settur u ieħor u tista' sservi biex ma jittiddux f'kunsiderazzjoni varjazzjonijiet fil-produttività tax-xogħol. Madankollu, l-ambjent estiż ta' inflazzjoni baxxa fisser li l-aġġustament awtomatiku tal-pagi dam ma skatta, u dan kien ta' kontribut għal żviluppi moderati fejn jidħlu l-pagi. B'mod parallel ma' żviluppi dgħajfa fil-pagi u ż-żieda fil-produzzjoni, it-telf fil-kost-kompetittività ttaffa. F'dak il-kuntest, ikun siewi l-monitoraġġ tal-iżviluppi tal-pagi.
- (10) Ir-responsabbiltajiet marbuta mal-età għandhom ta' riskju fuq terminu twil, b'mod partikolari għar-rigward tal-kosti tal-pensjonijiet. Il-Lussemburgu għamel progress limitat fejn jidħol it-tnaqqis tad-diskrepanza bejn l-età tal-irtirar statutorja u dik effettiva, billi impona limitazzjonijiet fuq l-irtirar kmieni. Flulju 2015 abbozz ta' liġi li timmodifika l-iskemi tal-irtirar kmieni ġie ippreżentat lill-Parlament. Madankollu, filwaqt li skema waħda ser tiġi abolita, il-kondizzjonijiet ta' aċċess għal skemi oħra ta' qabel l-irtirar ser jittaffew parzjalment. Liġi dwar ir-riklassifikazzjoni tal-ħaddiema b'diżabbiltajiet li jaffettwawhom fuq ix-xogħol ġiet adottata flulju 2015, u bdiet tiġi implimentata mill-1 ta' Jannar 2016. Il-liġi żiedet il-possibbiltajiet għall-ħaddiema b'diżabbiltajiet li jaffettwawhom fuq ix-xogħol biex jibqgħu fis-suq tax-xogħol u konsegwentement implikat tnaqqis fl-għadd ta' persuni li jidħlu fi skema ta' irtirar kmieni. L-irtirar kmieni għadu mifrux u l-inċentivi biex wieħed jibqa' jaħdem aktar fit-tul huma limitati. Għad ma hemmx strateġija kompleta biex iżżomm lill-ħaddiema aktar anzjani fl-impjeg u li tipprovdi inċentivi u ħliet biex dawn jinġiebu lura lejn ix-xogħol. Il-"patt tal-età", li għandu l-għan li jhajar lill-azjendi b'aktar minn 150 impjegat iżommu ħaddiema aktar anzjani, għadu qiegħed jiġi diskuss mill-Parlament.
- (11) Skont ir-riforma tal-2012 tal-pensjonijiet, għandu jsir eżerċizzju ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tas-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet kull ħames snin wara l-adozzjoni tar-riforma. Il-Gvern ikkonferma l-intenzjoni tiegħu li l-evalwazzjoni titmexxa l-quddiem għall-2016 pjuttost milli ssir fl-2017 kif kien ipplanat bil-bidu, u ħoloq Grupp ta' Hídma dwar il-Pensjonijiet bil-kompitu li jagħmel l-evalwazzjoni. Ma sar l-ebda progress fl-irbit bejn l-età statutorja tal-irtirar mal-istennija tal-għomor, kif kien rakkomandat qabel mill-Kunsill. Il-Lussemburgu huwa partikolari peress li huwa l-uniku Stat Membru fejn għall-perjodu bejn l-2013 u l-2060 ma hemm l-ebda dispożizzjoni għal żieda ulterjuri fl-etajiet tal-irtirar statutorji u tal-irtirar kmieni. Fir-Rapport dwar it-Tixjijih tal-2015, iż-żieda pprojetata fejn tidħol il-nefqa marbuta mal-età ġiet riveduta l-isfel, iżda r-reviżjoni hija spjegata kważi għal kollox bi projezzjonijiet demografiċi aktar favorevoli, f'kuntest fejn ma ġew adottati l-ebda riformi ġodda. Anki wara r-reviżjoni, iż-żieda pprojetata fin-nefqa fuq il-pensjonijiet għadha l-ogħla waħda fl-Unjoni. Barra minn dan, il-Lussemburgu għandu quddiemu riskju marbut maż-żieda mistennija fin-nefqa tal-kura għat-tul, waħda mill-ogħla fost l-Istati Membri bħala sehem mill-PDG. Dan, min-naħa tiegħu, jidher li qiegħed jiġi mbuttat bl-akbar żieda pprojetata fis-sehem tal-popolazzjoni dipendenti fl-Unjoni sal-2060. Saret ħidma preparatorja fuq riforma sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-assigurazzjoni tal-kura għat-tul.
- (12) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Lussemburgu u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazżjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil-Lussemburgu fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Lussemburgu imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li

tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet taħt is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) hawn taħt.

- (13) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u huwa tal-opinjoni ⁽¹⁾ li l-Lussemburgu mistenni jkun konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Lussemburgu jieħu azzjoni fl-2016 u l-2017 biex:

1. Jiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tal-pensjonijiet pubbliċi billi jżid l-età effettiva tal-irtirar, billi jillimita l-irtirar kmieni u jżid l-inċentivi biex wieħed jibqa' jaħdem aktar fit-tul, u billi jallinja l-età statutorja tal-irtirar mal-bidliet fl-istennija tal-għomor.
2. Ineħħi l-ostakli għall-investiment u l-innovazzjoni li jirrestrinġu l-iżvilupp ekonomiku fis-settur tas-servizzi għan-negozji. Jindirizza l-konġestjonijiet li jtellfu l-investiment fl-akkomodazzjoni.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

⁽¹⁾ Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 ta' Malta**

(2016/C 299/25)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fiha hija ma identifikatx lil Malta bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽³⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, Malta għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni.
- (2) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2016 għal Malta ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Dan ivvaluta l-progress li għamlet Malta fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress li għamlet Malta lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Europa 2020.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 96, 11.3.2016, p. 1.

- (3) Fil-15 ta' April 2016, Malta ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tagħha u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess żmien.
- (4) Il-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020 indirizzat ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għal kull pajjiż. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet dettalji ulterjuri dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni f'linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma' governanza ekonomika tajba.
- (5) Bħalissa Malta qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija soġġetta għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2016, il-Gvern għandu l-pjan li l-bilanċ nominali jitjieb għal surplus ta' 0,1 % tal-PDG sal-2019. Il-bilanċ strutturali jikber gradwalment b'mod li l-objettiv baġitarju ta' Malta fit-terminu medju — pożizzjoni baġitarja bilanċjata f'termini strutturali — jintlaħaq sal-2019. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjoni tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG mistenni li jinżel għal 62,6 % fl-2016 u jkompli jinżel għal 55,5 % fl-2019. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli għall-2016 u kawt għall-2017-19. Madankollu, il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri tad-defiċit ppjanati mill-2017 'l quddiem għadhom ma ġewx speċifikati b'mod suffiċjenti. Abbażi tal-previżjonijiet tar-rebbieġha tal-Kummissjoni tal-2016, jeżisti riskju għoli ta' devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament rakkomandat għall-objettiv ta' terminu medju fl-2015 u l-2016 meħuda flimkien, dovuta essenzjalment minħabba nuqqas fl-2015 li hemm bżonn li jiġi kkoreġut fl-2016 u jekk ma jkun hemm l-ebda tibdil fil-politika fl-2017. In-nuqqas fl-2015 huwa spjegat parzjalment miż-żieda qawwija fl-investiment li hi għall-parti l-kbira dovuta għall-assorbiment eċċezzjonalment qawwi ta' fondi tal-UE hekk kif kien qed joqrob it-tmiem tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Sabiex titnaqqas id-devjazzjoni matul is-sentejn 2015-2016, il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 jinkludi miżuri addizzjonali għall-2016 li kienu għadhom ma setgħux jiġu inklużi fil-previżjoni tar-rebbieġha tal-Kummissjoni tal-2016. Dawn il-miżuri huma mmirati lejn it-tnaqqis tal-infiq primarju (b'0,16 % tal-PDG), speċjalment fl-oqsma tal-kumpens lill-impjegati, il-konsum intermedju u t-trasferimenti ta' kapital. Barra minn dan, l-istimi ta' xi wħud mill-miżuri ta' dħul għall-2016-2019 ġew riveduti biex jirriflettu informazzjoni aktar aġġornata, kif ukoll l-impatt effettiv tal-miżuri għall-2015. Meħuda flimkien, dawn il-miżuri għandhom impatt nett ta' tnaqqis tad-defiċit ta' 0,2 % tal-PDG. Imqabbel mal-previżjoni tal-Kummissjoni, l-inklużjoni ta' dawn il-miżuri ttejjeb l-isforz strutturali, u l-pilastru tal-bilanċ strutturali jindika xi devjazzjoni bħala medja fuq is-sentejn 2015-2016, filwaqt li għall-2017 jibqa' riskju ta' devjazzjoni sinifikanti. Huwa previst li Malta tkun konformi mal-parametri għat-tnaqqis tad-dejn kemm fl-2016 kif ukoll fl-2017. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà, u meta titqies il-previżjoni tar-rebbieġha tal-Kummissjoni tal-2016, il-Kunsill huwa tal-fehma li jeżisti r-riskju li Malta ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patti ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għaldaqstant, ser ikun hemm bżonn ta' miżuri ulterjuri biex tiġi ggarantita l-konformità fl-2016 u fl-2017.
- (6) Is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi f'Malta għadha sfida. Dan huwa prinċipalment minħabba l-impatt baġitarju tal-ispiża relatata mat-tixjib, bħal ma huma l-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, kif ukoll il-pensjonijiet. Is-sistema tal-pensjonijiet qiegħda taffaċċja l-isfida doppja li tinkiseb is-sostenibbiltà filwaqt li jiġi żgurat introjtu adegwat wara l-irtirar. L-infiq fuq il-pensjonijiet kien inqas mill-medja tal-UE fl-2013, fil-livell ta' 9,6 % tal-PDG, iżda huwa proġettat li jiżdied għal 12,8 % sal-2060, wieħed mill-ogħla fl-Unjoni. F'Marzu 2016, il-Gvern adotta bosta miżuri biex jindirizza s-sostenibbiltà u l-adeqwatezza tas-sistema tal-pensjonijiet, iżda l-impatt baġitarju għadu ma ġiex iwwalutat. Sabiex tittejjeb l-adeqwatezza tas-sistema, il-pensjoni minima nazzjonali kontributorja qed tkompli tevolvi fl-2016 bil-ħsieb li tilħaq 60 % tad-dħul medjan sal-2027, u li tiġi estiża l-kopertura tagħha. L-effettività tar-riforma tkun tiddependi fuq is-salvagwardja tal-impjegabbiltà tal-popolazzjoni aktar anzjana. Barra mill-pensjonijiet, in-nefqa pubblika fuq il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul hija proġettata li tiżdied b'rata ogħla mill-medja tal-UE, għal 2,1 % u 1,2 % tal-PDG. L-awtoritajiet adottaw strateġija nazzjonali għas-sistemi tas-saħħa u qegħdin jagħmlu analiżi tal-infiq fuq il-kura tas-saħħa bil-ħsieb li titjieb l-effiċjenza tan-nefqa. Madankollu, it-tifid minn dawn l-isforzi għad irid iseħħ. Is-sostenibbiltà fit-tul tibbenefika mill-użu tad-tifidil potenzjali biex jiġi indirizzat it-tkabbir proġettat fl-infiq.

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (7) Saru investimenti sinifikanti, iżda r-riżultati fejn jidħlu l-edukazzjoni u t-taħriġ għadhom ma lahqx il-livell immirat. Dan jaffettwa l-kwalità tal-provvista ta' ħaddiema u r-rata tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Il-livell edukattiv tal-forza tax-xogħol ta' Malta għadu wieħed mill-aktar baxxi fl-Unjoni. Malta qiegħda timplimenta strateġija komprensiva għat-tagħlim tul il-ħajja, iżda l-parteċipazzjoni fi programmi ta' tagħlim tul il-ħajja għadha baxxa, b'mod partikolari fost dawk b'livell baxx ta' edukazzjoni. L-isfidi f'dan il-qasam jinkludu sensibilizzazzjoni mmirata, aċċess imtejjeb għat-taħriġ u sħubiji bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ ma' min iħaddem. Avviż legali li jstabbilixxi Istitut għall-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema (l-Istitut tal-Edukazzjoni) ġie approvat fl-2015. L-objettivi ewlenin tal-Istitut huma li: (i) jipprovdi lill-għalliema bil-ħiliet meħtieġa fl-attivitajiet professjonali ta' kuljum tagħhom; (ii) jaġixxi bħala punt ċentrali fejn l-edukaturi jistgħu jiltaqgħu u jiskambjaw l-esperjenzi tagħhom, u (iii) jippromwovi sens ta' tmexxija fl-edukazzjoni. L-Istitut wasal biex jibda jopera u mistenni li jsir il-mutur prinċipali biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-għalliema għall-iżvilupp professjonali. Il-progress f'dan il-qasam jeħtieġ li jiġi mmonitorjat.
- (8) Apparti xi proġetti ta' skala kbira ta' darba fl-2014-2015, l-investment f'Malta kien modest, ħaġa li tirrifletti tibdil strutturali fl-ekonomija kif ukoll konġestjonijiet. Dan huwa prinċipalment marbut mal-importanza dejjem akbar ta' setturi ta' servizzi li jużaw inqas kapital, aspett li jnaqqas il-ħtiġijiet ta' investment futuri tal-ekonomija. Madankollu, għad hemm xi sfidi li jaffettwaw l-attività ta' investment fil-pajjiż, bħal kapaċità insuffiċjenti ta' innovazzjoni, konġestjonijiet fil-provvista ta' ħiliet, ineffiċjenzi fl-amministrazzjoni pubblika u s-sistema ġudizzjarja, il-piż regolatorju u l-konġestjoni tat-traffiku sinifikanti.
- (9) L-infrastruttura tat-trasport u dik loġistika hija waħda mill-akbar ostakli għall-investment barrani. Il-kosti esterni tat-trasport li Malta ġgħorr huma sostanzjali. Dawn ġejjin prinċipalment minn użu ineffiċjenti tan-netwerk ta' trasport tal-pajjiż u n-nuqqas ta' alternattivi reali għall-użu tal-karozzi privati tal-passiġġieri. Barra minn hekk, l-għadd kbir ta' vetturi privati, it-tniġġis u l-konġestjoni tat-traffiku joħlqu sfidi għas-sostenibbiltà tas-settur tat-trasport nazzjonali. Sa issa għadha ma ġiet implimentata l-ebda strateġija komprensiva ta' trasport, minkejja l-fatt li l-iżvilupp ta' strateġija u pjan direttur nazzjonali tat-trasport huwa prekondizzjoni għall-aċċess tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investment (2014-2020), li ser jintużaw għall-kofinanzjament tal-investimenti fit-trasport.
- (10) Il-Gvern ħa diversi passi biex itejjeb l-aċċess għall-finanzi għal impriżi zġhar u ta' daqs medju (SMEs). Dawn il-passi kienu orjentati lejn il-provvista ta' ekwità u kapital ta' riskju, li kienu ġew identifikati bħala staġnati f'dawn l-aħħar snin. Barra minn hekk, miżuri futuri jinkludu t-twaqqif ta' reġistru ċentrali tal-kreditu u ta' bank tal-iżvilupp u t-tneġġija mill-Borża ta' Malta ta' pjattaforma mfassla speċifikament biex l-SMEs jingħataw għajnuna jiġbru fondi mis-suq tal-kapital. Għad hemm diffikultajiet fil-qasam tal-aċċess għal strumenti mhux bankarji, iżda l-impriżi zġhar u ta' daqs medju f'Malta jgawdu minn ambjent ta' finanzjament aħjar minn ħafna impriżi bħalhom fl-UE.
- (11) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Malta u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Malta fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għas-sostenibbiltà tal-politika fiskali u soċjoekonomika f'Malta imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet taħt is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) hawn taħt.
- (12) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà u l-opinjoni tiegħu (1) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Malta tieħu azzjoni fl-2016 u l-2017 biex:

1. Fid-dawl tar-riskju għoli ta' devjazzjoni sinifikanti, tilħaq aġġustament fiskali annwali ta' 0,6 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2016 u fl-2017, billi tieħu l-miżuri strutturali neċessarji. Tħaffef il-miżuri biex tiġi żġurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi.

(1) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

2. Tiegħu miżuri li jsaħħu l-provvista ta' ħaddiema, b'mod partikolari permezz ta' aktar parteċipazzjoni ta' persuni b'inqas ħiliet fit-tagħlim tul il-ħajja.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Portugall u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Portugall**

(2016/C 299/26)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lill-Portugall bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽³⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, il-Portugall għandu jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' din ir-Rakkomandazzjoni.
- (2) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2016 għall-Portugall ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Dan ivvaluta l-progress li għamel il-Portugall biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u l-progress tal-Portugall lejn il-miri Europa 2020 nazzjonali tiegħu. Dan kien fih ukoll l-analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠU C 96, 11.3.2016, p. 1.

ir-riżultati tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni twassal biex wieħed jikkonkludi li l-Portugall għaddej minn żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod partikolari, stokkijiet kbar ta' obligazzjonijiet esterni netti, dejn privat u pubbliku u proporzjon għoli ta' self improduttiv huma vulnerabbiltajiet f'kuntest ta' qgħad għoli. Għad hemm lakuni ta' politika dwar is-swieq tal-prodotti u s-servizzi, ir-ristrutturar tad-dejn korporattiv, kwistjonijiet fiskali u oqsma partikolari tas-suq tax-xogħol.

- (3) Fid-29 ta' April 2016, il-Portugall ippreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tiegħu u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tiegħu. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien. Il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-Portugall juri biżżejjed ambizzjoni biex jindirizza l-iżbilanċi eċċessivi, jiddeskrivi miżuri rilevanti biex titrawwem il-kompetittività u jnaqqas id-dejn privat u jsemmi l-isfidi fir-rapport tal-pajjiż tal-2016 u r-rakkomandazzjonijiet taż-żona tal-euro li jiffukaw fuq il-ħtieġa li tingħata ħajja ġdida lill-investimenti u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Jekk jiġu implimentati bis-sħiħ u bil-ħeffa, dawn il-miżuri jgħinu lill-Portugall biex jirrangja l-iżbilanċi makroekonomiċi. Abbażi tal-valutazzjoni tal-impenji ta' politika tal-Portugall, f'dan l-istadju m'hemmx b'żonn li tiġi intensifikata l-proċedura tal-iżbilanċi makroekonomiċi.
- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, jekk ikun meħtieġ biex isostni l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru biex janalizza u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif ser tuża din id-dispożizzjoni flinji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma' governanza ekonomika soda.
- (5) Bħalissal-Portugall qiegħed fil-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-Portugall ma kkoreġix id-defiċit eċċessiv sal-iskadenza tal-2015 u ma għamilx l-isforz fiskali rakkomandat mill-Kunsill. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2016, il-Gvern qed jippjana li jikkoreġi d-defiċit eċċessiv u li jilħaq defiċit nominali ta' 2,2 % tal-PDG fl-2016. Ladarba tinkiseb korrezzjoni durabbli tad-defiċit eċċessiv, il-Portugall isir soġġett għall-parti preventiva u għar-regola tranżitorja tad-dejn. Il-bilanċ strutturali (rikalkulat⁽²⁾) huwa mistenni li jitjieb biss b'madwar 0,35 % tal-PDG kull sena, li huwa taħt il-livell meħtieġ ta' 0,6 % tal-PDG, bejn l-2016 u l-2020, u l-objettiv baġitarju fit-terminu medju — surplus strutturali ta' 0,25 % tal-PDG — mhuwiex mistenni li jintlaħaq matul iż-żmien tal-Programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG hu mistenni li jinżel għal 124,8 % fl-2016 u li jkompli jonqos għal 110,3 % fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li huwa l-bażi ta' dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa pjuttost ottimist. Barra minn hekk, il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri tad-defiċit ipplanati mill-2017 'il quddiem ma ġewx speċifikati biżżejjed. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-Rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika huwa proġettat li jilħaq 2,7 % tal-PDG fl-2016, inqas mill-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG tat-Trattat, u 2,3 % tal-PDG fl-2017. Billi d-defiċit strutturali huwa proġettat li jiżdied bi f'it fl-2016 u l-2017, l-isforz fiskali mhuwiex konformi mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Barra minn hekk, il-Portugall mhux imbassar li jkun konformi mar-regola tranżizzjonali fl-2017. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà u meta jikkunsidra t-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa tal-2016, il-Kunsill hu tal-opinjoni li hemm riskju li l-Portugall ma jikkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għaldaqstant ser ikunu meħtieġa aktar miżuri biex jiżguraw il-konformità fl-2016 u fl-2017.
- (6) Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, il-Kummissjoni ser timmonitorja b'mod regolari l-implimentazzjoni tal-azzjoni meħuda mill-Portugall b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013 skont l-Artikolu 126(7) TFUE, għalhekk il-Kummissjoni ser tirrakkomanda lill-Kunsill il-passi xierqa li għandhom jittieħdu fil-qafas tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv.
- (7) Implimentazzjoni f'waqtha u b'mod strett tal-liġi qafas tal-baġit, tal-liġi dwar il-kontroll tal-impenji u aktar titjib fil-għbir tad-dħul u l-kontroll tan-nefqa tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jinkiseb l-aġġustament fiskali

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(2) Il-bilanċ strutturali kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni fil-programm ta' Stabbiltà, skont il-metodoloġija komunement miftiehma.

meħtieġ. Il-Portugall qed jiffaċċa l-isfida doppja li jikseb sostenibbiltà fiskali fit-tul tas-sistema tal-kura tas-saħħa filwaqt li fl-istess ħin iżomm il-livell ta' aċċess għall-kura tas-saħħa billi jtejjeb l-effiċjenza tas-sistema. Għalkemm il-Portugall bħalissa għandu waħda mill-iżgħar proporzjonijiet tan-nefqa pubblika fin-nefqa totali għas-saħħa fl-Unjoni, iż-żieda proġettata ta' 2,5 % tal-PDG fin-nefqa pubblika għall-kura tas-saħħa sal-2060 hija l-ogħla waħda. Għadhom ma ttehdud miżuri komprensivi maħsuba biex jipromwovu kemm il-prevenzjoni tal-mard kif ukoll il-politiki tas-saħħa pubblika, kif ukoll biex jiżguraw li tingħata kura tas-saħħa primarja fi stadju bikri u irħas sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sostenibbiltà fit-tul fis-settur tas-saħħa. Fuq terminu qasir, l-ippjanar u l-implimentazzjoni baġitarji bir-reqqa fl-isptarijiet biex jiġu kklerjati l-arretrati għadhom sfida importanti. Filwaqt li s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet ġiet indirizzata fir-riformi reċenti, l-isfidi tas-sostenibbiltà tagħha fuq terminu qasir sa medju għadhom ma ġewx indirizzati. Is-sistema pubblika tal-pensjonijiet hija kkaratterizzata minn dipendenza kbira fuq trasferimenti tal-baġit u inugwaljanzi bejn il-ġenerazzjonijiet. Id-dewmien fl-eżekuzzjoni u l-lakuni ta' politika għadhom qed ixejtku s-sostenibbiltà fiskali tal-intrapriżi tal-Istat b'mod partikolari fis-settur tat-trasport. It-tisħiħ tal-miżuri li jżidu l-effiċjenza fil-pjanijiet tar-ristrutturar tagħhom għadu ta' importanza kruċjali biex jinkiseb iffrankar fiskali.

- (8) Saru sforzi konsiderevoli biex jiġu kkontrollati l-evazzjoni tat-taxxa billi kompliet titjeb l-effiċjenza tal-amministrazzjoni tat-taxxa. Qed jittieħdu miżuri biex tiġi miġġielda l-frodi tat-taxxa, biex jitjeb l-iskambju tal-informazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji u biex jissaħħa il-qafas ta' kontra l-ħasil tal-flus. Minkejja l-progress li sar, għad hemm lok fejn tkompli tissaħħa il-konformità tat-taxxa. Riformi fl-amministrazzjoni tat-taxxa biex jagħmluha aktar effiċjenti jkun ta' għajna wkoll biex jittejjeg l-investiment.
- (9) L-iżviluppi kumplessivi fil-pagi kienu moderati, b'mod konsistenti mal-livell għoli ta' qgħad u l-bżonn li jiġi promoss r-riekwilibrar estern, u f'konformità mat-tkabbir fil-produttività fuq terminu medju. In-negozjar kollettiv fil-livell settorjali sostna din ix-xejra, għalkemm il-karatteristiċi tas-sistema ta' negozjar kollettiv għadhom jillimitaw l-iskop ta' aġġustament fil-livell ta' kompanija. F'kuntast ta' inflazzjoni baxxa u qgħad għoli, f'Janar 2016 il-paga minima żdiedet minn EUR 505 għal EUR 530 kull xahar u huwa pjanat li jkompli tiżdied b'mod gradwali sa EUR 600 fix-xahar fl-2019 (imħallsa 14-il darba fis-sena). Il-Portugall jinsab fin-nofs tal-klassifika tal-UE għall-pagi minimi bħala perrċentwal tal-pagi medji, iżda fost il-pajjiżi bl-ogħla paga minima bħala perrċentwal tal-paga medjana. Dan jindika li d-distribuzzjoni tal-pagi fil-Portugall hija inklinata ħafna lejn pagi aktar baxxi, u li aktar żidiet fil-paga minima jistgħu jespandu rapidament il-proporzjon ta' ħaddiema li jintlaqtu minn dawn iż-żidiet, li fl-2016 laħaq kważi kwart tal-impjegati kollha. Filwaqt li dan jista' jgħin biex titnaqqas l-intensità tal-faqar fost dawk li jaħdmu, dan jirriżulta wkoll biex l-istruttura tal-pagi tiġi kompressa aktar u titpoġġa pressjoni 'l fuq fuq il-pagi b'mod ġenerali. Jekk dan ma jkunux ikkumpensat minn żieda fil-produttività, dan jirriskja li jkun ta' ħsara għall-impjegati u l-kompetittività, speċjalment għall-industriji li jirrikjedu ħafna ħaddiema. Dan jirriskja wkoll li jnaqqas l-inċentiv li wieħed jinvesti fil-ħiliet.
- (10) Is-suq tax-xogħol Portugiż kompli jirkupra fl-2014 u l-2015 u saru sforzi sostanzjali biex jiġu riformati l-politiki ta' attivazzjoni, jiġi mmodernizzat is-servizz pubbliku tal-impjegati u jiżdied l-ilħiq lejn iżgħażaġ mhux irreġistrati, għalkemm għad fadal xi sfidi ta' implimentazzjoni. Minħabba d-deterjorament reċenti tas-sitwazzjoni soċjali, speċjalment fir-rigward tal-livell li qed jiżdied tal-faqar fost it-tfal, ittieħdu miżuri importanti biex tissaħħa l-għajna soċjali, notevolment fl-oqsma tal-iskema ta' introjtu minimu, il-benefiċċji tat-tfal u pensjonijiet baxxi. L-impatt ta' dawn il-miżuri biex tonqos l-intensità tal-faqar għandu bżonn jiġi vvalutat. Madankollu, l-assorbiment tal-grupp kbir ta' persuni qiegħda fit-tul għadu diffiċli u qed jaffettwa b'mod negattiv it-tkabbir ekonomiku u s-sitwazzjoni soċjali. Hemm lok għal aktar attivazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul, permezz ta' politiki tas-suq tax-xogħol immirati u aktar koordinazzjoni bejn is-servizzi tal-impjegati u dawk soċjali. Għalkemm l-irkupru ġab miegħu ħafna impjegati ġodda b'kuntratti permanenti, is-segmentazzjoni fis-suq tax-xogħol għadha sinifikanti. Il-proporzjon ta' impjegati b'kuntratt definit għadu fost l-ogħla fl-Ewropa, u r-rata ta' transizzjoni minn kuntratti temporanji għal permanenti hija baxxa.
- (11) Id-dejn għoli tas-settur privat għadu qasam ewlieni ta' dgħufija għall-ekonomija Portugiża u l-kondizzjonijiet ta' finanzjament għan-negozji iżgħar u medji għadhom diffiċli. Sar xi progress biex jitnaqqas id-dejn korporattiv eċċessiv u sabiex is-settur privat ikun jista' jnaqqas l-ingranaġġ, iżda s-settur privat tal-Portugall għadu fost l-aktar midjuna fl-Unjoni. Dan huwa ostaklu ewlieni għall-investiment u għat-tkabbir potenzjali fil-produzzjoni. Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji qed jaġġustaw il-karti tal-bilanċ tagħhom, iżda mhux daqs kemm qed jagħmlu l-unitajiet domestiċi. Livelli għoljin u dejjem jiżdiedu ta' self improduttiv fis-settur tan-negozju qed ikun ta' piż fuq il-karti tal-bilanċ kemm tas-settur mhux finanzjarju kif ukoll tas-settur finanzjarju u huwa ostaklu ewlieni

għall-investiment. Ittieħdet azzjoni flivelli differenti biex tindirizza d-dejn korporattiv, iżda r-riżultati qed jieħdu ż-żmien biex jaslu. L-inklinazzjoni favur id-dejn fit-tassazzjoni korporattiva għadha għolja. F'dawn l-aħħar snin, il-Gvern ipprova jindirizza din il-problema billi introduċa regoli għas-sottokapitalizzazzjoni u benefiċċju għall-ekwiwità korporattiva. Madankollu, fl-2015, id-differenza fil-kost tal-kapital (qabel u wara t-tassazzjoni) bejn id-dejn u l-investimenti finanzjati bl-ekwiwità baqgħet waħda fost l-ogħla fl-Unjoni. L-aċċess għall-kreditu għadu għali u diffiċli għall-intrapriżi, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u medji u dawk li għadhom jibdew. Sorsi alternattivi ta' finanzjament bħall-ekwiwità privata, kapital ta' riskju, finanzjament kollettiv u investituri informali għadhom marġinali u sottożviluppati sew.

- (12) Minkejja l-progress li sar, ostakli regolatorji u kapaċità istituzzjonali dgħajfa għadhom qed ifixklu t-tkabbir tan-negozju, il-kompetittività u l-investiment. L-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja tal-Portugall għadha batuta, partikolarment meta tittratta tilwim relatat mat-taxxa. L-akkwist pubbliku huwa fil-biċċa l-kbira trasparenti fil-Portugall. Madankollu, skont id-data tal-pjattaforma onlajn dedikata "BASE", l-awtoritajiet kontraenti fil-Portugall ta' spiss jużaw proċedura ta' għoti dirett, li matul il-perijodu 2013-2015 kien jgħodd għal medja ta' 87,3 % tal-kuntratti pubbliċi kollha, li jirrappreżentaw 47 % tat-total tal-ammonti kuntrattati. It-trasparenza għadha sfida għall-kuntratti ta' konċessjonijiet u għal sħubiji pubbliċi privati, partikolarment fil-livelli lokali u reġjonali. Filwaqt li t-taskforce tal-Ministeru tal-Finanzi għas-sħubijiet pubbliċi privati (UTAP) tissorvelja xi sħubijiet pubbliċi privati mmaniġġjati mill-amministrazzjoni ċentrali ħliet il-konċessjonijiet, is-sħubiji pubbliċi privati reġjonali u lokali mhumiex soġġetti għall-monitoraġġ tagħha. Ir-riformi fis-settur tal-portijiet għadhom isofru minn dewmien fl-implimentazzjoni u ostakli għad-dħul ta' atturi ġodda. Sar aktar faċli li tirreġistra negozju, iżda l-liċenzjar għadu kkomplikat, u proċeduri amministrattivi kumplessi huma ta' detriment għall-fiduċja tal-investituri. Għadhom jeżistu diffikultajiet fir-rigward tal-proċeduri għall-aċċess tas-suq tal-bini, il-kisba ta' permess tal-bini u fejn tidħol l-implimentazzjoni effettiva ta' regoli simplifikati tal-liċenzji ambjentali. L-ostakli regolatorji f'xi setturi tas-servizzi tan-negozju jipprevjenu milli jiġu allokati riżorsi b'mod effiċjenti, b'mod speċjali fir-rigward tas-servizzi legali. Id-digriet li jirregolaw il-korpi professjonali, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-istatuti u r-regoli interni tagħhom, huma restrittivi u jistgħu jxekklu kemm lill-persuni fiżiċi kif ukoll lill-persuni ġuridiċi milli jaċċedu għal professjonijiet rilevanti. Dan jaffettwa b'mod partikolari l-professjonijiet legali, fejn fost l-oħrajn huma prevalenti restrizzjonijiet fuq ir-reklamar u fuq l-attivitajiet multidixxiplinari.
- (13) Il-Portugall ma għandux livell tajjeb biżżejjed ta' kooperazzjoni bejn ix-xjenza u d-dinja tan-negozju u lanqas fil-kummerċjalizzazzjoni tal-għarfien. Hemm ħafna diffikultajiet għall-kooperazzjoni bejn l-universitajiet u s-settur tan-negozju, kemm minħabba ostakli regolatorji u burokratiċi kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' inċentivi għall-kooperazzjoni fis-sistema akkademika. Dan huwa ta' detriment għall-impjegabbiltà tal-gradwati u għall-innovazzjoni. It-tnejja ta' korsijiet tekniċi ġodda ta' livell għoli b'ċiklu qasir ipprovdiet opportunitajiet ġodda għal kooperazzjoni bejn l-istituti politekniċi u l-atturi ekonomiċi reġjonali, iżda l-programmi universitarji għadhom mhumiex fil-proċess ta' modernizzazzjoni.
- (14) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Portugall u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2016. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Portugall fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Portugall iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (5) ta' hawn taħt.
- (15) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.
- (16) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (5) ta' hawn taħt,

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Portugall jieħu azzjoni fl-2016 u fl-2017 biex:

1. Jiżgura korrezzjoni durabbli tad-defiċit eċċessiv, f'konformità mad-deċiżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, billi jieħu l-miżuri strutturali meħtieġa u billi juża l-qligħ mhux mistenni kollu biex inaqqas id-defiċit u d-dejn. Wara li jagħmel hekk, jilħaq aġġustament fiskali annwali ta' mill-inqas 0,6 % tal-PDG. Sa Frar 2017, iwettaq analiżi komprensiva tan-nefqa u jsaħħaħ il-kontroll tan-nefqa, il-kosteffettività u bbaġitjar adegwat fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni pubblika. Jiżgura sostenibbiltà fit-tul tas-settur tas-saħħa, mingħajr ma jikkomprometti l-aċċess għall-kura tas-saħħa primarja. Inaqqas id-dipendenza tas-sistema tal-pensjoni fuq it-trasferimenti baġitarji. Sa tmiem l-2016, terġa' tingħata attenzjoni lill-pjanijiet ta' ristrutturar fis-seħħ tal-intrapriżi tal-Istat.
2. B'konsultazzjoni mas-sħab soċjali jiżgura li l-pagi minimi jkunu konsistenti mal-oġġettivi ta' promozzjoni tal-impjiegi u l-kompetittività fis-setturi kollha.
3. Jiżgura attivazzjoni effettiva ta' dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil u jtejjeb il-koordinazzjoni bejn is-servizzi tal-impjiegi u dawk soċjali. Isaħħaħ inċentivi biex il-kumpaniji jħaddmu b'kuntratti permanenti.
4. Jieħu miżuri, sa Ottubru 2016, biex jiffaċilita t-tindif tal-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u jiġi indirizzat il-livell għoli ta' self improduktiv. Inaqqas l-inklinazzjoni lejn id-dejn fit-tassazzjoni tal-kumpaniji u jtejjeb l-aċċess għall-finanzi għal negozji li jkunu għadhom qed jibdew u għall-intrapriżi żgħar u medji permezz tas-suq kapitali.
5. Iżid it-trasparenza u l-effiċjenza fl-akkwist pubbliku fir-rigward tas-sħubijiet pubbliċi privati u tal-konċessjonijiet. Sa tmiem 2016 itejjeb u jaċċellera l-proċeduri amministrattivi u tal-liċenzjar, jgħaġġel il-litigazzjonijiet dwar it-taxxa u jnaqqas l-ostakli regolatorji, speċjalment fis-servizzi tan-negozju. Jinċentiva l-kooperazzjoni bejn l-universitajiet u s-settur tan-negozju.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Lulju 2016****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 ta' Franza u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 ta' Franza**

(2016/C 299/27)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat ta' Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2016. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fis-17-18 ta' Marzu 2016. Fis-26 ta' Novembru 2015, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lil Franza bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 u adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2016 ⁽³⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, Franza għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

(2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2016 għal Franza ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2016. Dan ivvaluta l-progress li għamlet Franza fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2015 u

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠU C 96, 11.3.2016, p. 1.

L-progress li għamlet Franza lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Europa 2020. Dan inkluda wkoll l-analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslet biex jiġi konkluż li Franza qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod partikolari, bit-tkabbir moderat u inflazzjoni baxxa, Franza għandha dejn pubbliku għoli u li qed jizzied flimkien ma' sistema ta' kompetittività ddeterjorata. Il-bżonn ta' azzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' effetti avversi fuq l-ekonomija Franċiża u, meta wieħed iqis id-daqs tagħha, ta' effetti negattivi konsegwenzjali għall-unjoni ekonomika u monetarja, huwa partikolarment importanti.

- (3) Fid-29 ta' April 2016, Franza ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tagħha u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess żmien.
- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fl-iprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020. Kif kien previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet dettalji ulterjuri dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni fl-inji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma' governanza ekonomika tajba.
- (5) Bħalissa Franza qiegħda fil-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2016, il-Gvern qed jippjana li jikkoreġi d-defiċit eċċessiv sal-2017, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2015. Id-defiċit nominali huwa pplanat li jonqos iktar għal 1,2 % tal-PDG fl-2019. L-objettiv baġitarju ta' terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,4 % tal-PDG — huwa pplanat li jinkiseb sal-2018. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern huwa mistenni li jilħaq il-quċċata bi 96,5 % tal-PDG fl-2017 qabel ma jonqos għal 93,3 % tal-PDG fl-2019. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji huwa ġeneralment plawżibbli. Madankollu, il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri tad-defiċit pplanati mill-2017 'l quddiem għadhom ma ġewx speċifikati b'mod suffiċjenti. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2016 tal-Kummissjoni, id-defiċit nominali huwa pproġettat li jilħaq 3,4 % tal-PDG fl-2016, f'konformità mal-defiċit irrakkomandat mill-Kunsill fl-2015. Għall-2017, mingħajr tibdil fil-politika, id-defiċit nominali huwa pproġettat li jilħaq 3,2 % tal-PDG, li għalhekk jipperikola l-konformità mal-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv. L-isforz fiskali rakkomandat mhuwiex ipproġettat li ser jintlaħaq fl-2016 u l-2017 minħabba li l-strateġija ta' konsolidament segwita minn Franza tiddependi primarjament fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet ċikliċi u l-kontinwazzjoni tal-ambjent b'rati tal-imgħax baxxi, li huma barra mill-kontroll tal-awtoritajiet, u b'hekk dan jinvolvi r-riskji ta' konformità. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà, u meta titqies il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2016, il-Kunsill huwa tal-fehma li, minkejja li huwa proġettat li ser tilħaq il-mira nominali fl-2016, jeżisti r-riskju li Franza ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għalhekk, jinħtieġu iktar miżuri biex jiżguraw korrezzjoni sostenibbli tad-defiċit eċċessiv sal-2017.
- (6) Il-proporzjon tan-nefqa pubblika mal-PDG fi Franza huwa wieħed mill-ogħla fl-Unjoni u, minkejja tnaqqis żgħir fl-2015, hija tibqa' b'mod sinifikanti 'l fuq mill-medja taż-żona tal-euro. Franza qed timplimenta pjan biex titnaqqas in-nefqa pubblika b'EUR 50 biljun meta mqabbel mat-tendenza tat-tkabbir bejn l-2015 u l-2017 fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni pubblika, iżda dan jista' jkun insuffiċjenti biex jintlaħaq tnaqqis sinifikanti fin-nefqa pubblika. Dettaljar tal-miżuri li jirfdu t-tnaqqis fin-nefqa, filwaqt li jiġi żgurat li l-miżuri ta' tfaddil iqisu l-inflazzjoni viċin iż-żero, għandu jgħin biex tizzied l-effiċjenza ta' dan il-pjan.
- (7) Jibqgħu l-isfidi biex ikompli jitnaqqas il-proporzjon tal-infiq kif kien ipplanat, peress li l-proċess tal-identifikazzjoni ta' żoni kbar ta' tfaddil potenzjali ma tax biżżejjed riżultati u r-rieżami tal-infiq kellhom riżultati modesti s'issa. Fis-settur tad-djar, Franza tonfoq kważi d-doppju mill-pari Ewropej tagħha mingħajr riżultati aktar evidenti fis-suq tal-abitazzjoni. L-effett kumplessiv tal-implimentazzjoni ta' dan it-tnaqqis ipplanat f'għotjiet lill-awtoritajiet lokali mill-gvern ċentrali u l-kontroll iktar sod tan-nefqa tal-gvern lokali, b'mod partikolari bil-konteniment taż-żieda fil-kostijiet amministrattivi tal-awtoritajiet lokali, jista' jippreserva l-kapaċità tagħhom għall-investiment. L-analiżi tan-nefqa tista' sservi ta' għodda xierqa biex jiġu identifikati tfaddil ta' dan it-tip. Barra minn hekk, ir-riforma reċenti tal-amministrazzjoni lokali għandha l-potenzjal li żżid l-effiċjenza tas-sistema fuq tul ta' żmien medju u twil.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (8) Tfadid imdaqqs fuq terminu qasir ma jistax jintlaħaq mingħajr trażżin b'mod sinifikanti taż-żieda fin-nefqa tas-sigurtà soċjali, li tirrappreżenta aktar minn nofs in-nefqa tal-amministrazzjoni pubblika. Is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet tjebet permezz tal-ftehim dwar skemi ta' pensjonijiet komplementari fl-2015 iżda tista' tkompli tiffaċċa defiċits fuq terminu ta' żmien qasir sa medju, speċjalment taħt kundizzjonijiet makroekonomiċi negattivi. Barra minn hekk, l-aħħar riformi tal-pensjonijiet huma mistennija li jnaqqsu l-livell għoli attwali tal-proporzjon tan-nefqa pubblika għall-pensjonijiet wara l-2025. Franza għandha tistabbilixxi miri ambizzjużi għall-2016 u l-2017 biex jiġi limitat it-tkabbir fin-nefqa tas-saħħa. Dawn il-miri jistgħu jiġu kkomplementati b'aktar sforzi sabiex jiġu identifikati kisbiet fl-effiċjenza fuq terminu medju sa twil.
- (9) Ittieħdu miżuri ta' politika biex jitnaqqsu l-kostijiet lavorattivi u jitjeb il-marġni ta' profitt tal-kumpaniji permezz tal-kreditu tat-taxxa ta' EUR 20 biljun għall-kompetittività u l-impjiegi u tnaqqis addizzjonali ta' EUR 10 biljun f'kontribuzzjonijiet soċjali tal-impjegaturi skont il-patt ta' responsabbiltà u solidarjetà. It-tfassil ta' dawn il-miżuri, li jammontaw għal 1,5 % tal-PDG u jikkontribwixxu biex inaqqsu d-distakk bejn Franza u l-medja taż-żona tal-euro f'termini tal-kost lavorattiv, jista' jfjixkel l-effettività tagħhom. Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet ipplanati ta' dawn il-miżuri ta' tnaqqis tal-kostijiet ser jikkontribwixxu għal kwalunkwe deċiżjoni dwar it-tfassil futur ta' dawn l-iskemi, biex jiġi żgurat li dawn il-miżuri jissodisfaw l-oġettivi tagħhom f'termini ta' effiċjenza. L-effett fuq il-formazzjoni tal-pagi u tal-impjiegi huwa ta' interess partikolari għal dawn l-evalwazzjonijiet.
- (10) Fil-kuntest attwali ta' qgħad għoli, hemm riskji li l-kost lavorattiv fuq il-paga minima jfjixkel l-impjeg ta' persuni bi kwalifiki baxxi. Filwaqt li l-paga minima hija għolja meta mqabbla mal-paga medja, il-kost lavorattiv fuq il-paga minima tnaqqas bl-eżenzjonijiet mill-kontribuzzjonijiet soċjali. Żidiet fil-paga minima jikkawżaw żidiet fil-pagi għall-ħafna mill-kategoriji tal-ħaddiema u għandhom ir-riskju li joħlqu l-kompresjoni tal-pagi 'l fuq. Minħabba li l-mekkaniżmu tal-indiċjar tal-pagi minimi, jeżistu ċ-ċirki vizzjużi bejn iż-żidiet fil-pagi medji u bidla fil-paga minima, li jdewmu l-aġġustament tal-paga meħtieġa b'rispons għal sitwazzjoni ekonomika dgħajfa.
- (11) Riformi reċenti ħolqu flessibbiltà limitata biss għall-impjegaturi biex imorru lil hinn minn ftehimiet mifruxa fuq il-fergħat. Dan jikkonċerna l-aspetti kollha tal-impjeg, inklużi l-kundizzjonijiet ta' pagi, il-ħin tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-impjeg u jillimita l-possibilitajiet għall-kumpaniji li l-forza tax-xogħol tiġi adattata skont il-bżonnijiet tagħhom. Fil-preżent, fergħat jistgħu jipprejvnu kumpaniji milli jiddeterminaw, abbażi ta' każ b'każ, u wara negozjati mas-sħab soċjali, il-kundizzjonijiet li taħthom il-ħin tax-xogħol jista' jitbiegħed minn ftehimiet tal-fergħat. L-adozzjoni ta' derogi minn ftehimiet ta' fergħa u dispożizzjonijiet ġenerali legali dwar il-kundizzjonijiet tal-impjeg, permezz ta' ftehimiet fil-livell tal-kumpaniji, jista' jiġi faċilitat, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali.
- (12) Fl-2015, ir-rata tal-qgħad żdiedet għal 10,4 %. Il-qgħad huwa ogħla fost iż-żgħażaġh, il-persuni li mhumiex ċittadini tal-UE, u l-ħaddiema inqas kwalifikati. L-istruttura tas-suq tax-xogħol qed tippreżenta livell dejjem ogħla ta' polarizzazzjoni, b'ħaddiema b'edukazzjoni għolja impjegati fuq kuntratti għal żmien indeterminat u proporzjon kostanti ta' impjiegi bi ftit kompetenzi professjonali li qed issir dejjem aktar prekarja. Il-proporzjon ta' kuntratti għal terminu fiss ta' inqas minn xahar b'impjiegi totali tela' għal kważi 70 % fl-2015. Il-qafas legali li jirregola l-kuntratti tax-xogħol, b'mod partikolari fir-rigward tal-leġislazzjoni dwar is-sensja għal kuntratti għal żmien indeterminat, jista' jikkontribwixxi għal segmentazzjoni għolja tas-suq tax-xogħol. Il-perjodu twil ta' deterjorament fis-suq tax-xogħol tefa' pressjoni fuq is-sostenibbiltà tas-sistema tal-benefiċċju tal-qgħad. Fi Frar 2016, id-defiċit kien proġettat li jkun ta' EUR 4,5 biljun fl-2015, EUR 4,2 biljun fl-2016 u EUR 3,6 biljun fl-2017. Dan ikompli jżid fis-sistema tad-dejn minn EUR 25,8 biljun fl-2015 għal EUR 30,0 biljun fl-2016 u EUR 33,6 biljun fl-2017. Il-kalkolu tal-benefiċċju jiffavorixxi suċċessjoni ta' impjiegi full-time għal perjodu qasir fuq l-impjiegi part-time fit-tul u joħloq inċentivi għal min iħaddem biex joffri xogħol għal perjodu qasir biex jiġu kkomplementati minn benefiċċji fuq ix-xogħol. Barra minn hekk, it-tfassil tas-sistema tal-benefiċċju tal-qgħad, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà u d-digressività tal-benefiċċji, tista' ddgħajfef l-inċentivi biex wieħed jerġa' lura għax-xogħol.
- (13) It-transizzjoni mill-iskola għax-xogħol tibqa' diffiċli u ż-żgħażaġh l-inqas kwalifikati huma dawk l-aktar milquta. Ir-rikors għal apprendistat qed jonqos fost il-kategoriji bi kwalifiki baxxi f'kuntest ta' strateġiji reġjonali differenzjati u kapacià limitata tas-sistema biex tadatta għal ħtiġijiet ekonomiċi ġodda. L-offerta ta' taħriġ għall-persuni qiegħda, il-ħaddiema anqas kwalifikati u impjegati tal-SMEs għadha mhijiex biżżejjed. Ir-riformi ta' taħriġ vokazzjonali, inkluż dawk dwar il-governanza, l-inċentivi, il-pariri u l-pjan il-ġdid immirat ta' taħriġ ta'

persuni għadhom iridu jiġu implimentati b'mod sħiħ u għandhom jissaħħu. Il-kooperazzjoni insodisfaċenti bejn id-diversi atturi involuti f'taħriġ vokazzjonali kontinwu tostakola l-allokkazzjoni effiċjenti tar-riżorsi. Il-kont ta' attivitá personali futur jista' jgħin biex jibbilanċja mill-ġdid l-aċċess.

- (14) L-ambjent kummerċjali Franċiż għadu ta' livell medju, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-oneru ta' regolazzjoni mill-gvern, fejn Franza tikklassifika ħażin fil-paraguni internazzjonali. Il-programm ta' simplifikazzjoni qed isir kif ipplanat iżda l-progress fl-implimentazzjoni huwa irregolari, speċjalment fir-rigward ta' miżuri mmirati lejn kumpaniji, u għad hemm sfidi f'għadd ta' oqsma.
- (15) L-ekonomija Franċiża għandha sehem sproporzjonatament għoli ta' negozji iżgħar meta mqabbel ma' Stati Membri oħra u dan jillimita l-livell ta' produttività tagħhom. Inizjattivi reċenti biex jittaffa' l-impatt ta' rekwiżiti marbuta mad-daqs mhumiex mistennija li jaffettwaw b'mod sinifikanti t-tkabbir tal-kumpaniji, b'mod partikolari minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tagħhom u n-natura temporanja ta' xi miżuri. Bħala konsegwenza, l-effetti ta' limitu ser ikomplu jillimitaw it-tkabbir tal-kumpaniji Franċiżi.
- (16) Il-kompetizzjoni fis-servizzi tjejb fxi setturi, iżda għad hemm ostakli oħrajn, b'mod partikolari fis-servizzi tan-negożju, minħabba li proporzjon sinifikanti ta' dawn is-servizzi ma ġiex affettwat minn riformi reċenti, u l-industriji tan-netwerk. Għadd ta' ostakli għad-dħul u regolamenti, kif ukoll tariffi, jillimitaw l-attività ekonomika fil-professjonijiet regolati u jxekklu l-produttività tas-setturi l-oħra li jużaw dawn is-servizzi. L-adozzjoni tal-Liġi Macron fl-2015 naqqset xi restrizzjonijiet iżda għadhom meħtieġa xi sforzi oħra. Problemi oħra jirriżultaw mill-applikazzjoni restrittiva tar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni.
- (17) Franza għadha lura meta mqabbla mal-mexxejja tal-innovazzjoni tal-UE, minkejja l-ġenerożità tal-appoġġ pubbliku f'dan il-qasam. Kien hemm inflazzjoni u instabbiltà tal-iskemi pubbliċi biex jappoġġjaw l-innovazzjoni tul dawn l-aħħar 15-il sena, u dan iqajjem tħassib fir-rigward tal-koordinazzjoni, il-konsistenza u l-effiċjenza ta' dawn l-iskemi. Dan jaffettwa lill-SMEs b'mod partikolari.
- (18) Il-proporzjon tat-taxxa mal-PDG huwa wieħed mill-ogħla fl-Unjoni. Il-kompożizzjoni tiegħu ma twassalx għat-tkabbir ekonomiku peress li dan jitfa' piż sinifikanti fuq il-fatturi tal-produzzjoni iżda relattivament f'it fuq il-konsum. It-taxxi fuq korporazzjonijiet bdew jonqsu gradwalment fl-2014 u Franza bdiet tnaqqas id-diskrepanza mal-medja tal-UE f'termini ta' tassazzjoni ambjentali, iżda d-dħul mill-VAT għadu baxx kemm bħala sehem tal-PDG kif ukoll bħala perċentwal tat-total ta' tassazzjoni minħabba rati baxxi, l-applikazzjoni mifruxa ta' rati mnaqqsa u l-okkorrenza għolja ta' eżenzjonijiet meta mqabbla mal-medja tal-UE. Lil hinn mill-eliminazzjoni gradwali tas-soprataxxa ta' solidarjetà fuq il-kumpaniji u t-trażżin tat-taxxa eċċezzjonali fuq id-dħul tal-kumpaniji, għadhom iridu jiġu speċifikati b'mod sħiħ passi konkreti biex jintlaħaq l-oġġettiv imħabbar li tinaqqas ir-rata statutorja tal-introjt korporattiv għal 28 % fl-2020.
- (19) Is-sistema tat-taxxa hija kumplessa ħafna. Għad fadal numru kbir ta' taxxi ineffiċjenti li jipproduċu f'it li xejn jew l-ebda dħul u t-tassazzjoni fuq id-dħul personali hija partikolarment kumplessa, li tffisser kost amministrattiv sinifikanti. Minkejja l-introduzzjoni fil-liġi ta' programmazzjoni tal-finanzi pubbliċi 2014-2019 tar-rekwiżit ta' valutazzjoni u monitoraġġ regolari tan-nefqa tat-taxxa, it-tnaqqis proġettat fin-nefqa fiskali għall-2016 huwa modest wara bosta snin ta' żieda.
- (20) B'mod ġenerali, l-ostakli għall-investment privat huma moderati, u l-ostakli ewlenin huma l-piż regolatorju kbir u l-livell għoli tar-rati tat-taxxa korporattiva. L-ambjent tal-investment jista' jittjieb bit-tisħiħ tal-ambjent tan-negożju, it-tnaqqis ta' taxxi fuq il-produzzjoni u d-dħul korporattiv billi tiġi ssimplifikata s-sistema tat-taxxa. Il-miżuri kollha li jittieħdu għat-titjib tal-kompetittività tal-kostijiet u mhux tal-kostijiet tal-kumpaniji Franċiżi għandhom il-potenzjal li jżidu l-livelli ta' investment u biex jingħata inċentivi lill-impriżi biex jinvestu fil-kapital fiżiku u uman, bl-għan li titjieb il-produttività. Il-potenzjal tat-tkabbir fit-tul huwa limitat ukoll minn investment imrażżan f'attivitajiet ta' innovazzjoni.
- (21) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Franza u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2016. Il-Kummissjoni vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u

l-Programm ta' Riforma Nazzjonali u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Franza fi snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza taġġhom għas-sostenibbiltà tal-politika fiskali u soċjoekonomika fi Franza imma qieset ukoll il-konformità taġġhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet taġġha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (5) hawn taħt.

- (22) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (23) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (5) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Franza tieġu azzjoni fil-perjodu 2016–2017 sabiex:

1. Tiżgura korrezzjoni sostenibbli tad-defiċit eċċessiv sal-2017 billi tieġu l-miżuri strutturali meħtieġa u billi tuża kull qligħ mhux mistenni għat-tnaqqis tad-defiċit u tad-dejn. Tispeċifika t-tnaqqis fin-nefqa ippjanat għal dawn is-snin li ġejjin u żżid l-isforzi biex jiżded l-ammont ta' tfaddil iġġenerat mil-analiżi tal-infiq, inkluż l-infiq tal-gvern lokali, sa tmiem l-2016. Issaħħaħ l-evalwazzjonijiet indipendenti tal-politika pubblika sabiex jiġu identifikati żidiet fl-effiċjenza fis-sottosetturi kollha tal-amministrazzjoni pubblika.
2. Tiżgura li t-tnaqqis tal-kost lavorattiv ikun sostnut u li l-iżviluppi tal-paga minima jkunu konsistenti mal-ħolqien tal-impjegati u l-kompetittività. Tirriforma l-liġi tax-xogħol biex tippovdi aktar inċentivi għall-impjegaturi biex jimpjegaw b'kuntratti indefiniti.
3. Ittejjeb ir-rabtiet bejn is-settur tal-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol, b'mod partikolari billi tirriforma l-apprendistati u t-taħriġ vokazzjonali, b'enfasi fuq persuni b'livell baxx ta' ħilet. Sa tmiem l-2016, tieġu azzjoni biex tirriforma s-sistema tal-benefiċċju tal-qgħad biex treġġa' s-sistema lura għas-sostenibbiltà baġitarja u tippovdi aktar inċentivi għar-ritorn lura lejn ix-xogħol.
4. Tneħħi l-ostakli għal attività fis-settur tas-servizzi, b'mod partikolari fis-servizzi tan-negożji u l-professjonijiet regolati. Tieġu passi biex tissimplifika u ttejjeb l-effiċjenza tal-iskemi tal-politika tal-innovazzjoni. Sa tmiem l-2016, tirriforma aktar il-kriterji marbuta mad-daqs fir-regolamenti li jxekklu t-tkabbir tal-kumpaniji u tkompli tissimplifika r-regoli amministrattivi, fiskali u tal-kontabbiltà billi tkompli l-programm ta' simplifikazzjoni.
5. Tieġu azzjoni biex tnaqqas it-taxxi fuq il-produzzjoni u r-rata statutorja tal-introjtu korporattiv, filwaqt li twessa' l-bażi tat-taxxa fuq il-konsum, b'mod partikolari fir-rigward tal-VAT. Tneħħi nefqiet tat-taxxa ineffiċjenti, tneħħi t-taxxi li qed jipproduċu ftit li xejn jew l-ebda dħul u tadotta riforma tat-taxxa fuq l-introjtu personali sa tmiem l-2016.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

⁽¹⁾ Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT